MT

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA
TAL-UNJONI EWROPEA



# Dokument tematiku
## Kummerċ elettroniku u obbligi kuntrattwali

Id-Direttorat għar-Riċerka u d-Dokumentazzjoni

curia.europa.eu

# Introduzzjoni

Ir-regolamentazzjoni tal-kummerċ elettroniku hija s-suġġett tad-Direttiva Nru 2000/31/KE [1] dwar ċerti aspetti legali tas-servizzi minn soċjetà tal-informazzjoni, u b'mod partikolari tal-kummerċ elettroniku, fis-suq intern, li tistabbilixxi r-regoli dwar ir-rekwiżiti fil-qasam tal-istabbiliment u tal-informazzjoni ta' fornituri ta' servizzi tas-soċjetà tal-informazzjoni, kif ukoll dwar ir-responsabbiltà tal-fornituri intermedjarji.

Madankollu, il-kummerċ elettroniku jolqot varjetà ta' oqsma tal-ħajja ekonomika li ma jaqgħux taħt ir-regolamentazzjoni tal-imsemmija direttiva, bħalma huma l-logħob tal-ażżard, il-kwistjonijiet marbuta mal-ftehimiet jew prattiki rregolati mid-dritt dwar l-akkordji kif ukoll it-tassazzjoni (ara l-Artikolu 1(5) tad-Direttiva dwar il-kummerċ elettroniku, li jikkonċerna l-għan u l-kamp ta' applikazzjoni tal-imsemmija direttiva). Bl-istess mod, id-drittijiet tal-awtur u d-drittijiet relatati, id-drittijiet tat-trade marks, il-protezzjoni tal-konsumaturi u l-protezzjoni tad-data personali jidħlu fil-qasam tal-kummerċ elettroniku iżda huma rregolati minn sett ta' direttivi u regolamenti speċjali.

Dan id-dokument tematiku jagħti ħarsa globali lejn il-ġurisprudenza mogħtija sat-30 ta' April 2024 f'dan il-qasam. Għal dan il-għan, dan id-dokument jikklassifika s-sentenzi prinċipali li jikkonċernaw din il-firxa ta' oqsma f'żewġ taqsimiet, waħda dwar l-aspetti marbuta mal-obbligi kuntrattwali bejn il-partijiet u l-oħra dwar il-kuntest ġuridiku li jirregola l-kummerċ elettroniku.

Fil-kuntest ta' dan id-dokument, ġew inklużi s-sentenzi tal-Qorti tal-Ġustizzja, meqjusa bħala l-iktar importanti f'dan il-qasam, fejn il-parti l-kbira tagħhom ingħataw bl-Awla Manja bħala l-kulleġġ ġudikanti.

[1] Direttiva 2000/31/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Ġunju 2000 dwar ċerti aspetti legali tas-servizzi minn soċjetà ta' l-informazzjoni, partikolarment il-kummerċ elettroniku, fis-Suq Intern (Direttiva dwar il-kummerċ elettroniku) (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 13, Vol. 25, p. 399).

# Lista tal-atti msemmija

IR-REGOLAMENTI

**Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 40/94** tal-20 ta' Diċembru 1993 dwar it-trade mark Komunitarja (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 17, Vol. 1, p. 146).

**Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2790/1999** tat-22 ta' Diċembru 1999 dwar l-applikazzjoni ta' l-Artikolu 81(3) tat-Trattat għal kategoriji ta' ftehim vertikali u prattiċi miftiehma (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 8, Vol. 1, p. 364).

**Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 44/2001** tat-22 ta' Diċembru 2000 dwar ġurisdizzjoni u rikonoxximent u eżekuzzjoni ta' sentenzi f'materji ċivili u kummerċjali (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 19, Vol. 4, p. 42).

**Regolament (KE) Nru 864/2007** tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Lulju 2007 dwar il-liġi applikabbli għall-obbligazzjonijiet mhux kuntrattwali (Ruma II) (ĠU 2007, L 199, p. 40).

**Regolament (KE) Nru 593/2008** tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Ġunju 2008 dwar il-liġi applikabbli għall-obbligazzjonijiet kuntrattwali (Ruma I) (ĠU 2008, L 177, p. 6, rettifika fil-ĠU 2009, L 309, p. 87).

**Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 330/2010** tal-20 ta' April 2010 dwar l-applikazzjoni tal-Artikolu 101(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea għal kategoriji ta' akkordji [ftehimiet] vertikali u prattiċi miftiehma (ĠU 2010, L 102, p. 1).

**Regolament (UE) 2015/2120** tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2015 li jistabbilixxi miżuri dwar aċċess għal Internet miftuħ u li jemenda d-Direttiva 2002/22/KE dwar servizz universali u d-drittijiet tal-utenti li jirrelataw ma' networks u servizzi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi u r-Regolament (UE) Nru 531/2012 dwar roaming fuq netwerks pubbliċi ta' komunikazzjoni mobbli fi ħdan l-Unjoni (ĠU 2015, L 310, p. 1).

**Regolament (UE) 2016/679** tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data) (ĠU 2016, L 119, p. 1, rettifika fil-ĠU 2018, L 127, p. 2).

**Regolament (UE) 2017/1001** tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Ġunju 2017 dwar it-trademark tal-Unjoni Ewropea (ĠU 2017, L 154, p. 1).

### Regolament ta' Implimentazzjoni

**Regolament ta’ Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 282/2011** tal-15 ta’ Marzu 2011 li jistabbilixxi miżuri ta’ implimentazzjoni fir-rigward tad-Direttiva 2006/112 (ĠU 2011, L 77, p. 1).

### DIRETTIVI

**Direttiva tal-Kunsill 84/450/KEE** tal-10 ta’ Settembru 1984 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet, regolamenti u dispożizzjonijiet amministrattivi ta’ l-Istati Membri dwar reklamar qarrieqi, kif emendata bid-Direttiva 2005/29/KE (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 15, Vol. 1, p. 227).

**Direttiva tal-Kunsill 89/104/KEE** tal-21 ta' Diċembru 1988 biex jiġu approssimati l-liġijiet ta’ l-Istati Membri dwar it-trade marks (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 17, Vol. 1, p. 92).

**Direttiva tal-Kunsill 93/13/KEE** tal-5 ta’ April 1993 dwar klawżoli inġusti f’kuntratti mal-konsumatur (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 15, Vol. 2, p. 288, rettifika fil-ĠU 2023, L 17, p. 100).

**Direttiva 95/46/KE** tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta’ Ottubru 1995 dwar il-protezzjoni ta’ individwi fir-rigward ta’ l-ipproċessar ta’ data personali u dwar il-moviment liberu ta’ dik id-data (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 13, Vol. 15, p. 355).

**Direttiva 97/7/KE** tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta’ Mejju 1997 dwar il-protezzjoni tal-konsumaturi in rigward ta’ kuntratti li jsiru mill-bogħod (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 15, Vol. 3, p. 319).

**Direttiva 98/34/KE** tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta’ Ġunju 1998 li tistabbilixxi proċedura dwar l-għoti ta’ informazzjoni fil-qasam ta’ l-istandards u r-regolamenti tekniċi u r-regoli dwar is-servizzi tas-Soċjetà ta’ l-Informatika [informazzjoni] (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 13, Vol. 20, p. 337), kif emendata bid-Direttiva 98/48/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta’ Lulju 1998 (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 13, Vol. 21, p. 8, iktar ’il quddiem id-“Direttiva 98/34”).

**Direttiva 2000/31/KE** tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta’ Ġunju 2000 dwar ċerti aspetti legali tas-servizzi minn soċjetà ta’ l-informazzjoni, partikolarment il-kummerċ elettroniku, fis-Suq Intern (Direttiva dwar il-kummerċ elettroniku) (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 13, Vol. 25, p. 399).

**Direttiva 2001/29/KE** tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tat-22 ta’ Mejju 2001 dwar l-armonizzazzjoni ta’ ċerti aspetti ta’ drittijiet tal-awtur u drittijiet relatati fis-soċjetà tal-informazzjoni (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 17, Vol. 1, p. 230).

**Direttiva 2001/83/KEE** tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Novembru 2001 dwar il-kodiċi tal-Komunità li għandu x'jaqsam ma' prodotti mediċinali għall-użu mill-bniedem (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 13, Vol. 27, p. 69), kif emendata bid-Direttiva 2011/62/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Ġunju 2011 (ĠU 2011, L 174, p. 74, rettifika fil-ĠU 2018, L 29, p. 50).

**Direttiva 2002/58/KE** tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Lulju 2002 dwar l-ipproċessar tad-data personali u l-protezzjoni tal-privatezza fis-settur tal-komunikazzjoni elettronika (Direttiva dwar il-privatezza u l-komunikazzjoni elettronika) (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 13, Vol. 29, p. 514), kif emendata bid-Direttiva 2009/136/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2009 (ĠU 2009, L 337, p. 11, rettifika fil-ĠU 2013, L 241, p. 9).

**Direttiva 2004/48/KE** tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 fuq l-infurzar tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 17, Vol. 2, p. 32).

**Direttiva 2005/29/KE** tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Mejju 2005 dwar prattiċi kummerċjali żleali fin-negozju mal-konsumatur fis-suq intern li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 84/450/KEE, id-Direttivi 97/7/KE, 98/27/KE u 2002/65/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u r-Regolament (KE) Nru 2006/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU 2005, L 149, p. 22, rettifika fil-ĠU 2006, L 114, p. 86),

**Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE** tat-28 ta' Novembru 2006 dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud (ĠU 2006, L 347, p. 1, rettifika fil-ĠU 2007, L 335, p. 60).

**Direttiva 2006/114/KE** tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2006 dwar reklamar qarrieqi u komparattiv (ĠU 2006, L 376, p. 21).

**Direttiva 2006/115/KE** tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2006 dwar dritt ta' kiri u dritt ta' self u dwar ċerti drittijiet relatati mad-drittijiet tal-awtur fil-qasam tal-proprjetà intellettwali (ĠU 2006, L 376, p. 28).

**Direttiva 2006/123/KE** tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2006 dwar is-servizzi fis-suq intern (ĠU 2006, L 376, p. 36).

**Direttiva 2007/64/KE** tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Novembru 2007 dwar is-servizzi ta' ħlas fis-suq intern li temenda d-Direttivi 97/7/KE, 2002/65/KE, 2005/60/KE u 2006/48/KE u li tħassar id-Direttiva 97/5/KE (ĠU 2007, L 319, p. 1, rettifika fil-ĠU 2009, L 187, p. 5).

**Direttiva 2009/22/KE** tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' April 2009 dwar inġunzjonijiet għall-protezzjoni tal-interessi tal-konsumaturi (ĠU 2009, L 110, p. 30)

**Direttiva 2009/24/KE** tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' April 2009 dwar il-protezzjoni legali ta' programmi tal-kompjuter (ĠU 2009, L 111, p. 16).

**Direttiva (UE) 2015/1535** tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Settembru 2015 li tistabbilixxi proċedura għall-għoti ta' informazzjoni fil-qasam tar-regolamenti tekniċi u tar-regoli dwar is-servizzi tas-Soċjetà tal-Informatika [Informazzjoni] (ĠU 2015, L 241, p. 1)

**Direttiva (UE) 2019/790** tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' April 2019 dwar id-drittijiet tal-awtur u drittijiet relatati fis-Suq Uniku Diġitali u li temenda d-Direttivi 96/9/KE u 2001/29/KE (ĠU 2019, L 130, p. 92).

## DEĊIŻJONIJIET

**Deċiżjoni tal-Kummissjoni** tas-26 ta' Lulju 2000 skond id-Direttiva 95/46/EC tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-adegwatezza tal-protezzjoni pprovduta mill-prinċipji ta' privatezza ta' port salv u li tirrigwarda mistoqsijiet li jsiru ta' spiss maħruġa mid-Dipartiment tal-Kummerċ tal-USA (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 16, Vol. 1, p. 119).

**Deċiżjoni tal-Kummissjoni** tal-5 ta' Frar 2010 dwar klawżoli kuntrattwali standard għat-trasferiment ta' dejta personali għall-proċessuri stabbiliti f'pajjiżi terzi, taħt id-Direttiva 95/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsil (ĠU 2010, L 39, p. 5), kif emendata bid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/2297 tas-16 ta' Diċembru 2016 (ĠU 2016, L 344, p. 100).

**Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/1250** tat-12 ta' Lulju 2016 skont id-Direttiva Nru 95/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-adegwatezza tal-protezzjoni pprovduta mill-Ħarsien tal-Privatezza UE-U.S. (ĠU 2016, L 207, p. 1).

# Werrej

INTRODUZZJONI ....................................................................................................3
LISTA TAL-ATTI MSEMMIJA ....................................................................................................4
I. RELAZZJONIJIET KUNTRATTWALI BEJN IL-PARTIJIET ....................................................................................................9
1. Konklużjoni ta' kuntratt....................................................................................................9
2. Liġi applikabbli/Ġurisdizzjoni....................................................................................................13
3. Protezzjoni tal-konsumaturi ....................................................................................................19
4. Protezzjoni ta' data personali ....................................................................................................24
5. Drittijiet tal-awtur....................................................................................................56
II. IL-KUNTEST ĠURIDIKU LI JIRREGOLA L-KUMMERĊ ELETTRONIKU ....................................................................................................68
1. Reklamar....................................................................................................68
2. Responsabbiltà tal-fornituri intermedjarji ....................................................................................................81
3. Dritt tal-kompetizzjoni ....................................................................................................88
4. Bejgħ ta' prodotti mediċinali u ta' apparat mediku online ....................................................................................................95
5. Logħob tal-ażżard....................................................................................................100
6. Ekonomija tal-kondiviżjoni....................................................................................................103
7. VAT ....................................................................................................110

# I. Relazzjonijiet kuntrattwali bejn il-partijiet

## 1. Konklużjoni ta' kuntratt

*Sentenza tal-5 ta' Lulju 2012, Content Services (C-49/11, EU:C:2012:419)*

Il-kumpannija Content Services kienet topera sussidjarja f'Mannheim (il-Ġermanja) u kienet toffri diversi servizzi online fis-sit internet tagħha, redatt bil-Ġermaniż u aċċessibbli wkoll fl-Awstrija. Permezz ta' dan is-sit, kien possibbli, b'mod partikolari, li jitniżżel softwer b'xejn jew verżjonijiet ta' prova ta' softwer li trid tħallas għalih. Qabel jagħmlu l-ordni tagħhom, l-utenti internet kellhom jimlew formola ta' reġistrazzjoni u kellhom jikklikkjaw fuq kaxxa apposta fil-formola sabiex jiddikjaraw li kienu qegħdin jaċċettaw il-klawżoli ġenerali ta' bejgħ u li kienu qegħdin jirrinunzjaw għad-dritt ta' rtirar tagħhom.

Din l-informazzjoni ma kinitx ippreżentata direttament lill-utenti internet. Madankollu, dawn tal-aħħar setgħu jaraw din l-informazzjoni billi jikklikkjaw fuq link li kienet tinsab fil-paġna li kellhom jimlew sabiex jikkonkludu l-imsemmi kuntratt. Il-konklużjoni ta' kuntratt ma kinitx possibbli mingħajr ma tiġi kklikkjata din il-kaxxa. Wara dan, l-utent tal-internet ikkonċernat kien jirċievi, min-naħa ta' Content Services, ittra elettronika mingħajr ebda informazzjoni dwar id-dritt ta' rtirar, li iżda kien ikollha għal darba oħra link sabiex dan l-utent ikun jista' jara din l-informazzjoni. L-Oberlandesgericht Wien (il-Qorti Reġjonali Superjuri ta' Vjenna, l-Awstrija) għamlet lill-Qorti tal-Ġustizzja domanda preliminari dwar l-interpretazzjoni tal-Artikolu 5(1) tad-Direttiva 97/7/KE [2]. Hija staqsiet jekk prattika kummerċjali, fejn l-informazzjoni msemmija f'din id-dispożizzjoni tkun aċċessibbli għall-konsumatur biss permezz ta' link fis-sit internet tal-impriża kkonċernata, kinitx tissodisfa r-rekwiżiti tal-imsemmija dispożizzjoni.

Skont il-Qorti tal-Ġustizzja, l-Artikolu 5(1) tad-Direttiva 97/7/KE għandu jiġi interpretat fis-sens li din il-prattika kummerċjali ma tissodisfax ir-rekwiżiti tal-imsemmija dispożizzjoni sa fejn din l-informazzjoni la "tingħata" mill-impriża u l-konsumatur lanqas ma "jirċievi" din l-informazzjoni u sa fejn sit internet ma jistax jitqies li huwa "mezz dejjiemi".

Fil-fatt, il-konsumatur għandu jirċievi l-konferma tal-imsemmija informazzjoni, mingħajr ma jkun meħtieġ aġir pożittiv min-naħa tiegħu. Barra minn hekk, sabiex jitqies li huwa mezz dejjiemi, sit internet għandu jiggarantixxi lill-konsumatur, b'mod analogu għal mezz stampat, il-pussess tal-informazzjoni msemmija f'din id-dispożizzjoni sabiex ikun jista', jekk ikun il-każ, jinvoka d-drittijiet tiegħu. F'dan id-dawl, dan is-sit għandu jippermetti lill-konsumatur jaħżen l-informazzjoni li kienet ġiet indirizzata lilu personalment, għandu jiggarantixxi l-assenza ta' bidla fil-kontenut tagħha kif ukoll l-

[2] Direttiva 97/7/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Mejju 1997 dwar il-protezzjoni tal-konsumaturi in rigward ta' kuntratti li jsiru mill-bogħod (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 15, Vol. 3, p. 319).

aċċessibbiltà tagħha matul perijodu adegwat, u għandu joffri lil l-konsumatur il-possibbiltà li jirriproduċiha kif inhi.

*Sentenza tal-25 ta' Jannar 2017, BAWAG (C-375/15, EU:C:2017:38)*

Il-bank BAWAG, li kien jeżerċita l-attività tiegħu fit-territorju Awstrijak, kien juża klawżola kuntrattwali standardizzata għar-reġistrazzjoni ta' konsumaturi għas-servizzi bankarji online ("e-banking").

Skont l-imsemmija klawżola, "il-komunikazzjonijiet u l-messaġġi li l-bank għandu jipprovdi lill-klijent jew iqiegħed għad-dispożizzjoni ta' dan tal-aħħar ser jintbagħtu bil-posta jew permezz ta' konsultazzjoni jew ta' trażmissjoni elettronika fil-kuntest tas-sistema e-banking". L-informazzjoni setgħet tintbagħat permezz ta' sistema ta' posta elettronika integrata fil-kontijiet online. Il-konsumaturi setgħu jikkonsultaw, jirripproduċu jew iniżżlu l-ittri elettroniċi. Il-messaġġi li kienu jinsabu fil-kontijiet online tal-"e-banking" kienu jibqgħu hemm mingħajr tibdil u ma kinux jitħassru għal perijodu adegwat għall-finijiet tal-informazzjoni ta' dawn il-konsumaturi, b'tali mod li setgħu jiġu kkonsultati u riprodotti b'mod identiku b'mezz elettroniku jew setgħu jiġu stampati. Madankollu, il-konsumaturi ma kinux jiġu informati, b'mezz ieħor, bil-fatt li kienu rċevew ittra elettronika ġdida.

L-Oberster Gerichtshof (il-Qorti Suprema, l-Awstrija) għamlet domanda preliminari lill-Qorti tal-Ġustizzja sabiex tkun taf jekk l-Artikolu 41(1) tad-Direttiva 2007/64/KE [3], moqri flimkien mal-Artikolu 36(1) tal-istess direttiva, għandux jiġi interpretat fis-sens li informazzjoni trażmessa permezz tal-posta elettronika integrata fi pjattaforma online ta' bank tingħatax "fuq mezz dejjiemi".

Skont il-Qorti tal-Ġustizzja, għandu jitqies li ċerti siti internet għandhom jitqiesu li huma "mezzi dejjiema", fis-sens tal-punt 25 tal-Artikolu 4 tal-imsemmija direttiva.

Madankollu, l-emendi għall-kuntratt qafas, li jintbagħtu mill-fornitur ta' servizzi ta' pagament lill-utent ta' dawn is-servizzi permezz ta' posta elettronika, ma jistgħux jitqiesu li ngħataw fuq mezz dejjiemi sakemm ma jkunux issodisfatti ż-żewġ kundizzjonijiet segwenti:

– dan is-sit internet jippermetti biss lil dan l-utent jaħżen u jirriproduċi informazzjoni b'mod li jkun jista' jkollu aċċess għaliha għal perijodu adegwat;
– it-trażmissjoni ta' din l-informazzjoni titwettaq flimkien ma' aġir pożittiv min-naħa tal-fornitur ta' servizzi ta' pagament maħsub sabiex jinforma lil dan l-utent bil-fatt li din l-informazzjoni hija disponibbli.

[3] Direttiva 2007/64/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Novembru 2007 dwar is-servizzi ta' ħlas fis-suq intern li temenda d-Direttivi 97/7/KE, 2002/65/KE, 2005/60/KE u 2006/48/KE u li tħassar id-Direttiva 97/5/KE (ĠU 2007, L 319, p. 1, rettifika fil-ĠU 2009, L 187, p. 5).

Il-fatt li ittra elettronika tintbagħat fl-indirizz abitwalment użat mill-utent ta’ dawn is-servizzi sabiex jikkomunika ma’ persuni oħra, u li l-partijiet ikunu qablu li għandu jintuża f’kuntratt qafas konkluż bejn il-fornitur ta’ servizzi ta’ pagament u dan l-utent, jista’ jikkostitwixxi wkoll tali aġir. L-indirizz magħżul b’dan il-mod, madankollu, ma għandux ikun dak iddedikat għall-imsemmi utent fis-sit internet tal-bank online ġestit mill-fornitur ta’ servizzi ta’ pagament.

***Sentenza tal-15 ta’ Settembru 2020 (Awla Manja), Telenor Magyarország (C-807/18 u C-39/19, EU:C:2020:708)***

Il-kumpannija Telenor, stabbilita fl-Ungerija, tipprovdi b’mod partikolari servizzi ta’ aċċess għall-internet. Fost is-servizzi proposti lill-klijenti tagħha hemm żewġ pakketti b’aċċess preferenzjali (imsejħa “tariffa żero”) li għandhom bħala partikolarità li t-traffiku tad-data ġġenerat minn ċerti servizzi u applikazzjonijiet speċifiċi ma jitnaqqasx mill-konsum tal-volum ta’ data mixtri mill-klijenti. Barra minn hekk, dawn tal-aħħar jistgħu, ladarba dan il-volum ta’ data jiġi eżawrit, ikomplu jużaw mingħajr restrizzjonijiet dawn l-applikazzjonijiet u dawn is-servizzi speċifiċi, filwaqt li miżuri ta’ bblokkar jew ta’ tnaqqis fil-veloċità tat-traffiku jiġu applikati għall-applikazzjonijiet u għas-servizzi disponibbli l-oħra.

Wara li fetħet żewġ proċeduri intiżi li tiġi kkontrollata l-konformità ta’ dawn iż-żewġ pakketti mar-Regolament 2015/2120 li jistabbilixxi miżuri dwar l-aċċess għal internet miftuħ [4], l-awtorità Ungeriża tal-komunikazzjonijiet u tal-mezzi ta’ komunikazzjoni adottat żewġ deċiżjonijiet li permezz tagħhom qieset li dawn il-pakketti ma kinux qiegħdin josservaw l-obbligu ġenerali ta’ trattament ugwali u nondiskriminatorju tat-traffiku stabbilit fl-Artikolu 3(3) ta’ dan ir-regolament, u li Telenor kellha ttemmhom.

Adita b’żewġ rikorsi minn din tal-aħħar, il-Fővárosi Törvényszék (il-Qorti tal-Belt ta’ Budapest, l-Ungerija) iddeċidiet li tagħmel domandi preliminari lill-Qorti tal-Ġustizzja sabiex tkun taf kif għandu jiġi interpretat u applikat l-Artikolu 3(1) u (2) tar-Regolament 2015/2120, li jiggarantixxi ċertu numru ta’ drittijiet [5] lill-utenti finali ta’ servizzi ta’ aċċess għall-internet u li jipprojbixxi lill-fornituri ta’ tali servizzi li jistabbilixxu ftehimiet jew prattiki kummerċjali li jillimitaw l-eżerċizzju ta’ dawn id-drittijiet, kif ukoll l-Artikolu 3(3), li jistabbilixxi obbligu ġenerali ta’ trattament ugwali u nondiskriminatorju tat-traffiku.

Fis-sentenza tagħha tal-15 ta’ Settembru 2020, il-Qorti tal-Ġustizzja, bl-Awla Manja bħala l-kulleġġ ġudikanti, interpretat għall-ewwel darba r-Regolament 2015/2120, li jistabbilixxi

[4] Regolament (UE) 2015/2120 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta’ Novembru 2015 li jistabbilixxi miżuri dwar aċċess għal Internet miftuħ u li jemenda d-Direttiva 2002/22/KE dwar servizz universali u d-drittijiet tal-utenti li jirrelataw ma’ networks u servizzi ta’ komunikazzjonijiet elettroniċi u r-Regolament (UE) Nru 531/2012 dwar roaming fuq netwerks pubbliċi ta’ komunikazzjoni mobbli fi ħdan l-Unjoni (ĠU 2015, L 310, p. 1).

[5] Dritt għall-utenti finali li jaċċedu għall-applikazzjonijiet, għall-kontenut u għas-servizzi kif ukoll li jużawhom, iżda wkoll id-dritt li jipprovdu applikazzjonijiet, kontenut u servizzi kif ukoll li jużaw it-terminali tal-għażla tagħhom.

l-prinċipju essenzjali ta' internet miftuħ (magħruf, b'mod iktar komuni, bħala "newtralità tal-internet").

Fir-rigward, fl-ewwel lok, tal-interpretazzjoni tal-Artikolu 3(2) tar-Regolament 2015/2120, moqri flimkien mal-Artikolu 3(1) ta' dan ir-regolament, il-Qorti tal-Ġustizzja osservat li t-tieni waħda minn dawn id-dispożizzjonijiet tipprevedi li d-drittijiet li hija tiggarantixxi lill-utenti finali ta' servizzi ta' aċċess għall-internet huma intiżi li jiġu eżerċitati "permezz tas-servizz ta' aċċess għall-Internet tagħhom", u li l-ewwel dispożizzjoni teżiġi li tali servizz ma għandux jimplika limitazzjoni tal-eżerċizzju ta' dawn id-drittijiet. Barra minn hekk, mill-Artikolu 3(2) tal-imsemmi regolament jirriżulta li s-servizzi ta' fornitur ta' aċċess għall-internet partikolari għandhom jiġu evalwati fir-rigward ta' dan ir-rekwiżit, mill-awtoritajiet regolatorji nazzjonali [6] u taħt l-istħarriġ tal-qrati nazzjonali kompetenti, billi jittieħdu inkunsiderazzjoni kemm il-ftehimiet konklużi minn dan il-fornitur mal-utenti finali kif ukoll il-prattiki kummerċjali implimentati mill-imsemmi fornitur.

F'dan il-kuntest, il-Qorti tal-Ġustizzja, wara li għamlet numru ta' preċiżazzjonijiet ġenerali dwar it-tifsira tal-kunċetti ta' "ftehimiet", ta' "prattiċi kummerċjali" u ta' "utenti finali" [7] li jinsabu fir-Regolament 2015/2120, qieset li l-konklużjoni ta' ftehimiet li permezz tagħhom klijenti partikolari jabbonaw għal pakketti li jgħaqqdu "tariffa żero" ma' miżuri ta' bblokkar jew ta' tnaqqis fil-veloċità tat-traffiku marbut mal-użu ta' servizzi u ta' applikazzjonijiet oħra minbarra s-servizzi u l-applikazzjonijiet speċifiċi li jaqgħu taħt din it-"tariffa żero" tista' tillimita l-eżerċizzju tad-drittijiet tal-utenti finali, fis-sens tal-Artikolu 3(2) ta' dan ir-regolament, fuq parti sinjifikattiva tas-suq. Fil-fatt, tali pakketti huma ta' natura li jżidu l-użu tal-applikazzjonijiet u tas-servizzi privileġġati u, korrelattivament, inaqqsu l-użu tal-applikazzjonijiet l-oħra u tas-servizzi l-oħra disponibbli, fid-dawl ta' miżuri li permezz tagħhom il-fornitur ta' servizzi ta' aċċess għall-internet jagħmel dan l-użu tal-aħħar teknikament iktar diffiċli, jekk mhux impossibbli. Barra minn hekk, iktar ma jkun kbir in-numru ta' klijenti li jikkonkludu tali ftehimiet, iktar l-effett kumulattiv ta' dawn il-ftehimiet jista', fid-dawl tal-iskala tiegħu, joħloq limitazzjoni sinjifikattiva tal-eżerċizzju tad-drittijiet tal-utenti finali, jew saħansitra jippreġudika s-sustanza stess ta' dawn id-drittijiet.

Fit-tieni lok, fir-rigward tal-interpretazzjoni tal-Artikolu 3(3) tar-Regolament 2015/2120, il-Qorti tal-Ġustizzja rrilevat li, sabiex tiġi kkonstatata inkompatibbiltà ma' din id-dispożizzjoni, ma hija meħtieġa ebda evalwazzjoni tal-effett ta' miżuri ta' bblokkar jew ta' tnaqqis fil-veloċità tat-traffiku fuq l-eżerċizzju tad-drittijiet tal-utenti finali. Fil-fatt, din id-dispożizzjoni ma tipprevedix tali rekwiżit sabiex tiġi evalwata l-osservanza tal-obbligu ġenerali ta' trattament ugwali u nondiskriminatorju tat-traffiku msemmi fiha. Barra minn hekk, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li, peress li miżuri ta' tnaqqis fil-veloċità tat-traffiku jew ta' bblokkar tat-traffiku ma humiex ibbażati fuq differenzi oġġettivi bejn ir-rekwiżiti

[6] Fuq il-bażi tal-Artikolu 5 tar-Regolament 2015/2120.

[7] Dan il-kunċett tal-aħħar jinkludi l-persuni fiżiċi jew ġuridiċi kollha li jużaw jew li jitolbu servizz ta' komunikazzjoni elettronika aċċessibbli għall-pubbliku. Barra minn hekk, dan jinkludi wkoll il-persuni fiżiċi jew ġuridiċi li jużaw jew li jitolbu servizzi ta' aċċess għall-internet sabiex jaċċedu għal kontenut, għal applikazzjonijiet u għal servizzi kif ukoll dawk li jibbażaw ruħhom fuq l-aċċess għall-internet sabiex jipprovdu kontenut, applikazzjonijiet u servizzi.

tekniċi fil-qasam tal-kwalità tas-servizz ta' ċerti kategoriji speċifiċi ta' traffiku, iżda fuq kunsiderazzjonijiet ta' natura kummerċjali, dawn il-miżuri għandhom jitqiesu, inkwantu tali, bħala inkompatibbli mal-imsemmija dispożizzjoni.

Konsegwentement, pakketti bħal dawk suġġetti għall-istħarriġ tal-qorti tar-rinviju jistgħu, b'mod ġenerali, jiksru kemm l-Artikolu 3(2) tar-Regolament 2015/2120 kif ukoll it-tielet paragrafu ta' dan l-artikolu, filwaqt li ġie ppreċiżat li l-awtoritajiet u l-qrati nazzjonali kompetenti jistgħu jeżaminawhom qabel kollox fir-rigward tat-tieni waħda minn dawn id-dispożizzjonijiet.

## 2. Liġi applikabbli/Ġurisdizzjoni

***Sentenza tat-28 ta' Lulju 2016, Verein für Konsumenteninformation (C-191/15, EU:C:2016:612)***

L-impriża Amazon EU Sàrl, stabbilita fil-Lussemburgu, kienet twettaq bejgħ elettroniku ta' beni lil konsumaturi stabbiliti f'diversi Stati Membri. Fil-kawża prinċipali, il-Verein für Konsumenteninformationen (l-Assoċjazzjoni Awstrijaka għall-Protezzjoni tal-Interessi tal-Konsumaturi) kienet ressqet azzjoni għal inġunzjoni, fuq il-bażi tad-Direttiva 2009/22/KE [8], fejn allegat li l-klawżoli kuntrattwali użati minn Amazon kienu jmorru kontra projbizzjonijiet legali jew prattiki tajbin.

Adita mill-assoċjazzjoni Awstrijaka, l-Oberster Gerichtshof (il-Qorti Suprema, l-Awstrija) xtaqet tkun taf jekk klawżola li tinsab fil-kundizzjonijiet ġenerali tal-bejgħ ta' kuntratt konkluż b'mezz elettroniku bejn bejjiegħ jew fornitur u konsumatur, li tipprovdi li l-liġi tal-Istat Membru fejn ikollu s-sede dan il-bejjiegħ jew dan il-fornitur għandha tirregola dan il-kuntratt, hijiex inġusta fis-sens tal-Artikolu 3(1) tad-Direttiva 93/13/KEE [9]. Barra minn hekk, l-Oberster Gerichtshof staqsiet jekk l-ipproċessar ta' data personali minn impriża huwiex suġġett, skont l-Artikolu 4(1)(a) tad-Direttiva 95/46/KE [10], għad-dritt tal-Istat Membru li lejh din l-impriża tindirizza l-attivitajiet tagħha.

Skont il-Qorti tal-Ġustizzja, ir-Regolamenti Ruma I [11] u Ruma II [12] għandhom jiġu interpretati fis-sens li l-liġi applikabbli għal tali azzjoni għal inġunzjoni għandha tiġi ddeterminata konformement mal-Artikolu 6(1) tar-Regolament Ruma II peress li l-ksur tal-ordinament ġuridiku jirriżulta mill-użu ta' klawżoli inġusti. Mill-banda l-oħra, il-liġi applikabbli għall-evalwazzjoni tal-klawżola kuntrattwali inkwistjoni għandha tiġi

[8] Direttiva 2009/22/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' April 2009 dwar inġunzjonijiet għall-protezzjoni tal-interessi tal-konsumaturi (ĠU 2009, L 110, p. 30)

[9] Direttiva tal-Kunsill 93/13/KEE tal-5 ta' April 1993 dwar klawżoli inġusti f'kuntratti mal-konsumatur (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 15, Vol. 2, p. 288, rettifika fil-ĠU 2023, L 17, p. 100).

[10] Direttiva 95/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ottubru 1995 dwar il-protezzjoni ta' individwi fir-rigward ta' l-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' dik id-data (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 13, Vol. 15, p. 355).

[11] Regolament (KE) Nru 593/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Ġunju 2008 dwar il-liġi applikabbli għall-obbligazzjonijiet kuntrattwali (Ruma I) (ĠU 2008, L 177, p. 6, rettifika fil-ĠU 2009, L 309, p. 87).

[12] Regolament (KE) Nru 864/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Lulju 2007 dwar il-liġi applikabbli għall-obbligazzjonijiet mhux kuntrattwali (Ruma II) (ĠU 2007, L 199, p. 40).

ddeterminata b'applikazzjoni tar-Regolament Ruma I, kemm jekk din l-evalwazzjoni titwettaq fil-kuntest ta' azzjoni individwali u kemm jekk fil-kuntest ta' azzjoni kollettiva.

Madankollu, mill-Artikolu 6(2) tar-Regolament Ruma I jirriżulta li l-għażla tal-liġi applikabbli hija bla ħsara għall-applikazzjoni ta' dispożizzjonijiet imperattivi previsti fil-liġi tal-pajjiż fejn jirrisjedu l-konsumaturi li l-interessi tagħhom ikunu qegħdin jiġu difiżi permezz ta' azzjoni għal inġunzjoni. Dawn id-dispożizzjonijiet jistgħu jinkludu dawk li jittrasponu d-Direttiva 93/13/KEE sakemm jiżguraw livell ta' protezzjoni ogħla għall-konsumatur.

B'hekk, klawżola, li ma tiġix innegozjata individwalment, li tipprovdi li l-liġi tal-Istat Membru fejn ikollu s-sede l-bejjiegħ jew il-fornitur għandha tirregola l-kuntratt konkluż b'mezz elettroniku ma' konsumatur, hija inġusta fis-sens tal-Artikolu 3(1) tad-Direttiva 93/13/KEE sa fejn tqarraq b'dan il-konsumatur billi tagħtih l-impressjoni li hija biss il-liġi ta' dan l-Istat li tapplika għall-kuntratt, mingħajr ma tinformah dwar il-fatt li jibbenefika wkoll mill-protezzjoni tad-dispożizzjonijiet imperattivi tad-dritt li jkunu applikabbli fl-assenza ta' din il-klawżola.

Barra minn hekk, l-Artikolu 4(1)(a) tad-Direttiva 95/46/KE għandu jiġi interpretat fis-sens li pproċessar ta' data personali mwettaq minn impriża ta' kummerċ elettroniku huwa rregolat mid-dritt tal-Istat Membru li lejh din l-impriża tindirizza l-attivitajiet tagħha jekk jirriżulta li din l-impriża tipproċessa d-data inkwistjoni fil-kuntest tal-attivitajiet ta' stabbiliment li jinsab f'dan l-Istat Membru. Għandhom pjuttost jiġu evalwati kemm il-livell ta' stabbiltà tal-arranġament kif ukoll ir-realtà tal-eżerċizzju tal-attivitajiet fl-Istat Membru inkwistjoni.

***Sentenza tas-7 ta' Diċembru 2010 (Awla Manja), Pammer u Alpenhof (C-585/08 u C-144/09, EU:C:2010:740)***

Il-kawżi magħquda Pammer u Alpenhof kienu jikkonċernaw żewġ kawżi prinċipali dwar kwistjonijiet simili. Fil-kawża Pammer, konsumatur residenti fl-Awstrija kien ressaq kawża kontra kumpannija ta' bastimenti tat-tagħbija, stabbilita fil-Ġermanja, dwar ir-rimbors tal-prezz tal-vjaġġ. Dan il-konsumatur sostna li l-bastiment u l-iżvolġiment tal-vjaġġ ma kinux jikkorrispondu mad-deskrizzjoni mogħtija fis-sit internet tal-aġenzija li kellha rwol ta' intermedjarju, li kienet stabbilita wkoll fil-Ġermanja, u li kienet toffri tali vjaġġi.

Il-qorti Awstrijaka tal-ewwel istanza qieset li kellha ġurisdizzjoni. Il-qorti tal-appell, mill-banda l-oħra, qieset li l-qrati Awstrijaċi ma kellhomx ġurisdizzjoni. Id-domanda preliminari tal-Oberster Gerichtshof (il-Qorti Suprema, l-Awstrija) kienet dwar kif kellu jiġi interpretat il-kunċett ta' kuntratt li jgħaqqad vjaġġ u akkomodazzjoni għal prezz fiss fis-sens tal-Artikolu 15(3), li għalih japplikaw id-dispożizzjonijiet tat-Taqsima 4 tal-Kapitolu II

tar-Regolament (KE) Nru 44/2001 [13]. Il-qorti tar-rinviju xtaqet tkun taf ukoll jekk il-fatt li l-vjaġġ kien waqa' taħt l-attenzjoni tal-konsumatur Awstrijak bis-saħħa tal-konsultazzjoni tas-sit internet tal-aġenzija intermedjarja, filwaqt li r-riżervazzjoni tal-vjaġġ ma saritx bl-internet, huwiex biżżejjed sabiex tkun tista' tiġi kkonstatata l-ġurisdizzjoni tal-qrati Awstrijaċi.

It-tieni kawża, Alpenhof, kienet bejn kumpannija Awstrijaka li topera lukanda u li għandha s-sede tagħha fl-Awstrija, u konsumatur residenti fil-Ġermanja dwar il-ħlas ta' fattura għal servizzi ta' akkomodazzjoni miftiehma permezz ta' skambju ta' ittri elettroniċi fuq il-bażi ta' informazzjoni pprovduta fis-sit internet tal-kumpannija rikorrenti. Il-qrati Awstrijaċi kienu ċaħdu r-rikors għaliex qiesu li ma kellhomx ġurisdizzjoni.

Skont il-Qorti tal-Ġustizzja, kuntratt li jkollu bħala suġġett vjaġġ fuq bastiment tat-tagħbija jista' jikkostitwixxi kuntratt ta' trasport li, għal prezz fiss, jgħaqqad vjaġġ u akkomodazzjoni jekk l-imsemmi vjaġġ fuq bastiment tat-tagħbija jinkludi wkoll, għal prezz fiss, l-akkomodazzjoni u jekk dan il-vjaġġ ikun ta' iktar minn 24 siegħa.

Sabiex jiġi ddeterminat jekk bejjiegħ jew fornitur, li l-attività tiegħu tiġi ppreżentata fis-sit internet tiegħu jew f'dak ta' intermedjarju, jistax jitqies li "jindirizza" l-attività tiegħu lejn l-Istat Membru li fit-territorju tiegħu jirrisjedi l-konsumatur, għandu jiġi vverifikat jekk dan il-bejjiegħ jew fornitur kellux l-intenzjoni li jinnegozja ma' konsumaturi residenti fi Stat Membru wieħed jew f'diversi Stati Membri.

L-elementi segwenti, li l-lista tagħhom ma hijiex eżawrjenti, jistgħu jikkostitwixxu indizji li jippermettu li jitqies li l-attività tal-bejjiegħ jew tal-fornitur hija indirizzata lejn l-Istat Membru tar-residenza tal-konsumatur, jiġifieri n-natura internazzjonali tal-attività, l-indikazzjoni ta' itinerarji li jitilqu minn Stati Membri oħra sabiex wieħed jasal fil-post fejn huwa stabbilit il-bejjiegħ jew il-fornitur, l-użu ta' lingwa jew ta' munita differenti mil-lingwa jew mill-munita abitwalment użati fl-Istat Membru fejn huwa stabbilit il-bejjiegħ jew il-fornitur bil-possibbiltà li r-riżervazzjoni ssir u tiġi kkonfermata b'din il-lingwa l-oħra. Mill-banda l-oħra, is-sempliċi fatt li s-sit internet tal-bejjiegħ jew tal-fornitur jew is-sit tal-intermedjarju jkunu aċċessibbli fl-Istat Membru li fit-territorju tiegħu jirrisjedi l-konsumatur ma huwiex suffiċjenti. Lanqas ma huma suffiċjenti l-indikazzjoni ta' indirizz elettroniku jew ta' dettalji oħra u l-użu ta' lingwa jew ta' munita li jkunu l-lingwa u/jew il-munita abitwalment użati fl-Istat Membru fejn ikun stabbilit il-bejjiegħ jew il-fornitur.

***Sentenza tas-6 ta' Settembru 2012, Mühlleitner (C-190/11, EU:C:2012:542)***

Il-kawża prinċipali kienet bejn konsumatur, Daniela Mühlleitner, residenti fl-Awstrija, u bejjiegħa ta' vetturi residenti f'Hamburg, il-Ġermanja, dwar ix-xiri ta' vettura. Wara li sabet id-dettalji tagħhom fis-sit internet tagħhom, D. Mühlleitner ċemplet lill-bejjiegħa

[13] Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 44/2001 tat-22 ta' Diċembru 2000 dwar ġurisdizzjoni u rikonoxximent u eżekuzzjoni ta' sentenzi f'materji ċivili u kummerċjali (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 19, Vol. 4, p. 42).

mill-Awstrija, fejn imbagħad irċeviet offerta permezz ta' ittra elettronika. Madankollu, il-kuntratt ġie konkluż għand il-bejjiegħa fil-Ġermanja.

F'dan il-kuntest, il-qorti tal-ewwel istanza, il-Landesgericht Wels (il-Qorti Reġjonali ta' Wels, l-Awstrija), kienet ċaħdet ir-rikors għaliex iddikjarat li ma kellhiex ġurisdizzjoni. L-Oberlandesgericht Linz (il-Qorti Reġjonali Superjuri ta' Linz, l-Awstrija) ikkonfermat id-deċiżjoni filwaqt li fakkret li sit internet purament "passiv" ma kienx biżżejjed sabiex jitqies li attività hija indirizzata lejn l-Istat tal-konsumatur. D. Mühlleitner ippreżentat appell għal reviżjoni kontra din is-sentenza quddiem l-Oberster Gerichtshof (il-Qorti Suprema, l-Awstrija). Din staqsiet lill-Qorti tal-Ġustizzja jekk l-applikazzjoni tal-Artikolu 15(1)(ċ) tar-Regolament Brussell I [14] teħtieġx li l-kuntratt bejn il-konsumatur u l-bejjiegħ jew il-fornitur ikun ġie konkluż mill-bogħod.

Il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li l-Artikolu 15(1)(ċ) tar-Regolament (KE) Nru 44/2001 għandu jiġi interpretat fis-sens li ma jeħtieġx li l-kuntratt bejn il-konsumatur u l-bejjiegħ jew il-fornitur ikun ġie konkluż mill-bogħod.

Fl-ewwel lok, din id-dispożizzjoni ma tissuġġettax espliċitament l-applikazzjoni tagħha għall-fatt li l-kuntratti suġġetti għall-kamp ta' applikazzjoni tagħha jkunu ġew konklużi mill-bogħod. Fit-tieni lok, fir-rigward tal-interpretazzjoni teleoloġika tal-imsemmija dispożizzjoni, iż-żieda ta' kundizzjoni marbuta mal-konklużjoni tal-kuntratti mal-konsumaturi mill-bogħod tmur kontra l-għan imfittex minn din id-dispożizzjoni, jiġifieri l-protezzjoni tal-konsumaturi, li huma l-partijiet dgħajfa fil-kuntratt. Fit-tielet lok, il-kundizzjoni essenzjali li għaliha hija suġġetta l-applikazzjoni tal-Artikolu 15(1)(ċ) tal-imsemmi regolament hija dik marbuta mal-attività kummerċjali jew professjonali indirizzata lejn l-Istat tar-residenza tal-konsumatur. F'dan ir-rigward, kemm il-kuntatt mill-bogħod kif ukoll ir-reservazzjoni ta' beni jew ta' servizz mill-bogħod, jew, a *fortiori*, il-konklużjoni ta' kuntratt mal-konsumatur mill-bogħod huma indizji ta' rabta tal-kuntratt ma' tali attività.

***Sentenza tas-17 ta' Ottubru 2013, Emrek (C-218/12, EU:C:2013:666)***

L. Emrek, residenti f'Saarbrücken (il-Ġermanja), kien qiegħed ifittex vettura u sar jaf, permezz ta' persuni magħrufa minnu, bl-eżistenza tal-impriża ta' V. Sabranovic. Dan tal-aħħar kien jopera, fi Spicheren (Franza), impriża li tikkummerċjalizza vetturi użati. Huwa kellu wkoll sit internet li kien jinkludi d-dettalji tal-impriża tiegħu, inklużi numri tat-telefon Franċiżi u numru ta' telefon ċellulari Ġermaniż, flimkien mal-prefissi internazzjonali rispettivi. Madankollu, L. Emrek ma kienx sar jaf bl-impriża permezz tas-sit internet. B'hekk, L. Emrek, bħala konsumatur, ikkonkluda ma' V. Sabranovic, fl-istabbiliment ta' dan tal-aħħar, kuntratt miktub dwar il-bejgħ ta' vettura użata.

[14] Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 44/2001 tat-22 ta' Diċembru 2000 dwar ġurisdizzjoni u rikonoxximent u eżekuzzjoni ta' sentenzi f'materji ċivili u kummerċjali (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 19, Vol. 4, p. 42).

F'dan il-kuntest, L. Emrek ressaq kawża kontra V. Sabranovic dwar il-garanzija quddiem l-Amtsgericht Saarbrücken (il-Qorti Distrettwali ta' Saarbrücken, il-Ġermanja). L-imsemmija qorti ddeċidiet li ma kellhiex ġurisdizzjoni. L. Emrek appella minn din id-deċiżjoni quddiem il-qorti tar-rinviju, il-Landgericht Saarbrücken (il-Qorti Reġjonali ta' Saarbrücken, il-Ġermanja). Din tal-aħħar xtaqet tkun taf jekk, għall-applikazzjoni tal-Artikolu 15(1)(ċ) tar-Regolament Nru 44/2001, hijiex meħtieġa rabta kawżali bejn l-attivitajiet tal-bejjiegħ jew tal-fornitur indirizzati lejn l-Istat Membru tar-residenza tal-konsumatur permezz tal-internet u l-konklużjoni ta' kuntratti.

Il-Qorti tal-Ġustizzja fakkret li, fis-sentenza tagħha Pammer u Alpenhof (C-585/08 u C-144/09), hija kienet identifikat lista mhux eżawrjenti ta' indizji li setgħu jgħinu lil qorti nazzjonali tevalwa jekk il-kundizzjoni essenzjali ta' attività kummerċjali indirizzata lejn l-Istat Membru tar-residenza tal-konsumatur hijiex issodisfatta.

Hija kkonkludiet li l-Artikolu 15(1)(ċ) tar-Regolament (KE) Nru 44/2001, għandu jiġi interpretat fis-sens li ma jeħtieġx l-eżistenza ta' rabta kawżali bejn il-mezz użat sabiex l-attività kummerċjali jew professjonali tiġi indirizzata lejn l-Istat Membru tar-residenza tal-konsumatur, jiġifieri sit internet, u l-konklużjoni tal-kuntratt ma' dan il-konsumatur. Madankollu, l-eżistenza ta' tali rabta kawżali tikkostitwixxi indizju ta' rabta tal-kuntratt ma' tali attività.

*Sentenza tal-21 ta' Mejju 2015, El Majdoub (C-322/14, EU:C:2015:334)*

It-tilwima fil-kawża prinċipali kienet tikkonċerna l-bejgħ ta' vettura bil-mutur permezz ta' sit internet. Il-kundizzjonijiet ġenerali tal-bejgħ aċċessibbli fuq dan is-sit kienu jinkludu klawżola li tattribwixxi ġurisdizzjoni lil qorti li tinsab fi Stat Membru. L-imsemmija kundizzjonijiet ġenerali tal-bejgħ ma kinux jinfetħu awtomatikament meta ssir ir-reġistrazzjoni u lanqas ma' kull tranżazzjoni ta' xiri, iżda x-xerrej kellu jikklikkja kaxxa speċifika sabiex jaċċetta dawn il-kundizzjonijiet.

Il-Landgericht Krefeld (il-Qorti Reġjonali ta' Krefeld, il-Ġermanja) talbet lill-Qorti tal-Ġustizzja tistabbilixxi jekk il-validità ta' klawżola li tattribwixxi ġurisdizzjoni tiddaħħalx inkwistjoni fil-każ li tintuża t-teknika ta' aċċettazzjoni permezz ta' "klikk".

Fl-ewwel lok, fir-rigward tar-realtà tal-kunsens tal-partijiet ikkonċernati, li huwa wieħed mill-għanijiet tal-Artikolu 23(1) tar-Regolament (KE) Nru 44/2001, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonstatat li x-xerrej inkwistjoni fil-kawża prinċipali kien aċċetta l-kundizzjonijiet ġenerali inkwistjoni b'mod espliċitu, meta kklikkja l-kaxxa korrispondenti fis-sit internet tal-bejjiegħ ikkonċernat. Fit-tieni lok, hija ddeċidiet li minn interpretazzjoni letterali tal-Artikolu 23(2) ta' dan ir-regolament jirriżulta li dan jeħtieġ li tingħata l-"possibbiltà" li l-klawżola li tattribwixxi ġurisdizzjoni tinżamm b'mod dejjiemi, irrispettivament minn jekk it-test tal-kundizzjonijiet ġenerali nżammx b'mod dejjiemi mix-xerrej wara jew qabel ma kklikkja l-kaxxa li tindika li qiegħed jaċċetta l-imsemmija kundizzjonijiet.

F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja osservat li l-għan ta' din id-dispożizzjoni huwa li tassimila ċerti forom ta' trażmissjonijiet elettroniċi mal-forma miktuba, bil-ħsieb li tiġi ssemplifikata l-konklużjoni tal-kuntratti b'mezzi elettroniċi, fejn it-trażmissjoni tal-informazzjoni kkonċernata titwettaq ukoll jekk din l-informazzjoni tkun aċċessibbli permezz ta' skrin. Sabiex it-trażmissjoni elettronika tkun tista' toffri l-istess garanziji, b'mod partikolari fil-qasam tal-prova, huwa biżżejjed li jkun "possibbli" li l-informazzjoni tinżamm u tiġi stampata qabel il-konklużjoni tal-kuntratt. Għaldaqstant, peress li t-teknika ta' aċċettazzjoni permezz ta' "klikk" tagħmel possibbli l-istampar u ż-żamma tat-test tal-kundizzjonijiet ġenerali qabel il-konklużjoni tal-kuntratt, il-fatt li l-paġna internet li tinkludi dawn il-kundizzjonijiet ma tinfetaħx awtomatikament meta ssir ir-reġistrazzjoni fis-sit internet jew ma' kull tranżazzjoni ta' xiri ma jistax idaħħal inkwistjoni l-validità tal-klawżola li tattribwixxi ġurisdizzjoni. Għaldaqstant, tali teknika ta' aċċettazzjoni tikkostitwixxi komunikazzjoni b'mezzi elettroniċi fis-sens tal-Artikolu 23(2) tar-Regolament (KE) Nru 44/2001.

*Sentenza tal-25 ta' Jannar 2018, Schrems (C-498/16, EU:C:2018:37)*

Maximilian Schrems kien ilu mill-2008 utent privat tan-network soċjali Facebook. Huwa kien ressaq kawżi pubbliċi kontra l-kumpannija Facebook Ireland Limited. Barra minn hekk, b'effett mill-2011, huwa kien fetaħ paġna fuq Facebook li kien irreġistra u ħoloq huwa stess sabiex jinforma lill-utenti internet bil-kawża tiegħu. Huwa kien waqqaf assoċjazzjoni mingħajr skop ta' lukru li l-għan tagħha kien it-twettiq tad-dritt fundamentali għall-protezzjoni tad-data u l-għajnuna finanzjarja għall-kawżi pilota mressqa.

Fil-kuntest ta' tilwima bejn Maximilian Schrems u Facebook Ireland Limited, dwar talbiet għal konstatazzjoni, għal waqfien, għal informazzjoni u għal rendikont ta' kontijiet Facebook, l-Oberster Gerichtshof (il-Qorti Suprema, l-Awstrija) kellha dubju dwar jekk l-Artikolu 15 tar-Regolament (KE) Nru 44/2001 kellux jiġi interpretat b'tali mod li persuna titlef il-kwalità tagħha ta' konsumatur jekk, wara li tkun użat kont privat fuq Facebook għal diversi snin, tippubblika kotba, tirċievi onorarji għal konferenzi jew tiġġestixxi siti internet. Il-qorti tar-rinviju kellha dubju wkoll dwar jekk l-Artikolu 16 tal-imsemmi regolament għandux jiġi interpretat fis-sens li konsumatur, flimkien mad-drittijiet proprji tiegħu li jaqgħu taħt kuntratt ta' konsumatur, jista' jinvoka wkoll drittijiet simili ta' konsumaturi oħra li huma residenti fl-istess Stat Membru, fi Stat Membru ieħor jew fi Stat terz.

Il-Qorti tal-Ġustizzja ppreċiżat li l-kunċett ta' "konsumatur" għandu jiġi interpretat b'mod awtonomu u restrittiv. Sabiex jiġi ddeterminat jekk l-Artikolu 15 huwiex applikabbli, il-finalità tal-kuntratt konkluż bejn il-partijiet għandu jkollha bħala suġġett użu li ma jkunx użu professjonali tal-beni jew tas-servizz ikkonċernat. Fir-rigward ta' persuna li tikkonkludi kuntratt għal użu li jkun parzjalment marbut mal-attività professjonali tagħha, ir-rabta tal-imsemmi kuntratt mal-attività professjonali tal-persuna kkonċernata

tkun tant limitata li ssir marġinali u, għaldaqstant, ikollha biss rwol negliġibbli fil-kuntest tat-tranżazzjoni.

Il-Qorti tal-Ġustizzja kompliet billi osservat li konsumatur igawdi minn protezzjoni bħala tali biss jekk ikun personalment rikorrent jew konvenut fi proċedura. Għaldaqstant, ir-rikorrent li ma jkunx huwa stess parti fil-kuntratt ta' konsum inkwistjoni ma jistax jibbenefika mill-ġurisdizzjoni marbuta mal-konsumatur. Dawn il-kunsiderazzjonijiet għandhom jgħoddu wkoll fir-rigward ta' konsumatur li jittrasferixxi drittijiet lil konsumaturi oħra. Fil-fatt, l-Artikolu 16(1) jimplika neċessarjament il-konklużjoni ta' kuntratt mill-konsumatur mal-bejjiegħ jew mal-fornitur involut fil-kawża.

Barra minn hekk, trasferiment ta' krediti ma jistax, fih innifsu, ikollu impatt fuq id-determinazzjoni tal-qorti li jkollha ġurisdizzjoni. Minn dan isegwi li l-ġurisdizzjoni tal-qrati ma tistax tiġi stabbilita permezz ta' konċentrazzjoni ta' diversi drittijiet fil-persuna ta' rikorrent wieħed. Ir-Regolament ma japplikax għall-azzjoni ta' konsumatur bħal fil-każ preżenti.

## 3. Protezzjoni tal-konsumaturi

***Sentenza tas-16 ta' Ottubru 2008, Bundesverband der Verbraucherzentralen (C-298/07, EU:C:2008:572)***

DIV, kumpannija tal-assigurazzjoni ta' vetturi bil-mutur, kienet toffri s-servizzi tagħha esklużivament fuq l-internet. Fil-paġni tas-sit internet tagħha, hija kienet indikat l-indirizz postali tagħha kif ukoll l-indirizz ta' posta elettronika tagħha, iżda mhux in-numru tat-telefon tagħha. Dan kien jiġi kkomunikat biss wara l-konklużjoni ta' kuntratt ta' assigurazzjoni. Mill-banda l-oħra, il-persuni interessati mis-servizzi ta' DIV setgħu jagħmlulha mistoqsijiet permezz ta' formola ta' kuntatt fuq l-internet u t-tweġibiet kienu jingħataw permezz ta' posta elettronika. Il-Bundesverband der Verbraucherzentralen (il-Federazzjoni Ġermaniża tal-Assoċjazzjonijiet tal-Konsumaturi) qieset, madankollu, li DIV kienet obbligata tindika n-numru tat-telefon tagħha fis-sit internet tagħha. Fil-fatt, dan kien, skont din il-federazzjoni, l-uniku mezz sabiex tiġi żgurata komunikazzjoni diretta.

F'dan il-kuntest, il-Bundesgerichtshof (il-Qorti Federali tal-Ġustizzja, il-Ġermanja) iddeċidiet li tistaqsi lill-Qorti tal-Ġustizzja jekk l-Artikolu 5(1)(ċ) tad-Direttiva 2000/31/KE [15] jeħtieġx l-indikazzjoni ta' numru tat-telefon.

Il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li l-Artikolu 5(1)(ċ) tad-Direttiva 2000/31/KE għandu jiġi interpretat fis-sens li l-fornitur ta' servizzi huwa obbligat jagħti lid-destinatarji tas-servizz,

[15] Direttiva 2000/31/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Ġunju 2000 dwar ċerti aspetti legali tas-servizzi minn soċjetà ta' l-informazzjoni, partikolarment il-kummerċ elettroniku, fis-Suq Intern (Direttiva dwar il-kummerċ elettroniku) (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 13, Vol. 25, p. 399).

qabel kwalunkwe konklużjoni ta’ kuntratt ma’ dawn tal-aħħar u minbarra l-indirizz tal-posta elettronika tiegħu, informazzjoni oħra li tippermetti kuntatt rapidu kif ukoll komunikazzjoni diretta u effettiva.

Din l-informazzjoni ma għandhiex neċessarjament tkun numru tat-telefon. Hija tista’ tinstab f’formola ta’ kuntatt elettroniku, li permezz tagħha d-destinatarji tas-servizz ikunu jistgħu jindirizzaw ruħhom, permezz tal-internet, lill-fornitur tas-servizz u li għaliha dan iwieġeb permezz ta’ ittra elettronika, ħlief f’sitwazzjonijiet fejn destinatarju ta’ servizz li, wara li jkun ikkuntattja lill-fornitur ta’ servizzi b’mezzi elettroniċi, isib ruħu f’sitwazzjoni fejn ma jkollux aċċess għan-network elettroniku u jitlob lil dan tal-aħħar aċċess għal mezz ta’ komunikazzjoni mhux elettroniku.

*Sentenza tat-3 ta’ Settembru 2009, Messner (C-489/07, EU:C:2009:502)*

P. Messner, konsumatriċi Ġermaniża, kienet eżerċitat id-dritt ta’ rtirar tagħha fir-rigward tax-xiri ta’ laptop permezz tal-internet. Il-bejjiegħ tal-laptop kien irrifjuta li jelimina mingħajr ħlas difett li ħareġ tmien xhur wara x-xiri. F’dan il-kuntest, P. Messner iddikjarat li kienet qiegħda tirrevoka l-kuntratt ta’ bejgħ u kienet issuġġerixxiet li tibgħat lura l-laptop lill-bejjiegħ bil-kundizzjoni li dan iħallasha lura. Din ir-revoka kienet saret fit-termini previsti mill-Bürgerliches Gesetzbuch (il-Kodiċi Ċivili Ġermaniż) sa fejn P. Messner ma kinitx irċeviet l-informazzjoni, prevista fid-dispożizzjonijiet ta’ dan il-kodiċi, ta’ natura li tiskatta t-terminu għal irtirar. P. Messner talbet is-somma ta’ EUR 278 quddiem l-Amtsgericht Lahr (il-Qorti Distrettwali ta’ Lahr, il-Ġermanja). Il-bejjiegħ oġġezzjona għal din it-talba ġudizzjarja billi sostna li P. Messner kellha fi kwalunkwe każ tħallsu kumpens li jikkorrispondi għal kważi tmien xhur sħaħ ta’ użu tal-laptop.

Fis-sentenza tagħha, il-Qorti tal-Ġustizzja osservat li d-dispożizzjonijiet tat-tieni sentenza tal-Artikolu 6(1) u tal-Artikolu 6(2) tad-Direttiva 97/7/KE [16] għandhom jiġu interpretati fis-sens li jipprekludu leġiżlazzjoni nazzjonali li tipprevedi b’mod ġenerali l-possibbiltà għall-bejjiegħ li jitlob mingħand il-konsumatur kumpens għall-użu ta’ beni akkwistati permezz ta’ kuntratt mill-bogħod fil-każ li dan tal-aħħar ikun eżerċita d-dritt ta’ rtirar tiegħu fit-termini previsti.

Fil-fatt, fil-każ li l-konsumatur ikollu jħallas kumpens għas-sempliċi raġuni li kellu l-possibbiltà juża l-beni matul iż-żmien li dawn kienu jinsabu fil-pussess tiegħu, huwa jkun jista’ jeżerċita d-dritt ta’ rtirar tiegħu biss billi jħallas l-imsemmi kumpens. Tali konsegwenza tkun f’kontradizzjoni ċara mal-formulazzjoni u mal-finalità tat-tieni sentenza tal-Artikolu 6(1) u tal-Artikolu 6(2) tad-Direttiva 97/7/KE u ċċaħħad b’mod partikolari lill-konsumatur mill-possibbiltà li juża bil-libertà kollha u mingħajr pressjoni t-terminu għal riflessjoni mogħti lilu mill-imsemmija direttiva.

[16] Direttiva 97/7/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta’ Mejju 1997 dwar il-protezzjoni tal-konsumaturi in rigward ta’ kuntratti li jsiru mill-bogħod (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 15, Vol. 3, p. 319).

Bl-istess mod, l-effikaċja u l-effettività tad-dritt ta' rtirar jiddaħħlu inkwistjoni jekk il-konsumatur ikun meħtieġ iħallas kumpens minħabba s-sempliċi fatt li eżamina u pprova l-beni. Sa fejn id-dritt ta' rtirar huwa intiż preċiżament li jagħti din il-possibbiltà lill-konsumatur, il-fatt li użahom ma jistax iwassal sabiex il-konsumatur ma jkunx jista' jeżerċita l-imsemmi dritt sakemm ma jħallasx kumpens.

Madankollu, dawn l-istess dispożizzjonijiet ma jipprekludux li l-ħlas ta' kumpens għall-użu tal-beni jiġi impost fuq il-konsumatur fil-każ li dan ikun uża l-imsemmija beni b'mod inkompatibbli mal-prinċipji tad-dritt ċivili, bħalma ma huma l-*bona fide* jew l-arrikkiment indebitu, bil-kundizzjoni li ma jiġux ippreġudikati l-finalità tal-imsemmija direttiva u, b'mod partikolari, l-effikaċja u l-effettività tad-dritt ta' rtirar, punt dan li għandu jiġi ddeterminat mill-qorti nazzjonali.

***Sentenza tal-15 ta' April 2010, Heinrich Heine (C-511/08, EU:C:2010:189)***

Impriża ta' bejgħ bil-korrispondenza, Heinrich Heine, kienet tipprevedi, fil-kundizzjonijiet ġenerali tal-bejgħ tagħha, li l-konsumatur għandu jħallas, bħala spejjeż ta' kunsinna, somma fissa ta' EUR 4.95. Din is-somma kienet tinżamm mill-fornitur anki fil-każ li l-konsumatur jeżerċita d-dritt ta' rtirar tiegħu. Il-Verbraucherzentrale Nordrhein-Westfalen, assoċjazzjoni Ġermaniża ta' konsumaturi, kienet ressqet azzjoni għal inġunzjoni kontra Heinrich Heine sabiex titwaqqaf din il-prattika għaliex, fil-fehma tagħha, l-ispejjeż tal-kunsinna ma kellhomx jitħallsu mill-konsumatur fil-każ ta' rtirar. Skont il-Bundesgerichtshof (il-Qorti Federali tal-Ġustizzja, il-Ġermanja), id-dritt Ġermaniż ma jagħti ebda dritt espliċitu għar-rimbors tal-ispejjeż ta' kunsinna tal-merkanzija ordnata lix-xerrej. Madankollu, peress li kellha dubji dwar il-kompatibbiltà mad-Direttiva 97/7/KE [17] tal-fatturazzjoni tal-ispejjeż ta' kunsinna tal-merkanzija lill-konsumatur anki meta dan ikun eżerċita d-dritt ta' rtirar tiegħu, dik il-qorti talbet lill-Qorti tal-Ġustizzja tinterpreta din id-direttiva.

Fis-sentenza tagħha, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonstatat li t-tieni sentenza tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 6(1) u l-Artikolu 6(2) tad-Direttiva 97/7/KE għandhom jiġu interpretati fis-sens li jipprekludu leġiżlazzjoni nazzjonali li tippermetti lill-fornitur, f'kuntratt konkluż mill-bogħod, jimputa l-ispejjeż tal-kunsinna ta' merkanzija lill-konsumatur fil-każ li dan tal-aħħar jeżerċita d-dritt ta' rtirar tiegħu.

Fil-fatt, dawn id-dispożizzjonijiet jawtorizzaw lill-fornitur jimputa lill-konsumatur, fil-każ ta' rtirar min-naħa ta' dan tal-aħħar, l-ispejjeż diretti tar-ritorn tal-merkanzija biss. Jekk l-ispejjeż tal-kunsinna jkunu wkoll ir-responsabbiltà tal-konsumatur, tali imputazzjoni, li tkun neċessarjament ta' natura li tiddisswadi lil dan tal-aħħar milli jeżerċita d-dritt ta' rtirar tiegħu, tkun tmur kontra l-għan stess tal-imsemmi Artikolu 6.

[17] Direttiva 97/7/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Mejju 1997 dwar il-protezzjoni tal-konsumaturi in rigward ta' kuntratti li jsiru mill-bogħod (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 15, Vol. 3, p. 319).

Barra minn hekk, tali imputazzjoni tkun ta' natura li ddaħħal inkwistjoni tqassim ibbilanċjat tar-riskji bejn il-partijiet fil-kuntratti konklużi mill-bogħod billi tgħaddi fuq il-konsumatur l-ispejjeż kollha marbuta mat-trasport tal-merkanzija.

*Sentenza tas-6 ta' Lulju 2017, Air Berlin (C-290/16,* [EU:C:2017:523](EU:C:2017:523)*)*

Il-kumpannija tal-ajru Ġermaniża Air Berlin kienet introduċiet, fil-kundizzjonijiet ġenerali tal-bejgħ tagħha, klawżola fis-sens li, meta passiġġier jannulla t-titjira tiegħu rriżervata b'tariffa ekonomika jew ma jippreżentax ruħu sabiex jitla' fuq tali titjira, kien jinżamm ammont ta' EUR 25 għall-ispejjeż marbuta mal-ipproċessar tas-somma rrimborsata lilu. Il-Bundesverband der Verbraucherzentralen (l-Unjoni Federali Ġermaniża taċ-Ċentri ta' Konsumaturi) qieset li din il-klawżola kienet nulla taħt id-dritt Ġermaniż għaliex kienet tqiegħed lill-klijenti fi żvantaġġ b'mod indebitu. Barra minn hekk, fir-rigward tal-eżekuzzjoni ta' obbligu legali, Air Berlin ma setgħetx teżiġi spejjeż distinti. Il-Bundesverband għalhekk fetħet azzjoni għal inġunzjoni quddiem il-qrati Ġermaniżi kontra Air Berlin.

Fil-kuntest tal-istess azzjoni, il-Bundesverband ikkontestat il-prattiki ta' Air Berlin marbuta mal-indikazzjoni tal-prezzijiet fis-sit internet tagħha. Fil-fatt, fil-kuntest ta' simulazzjoni ta' riżervazzjoni online fl-2010, il-Bundeserband kienet ikkonstatat li t-taxxi u l-ħlasijiet indikati kienu ferm inqas minn dawk effettivament miġbura mill-ajruporti kkonċernati. Il-Bundesverband għalhekk kienet tal-fehma li din il-prattika setgħet tqarraq bil-konsumatur u kienet tmur kontra r-regoli dwar it-trasparenza tal-prezzijiet previsti mir-Regolament tal-Unjoni dwar l-operat tas-servizzi tal-ajru [18]. Il-Bundesgerichtshof (il-Qorti Federali tal-Ġustizzja, il-Ġermanja) staqsiet lill-Qorti tal-Ġustizzja, minn naħa, jekk ir-Regolament Nru 1008/2008 għandux jiġi interpretat fis-sens li, meta jippubblikaw it-tariffi tagħhom għall-passiġġieri, it-trasportaturi tal-ajru għandhom jispeċifikaw l-ammont effettiv tal-ħlasijiet u ma jistgħux għalhekk jinkludu parzjalment dawn tal-aħħar fit-tariffi tagħhom għall-passiġġieri u, min-naħa l-oħra, jekk l-imsemmi regolament jipprekludix applikazzjoni ta' leġiżlazzjoni nazzjonali dwar id-dritt tal-kundizzjonijiet ġenerali tal-bejgħ, ibbażata fuq id-dritt tal-Unjoni li jipprevedi li ma huwiex possibbli li jiġu ffatturati spejjeż ta' pproċessar distinti għall-klijenti li ma jippreżentawx ruħhom għat-titjira jew li jannullaw ir-riżervazzjoni tagħhom.

Il-Qorti tal-Ġustizzja rrispondiet li t-tielet sentenza tal-Artikolu 23(1) tar-Regolament (KE) Nru 1008/2008 għandha tiġi interpretata fis-sens li, meta jippubblikaw it-tariffi tagħhom għall-passiġġieri, it-trasportaturi tal-ajru għandhom jispeċifikaw, b'mod separat, l-ammonti dovuti mill-klijenti bħala taxxi, bħala ħlasijiet lill-ajurporti kif ukoll ħlasijiet, supplimenti u drittijiet oħra, imsemmija f'dan ir-regolament. Barra minn hekk, dan ifisser li t-trasportaturi tal-ajru ma jistgħux jinkludu, lanqas parzjalment, dawn l-elementi fit-tariffa għall-passiġġieri. L-Artikolu 23(1) tar-Regolament (KE) Nru 1008/2008 huwa intiż li

[18] Regolament (KE) Nru 1008/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Settembru 2008 dwar regoli komuni għall-operat ta' servizzi ta' l-ajru fil-Komunità (ĠU 2008, L 293, p. 3).

jiggrantixxi, b'mod partikolari, l-informazzjoni u t-trasparenza tal-prezzijiet tas-servizzi tal-ajru li jitilqu minn ajruport li jinsab fit-territorju ta' Stat Membru u jikkontribwixxi, għaldaqstant, sabiex tiġi żgurata l-protezzjoni tal-klijent li juża dawn is-servizzi. Barra minn hekk, interpretazzjoni differenti tkun ta' natura li ċċaħħad lil din id-dispożizzjoni minn kull effett utli.

L-Artikolu 22(1) tar-Regolament (KE) Nru 1008/2008 għandu jiġi interpretat fis-sens li ma jipprekludix li l-applikazzjoni ta' leġiżlazzjoni nazzjonali li tittrasponi d-Direttiva 93/13/KEE tista' twassal sabiex tiġi ddikjarata nulla klawżola li tinsab fil-kundizzjonijiet ġenerali tal-bejgħ li jippermettu l-fatturazzjoni ta' spejjeż ta' pproċessar fissi u distinti lill-klijenti li ma jkunux ippreżentaw ruħhom għat-titjira jew li jkunu annullaw ir-riżervazzjoni tagħhom. F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonstatat li r-regoli ġenerali li jipproteġu lill-konsumaturi kontra l-klawżoli inġusti japplikaw ukoll għall-kuntratti ta' trasport tal-ajru.

Fil-fatt, ir-Regolament (KEE) Nru 2409/92, imħassar permezz tar-Regolament Nru 1008/2008, kien jindika, fil-ħames premessa tiegħu, li huwa xieraq li "l-libertà tal-prezzijiet tkun ikkumplimentata b'salvagwardji xierqa għall-interessi tal-konsumaturi u l-industrija".

*Sentenza tal-10 ta' Lulju 2019, Amazon EU (C-649/17, EU:C:2019:576)*

L-impriża Amazon EU Sàrl, stabbilita fil-Lussemburgu, tipproponi diversi prodotti għall-bejgħ fuq l-internet. Fil-kawża prinċipali, l-Unjoni Federali Ġermaniża tal-Organizzazzjonijiet u tal-Assoċjazzjonijiet tal-Konsumaturi (iktar 'il quddiem l-"Unjoni Federali") kienet ressqet, quddiem qorti reġjonali, kawża għal inġunzjoni fil-konfront tal-prattiki ta' Amazon EU fil-qasam tal-indikazzjoni tal-informazzjoni li tidher fis-sit internet tagħha www.amazon.de u li tippermetti lill-konsumatur jikkuntattja lil din il-kumpannija. Peress li din il-qorti ċaħdet l-imsemmi rikors, l-Unjoni Federali ppreżentat appell quddiem qorti reġjonali superjuri, li ġie wkoll miċħud. Għalhekk, l-Unjoni Federali ppreżentat appell għal reviżjoni quddiem il-qorti tar-rinviju, il-Bundesgerichtshof (il-Qorti Federali tal-Ġustizzja, il-Ġermanja).

It-talba għal deċiżjoni preliminari kienet tirrigwarda l-interpretazzjoni tal-Artikolu 6(1)(c) tad-Direttiva 2011/83/UE [19].

L-ewwel nett, il-Qorti tal-Ġustizzja fakkret li l-possibbiltà, għall-konsumatur, li jikkuntattja malajr lill-kummerċjant u li jikkomunika effettivament miegħu, kif tipprevedi l-imsemmija dispożizzjoni, għandha importanza fundamentali sabiex jiġu protetti u sabiex jiġu effettivament implimentati d-drittijiet tal-konsumatur u, b'mod partikolari, id-dritt tal-irtirar li l-modalitajiet u l-kundizzjonijiet għall-eżerċizzju tiegħu huma indikati fl-Artikoli 9 sa 16 ta' din id-direttiva. Madankollu, fl-interpretazzjoni tal-imsemmija dispożizzjoni,

[19] Direttiva 2011/83/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2011 dwar drittijiet tal-konsumatur, li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 93/13/KEE u d-Direttiva 1999/44/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 85/577/KEE u d-Direttiva 97/7/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU 2011, L 304, p. 64, rettifika fil-ĠU L, 2024/90093, 9.2.2024).

għandu jiġi żgurat bilanċ ġust bejn livell għoli ta' protezzjoni tal-konsumaturi u l-kompetittività tal-impriżi, kif tindika l-premessa 4 tad-Direttiva 2011/83/UE, filwaqt li tiġi mħarsa l-libertà ta' intrapriża tal-imprenditur, kif stabbilita fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea (iktar 'il quddiem il-"Karta").

Il-Qorti tal-Ġustizzja qieset li hija l-qorti nazzjonali li għandha tevalwa jekk, fid-dawl taċ-ċirksutanzi kollha li fihom il-konsumatur jikkuntattja lill-kummerjċant permezz ta' sit internet u, b'mod partikolari, tal-preżentazzjoni u tal-funzjonalità ta' dan is-sit, il-mezzi ta' komunikazzjoni mqiegħda għad-dispożizzjoni ta' dan il-konsumatur minn dan il-kummerċjant jippermettux lill-konsumatur jikkuntattja malajr lill-kummerċjant u jikkomunika effettivament miegħu, skont l-Artikolu 6(1)(c) tad-Direttiva 2011/83/UE.

F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja enfasizzat li obbligu inkundizzjonat li jitqiegħed għad-dispożizzjoni tal-konsumatur, fi kwalunkwe ċirkustanza, numru tat-telefon, jew li tiġi stabbilita linja tat-telefon, jew tal-faks, jew li jinħoloq indirizz tal-posta elettronika ġdid sabiex il-konsumaturi jkunu jistgħu jikkuntattjaw lill-kummerċjant jidher sproporzjonat.

Il-Qorti tal-Ġustizzja għalhekk iddeċidiet li l-espressjoni "fejn ikun disponibbli" li tinsab fl-Artikolu 6(1)(c) tad-Direttiva 2011/83/UE għandha tiġi interpretata fis-sens li tirreferi għall-każ fejn il-kummerċjant ikollu numru tat-telefon jew tal-faks u ma jużahomx biss għal finijiet oħra għajr il-kuntatt mal-konsumaturi. Fl-assenza ta' dan, din id-dispożizzjoni ma tobbligax lill-kummerċjant jinforma lill-konsumatur b'dan in-numru tat-telefon, jew jistabbilixxi linja tat-telefon jew tal-faks, jew joħloq indirizz elettroniku ġdid sabiex il-konsumaturi jkunu jistgħu jikkuntattjawh.

It-tieni nett, meta eżaminat jekk dan il-kummerċjant jistax, f'ċirkustanzi bħal dawk inkwistjoni fil-kawża prinċipali, juża mezzi ta' komunikazzjonijiet li ma jissemmewx fl-Artikolu 6(1)(c) tad-Direttiva 2011/83/UE, bħalma hija sistema ta' messaġġi immedjati jew ta' telefonati lura, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li l-Artikolu 6(1)(c) tad-Direttiva 2011/83/UE għandu jiġi interpretat fis-sens li, għalkemm tobbliga lill-kummerċjant iqiegħed għad-dispożizzjoni tal-konsumatur mezz ta' komunikazzjoni ta' natura li jissodisfa l-kriterji ta' komunikazzjoni diretta u effettiva, din id-dispożizzjoni ma tipprekludix lill-imsemmi kummerċjant milli jipprovdi mezzi ta' komunikazzjoni differenti minn dawk imsemmija fl-imsemmija dispożizzjoni sabiex jissodisfa dawn il-kriterji.

## 4. Protezzjoni ta' data personali

***Sentenza tal-1 ta' Ottubru 2015, Weltimmo (C-230/14, EU:C:2015:639)***

Weltimmo, kumpannija rreġistrata fis-Slovakkja, kienet topera sit internet b'reklami għal proprjetà immobbli li tinsab fl-Ungerija. F'dan il-kuntest, hija kienet tipproċessa d-data personali tal-persuni li jagħmlu reklam. Ir-reklami kienu jiġu ppubblikati bla ħlas għal

xahar u kienu jsiru bi ħlas meta jintemm dan il-perijodu. Numru ta' persuni li kienu għamlu reklam talbu, permezz ta' ittra elettronika, l-irtirar tar-reklami tagħhom meta ntemm l-ewwel xahar u, fl-istess waqt, it-tħassir tad-data personali tagħhom. Madankollu, Weltimmo ma kinitx neħħiet dawn ir-reklami u ffatturat lill-partijiet inkwistjoni l-prezz tas-servizzi tagħha. Fl-assenza tal-ħlas tas-somom iffaturati, Weltimmo kienet għaddiet id-data personali tal-persuni li kienu għamlu reklam lil aġenziji li jirkurpaw id-dejn. Il-persuni li kienu għamlu reklam ippreżentaw ilment quddiem l-awtorità Ungeriża responsabbli għall-protezzjoni tad-data. Din kienet imponiet multa ta' għaxar miljuni forint Ungeriżi (HUF) (madwar EUR 32 000) fuq Weltimmo minħabba ksur tal-liġi Ungeriża li tittrasponi d-Direttiva 95/46/KE [20].

Weltimmo mbagħad ikkontestat id-deċiżjoni tal-awtorità ta' superviżjoni quddiem il-qrati Ungeriżi. Meta t-tilwima waslet quddiemha fl-istadju ta' appell fil-kassazzjoni, il-Kúria (il-Qorti Suprema, l-Ungerija) staqsiet lill-Qorti tal-Ġustizzja jekk l-imsemmija direttiva kinitx tippermetti lill-awtorità ta' superviżjoni Ungeriża tapplika l-liġi Ungeriża adottata fuq il-bażi tad-Direttiva u timponi l-multa prevista minn din il-liġi.

Il-Qorti tal-Ġustizzja fakkret li mill-premessa 19 tad-Direttiva 95/46/KE tirriżulta interpretazzjoni flessibbli tal-kunċett ta' stabbiliment. B'hekk, sabiex jiġi ddeterminat jekk kumpannija, responsabbli għall-ipproċessar ta' data, ikollhiex stabbiliment fi Stat Membru differenti mill-Istat Membru jew mill-pajjiż terz fejn tkun irreġistrata, għandhom jiġu evalwati kemm il-livell ta' stabbiltà tal-installazzjoni u kemm ir-realtà tal-eżerċizzju tal-attivitajiet f'dan l-Istat Membru l-ieħor. Dan japplika b'mod partikolari għal impriżi li joffru servizzi esklużivament fuq l-internet.

Skont il-Qorti tal-Ġustizzja, l-Artikolu 4(1)(a) tad-Direttiva 95/46/KE għandu jiġi interpretat fis-sens li jippermetti l-applikazzjoni tal-leġiżlazzjoni dwar il-protezzjoni tad-data personali ta' Stat Membru differenti minn dak li fih tkun irreġistrata l-persuna responsabbli għall-ipproċessar ta' din id-data, sakemm din il-persuna teżerċita, permezz ta' installazzjoni stabbli fit-territorju ta' dan l-Istat Membru, attività effettiva u reali. Min-naħa l-oħra, il-kwistjoni dwar in-nazzjonalità tal-persuni kkonċernati minn dan l-ipproċessar ta' data hija irrilevanti.

Fil-każ li l-awtorità ta' superviżjoni ta' Stat Membru tasal għall-konklużjoni li d-dritt applikabbli ma jkunx id-dritt ta' dan l-Istat Membru iżda d-dritt ta' Stat Membru ieħor, l-Artikolu 28(1), (3) u (6) ta' din id-direttiva għandu jiġi interpretat fis-sens li din l-awtorità superviżorja ma tistax teżerċita setgħat effettivi ta' intervent. Għaldaqstant, hija ma tkunx tista' timponi sanzjonijiet fuq il-bażi tad-dritt tal-Istat Membru tagħha fuq il-kontrollur li jkun responsabbli għall-ipproċessar ta' din id-data u li ma jkunx stabbilit fit-territorju tal-Istat Membru tagħha. Fil-fatt, mir-rekwiżiti li jirriżultaw mis-sovranità territorjali tal-Istat ikkonċernat, mill-prinċipju ta' legalità, u mill-kunċett tal-istat tad-dritt jirriżulta li s-setgħa ta' impożizzjoni ta' sanzjoni ma tistax, bħala prinċipju, tiġi eżerċitata

[20] Direttiva 95/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ottubru 1995 dwar il-protezzjoni ta' individwi fir-rigward ta' l-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' dik id-data (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 13, Vol. 15, p. 355).

barra mil-limiti legali li fihom awtorità amministrattiva hija awtorizzata taġixxi, b'osservanza tad-dritt tal-Istat Membru li taħtu hija taqa'.

*Sentenza tas-6 ta' Ottubru 2015 (Awla Manja), Schrems (C-362/14, EU:C:2015:650)*

Maximillian Schrems, ċittadin Awstrijak, kien ilu juża Facebook mill-2008. Data mogħtija minn M. Schrems lil Facebook kienet ġiet ittrasferita, kompletament jew parzjalment, mis-sussidjarja Irlandiża ta' Facebook fuq servers li kienu jinsabu fit-territorju tal-Istati Uniti, fejn kienu s-suġġett ta' pproċessar. M. Schrems ippreżenta lment quddiem l-awtorità Irlandiża ta' superviżjoni, peress li qies li, fid-dawl tar-rivelazzjonijiet magħmula fl-2013 minn Edward Snowden dwar l-attivitajiet tas-servizzi ta' intelliġenza tal-Istati Uniti (b'mod partikolari tan-National Security Agency jew "NSA"), id-dritt u l-prattiki tal-Istati Uniti ma kinux joffru protezzjoni suffiċjenti kontra s-sorveljanza, mill-awtoritajiet pubbliċi, tad-data ttrasferita lejn dan il-pajjiż. L-awtorità Irlandiża kienet ċaħdet dan l-ilment għar-raġuni, b'mod partikolari, li, fid-Deċiżjoni 2000/520/KE [21], il-Kummissjoni kienet qieset li, fil-kuntest tas-sistema magħrufa bħala "port salv", l-Istati Uniti kienu jiżguraw livell adegwat ta' protezzjoni tad-data personali ttrasferita.

Adita bil-kawża, l-Ard-Chúirt (il-Qorti Għolja, l-Irlanda) xtaqet tkun taf jekk din id-deċiżjoni tal-Kummissjoni kellhiex l-effett li tipprekludi lil awtorità nazzjonali ta' superviżjoni milli tinvestiga lment li jallega li pajjiż terz ma jiżgurax livell ta' protezzjoni adegwat u, jekk ikun il-każ, milli tissospendi t-trasferiment ta' data kkontestat.

Il-Qorti tal-Ġustizzja rrispondiet li l-operazzjoni li permezz tagħha data personali tiġi ttrasferita minn Stat Membru lejn pajjiż terz tikkostitwixxi, bħala tali, ipproċessar ta' data personali fis-sens tal-Artikolu 2(b) tad-Direttiva 95/46/KE [22], imwettaq fit-territorju ta' Stat Membru. Għaldaqstant, l-awtoritajiet nazzjonali għandhom il-kompetenza li jivverifikaw jekk trasferiment ta' data personali mill-Istat Membru tagħhom lejn pajjiż terz ikunx josserva r-rekwiżiti stabbiliti mid-Direttiva 95/46.

B'hekk, sakemm id-deċiżjoni tal-Kummissjoni ma tkunx ġiet iddikjarata invalida mill-Qorti tal-Ġustizzja, li għandha ġurisdizzjoni esklużiva sabiex tikkonstata l-invalidità ta' att tal-Unjoni, l-Istati Membri u l-korpi tagħhom ma jistgħux jadottaw miżuri li jmorru kontra din id-deċiżjoni, bħalma huma atti intiżi li jikkonstataw b'effett vinkolanti li l-pajjiż terz ikkonċernat mill-imsemmija deċiżjoni ma jiżgurax livell ta' protezzjoni adegwat. Fil-każ li awtorità ta' superviżjoni tasal għall-konklużjoni li l-provi prodotti insostenn ta' talba dwar il-protezzjoni tad-drittijiet u tal-libertajiet fid-dawl tal-ipproċessar ta' din id-data personali ma jkunux fondati u tiċħad, għalhekk, din it-talba, il-persuna li tkun ressqitha għandu jkollha aċċess għar-rimedji ġudizzjarji li jippermettulha tikkontesta tali deċiżjoni li

[21] Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2000/520/KE tas-26 ta' Lulju 2000 skond id-Direttiva 95/46/EC tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-adegwatezza tal-protezzjoni pprovduta mill-prinċipji ta' privatezza ta' port salv u li tirrigwarda mistoqsijiet li jsiru ta' spiss maħruġa mid-Dipartiment tal-Kummerċ tal-USA (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 16, Vol. 1, p. 119).

[22] Direttiva 95/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ottubru 1995 dwar il-protezzjoni ta' individwi fir-rigward ta' l-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' dik id-data (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 13, Vol. 15, p. 355).

tikkawżalha preġudizzju quddiem il-qrati nazzjonali. Fil-każ oppost, jiġifieri jekk l-imsemmija awtorità tqis li l-ilmenti mqajma mill-persuna li ressqet tali talba jkunu fondati, din l-istess awtorità għandha tkun tista' tieħu azzjoni legali, konformement mat-tielet inċiż tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 28(3) tad-Direttiva 95/46/KE, moqri fid-dawl b'mod partikolari tal-Artikolu 8(3) tal-Karta.

L-Artikolu 25(6) tad-Direttiva 95/46/KE, moqri fid-dawl tal-Artikoli 7, 8 u 47 tal-Karta, għandu jiġi interpretat fis-sens li deċiżjoni adottata fuq il-bażi ta' din id-dispożizzjoni, li permezz tagħha l-Kummissjoni tikkonstata li pajjiż terz jiżgura livell ta' protezzjoni adegwat, ma tipprekludix li awtorità ta' sorveljanza ta' Stat Membru teżamina t-talba ta' persuna dwar il-protezzjoni tad-drittijiet u tal-libertajiet tagħha fid-dawl tal-ipproċessar tad-data personali tagħha li ġiet ittrasferita minn Stat Membru lejn dan il-pajjiż terz, f'sitwazzjoni fejn din il-persuna ssostni li d-dritt u l-prattiki fis-seħħ f'dan tal-aħħar ma jiżgurawx livell ta' protezzjoni adegwat.

Il-kunċett ta' "livell ta' protezzjoni adegwat" li jinsab fl-Artikolu 25(6) tad-Direttiva 95/46/KE għandu jinftiehem fis-sens li jeħtieġ li dan il-pajjiż terz jiżgura effettivament, bis-saħħa tal-leġiżlazzjoni interna tiegħu jew tal-impenji internazzjonali tiegħu, livell ta' protezzjoni tal-libertajiet u tad-drittijiet fundamentali li jkun sostanzjalment ekwivalenti għal dak iggarantit fi ħdan l-Unjoni bis-saħħa ta' din id-direttiva, moqrija fid-dawl tal-Karta.

Fil-fatt, il-prinċipji ta' "port salv" japplikaw biss għall-organizzazzjonijiet Amerikani li jkunu ċċertifikaw lilhom innifishom u li jirċievu data personali mill-Unjoni, mingħajr ma huwa meħtieġ li l-awtoritajiet pubbliċi Amerikani jkunu suġġetti għall-osservanza tal-imsemmija prinċipji. Barra minn hekk, id-Deċiżjoni 2000/520/KE tippermetti ndħil, ibbażat fuq rekwiżiti marbuta mas-sigurtà nazzjonali u mal-interess pubbliku jew fuq il-leġiżlazzjoni interna tal-Istati Uniti, fid-drittijiet fundamentali tal-persuni li d-data personali tagħhom ġiet jew tista' tiġi ttrasferita mill-Unjoni lejn l-Istati Uniti, mingħajr ma tinkludi konstatazzjoni dwar l-eżistenza, fl-Istati Uniti, ta' regoli ta' natura Statali maħsuba li jillimitaw l-eventwali ndħil f'dawn id-drittijiet u mingħajr ma ssemmi l-eżistenza ta' protezzjoni ġudizzjarja effettiva kontra ndħil ta' dan it-tip.

Barra minn hekk, il-Kummissjoni marret lil hinn mill-kompetenza mogħtija lilha mill-Artikolu 25(6) tad-Direttiva 95/46/KE, moqri fid-dawl tal-Karta, meta adottat l-Artikolu 3 tad-Deċiżjoni 2000/520/KE li, għalhekk, kien invalidu.

***Sentenza tal-1 ta' Ottubru 2019 Planet49 (Awla Manja), (C-673/17, EU:C:2019:801)***

Il-kumpannija Planet49 kienet organizzat lotterija promozzjonali fis-sit internet www.dein-macbook.de. Sabiex jipparteċipaw, l-utenti internet kellhom jikkomunikaw isimhom u l-indirizz tagħhom fuq paġna internet fejn kienu jinsabu kaxxi tal-immarkar. Il-kaxxa tal-immarkar li kienet tawtorizza l-installazzjoni tal-cookies kienet immarkata minn qabel.

Adita b'rikors mill-Federazzjoni Ġermaniża tal-assoċjazzjonijiet ta' konsumaturi, il-Bundesgerichtshof (il-Qorti Federali tal-Ġustizzja, il-Ġermanja) kellha dubji rigward il-validità tal-ksib tal-kunsens tal-utenti permezz tal-kaxxa tal-immarkar immarkata minn qabel kif ukoll dwar il-portata tal-obbligu ta' informazzjoni impost fuq il-fornitur ta' servizz.

It-talba għal deċiżjoni preliminari kienet tirrigwarda essenzjalment l-interpretazzjoni tal-kunċett ta' "kunsens" previst mid-Direttiva 2002/58 (iktar 'il quddiem id-"Direttiva dwar il-privatezza u l-komunikazzjoni elettronika"), moqrija flimkien mad-Direttiva 95/46/KE, kif ukoll mar-Regolament 2016/679 (iktar 'il quddiem ir-"Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data").

L-ewwel nett, il-Qorti tal-Ġustizzja osservat li l-Artikolu 2(h) tad-Direttiva 95/46/KE, li jirreferi għalih l-Artikolu 2(f) tad-Direttiva dwar il-privatezza u l-komunikazzjoni elettronika, jiddefinixxi l-kunsens bħala "indikazzjoni speċifika u infurmata tax-xewqa tiegħu mogħtija liberament li biha s-suġġett tad-data jaqbel li jsir l-ipproċessar ta' data personali dwaru". Hija ossevat li r-rekwiżit ta' "indikazzjoni" tax-xewqa tas-suġġett tad-data jevoka b'mod ċar aġir attiv u mhux passiv. Issa, kunsens mogħti permezz ta' kaxxa tal-immarkar immarkata minn qabel ma jimplikax aġir attiv min-naħa tal-utent ta' sit internet. Barra minn hekk, l-oriġini tal-Artikolu 5(3) tad-Direttiva dwar il-privatezza u l-komunikazzjoni elettronika, li mill-emenda tiegħu permezz tad-Direttiva 2009/136 jipprevedi li l-utenti għandhom ikunu "taw il-kunsens tagħhom" għat-tqegħid ta' cookies, tindika li l-kunsens tal-utent ma setax minn dak il-ħin 'il quddiem jibqa' jiġi preżunt u kellu jirriżulta minn aġir attiv ta' dan tal-aħħar. Fl-aħħar nett, kunsens attiv huwa issa previst mir-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data, li l-punt 11 tal-Artikolu 4 tiegħu jeżiġi indikazzjoni tax-xewqa li tieħu l-forma, b'mod partikolari, ta' "azzjoni affermattiva ċara" u li l-premessa 32 tiegħu teskludi b'mod espliċitu li jkun hemm kunsens "[fil-każ ta'] silenzju, kaxxi mmarkati minn qabel jew in-nuqqas ta' attività".

Għaldaqstant il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li l-kunsens ma jingħatax b'mod validu meta l-ħażna ta' informazzjoni jew l-aċċess għal informazzjoni diġà maħżuna fit-tagħmir terminali tal-utent ta' sit internet jiġu awtorizzati permezz ta' kaxxa tal-immarkar immarkata minn qabel, li l-utent ikollu jneħħi l-marka minnha sabiex jirrifjuta li jagħti l-kunsens tiegħu.

It-tieni nett, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonstatat li l-Artikolu 5(3) tad-Direttiva dwar il-privatezza u l-komunikazzjoni elettronika huwa intiż li jipproteġi lill-utent minn kull indħil fil-ħajja privata tiegħu, irrispettivament minn jekk dan l-indħil jinvolvix data personali jew le. Minn dan jirriżulta li l-kunċett ta' "kunsens" ma għandux jiġi interpretat b'mod differenti skont jekk l-informazzjoni maħżuna jew ikkonsultata fit-tagħmir terminali tal-utent ta' sit internet tikkostitwixxix data personali jew le.

It-tielet nett, il-Qorti tal-Ġustizzja osservat li l-Artikolu 5(3) tad-Direttiva dwar il-privatezza u l-komunikazzjoni elettronika jeżiġi li l-utent ikun ta l-kunsens tiegħu, wara li jkun irċieva informazzjoni ċara u kompleta, b'mod partikolari dwar l-għan tal-ipproċessar. Issa,

informazzjoni ċara u kompleta għandha tippermetti lill-utent jiddetermina faċilment il-konsegwenzi tal-kunsens li huwa jista' jagħti u għandha tiggarantixxi li dan il-kunsens jingħata b'għarfien sħiħ tal-fatti. F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja qieset li t-tul ta' funzjonament tal-cookies kif ukoll il-kwistjoni ta' jekk huwiex possibbli jew le li terzi jkollhom aċċess għal dawn il-cookies jagħmlu parti mill-informazzjoni ċara u kompleta li għandha tingħata lill-utent ta' sit internet mill-fornitur ta' servizzi.

***Sentenza tas-16 ta' Lulju 2020, Facebook Ireland u Schrems (C-311/18, EU:C:2020:559)***

Ir-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data [23] (iktar 'il quddiem il-"GDPR") jipprovdi li, bħala prinċipju, it-trasferiment ta' data personali lejn pajjiż terz jista' jitwettaq biss jekk il-pajjiż terz inkwistjoni jiżgura livell adegwat ta' protezzjoni ta' din id-data. Skont dan ir-regolament, il-Kummissjoni tista' tikkonstata li pajjiż terz jiżgura, minħabba l-leġiżlazzjoni interna tiegħu jew minħabba l-impenji internazzjonali tiegħu, livell adegwat ta' protezzjoni [24]. Fl-assenza ta' tali deċiżjoni ta' adegwatezza, tali trasferiment jista' jitwettaq biss jekk l-esportatur tad-data personali, stabbilit fl-Unjoni, jipprevedi salvagwardji adegwati, li jistgħu jirriżultaw b'mod partikolari minn klawżoli standard ta' protezzjoni tad-data adottati mill-Kummissjoni, u jekk is-suġġetti tad-data jkollhom drittijiet infurzabbli u rimedji legali effettivi [25].

Barra minn hekk, il-GDPR jistabbilixxi, b'mod preċiż, il-kundizzjonijiet li fihom tali trasferiment jista' jseħħ fl-assenza ta' deċiżjoni ta' adegwatezza jew ta' salvagwardji adegwati [26].

Maximillian Schrems, ċittadin Awstrijak li jirrisjedi fl-Awstrija, ilu juża Facebook mill-2008. Bħal fil-każ tal-utenti l-oħra li jirrisjedu fl-Unjoni, id-data personali ta' M. Schrems tiġi ttrasferita, kompletament jew parzjalment, minn Facebook Ireland lejn is-servers ta' Facebook Inc., li jinsabu fit-territorju tal-Istati Uniti, fejn tkun is-suġġett ta' pproċessar. M. Schrems ippreżenta lment quddiem l-awtorità superviżorja Irlandiża intiż, essenzjalment, li jiġu pprojbiti dawn it-trasferimenti. Huwa sostna li d-dritt u l-prassi tal-Istati Uniti ma joffrux protezzjoni suffiċjenti kontra l-aċċess, mill-awtoritajiet pubbliċi, għad-data ttrasferita lejn dan il-pajjiż. Dan l-ilment kien ġie miċħud għar-raġuni, b'mod partikolari li, fid-Deċiżjoni 2000/520 [27] tagħha (magħrufa bħala d-deċiżjoni ta' "port salv"), il-Kummissjoni kienet ikkonstatat li l-Istati Uniti kienu jiżguraw livell adegwat ta' protezzjoni. Permezz ta' sentenza tas-6 ta' Ottubru 2015, il-Qorti tal-Ġustizzja, fuq

[23] Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (ĠU 2016, L 119, p. 1, rettifika fil-ĠU 2018, L 127, p. 2).

[24] Artikolu 45 tal-GDPR.

[25] Artikolu 46(1) u (2)(c) tal-GDPR.

[26] Artikolu 49 tal-GDPR.

[27] Deċiżjoni tal-Kummissjoni tas-26 ta' Lulju 2000 skond id-Direttiva 95/46/EC tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-adegwatezza tal-protezzjoni pprovduta mill-prinċipji ta' privatezza ta' port salv u li tirrigwarda mistoqsijiet li jsiru ta' spiss maħruġa mid-Dipartiment tal-Kummerċ tal-USA (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 16, Vol. 1, p. 119).

domanda preliminari magħmula mill-Ard-Chúirt (il-Qorti Għolja, l-Irlanda), kienet iddeċidiet li din id-deċiżjoni kienet invalida (iktar 'il quddiem is-"sentenza Schrems I") [28].

Wara s-sentenza Schrems I u l-annullament konsegwenti, mill-qorti Irlandiża, tad-deċiżjoni li ċaħdet l-ilment ta' M. Schrems, l-awtorità superviżorja Irlandiża stiednet lil dan tal-aħħar jifformula mill-ġdid l-ilment tiegħu fid-dawl tal-invalidazzjoni, mill-Qorti tal-Ġustizzja, tad-Deċiżjoni 2000/520. Fl-ilment ifformulat mill-ġdid tiegħu, M. Schrems sostna li l-Istati Uniti ma joffrux protezzjoni suffiċjenti tad-data ttrasferita lejn dan il-pajjiż. Huwa talab is-sospensjoni jew il-projbizzjoni, fil-futur, tat-trasferimenti tad-data personali tiegħu mill-Unjoni lejn l-Istati Uniti, li Facebook Ireland issa kienet twettaq fuq il-bażi tal-klawżoli standard ta' protezzjoni tad-data li jinsabu fl-Anness tad-Deċiżjoni 2010/87 [29]. Peress li qieset li t-trattament tal-ilment ta' M. Schrems kien jiddependi, b'mod partikolari, mill-validità tad-Deċiżjoni 2010/87, l-awtorità superviżorja Irlandiża fetħet proċedura quddiem l-Ard-Chúirt (il-Qorti Għolja) bil-għan li din tagħmel talba għal deċiżjoni preliminari lill-Qorti tal-Ġustizzja. Wara l-ftuħ ta' din il-proċedura, il-Kummissjoni adottat id-Deċiżjoni 2016/1250 dwar l-adegwatezza tal-protezzjoni pprovduta mill-Ħarsien tal-Privatezza UE-Stati Uniti [30] (magħrufa bħala d-"deċiżjoni dwar il-Ħarsien tal-Privatezza").

Permezz tat-talba għal deċiżjoni preliminari tagħha, il-qorti tar-rinviju staqsiet lill-Qorti tal-Ġustizzja dwar l-applikabbiltà tal-GDPR għat-trasferimenti ta' data personali bbażati fuq il-klawżoli standard ta' protezzjoni tad-data li jinsabu fid-Deċiżjoni 2010/87, dwar il-livell ta' protezzjoni meħtieġ minn dan ir-regolament fil-kuntest ta' tali trasferiment, u dwar l-obbligi tal-awtoritajiet superviżorji f'dan il-kuntest. Barra minn hekk, l-Ard-Chúirt (il-Qorti Għolja) qajmet il-kwistjoni tal-validità kemm tad-Deċiżjoni 2010/87, kif ukoll tad-Deċiżjoni 2016/1250.

Permezz tas-sentenza tagħha ta' din il-ġurnata, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonstatat li l-eżami tad-Deċiżjoni 2010/87 fid-dawl tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali ma wera ebda element ta' natura li jaffettwa l-validità tagħha. Għall-kuntrarju, hija ddikjarat li d-Deċiżjoni 2016/1250 kienet invalida.

Il-Qorti tal-Ġustizzja qieset, l-ewwel nett, li d-dritt tal-Unjoni, u b'mod partikolari l-GDPR, japplika għal trasferiment ta' data personali mwettaq għal finijiet kummerċjali minn operatur ekonomiku stabbilit fi Stat Membru lejn operatur ekonomiku ieħor stabbilit f'pajjiż terz, anki jekk, matul jew wara dan it-trasferiment, din id-data tista' tiġi pproċessata għal finijiet ta' sigurtà pubblika, ta' difiża u ta' sigurtà tal-Istat mill-awtoritajiet tal-pajjiż terz ikkonċernat. Hija speċifikat li dan it-tip ta' pproċessar ta' data

---

[28] Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tas-6 ta' Ottubru 2015, Schrems (C-362/14, EU:C:2015:650).

[29] Deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-5 ta' Frar 2010 dwar klawżoli kuntrattwali standard għat-trasferiment ta' dejta personali għall-proċessuri stabbiliti f'pajjiżi terzi, taħt id-Direttiva 95/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsil (ĠU 2010, L 39, p. 5), kif emendata bid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/2297 tas-16 ta' Diċembru 2016 (ĠU 2016, L 344, p. 100).

[30] Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/1250 tat-12 ta' Lulju 2016 skont id-Direttiva Nru 95/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-adegwatezza tal-protezzjoni pprovduta mill-Ħarsien tal-Privatezza UE-U.S (ĠU 2016, L 207, p. 1).

mill-awtoritajiet ta' pajjiż terz ma jistax jeskludi tali trasferiment mill-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament.

Fir-rigward tal-livell ta' protezzjoni meħtieġ fil-kuntest ta' tali trasferiment, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li r-rekwiżiti previsti għal dan il-għan mid-dispożizzjonijiet tal-GDPR, li jikkonċernaw salvagwardji xierqa, drittijiet infurzabbli u rimedji legali effettivi, għandhom jiġu interpretati fis-sens li l-persuni li d-data personali tagħhom tiġi ttrasferita lejn pajjiż terz fuq il-bażi ta' klawżoli standard ta' protezzjoni tad-data, għandhom jibbenefikaw minn livell ta' protezzjoni sostanzjalment ekwivalenti għal dak iggarantit fi ħdan l-Unjoni minn dan ir-regolament, moqri fid-dawl tal-Karta.

F'dan il-kuntest, hija speċifikat li l-evalwazzjoni ta' dan il-livell ta' protezzjoni għandha tieħu inkunsiderazzjoni kemm l-istipulazzjonijiet kuntrattwali miftiehma bejn l-esportatur tad-data stabbilit fl-Unjoni u d-destinatarju tat-trasferiment stabbilit fil-pajjiż terz ikkonċernat, kif ukoll fir-rigward ta' eventwali aċċess mill-awtoritajiet pubbliċi ta' dan il-pajjiż terz għad-data hekk ittrasferita, l-elementi rilevanti tas-sistema legali tiegħu.

Fir-rigward tal-obbligi li għandhom l-awtoritajiet superviżorji fil-kuntest ta' tali trasferiment, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li, sakemm ma jkunx hemm deċiżjoni ta' adegwatezza adottata b'mod validu mill-Kummissjoni, dawn l-awtoritajiet huma b'mod partikolari obbligati jissospendu jew jipprojbixxu trasferiment ta' data personali lejn pajjiż terz meta jqisu, fid-dawl taċ-ċirkustanzi speċifiċi kollha ta' dan it-trasferiment, li dawn il-klawżoli standard ta' protezzjoni tad-data ma jkunux jew ma jkunux jistgħu jiġu osservati f'dan il-pajjiż terz u li l-protezzjoni tad-data ttrasferita, meħtieġa mid-dritt tal-Unjoni, ma tkunx tista' tiġi żgurata b'mezzi oħra, sakemm l-esportatur stabbilit fl-Unjoni ma jkunx issospenda jew temm tali trasferiment huwa stess.

Il-Qorti tal-Ġustizzja eżaminat imbagħad il-validità tad-Deċiżjoni 2010/87. Skont il-Qorti tal-Ġustizzja, il-validità ta' din id-deċiżjoni ma titqiegħedx inkwistjoni mis-sempliċi fatt li l-klawżoli standard ta' protezzjoni tad-data li jinsabu fiha ma kinux jorbtu, minħabba n-natura kuntrattwali tagħhom, lill-awtoritajiet tal-pajjiż terz li lejh jista' jitwettaq trasferiment ta' data. Għall-kuntrarju, hija speċifikat li din il-validità tiddependi mill-kwistjoni ta' jekk l-imsemmija deċiżjoni tinkludix mekkaniżmi effettivi li jippermettu, fil-prattika, li jiġi żgurat li l-livell ta' protezzjoni meħtieġ mid-dritt tal-Unjoni jiġi osservat u li t-trasferimenti ta' data personali, ibbażati fuq tali klawżoli, jiġu sospiżi jew ipprojbiti fil-każ ta' ksur ta' dawn il-klawżoli jew fil-każ li jkun impossibbli li jiġu osservati. Il-Qorti tal-Ġustizzja kkonstatat li d-Deċiżjoni 2010/87 tipprevedi tali mekkaniżmi. F'dan ir-rigward, hija enfasizzat, b'mod partikolari, li din id-deċiżjoni tistabbilixxi obbligu għall-esportatur tad-data u għad-destinatarju tat-trasferiment li jivverifikaw, minn qabel, li dan il-livell ta' protezzjoni jiġi osservat fil-pajjiż terz ikkonċernat u li din id-deċiżjoni tobbliga lil dan id-destinatarju jinforma lill-esportatur tad-data dwar l-eventwali inkapaċità tiegħu li jikkonforma ruħu mal-klawżoli standard ta' protezzjoni, f'liema każ dan tal-aħħar ikollu jissospendi t-trasferiment ta' data u/jew ixolji l-kuntratt konkluż ma' dak tal-ewwel.

Fl-aħħar nett, il-Qorti tal-Ġustizzja għaddiet sabiex teżamina l-validità tad-Deċiżjoni 2016/1250 fid-dawl tar-rekwiżiti li jirriżultaw mill-GDPR, moqri fid-dawl tad-dispożizzjonijiet tal-Karta li jiggarantixxu r-rispett tal-ħajja privata u tal-familja, il-protezzjoni tad-data personali u d-dritt għal protezzjoni ġudizzjarja effettiva. F'dan id-dawl, il-Qorti tal-Ġustizzja rrilevat li din id-deċiżjoni tirrikonoxxi, bħad-Deċiżjoni 2000/520, is-supremazija tar-rekwiżiti marbuta mas-sigurtà nazzjonali, mal-interess pubbliku u mal-osservanza tal-leġiżlazzjoni Amerikana, b'tali mod li tippermetti ndħil fid-drittijiet fundamentali tal-persuni li d-data tagħhom tiġi ttrasferita lejn dan il-pajjiż terz. Skont il-Qorti tal-Ġustizzja, il-limitazzjonijiet tal-protezzjoni tad-data personali li kienu joħorġu mil-leġiżlazzjoni interna tal-Istati Uniti dwar l-aċċess u l-użu, mill-awtoritajiet pubbliċi Amerikani, ta' tali data ttrasferita mill-Unjoni lejn dan il-pajjiż terz, u li l-Kummissjoni evalwat fid-Deċiżjoni 2016/1250, ma kinux iddefiniti b'mod li jissodisfa rekwiżiti sostanzjalment ekwivalenti għal dawk meħtieġa, fid-dritt tal-Unjoni, mill-prinċipju ta' proporzjonalità, sa fejn il-programmi ta' sorveljanza bbażati fuq din il-leġiżlazzjoni ma jkunux limitati għal dak li jkun strettament neċessarju. Filwaqt li bbażat ruħha fuq il-konstatazzjonijiet magħmula f'din id-deċiżjoni, il-Qorti tal-Ġustizzja rrilevat li, fil-każ ta' ċerti programmi ta' sorveljanza, l-imsemmija leġiżlazzjoni bl-ebda mod ma kienet tindika l-eżistenza ta' limitazzjonijiet għall-awtorizzazzjoni mogħtija minnha għall-implimentazzjoni ta' dawn il-programmi, u lanqas ma kienet tindika l-eżistenza ta' salvagwardji għall-persuni mhux Amerikani potenzjalment ikkonċernati. Il-Qorti tal-Ġustizzja żiedet li, għalkemm l-imsemmija leġiżlazzjoni kienet tipprevedi rekwiżiti li l-awtoritajiet Amerikani kellhom josservaw, fil-kuntest tal-implimentazzjoni tal-programmi ta' sorveljanza kkonċernati, hija ma kinitx tagħti lis-suġġetti tad-data drittijiet infurzabbli fil-konfront tal-awtoritajiet Amerikani quddiem il-qrati.

Fir-rigward tar-rekwiżit ta' protezzjoni ġudizzjarja, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li, għall-kuntrarju ta' dak li qieset il-Kummissjoni fid-Deċiżjoni 2016/1250, il-mekkaniżmu ta' Ombudsman previst f'din id-deċiżjoni makienx jagħti lil dawn il-persuni rimedju quddiem korp li joffri salvagwardji sostanzjalment ekwivalenti għal dawk meħtieġa fid-dritt tal-Unjoni, ta' natura li jiżguraw kemm l-indipendenza tal-Ombudsman previst minn dan il-mekkaniżmu, kif ukoll l-eżistenza ta' normi li jawtorizzaw lill-imsemmi Ombudsman jadotta deċiżjonijiet vinkolanti fir-rigward tas-servizzi tal-intelligence Amerikani. Għal dawn ir-raġunijiet kollha, il-Qorti tal-Ġustizzja ddikjarat id-Deċiżjoni 2016/1250 invalida.

***Sentenza tat-2 ta' Marzu 2021 (Awla Manja), Prokuratuur (Kundizzjonijiet ta' aċċess għad-data dwar il-komunikazzjonijiet elettroniċi) (C-746/18, EU:C:2021:152)***

Tressqu proċeduri kriminali fl-Estonja kontra H. K. fuq akkużi ta' serq, ta' użu tal-karta bankarja ta' terz u ta' vjolenza fir-rigward ta' persuni li kienu parti fi proċeduri ġudizzjarji. H. K. ġiet ikkundannata għal dawn ir-reati minn qorti tal-ewwel istanza għal piena ta' priġunerija ta' sentejn. Din id-deċiżjoni ġiet sussegwentement ikkonfermata fl-appell.

Il-proċessi verbali li fuqhom kienet ibbażata l-konstatazzjoni ta' dawn ir-reati kienu ġew ippreparati, b'mod partikolari, abbażi ta' data ta' natura personali ġġenerata fil-kuntest

tal-provvista ta' servizzi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi. Ir-Riigikohus (il-Qorti Suprema, l-Estonja), li quddiemha kien ġie ppreżentat appell ta' kassazzjoni minn H. K., esprimiet dubji dwar il-kompatibbiltà mad-dritt tal-Unjoni [31] tal-kundizzjonijiet li fuq il-bażi tagħhom is-servizzi ta' investigazzjoni kellhom aċċess għal din id-data.

Dawn id-dubji kienu jikkonċernaw, fl-ewwel lok, il-kwistjoni dwar jekk it-tul tal-perijodu li fih is-servizzi ta' investigazzjoni kellhom aċċess għad-data kienx jikkostitwixxi kriterju li jippermetti li tiġi evalwata l-gravità tal-indħil li kien jikkostitwixxi dan l-aċċess fil-konfront tad-drittijiet fundamentali tal-persuni kkonċernati. Għalhekk, fil-każ li l-imsemmi perijodu jkun qasir ħafna jew meta l-kwantità tad-data miġbura tkun limitata ħafna, il-qorti tar-rinviju kellha dubju jekk l-għan tal-ġlieda kontra l-kriminalità b'mod ġenerali, u mhux biss tal-ġlieda kontra l-kriminalità serja, setax jiġġustifika tali ndħil. Fit-tieni lok, il-qorti tar-rinviju kellha dubji dwar il-possibbiltà li l-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Estonjan jitqies, fid-dawl tal-kompiti differenti fdati lilu mil-leġiżlazzjoni nazzjonali, bħala awtorità amministrattiva "indipendenti" fis-sens tas-sentenza Tele2 Sverige u Watson *et* [32], li kienet tippermetti l-aċċess tal-awtorità inkarigata mill-investigazzjoni għad-data kkonċernata.

Permezz tas-sentenza tagħha, mogħtija mill-Awla Manja, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li d-Direttiva dwar il-privatezza u l-komunikazzjoni elettronika, moqrija fid-dawl tal-Karta, tipprekludi leġiżlazzjoni nazzjonali li tippermetti l-aċċess mill-awtoritajiet pubbliċi għal data dwar it-traffiku jew għal data dwar il-lokalizzazzjoni, li tista' tipprovdi informazzjoni dwar il-komunikazzjonijiet imwettqa minn utent ta' mezz ta' komunikazzjoni elettronika jew dwar il-lokalizzazzjoni tat-tagħmir terminali li huwa juża u li tippermetti li jinsiltu konklużjonijiet preċiżi dwar il-ħajja privata tiegħu, għal finijiet ta' prevenzjoni, ta' investigazzjoni, ta' skoperta u ta' prosekuzzjoni ta' reati kriminali, mingħajr ma dan l-aċċess ikun limitat għal proċeduri intiżi għall-ġlieda kontra l-kriminalità serja jew għall-prevenzjoni ta' theddid serju kontra s-sigurtà pubblika. Skont il-Qorti tal-Ġustizzja, it-tul tal-perijodu li għalih jintalab l-aċċess għal din id-data u l-kwantità jew in-natura tad-data disponibbli għal tali perijodu ma għandhomx effett f'dan ir-rigward. Barra minn hekk, il-Qorti tal-Ġustizzja qieset li din l-istess direttiva, moqrija fid-dawl tal-Karta, tipprekludi leġiżlazzjoni nazzjonali li tagħti kompetenza lill-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku sabiex jawtorizza l-aċċess ta' awtorità pubblika għad-data dwar it-traffiku u għad-data dwar il-lokalizzazzjoni sabiex twettaq investigazzjoni kriminali.

Fir-rigward tal-kundizzjonijiet li fihom l-aċċess għad-data dwar it-traffiku u għad-data dwar il-lokalizzazzjoni miżmuma mill-fornituri ta' servizzi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi jista', għall-finijiet ta' prevenzjoni, ta' investigazzjoni, ta' skoperta u ta'

[31] Iktar preċiżament, mal-Artikolu 15(1) tad-Direttiva 2002/58/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Lulju 2002 dwar l-ipproċessar tad-data personali u l-protezzjoni tal-privatezza fis-settur tal-komunikazzjoni elettronika (Direttiva dwar il-privatezza u l-komunikazzjoni elettronika) (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 13, Vol. 29, p. 514), kif emendata bid-Direttiva 2009/136/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2009 (ĠU 2009, L 337, p. 11, rettifika fil-ĠU 2013, L 241 p. 9) (iktar 'il quddiem id-"Direttiva dwar il-privatezza u l-komunikazzjoni elettronika"), moqri fid-dawl tal-Artikoli 7, 8 u 11 kif ukoll tal-Artikolu 52(1) tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea (iktar 'il quddiem il-"Karta").

[32] Sentenza tal-21 ta' Diċembru 2016, Tele2 Sverige u Watson *et* (C-203/15 u C-698/15, EU:C:2016:970, punt 120).

prosekuzzjoni ta' reati kriminali, jingħata lil awtoritajiet pubbliċi, b'applikazzjoni ta' miżura meħuda skont id-Direttiva dwar il-privatezza u l-komunikazzjoni elettronika [33], il-Qorti tal-Ġustizzja fakkret dak li kienet iddeċidiet fis-sentenza tagħha La Quadrature du Net *et* [34]. Għalhekk, din id-direttiva tawtorizza lill-Istati Membri jadottaw, fost oħrajn għal dawn il-finijiet, miżuri leġiżlattivi intiżi li jillimitaw il-portata tad-drittijiet u tal-obbligi previsti minn din id-direttiva, b'mod partikolari l-obbligu li tiġi ggarantita l-kunfidenzjalità tal-komunikazzjonijiet u tad-data dwar it-traffiku [35], iżda dan biss b'osservanza tal-prinċipji ġenerali tad-dritt tal-Unjoni, fosthom il-prinċipju ta' proporzjonalità, u b'rispett tad-drittijiet fundamentali ggarantiti mill-Karta [36]. Għaldaqstant, id-Direttiva tipprekludi miżuri leġiżlattivi li jimponu fuq il-fornituri ta' servizzi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi, b'mod preventiv, żamma ġġeneralizzata u mingħajr distinzjoni tad-data dwar it-traffiku u tad-data dwar il-lokalizzazzjoni.

Fir-rigward tal-għan ta' prevenzjoni, ta' investigazzjoni, ta' skoperta u ta' prosekuzzjoni ta' reati kriminali, imfittex mil-leġiżlazzjoni inkwistjoni, konformement mal-prinċipju ta' proporzjonalità, il-Qorti tal-Ġustizzja qieset li huma biss l-għanijiet tal-ġlieda kontra l-kriminalità serja jew ta' prevenzjoni ta' theddid serju għas-sigurtà pubblika li huma ta' natura li jiġġustifikaw l-aċċess mill-awtoritajiet pubbliċi għal sett ta' data dwar it-traffiku jew ta' data dwar il-lokalizzazzjoni, li jista' jippermetti li jinsiltu konklużjonijiet preċiżi dwar il-ħajja privata tal-persuni kkonċernati, mingħajr ma fatturi oħra li jirrigwardaw il-proporzjonalità ta' talba għal aċċess, bħat-tul tal-perijodu li fir-rigward tiegħu jintalab l-aċċess għal tali data, jista' jkollhom l-effett li l-għan ta' prevenzjoni, ta' investigazzjoni, ta' skoperta u ta' prosekuzzjoni ta' reati kriminali b'mod ġenerali jkun jista' jiġġustifika tali aċċess.

Fir-rigward tal-kompetenza mogħtija lill-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku sabiex jawtorizza l-aċċess ta' awtorità pubblika għad-data dwar it-traffiku u għad-data dwar il-lokalizzazzjoni sabiex imexxi investigazzjoni kriminali, il-Qorti tal-Ġustizzja fakkret li huwa d-dritt nazzjonali li għandu jiddetermina l-kundizzjonijiet li fihom il-fornituri ta' servizzi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi jkollhom jagħtu lill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti l-aċċess għad-data li huma jkollhom. Madankollu, sabiex tissodisfa r-rekwiżit ta' proporzjonalità, tali leġiżlazzjoni għandha tipprevedi regoli ċari u preċiżi li jirregolaw il-portata u l-applikazzjoni tal-miżura inkwistjoni u li jimponu rekwiżiti minimi, b'tali mod li l-persuni, li d-data tagħhom tkun ikkonċernata, ikollhom garanziji suffiċjenti li jippermettu li din id-data tiġi protetta b'mod effettiv kontra r-riskji ta' abbuż. Din il-leġiżlazzjoni għandha tkun legalment vinkolanti fid-dritt intern u għandha tindika f'liema ċirkustanzi u taħt liema kundizzjonijiet materjali u proċedurali tista' tittieħed miżura li tipprevedi l-ipproċessar ta' tali data, u b'hekk jiġi ggarantit li l-indħil ikun limitat għal dak li huwa strettament neċessarju.

---

[33] Artikolu 15(1) tad-Direttiva 2002/58.
[34] Sentenza tas-6 ta' Ottubru 2020, La Quadrature du Net *et* (C-511/18, C-512/18 u C-520/18, EU:C:2020:791, punti 166 sa 169).
[35] Artikolu 5(1) tad-Direttiva 2002/58.
[36] B'mod partikolari, l-Artikoli 7, 8 u 11 kif ukoll l-Artikolu 52(1) tal-Karta.

Skont il-Qorti tal-Ġustizzja, sabiex tiġi ggarantita, fil-prattika, l-osservanza sħiħa ta' dawn il-kundizzjonijiet, huwa essenzjali li l-aċċess mill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti għad-data miżmuma jkun suġġett għal stħarriġ minn qabel imwettaq jew minn qorti, jew minn entità amministrattiva indipendenti, u li d-deċiżjoni ta' din il-qorti jew ta' din l-entità tingħata fuq talba motivata minn dawn l-awtoritajiet imressqa, b'mod partikolari, fil-kuntest ta' proċeduri ta' prevenzjoni, ta' skoperta jew ta' prosekuzzjoni kriminali. Fil-każ ta' urġenza debitament iġġustifikata, l-istħarriġ għandu jsir fl-iqsar żmien possibbli.

F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja ppreċiżat li l-istħarriġ minn qabel jeħtieġ, fost oħrajn, li l-qorti jew l-entità inkarigata li twettaq dan l-istħarriġ ikollha s-setgħat kollha neċessarji u tippreżenta l-garanziji kollha neċessarji sabiex tiżgura konċiljazzjoni tad-diversi interessi u drittijiet inkwistjoni. Fir-rigward b'mod iktar partikolari ta' investigazzjoni kriminali, tali stħarriġ jeżiġi li din il-qorti jew din l-entità tkun f'pożizzjoni li tiżgura bilanċ ġust bejn, minn naħa, l-interessi marbuta mal-bżonnijiet tal-investigazzjoni fil-kuntest tal-ġlieda kontra l-kriminalità u, min-naħa l-oħra, id-drittijiet fundamentali għar-rispett tal-ħajja privata u għall-protezzjoni tad-data personali tal-persuni li d-data tagħhom tkun ikkonċernata mill-aċċess. Meta dan l-istħarriġ ma jitwettaqx minn qorti iżda minn entità amministrattiva indipendenti, din għandha tgawdi minn status li jippermettilha taġixxi, fl-eżerċizzju tal-funzjonijiet tagħha, b'mod oġġettiv u imparzjali u għandha tkun, għal dan il-għan, ħielsa minn kull influwenza esterna.

Minn dan isegwi, skont il-Qorti tal-Ġustizzja, li r-rekwiżit ta' indipendenza li għandha tissodisfa l-awtorità inkarigata li teżerċita l-istħarriġ minn qabel jeħtieġ li din l-awtorità jkollha l-kwalità ta' terz fir-rigward ta' dik li titlob l-aċċess għad-data, b'tali mod li tal-ewwel tkun f'pożizzjoni li teżerċita dan l-istħarriġ b'mod oġġettiv u imparzjali li jħalliha ħielsa minn kull influwenza esterna. B'mod partikolari, fil-qasam kriminali, ir-rekwiżit ta' indipendenza jimplika li l-awtorità inkarigata minn dan l-istħarriġ minn qabel, minn naħa, ma tkunx involuta fit-tmexxija tal-investigazzjoni kriminali inkwistjoni u, min-naħa l-oħra, ikollha pożizzjoni ta' newtralità fil-konfront tal-partijiet fil-proċedura kriminali. Issa, dan ma huwiex il-każ ta' uffiċċju tal-prosekutur pubbliku li, bħalma kien il-każ tal-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Estonjan, imexxi l-proċedura ta' investigazzjoni u jeżerċita, jekk ikun il-każ, l-azzjoni pubblika. Minn dan isegwi li tali uffiċċju tal-prosekutur pubbliku ma huwiex f'pożizzjoni li jwettaq l-istħarriġ minn qabel imsemmi iktar 'il fuq.

***Sentenzi tas-6 ta' Ottubru 2020, (Awla Manja), Privacy International (C-623/17, EU:C:2020:790) u La Quadrature du Net et (C-511/18, C-512/18 u C-520/18, EU:C:2020:791)***

F'dawn l-aħħar snin, il-Qorti tal-Ġustizzja tat deċiżjoni, f'diversi sentenzi, dwar iż-żamma u l-aċċess għad-data personali fil-qasam tal-komunikazzjonijiet elettroniċi [37]. Il-

[37] B'hekk, fis-sentenza tat-8 ta' April 2014, Digital Rights Ireland *et* (C-293/12 u C-594/12, *EU:C:2014:238*), il-Qorti tal-Ġustizzja ddikjarat invalida d-Direttiva 2006/24/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Marzu 2006 dwar iż-żamma ta' data ġenerata jew proċessata b'konnessjoni mal-provvista ta' servizzi pubblikament disponibbli ta' komunikazzjoni elettronika jew ta' networks ta' komunikazzjoni pubblika u li temenda d-Direttiva 2002/58/KE (ĠU 2006, L 105, p. 54) għaliex l-indħil fid-drittijiet għar-rispett għall-ħajja privata u għall-protezzjoni tad-data personali, irrikonoxxuti mill-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea (iktar 'il quddiem il-"Karta"), li kien jinvolvi l-obbligu

ġurisprudenza li toħroġ minn dawn is-sentenzi, b'mod partikolari s-sentenza Tele2 Sverige u Watson *et*, li fiha hija qieset b'mod partikolari li l-Istati Membri ma jistgħux jimponu fuq il-fornituri ta' servizzi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi obbligu ġġeneralizzat u mingħajr distinzjoni ta' żamma ta' data dwar it-traffiku u dwar il-lokalizzazzjoni, qajmet tħassib fi ħdan ċerti Stati, li beżgħu li kienu ġew imċaħħda minn strument li huma kienu jqisu neċessarju għas-salvagwardja tas-sigurtà nazzjonali u tal-ġlieda kontra l-kriminalità.

Kien f'dan l-isfond li l-Investigatory Powers Tribunal (it-Tribunal Responsabbli għas-Setgħat ta' Investigazzjoni, ir-Renju Unit) (Privacy International, C-623/17), il-Conseil d'État (il-Kunsill tal-Istat, Franza) (La Quadrature du Net *et*, Kawżi magħquda C-511/18 u C-512/18) kif ukoll il-Cour constitutionnelle (il-Qorti Kostituzzjonali, il-Belġju) (Ordre des barreaux francophones et germanophone *et*, C-520/18) ġew aditi b'kawżi li jikkonċernaw il-legalità tal-liġijiet adottati minn ċerti Stati Membri f'dawn l-oqsma, li kienu jipprevedu b'mod partikolari obbligu għall-fornituri ta' servizzi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi li jibagħtu lil awtorità pubblika jew li jżommu b'mod iġġeneralizzat jew mingħajr distinzjoni d-data tal-utenti dwar it-traffiku u dwar il-lokalizzazzjoni.

Permezz ta' żewġ sentenzi mogħtija fis-6 ta' Ottubru 2020, il-Qorti tal-Ġustizzja, bl-Awla Manja bħala l-kulleġġ ġudikanti, l-ewwel nett iddeċidiet li d-Direttiva dwar il-privatezza u l-komunikazzjoni elettronika tapplika għal leġiżlazzjonijiet nazzjonali li jimponu fuq il-fornituri ta' servizzi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi l-obbligu li jipproċedu, għall-finijiet tas-salvagwardja tas-sigurtà nazzjonali u tal-ġlieda kontra l-kriminalità, bi pproċessar ta' data personali, bħat-trażmissjoni tagħha lil awtoritajiet pubbliċi jew iż-żamma tagħha. Barra minn hekk, filwaqt li kkonfermat il-ġurisprudenza tagħha li toħroġ mis-sentenza Tele2 Sverige u Watson *et*, dwar in-natura sproporzjonata ta' żamma ġġeneralizzata u mingħajr distinzjoni ta' data dwar it-traffiku u dwar il-lokalizzazzjoni, il-Qorti tal-Ġustizzja tat spjegazzjonijiet, b'mod partikolari, dwar il-portata tas-setgħat li din id-direttiva tirrikonoxxi lill-Istati Membri fil-qasam taż-żamma ta' tali data għall-finijiet iċċitati iktar 'il fuq.

Qabelxejn, il-Qorti tal-Ġustizzja ħadet ħsieb twarrab id-dubji dwar l-applikabbiltà tad-Direttiva dwar il-privatezza u l-komunikazzjoni elettronika mqajma fil-kuntest ta' dawn id-diversi kawżi. Fil-fatt, diversi Stati Membri li ppreżentaw osservazzjonijiet bil-miktub lill-Qorti tal-Ġustizzja esprimew opinjoni diverġenti f'dan ir-rigward. Huma sostnew, b'mod partikolari, li din id-direttiva ma kinitx intiża li tapplika għal-liġijiet nazzjonali inkwistjoni, sa fejn l-għan ta' dawn tal-aħħar kien is-salvagwardja tas-sigurtà nazzjonali, li taqa' fil-kompetenza esklużiva tal-Istati Membri, kif jirriżulta b'mod partikolari mit-tielet

ġenerali ta' żamma ta' data dwar it-traffiku u l-lokalizzazzjoni prevista minn din id-direttiva, ma kienx limitat għal dak li kien strettament neċessarju. Fis-sentenza tal-21 ta' Diċembru 2016, Tele2 Sverige u Watson *et* (C-203/15 u C-698/15, EU:C:2016:970), il-Qorti tal-Ġustizzja sussegwentement interpretat l-Artikolu 15(1) tad-Direttiva 2002/58/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Lulju 2002 dwar l-ipproċessar tad-data personali u l-protezzjoni tal-privatezza fis-settur tal-komunikazzjoni elettronika (Direttiva dwar il-privatezza u l-komunikazzjoni elettronika) (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 13, Vol. 29, p. 514), kif emendata bid-Direttiva 2009/136/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2009 (ĠU 2009, L 337, p. 11, rettifika fil-ĠU 2013, L 241, p. 9) (iktar 'il quddiem id-"Direttiva dwar il-privatezza u l-komunikazzjoni elettronika"). Dan l-artikolu jawtorizza lill-Istati Membri – għal raġunijiet ta' protezzjoni, fost oħrajn, tas-sigurtà nazzjonali – sabiex jadottaw "miżuri leġislativi" biex jillimitaw il-portata ta' ċerti drittijiet u obbligi previsti mid-direttiva. Fl-aħħar nett, fis-sentenza tat-2 ta' Ottubru 2018, Ministerio Fiscal (C-207/16, EU:C:2018:788), il-Qorti tal-Ġustizzja interpretat dan l-istess Artikolu 15(1) f'kawża li kienet tirrigwarda l-aċċess tal-awtoritajiet pubbliċi għad-data privata dwar l-identità ċivili tal-utenti permezz ta' komunikazzjonijiet elettroniċi.

sentenza tal-Artikolu 4(2) TUE. Madankollu, il-Qorti tal-Ġustizzja qieset li liġijiet nazzjonali li jimponu fuq il-fornituri ta' servizzi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi l-obbligu ta' żamma ta' data dwar it-traffiku u dwar il-lokalizzazzjoni jew inkella li jibagħtu din id-data lill-awtoritajiet nazzjonali ta' sigurtà u ta' intelligence għal dan il-għan jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tad-direttiva.

Sussegwentement, il-Qorti tal-Ġustizzja fakkret li d-Direttiva dwar il-privatezza u l-komunikazzjoni elettronika [38] ma tippermettix li d-deroga għall-obbligu fuq livell ta' prinċipju li tiġi żgurata l-kunfidenzjalità tal-komunikazzjonijiet elettroniċi u tad-data relatata magħhom u għall-projbizzjoni ta' ħażna ta' din id-data ssir ir-regola. Dan jimplika li din id-direttiva ma tawtorizzax lill-Istati Membri jadottaw, fost oħrajn għal finijiet ta' sigurtà nazzjonali, miżuri leġiżlattivi intiżi li tiġi llimitata l-portata tad-drittijiet u tal-obbligi previsti minn din id-direttiva, b'mod partikolari l-obbligu li tiġi żgurata l-kunfidenzjalità tal-komunikazzjonijiet u tad-data dwar it-traffiku [39], jekk mhux b'osservanza tal-prinċipji ġenerali tad-dritt tal-Unjoni, fosthom il-prinċipju ta' proporzjonalità, u b'rispett tad-drittijiet fundamentali ggarantiti mill-Karta [40].

F'dan il-kuntest, il-Qorti tal-Ġustizzja qieset, minn naħa, fil-kawża Privacy International, li d-Direttiva dwar il-ħajja privata u komunikazzjonijiet elettroniċi, moqrija fid-dawl tal-Karta, tipprekludi leġiżlazzjoni nazzjonali li timponi fuq il-fornituri ta' servizzi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi, bil-għan tas-salvagwardja tas-sigurtà nazzjonali, l-obbligu ta' trażmissjoni ġġeneralizzata u mingħajr distinzjoni lis-servizzi ta' sigurtà u ta' intelligence tad-data dwar it-traffiku u dwar il-lokalizzazzjoni. Min-naħa l-oħra, fil-kawżi magħquda La Quadrature du Net *et*, u fil-kawża Ordre des barreaux francophones et germanophone *et*, il-Qorti tal-Ġustizzja qieset li din l-istess direttiva tipprekludi miżuri leġiżlattivi li jimponu fuq il-fornituri ta' servizzi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi, b'mod preventiv, obbligu ta' żamma ġġeneralizzata u mingħajr distinzjoni ta' data dwar it-traffiku u dwar il-lokalizzazzjoni. Fil-fatt, dawn l-obbligi ta' trażmissjoni u ta' żamma ġġeneralizzata u mingħajr distinzjoni ta' tali data jikkostitwixxu ndħil partikolarment serju fid-drittijiet fundamentali ggarantiti mill-Karta, mingħajr ma l-aġir tal-persuni li d-data tagħhom tkun ikkonċernata jkun jippreżenta rabta mal-għan imfittex mil-leġiżlazzjoni inkwistjoni. B'mod analogu, il-Qorti tal-Ġustizzja interpretat l-Artikolu 23(1) tar-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data [41], moqri fid-dawl tal-Karta, fis-sens li jipprekludi leġiżlazzjoni nazzjonali li timponi fuq il-fornituri ta' aċċess għal servizzi ta' komunikazzjoni lill-pubbliku online u fuq il-fornituri ta' servizzi ta' hosting l-obbligu ta' żamma ġġeneralizzata u mingħajr distinzjoni, b'mod partikolari, ta' data personali relatata ma' dawn is-servizzi.

---

[38] Artikolu 15(1) u (3) tad-Direttiva 2002/58.

[39] Artikolu 5(1) tad-Direttiva 2002/58.

[40] B'mod partikolari, l-Artikoli 7, 8 u 11 kif ukoll l-Artikolu 52(1) tal-Karta.

[41] Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar id Direttiva 95/46/KE (Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data) (ĠU 2016, L 119, p. 1, rettifika fil-ĠU 2018, L 127, p. 2).

Għall-kuntrarju, il-Qorti tal-Ġustizzja qieset li, f'sitwazzjonijiet fejn l-Istat Membru kkonċernat jaffaċċa theddida serja għas-sigurtà nazzjonali li tirriżulta reali u attwali jew prevedibbli, id-Direttiva dwar il-ħajja privata u komunikazzjonijiet elettroniċi, moqrija fid-dawl tal-Karta, ma tipprekludix li l-fornituri ta' servizzi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi jiġu ordnati jżommu b'mod iġġeneralizzat u mingħajr distinzjoni data dwar it-traffiku u dwar il-lokalizzazzjoni. F'dan il-kuntest, il-Qorti tal-Ġustizzja ppreċiżat li d-deċiżjoni li tipprevedi din l-ordni, għal perijodu limitat *ratione temporis* għal dak li huwa strettament neċessarju, għandha tkun is-suġġett ta' stħarriġ effettiv, jew minn qorti, jew minn entità amministrattiva indipendenti, li jagħtu deċiżjoni vinkolanti, bil-għan li tiġi vverifikata l-eżistenza ta' waħda minn dawn is-sitwazzjonijiet u l-osservanza tal-kundizzjonijiet u tal-garanziji previsti. Fl-istess ċirkustanzi, l-imsemmija direttiva lanqas ma tippreklidi l-analiżi awtomatizzata ta' data, b'mod partikolari dik dwar it-traffiku u dwar il-lokalizzazzjoni, tal-utenti kollha ta' mezzi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi.

Il-Qorti tal-Ġustizzja żiedet li d-Direttiva dwar il-ħajja privata u komunikazzjonijiet elettroniċi, moqrija fid-dawl tal-Karta, ma tipprekludix miżuri leġiżlattivi li jippermettu l-użu ta' żamma mmirata, limitata *ratione temporis* għal dak li huwa strettament neċessarju, ta' data dwar it-traffiku u dwar il-lokalizzazzjoni, li tkun iddefinita, abbażi ta' elementi oġġettivi u nondiskriminatorji, skont il-kategoriji ta' persuni kkonċernati jew permezz ta' kriterju ġeografiku. Bl-istess mod, din id-direttiva ma tipprekludix tali miżuri li jipprevedu żamma ġġeneralizzata u mingħajr distinzjoni ta' indirizzi IP assenjati lis-sors ta' komunikazzjoni, bil-kundizzjoni li l-perijodu ta' żamma jkun limitat għal dak li huwa strettament neċessarju, u lanqas ma tippreklidi dawk il-miżuri li jipprevedu tali żamma ta' data dwar l-identità ċivili tal-utenti ta' mezzi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi, mingħajr l-obbligu, f'dan l-aħħar każ, li l-Istati Membri jillimitaw iż-żamma *ratione temporis*. Barra minn hekk, l-imsemmija direttiva ma tipprekludix miżura leġiżlattiva li tippermetti l-użu ta' żamma rapida ta' data li jkollhom il-fornituri ta' servizzi meta jkun hemm sitwazzjonijiet li fihom ikun hemm il-bżonn li l-imsemmija data tinżamm lil hinn mit-termini legali ta' żamma ta' data għall-finijiet ta' tagħrif dwar reati kriminali serji jew ta' attentati għas-sigurtà nazzjonali, meta dawn ir-reati jew attentati jkunu diġà ġew ikkonstatati jew meta l-eżistenza tagħhom tista' raġonevolment tkun issuspettata.

Barra minn hekk, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li d-Direttiva dwar il-ħajja privata u komunikazzjonijiet elettroniċi, moqrija fid-dawl tal-Karta, ma tipprekludix leġiżlazzjoni nazzjonali li timponi fuq il-fornituri ta' servizzi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi l-obbligu li jipproċedu bil-ġbir f'ħin reali, b'mod partikolari, ta' data dwar it-traffiku u dwar il-lokalizzazzjoni, meta dan il-ġbir ikun limitat għall-persuni li fil-konfront tagħhom teżisti raġuni valida ta' suspett li jkunu involuti, b'mod jew ieħor, f'attivitajiet ta' terroriżmu u jkunu suġġett għal stħarriġ minn qabel, magħmul jew minn qorti, jew minn entità amministrattiva indipendenti, li jagħtu deċiżjoni vinkolanti, sabiex jiġi żgurat li tali ġbir f'ħin reali jkun awtorizzat biss fil-limitu ta' dak li jkun strettament neċessarju. Fil-każ ta' urġenza, l-istħarriġ għandu jsir fi żmien qasir.

Fl-aħħar nett, il-Qorti tal-Ġustizzja indirizzat il-kwistjoni taż-żamma *ratione temporis* tal-effetti ta' leġiżlazzjoni nazzjonali ddikjarata inkompatibbli mad-dritt tal-Unjoni. F'dan ir-rigward, hija ddeċidiet li qorti nazzjonali ma tistax tapplika dispożizzjoni tad-dritt nazzjonali tagħha li tawtorizzaha tillimita *ratione temporis* l-effetti ta' dikjarazzjoni ta' illegalità li hija għandha tagħmel, fir-rigward ta' leġiżlazzjoni nazzjonali li timponi fuq il-fornituri ta' servizzi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi l-obbligu ta' żamma ġġeneralizzata u mingħajr distinzjoni ta' data dwar it-traffiku u dwar il-lokalizzazzjoni, li tkun ġiet iddikjarata inkompatibbli mad-Direttiva dwar il-ħajja privata u komunikazzjonijiet elettroniċi, moqrija fid-dawl tal-Karta.

B'dan premess, sabiex tagħti risposta utli lill-qorti nazzjonali, il-Qorti tal-Ġustizzja fakkret li l-ammissibbiltà u l-evalwazzjoni ta' provi miksuba permezz taż-żamma ta' data bi ksur tad-dritt tal-Unjoni, fil-kuntest ta' proċedura kriminali miftuħa kontra persuni ssuspettati b'atti ta' kriminalità serja, jaqgħu, fl-istat attwali tad-dritt tal-Unjoni, taħt id-dritt nazzjonali biss. Madankollu, il-Qorti tal-Ġustizzja ppreċiżat li d-Direttiva dwar il-ħajja privata u komunikazzjonijiet elettroniċi, interpretata fid-dawl tal-prinċipju ta' effettività, tirrikjedi li l-qorti kriminali nazzjonali twarrab il-provi miksuba permezz ta' żamma ġġeneralizzata u mingħajr distinzjoni ta' data dwar it-traffiku u dwar il-lokalizzazzjoni inkompatibbli mad-dritt tal-Unjoni, fil-kuntest ta' tali proċedura kriminali, jekk il-persuni ssuspettati b'atti ta' kriminalità ma jkunux f'pożizzjoni li jieħdu pożizzjoni b'mod effettiv fuq dawn il-provi.

***Sentenza tal-5 ta' April 2022 (Awla Manja), Commissioner of An Garda Síochána et (C-140/20, EU:C:2022:258).***

F'din il-kawża, it-talba għal deċiżjoni preliminari tressqet mis-Supreme Court (il-Qorti Suprema, l-Irlanda) fil-kuntest ta' proċedura ċivili mibdija minn persuna kkundannata għal priġunerija għal għomorha għal qtil imwettaq fl-Irlanda. Din tal-aħħar ikkontestat il-kompatibbiltà mad-dritt tal-Unjoni ta' ċerti dispożizzjonijiet tal-liġi nazzjonali relatati maż-żamma ta' data ġġenerata fil-kuntest ta' komunikazzjonijiet elettroniċi [42]. Abbażi ta' din il-liġi [43], data dwar it-traffiku u data ta' lokalizzazzjoni relatata ma' sejħiet telefoniċi tal-persuna akkużata kienet inżammet mill-fornituri ta' servizzi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi u ngħata aċċess għaliha lill-awtoritajiet tal-pulizija. Id-dubji espressi mill-qorti tar-rinviju kienu jirrigwardaw b'mod partikolari l-kompatibbiltà mad-Direttiva dwar il-privatezza u l-komunikazzjoni elettronika [44], moqrija fid-dawl tal-Karta [45], ta' sistema ta' żamma ġġeneralizzata u mingħajr distinzjoni ta' din id-data, b'rabta mal-ġlieda kontra l-kriminalità serja.

[42] Communications (Retention of Data) Act 2011 (il-Liġi dwar il-Komunikazzjonijiet (Żamma ta' Data) tal-2011) Din il-Liġi tal-2011 ġiet adottata sabiex tittrasponi fl-ordinament ġuridiku Irlandiż id-Direttiva 2006/24/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Marzu 2006 dwar iż-żamma ta' data ġenerata jew proċessata b'konnessjoni mal-provvista ta' servizzi pubblikament disponibbli ta' komunikazzjoni elettronika jew ta' networks ta' komunikazzjoni pubblika u li temenda d-Direttiva 2002/58/KE (ĠU 2006, L 105, p. 54).

[43] Il-liġi tawtorizza, għal raġunijiet li jmorru lil hinn minn dak li huwa inerenti għall-protezzjoni tas-sigurtà nazzjonali, iż-żamma preventiva, iġġeneralizzata u mingħajr distinzjoni tad-data dwar it-traffiku u data dwar il-lokalizzazzjoni tal-abbonati kollha għal tul ta' sentejn.

[44] B'mod iktar preċiż, l-Artikolu 15(1) tad-Direttiva 2002/58.

[45] B'mod partikolari l-Artikoli 7, 8, 11 u 52(1) tal-Karta.

Permezz tas-sentenza tagħha, il-Qorti tal-Ġustizzja, bl-Awla Manja bħala l-kulleġġ ġudikanti, ikkonfermat il-ġurisprudenza li tirriżulta mis-sentenza La Quadrature du Net *et* u ppreċiżat il-portata tagħha, filwaqt li fakkret li ż-żamma ġġeneralizzata u mingħajr distinzjoni tad-data dwar it-traffiku u tad-data dwar il-lokalizzazzjoni marbuta mal-komunikazzjonijiet elettroniċi ma hijiex awtorizzata għall-finijiet tal-ġlieda kontra l-kriminalità serja u l-prevenzjoni ta' theddid serju kontra s-sigurtà pubblika. Hija kkonfermat ukoll il-ġurisprudenza li tirriżulta mis-sentenza Prokuratuur (Kundizzjonijiet ta' aċċess għad-data dwar il-komunikazzjonijiet elettroniċi) [46], b'mod partikolari fir-rigward tal-obbligu li l-aċċess mill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti għall-imsemmija data miżmuma jkun suġġett għal stħarriġ minn qabel imwettaq jew minn qorti jew minn entità amministrattiva indipendenti, fir-rigward ta' uffiċjal tal-pulizija.

Il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet, fl-ewwel lok, li d-Direttiva dwar il-privatezza u l-komunikazzjoni elettronika, moqrija fid-dawl tal-Karta, tipprekludi miżuri leġiżlattivi li jipprevedu, b'mod preventiv, għall-finijiet tal-ġlieda kontra l-kriminalità serja u l-prevenzjoni ta' theddid serju kontra s-sigurtà pubblika, żamma ġġeneralizzata u mingħajr distinzjoni tad-data dwar it-traffiku u tad-data dwar il-lokalizzazzjoni. Fil-fatt, fid-dawl, minn naħa, tal-effetti dissważivi fuq l-eżerċizzju tad-drittijiet fundamentali [47] li din iż-żamma tista' toħloq u, min-naħa l-oħra, tal-gravità tal-indħil li tinvolvi, tali żamma għandha tikkostitwixxi l-eċċezzjoni u mhux ir-regola għas-sistema stabbilita minn din id-direttiva, b'mod li din id-data ma tkunx tista' tkun is-suġġett ta' żamma sistematika u kontinwa.

Il-kriminalità, anki partikolarment serja, ma tistax tiġi assimilata ma' theddida għas-sigurtà nazzjonali, sa fejn tali assimilazzjoni tista' tintroduċi kategorija intermedja bejn is-sigurtà nazzjonali u s-sigurtà pubblika, għall-finijiet tal-applikazzjoni għat-tieni wieħed mir-rekwiżiti inerenti għall-ewwel waħda.

Għall-kuntrarju, id-Direttiva dwar il-privatezza u l-komunikazzjoni elettronika, moqrija fid-dawl tal-Karta, ma tipprekludix miżuri leġiżlattivi li jipprevedu, għall-finijiet tal-ġlieda kontra l-kriminalità serja u tal-prevenzjoni ta' theddid serju kontra s-sigurtà pubblika, żamma mmirata ta' data dwar it-traffiku u ta' data dwar il-lokalizzazzjoni li tkun limitata, abbażi ta' elementi oġġettivi u nondiskriminatorji, skont il-kategoriji ta' persuni kkonċernati jew permezz ta' kriterju ġeografiku, għal perijodu limitat *ratione temporis* għal dak li huwa strettament neċessarju, iżda li jista' jiġġedded. Hija żiedet li tali miżura ta' żamma li tirrigwarda postijiet jew infrastrutturi ffrekwentati regolarment minn numru għoli ferm ta' persuni jew postijiet strateġiċi, bħal ajruporti, stazzjonijiet tal-ferrovija, portijiet marittimi jew żoni ta' pedaġġi, tista' tippermetti lill-awtoritajiet kompetenti jiġbru informazzjoni dwar il-preżenza, f'dawn il-postijiet jew iż-żoni ġeografiċi, ta' persuni li jużaw mezz ta' komunikazzjoni elettronika hemmhekk u sabiex jaslu għal konklużjonijiet dwar il-preżenza u l-attività tagħhom fl-imsemmija postijiet jew żoni ġeografiċi għall-

---

46 Sentenza tat-2 ta' Marzu 2021, Prokuratuur (Kundizzjonijiet ta' aċċess għad-data dwar il-komunikazzjonijiet elettroniċi) (C-746/18, EU:C:2021:152).

47 Stabbiliti fl-Artikoli 7 sa 11 tal-Karta.

finijiet tal-ġlieda kontra l-kriminalità serja. Fi kwalunkwe każ, l-eżistenza eventwali ta' diffikultajiet sabiex jiġu ddefiniti preċiżament l-ipoteżijiet u l-kundizzjonijiet li fihom tista' ssir żamma mmirata ma tistax tiġġustifika li l-Istati Membri jipprevedu żamma ġġeneralizzata u mingħajr distinzjoni tad-data dwar it-traffiku u tad-data dwar il-lokalizzazzjoni.

Din id-direttiva, moqrija fid-dawl tal-Karta, lanqas ma tipprekludi miżuri leġiżlattivi li jipprevedu, għall-istess finijiet, żamma ġġeneralizzata u mingħajr distinzjoni tal-indirizzi IP assenjati lis-sors ta' konnessjoni, għal perijodu limitat *ratione temporis* għal dak li huwa strettament neċessarju, kif ukoll tad-data dwar l-identità ċivili tal-utenti ta' komunikazzjonijiet elettroniċi. Fir-rigward ta' dan l-aħħar aspett, il-Qorti tal-Ġustizzja ppreċiżat b'mod iktar partikolari li la d-Direttiva dwar il-privatezza u l-komunikazzjoni elettronika u lanqas ebda att ieħor tad-dritt tal-Unjoni ma jipprekludu leġiżlazzjoni nazzjonali, li għandha bħala suġġett il-ġlieda kontra l-kriminalità serja, li permezz tagħha l-akkwist ta' mezz ta' komunikazzjoni elettronika, bħal kard SIM imħallsa minn qabel, huwa suġġett għall-verifika ta' dokumenti uffiċjali li jistabbilixxu l-identità ċivili tax-xerrej u għar-reġistrazzjoni, mill-bejjiegħ, tal-informazzjoni li tirriżulta minnhom, peress li l-bejjiegħ huwa, skont il-każ, obbligat li jagħti aċċess għal din l-informazzjoni lill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti.

L-istess japplika għal dak li jikkonċerna miżuri leġiżlattivi li jipprevedu, dejjem għall-finijiet tal-ġlieda kontra l-kriminalità serja u għall-prevenzjoni ta' theddid serju kontra s-sigurtà pubblika, l-għoti ta' ordni lill-fornituri ta' servizzi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi, permezz ta' deċiżjoni tal-awtorità kompetenti suġġetta għal stħarriġ ġudizzjarju effettiv, sabiex jipproċedu, għal perijodu stabbilit, biż-żamma mgħaġġla ("quick freeze") ta' data dwar it-traffiku u ta' data dwar il-lokalizzazzjoni li dawn il-fornituri ta' servizzi għandhom għad-dispożizzjoni tagħhom. Fil-fatt, hija biss il-ġlieda kontra l-kriminalità serja u, *a fortiori*, is-salvagwardja tas-sigurtà nazzjonali li hija ta' natura li tiġġustifika tali żamma, bil-kundizzjoni li din il-miżura kif ukoll l-aċċess għad-data miżmuma josservaw il-limiti ta' dak li huwa strettament neċessarju. Il-Qorti tal-Ġustizzja fakkret li tali miżura ta' żamma rapida tista' tiġi estiża għad-data dwar it-traffiku u għad-data dwar il-lokalizzazzjoni marbuta ma' persuni li ma humiex dawk li huma ssuspettati li pproġettaw jew wettqu reat kriminali serju jew attentati kontra s-sigurtà nazzjonali, sa fejn din id-data tista', abbażi ta' elementi oġġettivi u mhux diskriminatorji, tikkontribwixxi sabiex jitkixxef tali reat jew tali attentat kontra s-sigurtà nazzjonali, bħalma hija d-data tal-vittma tiegħu jew dik taċ-ċirku soċjali jew professjonali tagħha.

Madankollu, il-Qorti tal-Ġustizzja indikat, sussegwentement, li l-miżuri leġiżlattivi kollha msemmija iktar 'il fuq għandhom jiżguraw, permezz ta' regoli ċari u preċiżi, li ż-żamma tad-data inkwistjoni tkun suġġetta għall-osservanza tal-kundizzjonijiet sostantivi u proċedurali applikabbli u li l-persuni kkonċernati jkollhom garanziji effettivi kontra r-riskji ta' abbuż. Id-diversi miżuri għaż-żamma tad-data dwar it-traffiku u tad-data dwar il-lokalizzazzjoni jistgħu, skont l-għażla tal-leġiżlatur nazzjonali u bl-osservanza tal-limiti ta' dak li huwa strettament neċessarju, jiġu applikati flimkien.

Barra minn hekk, il-Qorti tal-Ġustizzja ppreċiżat li l-awtorizzazzjoni, għall-finijiet tal-ġlieda kontra l-kriminalità serja, għal aċċess għal tali data miżmuma b'mod iġġeneralizzat u mingħajr distinzjoni, sabiex tiġi affaċċata theddida serja għas-sigurtà nazzjonali, tmur kontra l-ġerarkija tal-għanijiet ta' interess ġenerali li tista' tiġġustifika miżura meħuda abbażi tad-Direttiva dwar il-privatezza u l-komunikazzjoni elettronika [48]. Fil-fatt, dan ikun ifisser li jkun permess li l-aċċess ikun jista' jiġi ġġustifikat b'għan ta' importanza inqas minn dik tal-għan li kien iġġustifika ż-żamma, jiġifieri s-salvagwardja tas-sigurtà nazzjonali, u b'hekk ikun hemm ir-riskju li tiġi mċaħħda minn kull effett utli l-projbizzjoni li ssir żamma ġġeneralizzata u mingħajr distinzjoni għall-finijiet tal-ġlieda kontra l-kriminalità serja.

Fit-tieni lok, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li d-Direttiva dwar il-privatezza u l-komunikazzjoni elettronika, moqrija fid-dawl tal-Karta, tipprekludi leġiżlazzjoni nazzjonali, li tipprovdi li l-ipproċessar iċċentralizzat tat-talbiet għal aċċess għal data miżmuma mill-fornituri ta' servizzi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi, li joriġinaw mill-pulizija fil-kuntest tal-investigazzjoni u ta' prosekuzzjoni ta' reati kriminali serji, għandu jsir minn uffiċjal tal-pulizija, anki meta dan ikun assistit minn unità stabbilita fi ħdan il-pulizija li tgawdi minn ċertu grad ta' awtonomija fl-eżerċizzju tal-funzjoni tagħha u li d-deċiżjonijiet tagħha jistgħu jkunu sussegwentement is-suġġett ta' stħarriġ ġudizzjarju.

Fil-fatt, minn naħa, tali uffiċjal ma jissodisfax ir-rekwiżiti ta' indipendenza u ta' imparzjalità imposti fuq awtorità amministrattiva li teżerċita l-istħarriġ minn qabel tat-talbiet għal aċċess għad-data li joriġinaw mill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti, sa fejn huwa ma jkollux il-kwalità ta' terz fir-rigward ta' dawn l-awtoritajiet. Min-naħa l-oħra, għalkemm id-deċiżjoni ta' tali uffiċjal tista' tkun suġġetta għal stħarriġ ġudizzjarju eżerċitat *a posteriori*, dan l-istħarriġ ma jistax jissostitwixxi stħarriġ indipendenti u, ħlief f'każijiet ta' urġenza debitament iġġustifikati, minn qabel.

Fit-tielet lok, fl-aħħar nett, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonfermat il-ġurisprudenza tagħha li tgħid li d-dritt tal-Unjoni jipprekludi lil qorti nazzjonali milli tillimita *ratione temporis* l-effetti ta' dikjarazzjoni ta' invalidità, li hija għandha tagħmel skont id-dritt nazzjonali, fir-rigward ta' leġiżlazzjoni nazzjonali li timponi fuq il-fornituri ta' servizzi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi żamma ġġeneralizzata u mingħajr distinzjoni tad-data dwar it-traffiku u tad-data dwar il-lokalizzazzjoni, minħabba l-inkompatibbiltà ta' din il-leġiżlazzjoni mad-Direttiva dwar il-privatezza u l-komunikazzjoni elettronika. Madankollu, il-Qorti tal-Ġustizzja fakkret li l-ammissibbiltà tal-provi miksuba permezz ta' tali żamma taqa', skont il-prinċipju ta' awtonomija proċedurali tal-Istati Membri, taħt id-dritt nazzjonali, bla ħsara għall-osservanza b'mod partikolari tal-prinċipji ta' ekwivalenza u ta' effettività.

[48] Din il-ġerarkija hija stabbilita fil-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, u b'mod partikolari fis-sentenza tas-6 ta' Ottubru 2020, La Quadrature du Net *et* (C-511/18, C-512/18 u C-520/18, EU:C:2020:791), punti 135 u 136. Skont din il-ġerarkija, il-ġlieda kontra l-kriminalità serja hija ta importanza inqas mis-salvagwardja tas-sigurtà nazzjonali.

***Sentenza tal-20 ta' Settembru 2022 (Awla Manja), SpaceNet u Telekom Deutschland (C-793/19 u C-794/19, EU:C:2022:702)***

F'dawn il-kawżi magħquda, tressqu żewġ talbiet għal deċiżjoni preliminari mill-Bundesverwaltungsgericht (il-Qorti Amministrattiva Federali, il-Ġermanja), li ġiet adita b'appell għal reviżjoni mir-Repubblika Federali tal-Ġermanja kontra żewġ sentenzi li laqgħu r-rikorsi ppreżentati minn żewġ kumpanniji, SpaceNet AG (Kawża C-793/19) u Telekom Deutschland GmbH (Kawża C-794/19), li jipprovdu servizzi ta' aċċess għall-internet. Permezz ta' dawn ir-rikorsi, dawn il-kumpanniji kkontestaw l-obbligu li timponi l-leġiżlazzjoni Ġermaniża [49] ta' żamma tad-data dwar it-traffiku u tad-data dwar il-lokalizzazzjoni relatata mal-komunikazzjonijiet elettroniċi tal-klijenti tagħhom.

Id-dubji espressi mill-qorti tar-rinviju kienu jirrigwardaw b'mod partikolari l-kompatibbiltà mad-Direttiva dwar il-privatezza u l-komunikazzjoni elettronika [50], moqrija fid-dawl tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea (iktar 'il quddiem il-"Karta") [51] u tal-Artikolu 4(2) TUE, ta' leġiżlazzjoni nazzjonali li timponi fuq il-fornituri ta' servizzi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi aċċessibbli għall-pubbliku, b'mod partikolari għall-finijiet tar-repressjoni tar-reati kriminali serji jew tal-prevenzjoni ta' riskju konkret għas-sigurtà nazzjonali, iż-żamma ġġeneralizzata u mingħajr distinzjoni tal-parti l-kbira tad-data dwar it-traffiku u tad-data dwar il-lokalizzazzjoni tal-utenti ta' dawn is-servizzi, filwaqt li tipprevedi perijodu ta' żamma ta' diversi ġimgħat, kif ukoll regoli intiżi li jiżguraw protezzjoni effikaċi tad-data miżmuma kontra r-riskji ta' abbuż u kontra kwalunkwe aċċess illegali għal din id-data.

Permezz tas-sentenza tagħha, il-Qorti tal-Ġustizzja, bl-Awla Manja bħala l-kulleġġ ġudikanti, ikkonfermat il-ġurisprudenza li tirriżulta mis-sentenza La Quadrature du Net *et* u, iktar reċenti, dik li tirriżulta mis-sentenza Commissioner of An Garda Síochána *et* [52], filwaqt li speċifikat il-portata tagħha. Hija fakkret, b'mod partikolari, li ż-żamma ġġeneralizzata u mingħajr distinzjoni tad-data dwar it-traffiku u dwar il-lokalizzazzjoni relatata mal-komunikazzjonijiet elettroniċi ma hijiex awtorizzata, b'mod preventiv, għall-finijiet tal-ġlieda kontra l-kriminalità serja u tal-prevenzjoni ta' theddid serju kontra s-sigurtà pubblika.

Qabel kollox, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonfermat l-applikabbiltà tad-Direttiva dwar il-privatezza u l-komunikazzjoni elettronika għal-leġiżlazzjoni nazzjonali inkwistjoni, imbagħad fakkret il-prinċipji li jirriżultaw mill-ġurisprudenza tagħha, qabel ma wettqet eżami ddettaljat tal-karatteristiċi tal-leġiżlazzjoni nazzjonali inkwistjoni, enfasizzati mill-qorti tar-rinviju.

---

49 Dispożizzjonijiet magħquda tal-Artikolu 113a(1) u tal-Artikolu 113b tat-Telekommunikationsgesetz (il-Liġi dwar it-Telekomunikazzjonijiet), tat-22 ta' Ġunju 2004 (BGBl. 2004 I, p. 1190), fil-verżjoni tagħha applikabbli għall-kawża.

50 B'mod iktar preċiż, l-Artikolu 15(1) tad-Direttiva 2002/58.

51 Artikoli 6 sa 8, 11 u 52(1) tal-Karta.

52 Sentenza tal-5 ta' April 2022, Commissioner of An Garda Síochána *et* (C-140/20, EU:C:2022:258).

F'dak li jirrigwarda, qabelxejn, il-portata tad-data miżmuma, il-Qorti tal-Ġustizzja rrilevat li l-obbligu ta' żamma previst mil-leġiżlazzjoni nazzjonali inkwistjoni jestendi għal sett wiesgħa ħafna ta' data dwar it-traffiku u ta' data dwar il-lokalizzazzjoni u li dan l-obbligu jikkonċerna kważi l-popolazzjoni kollha, mingħajr ma dawn il-persuni jkunu jinsabu, anki indirettament, f'sitwazzjoni li tkun tista' tagħti lok għal proċeduri kriminali. Hija rrilevat ukoll li din il-leġiżlazzjoni timponi l-obbligu ta' żamma, mingħajr raġuni, iġġeneralizzata u mingħajr distinzjoni minn perspettiva personali, *ratione temporis* u ġeografika tal-parti l-kbira tad-data dwar it-traffiku u tad-data dwar il-lokalizzazzjoni li l-portata tagħha tikkorrispondi, essenzjalment, għal dik tad-data miżmuma fil-kawżi li taw lok għas-sentenza La Quadrature du net *et*. Għaldaqstant, fid-dawl ta' din il-ġurisprudenza, il-Qorti tal-Ġustizzja qieset li obbligu ta' żamma tad-data bħal dak inkwistjoni f'dan il-każ ma jistax jitqies li huwa żamma mmirata tad-data.

Sussegwentement, fir-rigward tal-perijodu ta' żamma tad-data, il-Qorti tal-Ġustizzja fakkret li mid-Direttiva dwar il-privatezza u l-komunikazzjoni elettronika [53] jirriżulta li l-perijodu ta' żamma previst minn miżura nazzjonali li timponi obbligu ta' żamma ġġeneralizzata u mingħajr distinzjoni huwa, ċertament, fattur rilevanti, fost affarijiet oħra, sabiex jiġi ddeterminat jekk id-dritt tal-Unjoni jipprekludix tali miżura, peress li l-imsemmija direttiva teżiġi li dan il-perijodu ta' żamma jkun "limitat". Madankollu, is-serjetà tal-indħil tirriżulta mir-riskju, b'mod partikolari fid-dawl tal-kwantità u tal-varjetà tagħha, li d-data miżmuma, meħuda b'mod globali, tippermetti li jinsiltu konklużjonijiet preċiżi ħafna dwar il-ħajja privata tal-persuna jew tal-persuni li d-data tagħhom tkun inżammet u, b'mod partikolari, tipprovdi l-mezz sabiex jiġi stabbilit il-profil tal-persuna jew tal-persuni kkonċernati, li hija informazzjoni daqstant sensittiva, fir-rigward tad-dritt għar-rispett tal-ħajja privata, bħalma huwa l-kontenut stess tal-komunikazzjonijiet. Għaldaqstant, iż-żamma tad-data dwar it-traffiku jew tad-data dwar il-lokalizzazzjoni hija fi kwalunkwe każ ta' natura serja, indipendentement mill-perijodu ta' żamma, mill-kwantità jew min-natura tad-data miżmuma, meta d-data kollha miżmuma tista' tippermetti li jinsiltu tali konklużjonijiet [54].

Fl-aħħar nett, fir-rigward tal-garanziji intiżi li jipproteġu d-data miżmuma kontra r-riskji ta' abbuż u kontra kull aċċess illeċitu, il-Qorti tal-Ġustizzja rrilevat, billi bbażat ruħha fuq il-ġurisprudenza preċedenti, li ż-żamma tad-data u l-aċċess għaliha jikkostitwixxu ndħil distint fid-drittijiet fundamentali tal-persuni kkonċernati, li jeħtieġu ġustifikazzjoni distinta. Minn dan jirriżulta li leġiżlazzjoni nazzjonali li tiżgura l-osservanza sħiħa tal-kundizzjonijiet li jirriżultaw mill-ġurisprudenza fil-qasam tal-aċċess għad-data miżmuma ma tistax, min-natura tagħha, tillimita jew tirrimedja għall-indħil serju fid-drittijiet tal-persuni kkonċernati li jirriżulta miż-żamma ġġeneralizzata ta' din id-data.

Barra minn hekk, sabiex jiġu indirizzati l-argumenti mressqa quddiemha, il-Qorti tal-Ġustizzja rrilevat li, fl-ewwel lok, theddida għas-sigurtà nazzjonali għandha tkun reali u

[53] B'mod iktar preċiż, it-tieni sentenza tal-Artikolu 15(1) tad-Direttiva 2002/58.

[54] Ara, f'dak li jirrigwarda l-aċċess għal tali data, is-sentenza tat-2 ta' Marzu 2021, Prokuratuur (Kundizzjonijiet għal aċċess għad-data dwar il-komunikazzjonijiet elettroniċi) (C-746/18, EU:C:2021:152, punt 39).

attwali jew, tal-inqas, prevedibbli, li jippreżupponi l-okkorrenza ta' ċirkustanzi suffiċjentement konkreti, sabiex tkun tista' tiġi ġġustifikata miżura ta' żamma ġġeneralizzata u mingħajr distinzjoni tad-data dwar it-traffiku u tad-data dwar il-lokalizzazzjoni, għal perijodu limitat. Tali theddida għalhekk tingħaraf, min-natura tagħha, mis-serjetà tagħha u min-natura speċifika taċ-ċirkustanzi li hija kkostitwita minnhom, mir-riskju ġenerali u permanenti tal-okkorrenza ta' tensjonijiet jew disturbi, anki serji, għas-sigurtà pubblika jew dak ta' reati kriminali serji. Għalhekk, il-kriminalità, anki partikolarment serja, ma tistax tiġi assimilata għal theddida għas-sigurtà nazzjonali.

Hija rrilevat, fit-tieni lok, l-awtorizzazzjoni, għall-finijiet tal-ġlieda kontra l-kriminalità serja, ta' aċċess għal data dwar it-traffiku u għal data dwar il-lokalizzazzjoni miżmuma b'mod iġġeneralizzat u mingħajr distinzjoni, sabiex tiġi affaċċata theddida serja għas-sigurtà nazzjonali, tmur kontra l-ġerarkija tal-għanijiet ta' interess ġenerali li jistgħu jiġġustifikaw miżura meħuda abbażа tad-Direttiva dwar il-privatezza u l-komunikazzjoni elettronika [55]. Fil-fatt, dan iwassal li jiġi permess li l-aċċess ikun jista' jiġi ġġustifikat minn għan ta' importanza inqas minn dik tal-għan li ġġustifika ż-żamma, jiġifieri s-salvagwardja tas-sigurtà nazzjonali, b'tali mod li jkun hemm ir-riskju li tiġi mċaħħda minn kull effett utli l-projbizzjoni li ssir żamma ġġeneralizzata u mingħajr distinzjoni għall-finijiet tal-ġlieda kontra l-kriminalità serja.

Il-Qorti tal-Ġustizzja kkonkludiet, filwaqt li kkonfermat il-ġurisprudenza preċedenti tagħha, li d-Direttiva dwar il-privatezza u l-komunikazzjonijiet elettroniċi, moqrija fid-dawl tal-Karta, tipprekludi miżuri leġiżlattivi li jipprevedu, b'mod preventiv, għall-finijiet tal-ġlieda kontra l-kriminalità serja u l-prevenzjoni ta' theddid serju kontra s-sigurtà pubblika, żamma ġġeneralizzata u mingħajr distinzjoni tad-data dwar it-traffiku u tad-data dwar il-lokalizzazzjoni.

Għall-kuntrarju, hija ma tipprekludix miżuri leġiżlattivi nazzjonali li jippermettu, għall-finijiet tas-salvagwardja tas-sigurtà nazzjonali, l-għoti ta' ordni lill-fornituri ta' servizzi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi sabiex jipproċedu b'żamma ġġeneralizzata u mingħajr distinzjoni tad-data dwar it-traffiku u tad-data dwar il-lokalizzazzjoni, f'sitwazzjonijiet fejn l-Istat Membru kkonċernat ikun qiegħed jaffaċċa theddida serja għas-sigurtà nazzjonali li tkun reali u attwali jew prevedibbli. F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja ppreċiżat li d-deċiżjoni li tipprevedi din l-ordni tista' tkun suġġetta għal stħarriġ effettiv jew minn qorti, jew minn entità amministrattiva indipendenti, li d-deċiżjoni tagħha tkun vinkolanti, sabiex jiġu vverifikati l-eżistenza ta' waħda minn dawn is-sitwazzjonijiet kif ukoll l-osservanza tal-kundizzjonijiet u tal-garanziji li għandhom ikunu previsti, filwaqt li l-imsemmija ordni għandha tingħata biss għal perijodu limitat *ratione temporis* għal dak li huwa strettament neċessarju, iżda li tista' tiġġedded jekk din it-theddida tippersisti.

Din id-direttiva, moqrija fid-dawl tal-Karta, lanqas ma tipprekludi miżuri leġiżlattivi nazzjonali li jipprevedu, għall-finijiet tas-salvagwardja tas-sigurtà nazzjonali, tal-ġlieda

[55] Din il-ġerarkija hija stabbilita fil-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, u b'mod partikolari fis-sentenza La Quadrature du Net *et*, fil-punti 135 u 136. Abbażi ta' din il-ġerarkija, il-ġlieda kontra l-kriminalità serja hija ta importanza iżgħar mis-salvagwardja tas-sigurtà nazzjonali.

kontra l-kriminalità serja u tal-prevenzjoni ta' theddid serju kontra s-sigurtà pubblika, żamma mmirata tad-data dwar it-traffiku u tad-data dwar il-lokalizzazzjoni li tkun limitata, abbażi ta' elementi oġġettivi u nondiskriminatorji, skont il-kategoriji ta' persuni kkonċernati jew permezz ta' kriterju ġeografiku, għal perijodu limitat *ratione temporis* għal dak li jkun strettament neċessarju, iżda li jista' jiġġedded.

L-istess japplika għal dak li jirrigwarda l-miżuri leġiżlattivi nazzjonali li jipprevedu, għall-finijiet tas-salvagwardja tas-sigurtà nazzjonali, tal-ġlieda kontra l-kriminalità serja u tal-prevenzjoni ta' theddid serju kontra s-sigurtà pubblika, żamma ġġeneralizzata u mingħajr distinzjoni tal-indirizzi IP assenjati lis-sors ta' konnessjoni, għal perijodu limitat *ratione temporis* għal dak li jkun strettament neċessarju, kif ukoll tad-data relatata mal-identità ċivili tal-utenti ta' mezzi ta' komunikazzjoni elettroniċi, meta jiġi stabbilit li ż-żamma tagħha tkun tista' tikkontribwixxi għall-ġlieda kontra l-kriminalità serja, sa fejn din id-data tippermetti li jiġu identifikati l-persuni li jkunu għamlu użu minn tali mezzi fil-kuntest tal-preparazzjoni jew tat-twettiq ta' att kriminali serju.

L-istess japplika wkoll għal dak li jikkonċerna miżuri leġiżlattivi nazzjonali li jippermettu, għall-finijiet tal-ġlieda kontra l-kriminalità serja u, *a fortiori*, tas-salvagwardja tas-sigurtà nazzjonali, l-għoti ta' ordni lill-fornituri ta' servizzi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi, permezz ta' deċiżjoni tal-awtorità kompetenti suġġetta għal stħarriġ ġudizzjarju effettiv, sabiex jipproċedu, għal perijodu stabbilit, biż-żamma rapida tad-data dwar it-traffiku u tad-data dwar il-lokalizzazzjoni li dawn il-fornituri ta' servizzi jkollhom għad-dispożizzjoni tagħhom.

Madankollu, il-Qorti tal-Ġustizzja indikat li l-miżuri leġiżlattivi kollha msemmija iktar 'il fuq għandhom jiżguraw, permezz ta' regoli ċari u preċiżi, li ż-żamma tad-data inkwistjoni tkun suġġetta għall-osservanza tal-kundizzjonijiet sostantivi u proċedurali applikabbli għaliha u li l-persuni kkonċernati jkollhom garanziji effettivi kontra r-riskji ta' abbuż. Dawn id-diversi miżuri jistgħu, skont l-għażla tal-leġiżlatur nazzjonali u b'osservanza tal-limiti ta' dak li huwa strettament neċessarju, jiġu applikati flimkien.

***Sentenza tal-15 ta' Ġunju 2021 (Awla Manja), Facebook Ireland et (C-645/19, EU:C:2021:483)***

Fil-11 ta' Settembru 2015, il-President tal-Commissie ter bescherming van de persoonlijke levenssfeer (il-Kummissjoni għall-Protezzjoni tal-Ħajja Privata, il-Belġju) (iktar 'il quddiem il-"KPĦP") fetaħ, quddiem in-Nederlandstalige rechtbank van eerste aanleg Brussel (il-Qorti tal-Ewwel Istanza ta' Brussell bil-lingwa Olandiża, il-Belġju), kawża għall-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni kontra Facebook Ireland, Facebook Inc. u Facebook Belgium, intiża li jintemm ksur, allegatament imwettaq minn Facebook, tal-leġiżlazzjoni dwar il-protezzjoni tad-data. Dan il-ksur kien jikkonsisti b'mod partikolari fil-ġabra u fl-użu ta' informazzjoni dwar l-aġir tan-navigazzjoni tal-utenti internet Belġjani, detenturi

jew le ta' kont Facebook, permezz ta' diversi teknoloġiji bħalma huma l-cookies, il-plugins soċjali [56] jew il-pixels.

Fis-16 ta' Frar 2018, dik il-qorti ddikjarat li kellha ġurisdizzjoni sabiex tagħti deċiżjoni dwar din il-kawża u, fil-mertu, iddeċidiet li n-network soċjali Facebook ma kienx informa b'mod suffiċjenti lill-utenti internet Belġjani bil-ġbir u bl-użu tal-informazzjoni kkonċernata. Barra minn hekk, il-kunsens mogħti mill-utenti internet għall-ġbir u għall-ipproċessar tal-imsemmija informazzjoni tqies li ma kienx validu.

Fit-2 ta' Marzu 2018, Facebook Ireland, Facebook Inc. u Facebook Belgium appellaw minn din is-sentenza quddiem il-Hof van beroep te Brussel (il-Qorti tal-Appell ta' Brussell, il-Belġju), li kienet il-qorti tar-rinviju f'din il-kawża. Quddiem din il-qorti, il-Gegevensbeschermingsautoriteit (l-Awtorità għall-Protezzjoni tad-Data, il-Belġju) (iktar 'il quddiem l-"APD") aġixxiet bħala s-suċċessur legali tal-President tal-KPĦP. Il-qorti tar-rinviju ddikjarat li kellha ġurisdizzjoni biss sabiex tagħti deċiżjoni fuq l-appell ippreżentat minn Facebook Belgium.

Il-qorti tar-rinviju kellha dubji dwar l-impatt tal-applikazzjoni tal-mekkaniżmu ta' "punt uniku ta' servizz" previst fir-Regolament dwar il-protezzjoni tad-data [57] fuq il-kompetenzi tal-APD u qajmet, b'mod iktar partikolari, il-kwistjoni dwar jekk, għall-fatti susssegwenti għad-dħul fis-seħħ tal-GDPR, jiġifieri fil-25 ta' Mejju 2018, l-APD setgħetx taġixxi kontra Facebook Belgium, peress li kienet Facebook Ireland li kienet ġiet identifikata bħala l-kontrollur responsabbli għall-ipproċessar tad-data kkonċernata. Fil-fatt, minn din id-data u b'mod partikolari skont il-prinċipju ta' "punt uniku ta' servizz" previst fil-GDPR, kien biss id-Data Protection Commissioner (il-Kummissarju għall-Protezzjoni tad-Data, l-Irlanda) li kellu l-kompetenza sabiex jiftaħ kawża għall-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni, taħt l-istħarriġ tal-qrati Irlandiżi.

Fis-sentenza tagħha, mogħtija mill-Awla Manja, il-Qorti tal-Ġustizzja ppreċiżat is-setgħat tal-awtoritajiet superviżorji nazzjonali fil-kuntest tal-GDPR. F'dan is-sens, hija ddeċiediet b'mod partikolari li dan ir-regolament jawtorizza, taħt ċerti kundizzjonijiet, lil awtorità superviżorja ta' Stat Membru teżerċita s-setgħa tagħha li tressaq kwalunkwe ksur tal-GDPR quddiem qorti ta' dan l-Istat u tiftaħ proċeduri ġudizzjarji fir-rigward ta' pproċessar transkonfinali ta' data [58], anki meta hija ma tkunx l-awtorità ewlenija fir-rigward ta' dan l-ipproċessar.

Fl-ewwel lok, il-Qorti tal-Ġustizzja ppreċiżat il-kundizzjonijiet li fihom awtorità superviżorja nazzjonali, li ma jkollhiex il-kwalità ta' awtorità ewlenija fir-rigward ta' pproċessar transkonfinali, għandha teżerċita s-setgħa tagħha li tressaq kull allegat ksur

---

56 Pereżempju, il-buttuni "Like" jew "Share".

57 Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar id Direttiva 95/46/KE (Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data) (ĠU 2016, L 119, p. 1, rettifika fil-ĠU 2018, L 127, p. 2, iktar 'il quddiem il-"GDPR"). Skont l-Artikolu 56(1) tal-GDPR: "Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 55, l-awtorità superviżorja tal-istabbiliment ewlieni jew tal-istabbiliment uniku tal-kontrollur jew il-proċessur għandha tkun kompetenti biex taġixxi bħala l-awtorità superviżorja ewlenija għall-ipproċessar transkonfinali li jsir minn dak il-kontrollur jew proċessur f'konformità mal-proċedura prevista fl-Artikolu 60."

58 Fis-sens tal-punt 23 tal-Artikolu 4 tal-GDPR.

tal-GDPR quddiem qorti ta' Stat Membru u, jekk ikun il-każ, li tiftaħ proċeduri ġudizzjarji sabiex tiżgura l-applikazzjoni ta' dan ir-regolament. B'hekk, minn naħa, il-GDPR għandu jagħti lil din l-awtorità superviżorja l-kompetenza sabiex tadotta deċiżjoni li tikkonstata li dan l-ipproċessar ikun kiser ir-regoli previsti f'dan ir-regolament u, min-naħa l-oħra, din is-setgħa għandha tiġi eżerċitata b'osservanza tal-proċeduri ta' kooperazzjoni u ta' konsistenza previsti f'dan ir-regolament [59].

Fil-fatt, fir-rigward tal-ipproċessar transkonfinali, il-GDPR jipprevedi l-mekkaniżmu ta' "punt uniku ta' servizz" [60], li huwa bbażat fuq tqassim tal-kompetenzi bejn "awtorità superviżorja ewlenija" u l-awtoritajiet superviżorji nazzjonali kkonċernati l-oħra. Dan il-mekkaniżmu jeżiġi kooperazzjoni mill-qrib, leali u effettiva bejn dawn l-awtoritajiet, sabiex tiġi żgurata protezzjoni konsistenti u omoġenea tar-regoli dwar il-protezzjoni tad-data personali u b'hekk sabiex jinżamm l-effett utli tiegħu. F'dan ir-rigward, il-GDPR jistabbilixxi l-kompetenza bħala prinċipju tal-awtorità superviżorja ewlenija sabiex tadotta deċiżjoni li tikkonstata li pproċessar transkonfinali jkun qiegħed jikser ir-regoli previsti f'dan ir-regolament [61], filwaqt li l-kompetenza tal-awtoritajiet superviżorji nazzjonali l-oħra sabiex jadottaw tali deċiżjoni, anki b'mod provviżorju, tikkostitwixxi l-eċċezzjoni [62]. Madankollu, fl-eżerċizzju tal-kompetenzi tagħha, l-awtorità superviżorja ewlenija ma tistax tevita djalogu indispensabbli kif ukoll kooperazzjoni leali u effettiva mal-awtoritajiet superviżorji kkonċernati l-oħra. Għalhekk, fil-kuntest ta' din il-kooperazzjoni, l-awtorità superviżorja ewlenija ma tistax tinjora l-fehmiet tal-awtoritajiet superviżorji kkonċernati l-oħra u kull oġġezzjoni rilevanti u motivata magħmula minn waħda minn dawn l-awtoritajiet tal-aħħar għandha l-effett li twaqqaf, tal-inqas temporanjament, l-adozzjoni tal-abbozz ta' deċiżjoni tal-awtorità superviżorja ewlenija.

Barra minn hekk, il-Qorti tal-Ġustizzja ppreċiżat li l-fatt li awtorità superviżorja ta' Stat Membru li ma tkunx l-awtorità superviżorja ewlenija fir-rigward ta' pproċessar transkonfinali ta' data ma tkunx tista' teżerċita s-setgħa li tressaq kull allegat ksur tal-GDPR quddiem qorti ta' dan l-Istat u ma tkunx tista' tibda proċeduri ġudizzjarji sakemm ma tosservax ir-regoli dwar it-tqassim tal-kompetenzi deċiżjonali bejn l-awtorità superviżorja ewlenija u l-awtoritajiet superviżorji l-oħra [63] huwa konformi mal-Artikoli 7, 8 u 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, li jiggarantixxu lis-suġġett tad-data, rispettivament, id-dritt għall-protezzjoni tad-data personali tiegħu u d-dritt għal rimedju effettiv.

Fit-tieni lok, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li, fil-każ ta' pproċessar transkonfinali ta' data, għall-eżerċizzju tas-setgħa ta' awtorità superviżorja ta' Stat Membru, li ma tkunx l-awtorità superviżorja ewlenija, li tibda proċeduri ġudizzjarji [64], ma huwiex meħtieġ li l-

[59] Previsti fl-Artikoli 56 u 60 tal-GDPR.
[60] Artikolu 56(1) tal-GDPR.
[61] Artikolu 60(7) tal-GDPR.
[62] L-Artikolu 56(2) u l-Artikolu 66 tal-GDPR jistabbilixxu l-eċċezzjonijiet għall-prinċipju ta' kompetenza deċiżjonali tal-awtorità superviżorja ewlenija.
[63] Previsti fl-Artikoli 55 u 56 tal-GDPR, moqrija flimkien mal-Artikolu 60 tiegħu.
[64] Skont l-Artikolu 58(5) tal-GDPR.

kontrollur jew il-proċessur fir-rigward tal-ipproċessar transkonfinali ta' data personali li kontrihom jinbdew dawn il-proċeduri jkollhom stabbiliment ewlieni jew stabbiliment ieħor fit-territorju ta' dan l-Istat Membru. Madankollu, l-eżerċizzju ta' din is-setgħa għandha taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni territorjali tal-GDPR [65], li jeħtieġ li l-kontrollur jew il-proċessur fir-rigward tal-ipproċessar transkonfinali jkollu stabbiliment fit-territorju tal-Unjoni.

Fit-tielet lok, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li, fil-każ ta' pproċessar transkonfinali ta' data, is-setgħa ta' awtorità superviżorja ta' Stat Membru, li ma tkunx l-awtorità superviżorja ewlenija, li tressaq kull allegat ksur tal-GDPR quddiem qorti ta' dan l-Istat u, jekk ikun il-każ, tibda proċeduri ġudizzjarji tista' tiġi eżerċitata kemm fir-rigward tal-istabbiliment ewlieni tal-kontrollur li jkun jinsab fl-Istat Membru li taħtu taqa' din l-awtorità u kemm fir-rigward ta' stabbiliment ieħor ta' dan il-kontrollur, sakemm il-proċeduri ġudizzjarji jkunu jikkonċernaw ipproċessar ta' data mwettaq fil-kuntest tal-attivitajiet ta' dan l-istabbiliment u sakemm l-imsemmija awtorità tkun kompetenti sabiex teżerċita din is-setgħa.

Madankollu, il-Qorti tal-Ġustizzja ppreċiżat li l-eżerċizzju ta' din is-setgħa jeħtieġ li l-GDPR ikun applikabbli. F'dan il-każ, peress li l-attivitajiet tal-istabbiliment tal-grupp Facebook li jinsab fil-Belġju kienu marbuta b'mod inseparabbli mal-ipproċessar ta' data personali inkwistjoni fil-kawża prinċipali, li Facebook Ireland kienet il-kontrollur responsabbli għalih fir-rigward tat-territorju tal-Unjoni, dan l-ipproċessar kellu jitwettaq "fil-kuntest tal-attivitajiet ta' stabbiliment tal-kontrollur" u għalhekk kien jaqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tal-GDPR.

Fir-raba' lok, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li, meta awtorità superviżorja ta' Stat Membru li ma tkunx l-"awtorità superviżorja ewlenija" tkun bdiet, qabel id-data tad-dħul fis-seħħ tal-GDPR, proċeduri ġudizzjarji dwar ipproċessar transkonfinali ta' data personali, dawn il-proċeduri jistgħu, mill-perspettiva tad-dritt tal-Unjoni, jinżammu abbażi tad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva dwar il-protezzjoni tad-data [66], li tibqa' applikabbli fir-rigward tal-ksur tar-regoli previsti fiha mwettaq sad-data li fiha tħassret din id-direttiva. Barra minn hekk, l-imsemmija proċeduri jistgħu jinbdew minn din l-awtorità fir-rigward ta' ksur imwettaq wara d-data tad-dħul fis-seħħ tal-GDPR, sakemm tkun f'waħda mis-sitwazzjonijiet li fihom, bħala eċċezzjoni, dan ir-regolament jagħti lil din l-istess awtorità kompetenza sabiex tadotta deċiżjoni li tikkonstata li l-ipproċessar ta' data kkonċernat jikser ir-regoli previsti f'dan ir-regolament u b'osservanza tal-proċeduri ta' kooperazzjoni u ta' konsistenza previsti fl-istess regolament.

[65] L-Artikolu 3(1) tal-GDPR jipprevedi li dan ir-regolament japplika għall-ipproċessar ta' data personali mwettaq "fil-kuntest tal-attivitajiet ta' stabbilment ta' kontrollur jew proċessur fl-Unjoni, indipendentement minn jekk l-ipproċessar iseħħx fl-Unjoni jew le".

[66] Direttiva 95/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ottubru 1995 dwar il-protezzjoni ta' individwi fir-rigward ta' l-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' dik id-data (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 13, Vol. 15, p. 355).

Fil-ħames u l-aħħar lok, il-Qorti tal-Ġustizzja rrikonoxxiet l-effett dirett tad-dispożizzjoni tal-GDPR li tipprovdi li kull Stat Membru għandu jipprevedi, b'liġi, li l-awtorità superviżorja tiegħu għandha jkollha s-setgħa li tressaq kull ksur ta' dan ir-regolament għall-attenzjoni tal-awtoritajiet ġudizzjarji u, jekk ikun il-każ, tiftaħ proċeduri ġudizzjarji. Għaldaqstant, tali awtorità tista' tinvoka din id-dispożizzjoni sabiex tiftaħ jew tkompli kawża kontra individwi, anki jekk din id-dispożizzjoni ma tkunx ġiet implimentata b'mod speċifiku fil-leġiżlazzjoni tal-Istat Membru kkonċernat.

***Sentenza tat-30 ta' April 2024 (Seduta Plenarja), La Quadrature du Net et (Data personali u ġlieda kontra l-kontrafazzjoni) (C-470/21, EU:C:2024:370)***

Dawn l-aħħar snin, il-Qorti tal-Ġustizzja ntalbet diversi drabi tagħti deċiżjoni dwar iż-żamma u l-aċċess għad-data personali fil-qasam tal-komunikazzjonijiet elettroniċi u stabbilixxiet, konsegwentement, ġurisprudenza estensiva fil-qasam [67]. Adita b'talba għal deċiżjoni preliminari mill-Conseil d'État (France) (il-Kunsill tal-Istat, (Franza)), is-seduta plenarja tal-Qorti tal-Ġustizzja żviluppat din il-ġurisprudenza billi għamlet preċiżazzjonijiet dwar, minn naħa, il-kundizzjonijiet li fuq il-bażi tagħhom żamma ġġeneralizzata ta' indirizzi IP minn fornituri ta' servizzi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi tista' ma titqiesx li tikkostitwixxi ndħil serju fid-drittijiet għar-rispett tal-ħajja privata, għall-protezzjoni tad-data personali u għal-libertà ta' espressjoni ggarantiti mill-Karta [68], u, min-naħa l-oħra, dwar il-possibbiltà, għal awtorità pubblika, li jkollha aċċess għal ċerta data personali miżmuma sakemm jiġu osservati tali kundizzjonijiet, fil-kuntest tal-ġlieda kontra l-ksur tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali mwettaq online.

F'dan il-każ, erba' assoċjazzjonijiet talbu lill-Premier ministre (France), (il-Prim Ministru (Franza)) it-tħassir tad-digriet dwar l-ipproċessar awtomatizzat tad-data personali [69]. Peress li din it-talba ma ngħatatx segwitu, dawn l-assoċjazzjonijiet adixxew lill-Conseil d'État (France) (il-Kunsill tal-Istat, Franza) b'rikors intiż għall-annullament ta' din id-deċiżjoni ta' ċaħda impliċita. Fil-fehma tagħhom, dan id-digriet kif ukoll id-dispożizzjonijiet li jikkostitwixxu l-bażi legali [70] tiegħu kienu jiksru d-dritt tal-Unjoni.

Bis-saħħa tal-leġiżlazzjoni Franċiża, l-Haute autorité pour la diffusion des œuvres et la protection des droits sur internet (Hadopi) (l-Awtorità Għolja għad-Distribuzzjoni tax-

[67] Ara, b'mod partikolari, is-sentenzi tal-21 ta' Diċembru 2016, Tele2 Sverige u Watson *et* (C-203/15 u C-698/15, *EU:C:2016:970*), tat-2 ta' Ottubru 2018, Ministerio Fiscal (C-207/16, *EU:C:2018:788*), tas-6 ta' Ottubru 2020, La Quadrature du Net *et* (C-511/18, C-512/18 u C-520/18, *EU:C:2020:791*), tat-2 ta' Marzu 2021, Prokuratuur (Kundizzjonijiet ta' aċċess għad-data dwar il-komunikazzjonijiet elettroniċi) (C-746/18, *EU:C:2021:152*), tas-17 ta' Ġunju 2021, M.I.C.M. (C-597/19, *EU:C:2021:492*), u tal-5 ta' April 2022, Commissioner of An Garda Síochána *et* (C-140/20, *EU:C:2022:258*).

[68] Artikolu 7, 8 u 11 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea (iktar 'il quddiem il-"Karta").

[69] Décret no 2010-236, du 5 mars 2010, relatif au traitement automatisé de données à caractère personnel autorisé par l'article L. 331-29 du code de la propriété intellectuelle dénommé "Système de gestion des mesures pour la protection des œuvres sur internet" (JORF no 56 du 7 mars 2010, texte no 19), (id-Digriet Nru 2010-236, tal-5 ta' Marzu 2010 dwar l-ipproċessar awtomizzat ta' data ta' natura personali awtorizzat mill-Artikolu L. 331-29 tal-Kodiċi tal-Proprjetà Intellettwali msejjaħ "Sistema ta' ġestjoni tal-miżuri għall-protezzjoni tax-xogħlijiet fuq l-internet" (JORF tas-7 ta' Marzu 2010, test Nru 19)), kif emendat bid-décret no 2017-924, du 6 mai 2017, relatif à la gestion des droits d'auteur et des droits voisins par un organisme de gestion de droits et modifiant le code de la propriété intellectuelle (JORF no 109 du 10 mai 2017, texte no 176) (id-Digriet Nru 2017-924, tas-6 ta' Mejju 2017 dwar il-ġestjoni tad-drittijiet tal-awtur u tad-drittijiet relatati minn organu ta' ġestjoni tad-drittijiet u li jemenda l-Kodiċi tal-Proprjetà Intellettwali (JORF Nru 109 tal-10 ta' Mejju 2017, test Nru 176).

[70] B'mod partikolari, it-tielet sal-ħames paragrafi tal-Artikolu L. 331–21 tal-Kodiċi tal-Proprjetà Intellettwali.

Xogħlijiet u għall-Protezzjoni tad-Drittijiet fuq l-Internet, iktar 'il quddiem il-"Hadopi"), sabiex tkun tista' tidentifika dawk responsabbli għall-ksur tad-drittijiet tal-awtur jew tad-drittijiet relatati mwettaq online, kellha aċċess awtorizzat għal ċerta data li l-fornituri ta' servizzi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi kienu obbligati li jżommu. Din id-data kienet tirrigwarda l-identità ċivili ta' persuna kkonċernata li kienet tikkorrispondi għall-indirizz IP tagħha miġbur minn qabel minn organi tad-detenturi ta' drittijiet. Ladarba jiġi identifikat id-detentur tal-indirizz IP użat għal attivitajiet li jikkawżaw tali preġudizzju, l-Hadopi kienet issegwi l-proċedura magħrufa bħala ta' "risposta gradwata". B'mod konkret, hija kienet tista' tibgħat, lil din il-persuna, żewġ rakkomandazzjonijiet li jixbhu twissijiet u, fil-każ ta' persistenza tal-attivitajiet, kienet tista' tibgħat ittra li tinformaha li l-attivitajiet tagħha setgħu jwasslu għal proċeduri kriminali. Fl-aħħar nett, hija kellha d-dritt li tirreferi l-każ lill-prosekutur pubbliku għall-prosekuzzjoni tal-imsemmija persuna [71].

F'dan il-kuntest, il-Conseil d'État (il-Kunsill tal-Istat) staqsa lill-Qorti tal-Ġustizzja dwar l-interpretazzjoni tad-Direttiva dwar il-privatezza u l-komunikazzjoni elettronika, moqrija fid-dawl tal-Karta [72].

Fl-ewwel lok, fir-rigward taż-żamma tad-data dwar l-identità ċivili u tal-indirizzi IP korrispondenti, il-Qorti tal-Ġustizzja enfasizzat li kull żamma ġġeneralizzata u mingħajr distinzjoni tal-indirizzi IP ma tikkostitwixxix neċessarjament indħil serju fid-drittijiet għar-rispett tal-ħajja privata, għall-protezzjoni tad-data personali kif ukoll għal-libertà ta' espressjoni ggarantiti mill-Karta.

L-obbligu li tiġi żgurata tali żamma jista' jiġi ġġustifikat mill-għan tal-ġlieda kontra r-reati kriminali b'mod ġenerali meta jkun effettivament eskluż li din iż-żamma tista' toħloq indħil serju fil-ħajja privata tal-persuna kkonċernata minħabba l-possibbiltà li jinsiltu konklużjonijiet preċiżi fuqha, b'mod partikolari, permezz tal-konnessjoni ta' dawn l-indirizzi IP ma' sett ta' data dwar it-traffiku jew dwar il-lokalizzazzjoni.

Għaldaqstant, Stat Membru li jkollu l-intenzjoni li jimponi fuq il-fornituri ta' servizzi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi tali obbligu għandu jiżgura li l-modalitajiet taż-żamma ta' din id-data jeskludu li jkunu jistgħu jinsiltu konklużjonijiet preċiżi dwar il-ħajja privata tal-persuni kkonċernati.

Il-Qorti tal-Ġustizzja ppreċiżat li l-modalitajiet ta' żamma għandhom, għal dan l-għan, jikkonċernaw l-istruttura stess taż-żamma li, essenzjalment, għandha tiġi organizzata b'mod li tiġi ggarantita separazzjoni effettivament stretta u sigura tal-kategoriji differenti ta' data miżmuma. Għalhekk, ir-regoli nazzjonali dwar dawn il-modalitajiet għandhom

[71] Mill-1 ta' Jannar 2022, il-Hadopi ngħaqdet mal-Conseil supérieur de l'audiovisuel (CSA) ((il-Kunsill Superjuri għall-Awdjoviżiv (KSA)), li kien awtorità pubblika indipendenti oħra, u saru l-Autorité de régulation de la communication audiovisuelle et numérique (ARCOM) (l-Awtorità Regolatorja għall-Komunikazzjoni Awdjoviżiva u Diġitali (ARCOM)). Madankollu, il-proċedura ta' risposta gradwata baqgħet essenzjalment l-istess.

[72] Artikolu 15(1) tad-Direttiva 2002/58/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tat-12 ta' Lulju 2002, dwar l-ipproċessar tad-data personali u l-protezzjoni tal-privatezza fis-settur tal-komunikazzjoni elettronika (Direttiva dwar il-privatezza u l-komunikazzjoni elettronika) (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 13, Vol. 29, p. 514), kif emendata mid-Direttiva 2009/136/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2009 (ĠU 2009, L 337, p. 11, rettifika fil-ĠU 2013, L 241, p. 9, iktar 'il quddiem id-"Direttiva dwar privatezza u l-komunikazzjoni elettronika"), moqrija fid-dawl tal-Artikoli 7, 8 u 11 kif ukoll tal-Artikolu 52(1) tal-Karta.

jiżguraw li kull kategorija ta' data, inkluża d-data dwar l-identità ċivili u l-indirizzi IP, tinżamm b'mod kompletament separat mill-kategoriji l-oħra ta' data miżmuma u li din is-separazzjoni tkun effettivament stretta u sigura, permezz ta' apparat informatiku sigur u affidabbli. Barra minn hekk, sa fejn dawn ir-regoli jipprevedu l-possibbiltà ta' konnessjoni tal-indirizzi IP miżmuma mal-identità ċivili tal-persuna kkonċernata għall-finijiet tal-ġlieda kontra r-reati, dawn għandhom jippermettu tali konnessjoni biss bl-użu ta' proċess tekniku effiċjenti li ma jkunx jippreġudika l-effettività tas-separazzjoni stretta u sigura ta' dawn il-kategoriji ta' data. L-affidabbiltà ta' din is-separazzjoni għandha tkun suġġetta għal kontroll regolari minn awtorità pubblika terza. Sa fejn il-leġiżlazzjoni nazzjonali applikabbli tipprevedi tali rekwiżiti stretti, l-indħil li jirriżulta minn din iż-żamma tal-indirizzi IP ma jistax jiġi kklassifikat bħala "serju".

Għaldaqstant, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonkludiet li, fil-preżenza ta' dispożittiv leġiżlattiv li jiggarantixxi li ebda kombinazzjoni ta' data ma tippermetti li jinsiltu konklużjonijiet preċiżi dwar il-ħajja privata tal-persuni li d-data tagħhom hija miżmuma, id-Direttiva dwar il-privatezza u l-komunikazzjoni elettronika, moqrija fid-dawl tal-Karta, ma tipprekludix li Stat Membru jimponi obbligu ta' żamma ġġeneralizzata u mingħajr distinzjoni tal-indirizzi IP, għal perijodu li ma jeċċedix dak li jkun strettament neċessarju, għall-finijiet ta' għan tal-ġlieda kontra r-reati kriminali b'mod ġenerali.

Fit-tieni lok, fir-rigward tal-aċċess għal data dwar l-identità ċivili li tikkorrispondi għal indirizzi IP, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li d-Direttiva dwar il-privatezza u l-komunikazzjoni elettronika, moqrija fid-dawl tal-Karta, ma tipprekludix, bħala prinċipju, leġiżlazzjoni nazzjonali li tippermetti l-aċċess, minn awtorità pubblika, għal din id-data miżmuma mill-fornituri ta' servizzi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi b'mod separat u effettivament strett u sigur, sempliċement sabiex din l-awtorità tkun tista' tidentifika d-detenturi ta' dawn l-indirizzi ssuspettati li jkunu responsabbli għal ksur tad-drittijiet tal-awtur u tad-drittijiet relatati fuq l-internet u tadotta miżuri fir-rigward tagħhom. Fit-tali każ, il-leġiżlazzjoni nazzjonali għandha tipprojbixxi lill-membri tal-persunal li jkollhom tali aċċess, l-ewwel nett, milli jiżvelaw taħt kwalunkwe forma informazzjoni dwar il-kontenut tal-fajls ikkonsultati minn dawn id-detenturi, ħlief sabiex jadixxu lill-prosekutur pubbliku, it-tieni nett, milli jwettqu kull traċċament tal-proċess ta' navigazzjoni ta' dawn id-detenturi u, it-tielet nett, milli jużaw dawn l-indirizzi IP għal finijiet differenti minn dak tal-adozzjoni ta' dawn il-miżuri.

F'dan il-kuntest, il-Qorti tal-Ġustizzja fakkret b'mod partikolari li, minkejja li l-libertà ta' espressjoni u l-kunfidenzjalità tad-data personali jikkostitwixxu tħassib ewlieni, dawn id-drittijiet fundamentali ma humiex madankollu assoluti. Fil-fatt, skont l-ibbilanċjar tad-drittijiet u tal-interessi inkwistjoni, dawn għandhom xi drabi jitwarrbu fid-dawl ta' drittijiet fundamentali oħra u rekwiżiti imperattivi ta' interess ġenerali bħad-difiża tal-ordni u l-prevenzjoni ta' reati kriminali jew il-protezzjoni tad-drittijiet u tal-libertajiet ta' ħaddieħor. Dan ikun, b'mod partikolari, il-każ meta l-prevalenza mogħtija lill-imsemmi tħassib ewlieni tkun ta' natura li tostakola l-effettività ta' investigazzjoni kriminali, b'mod

partikolari billi tirrendi impossibbli jew eċċessivament diffiċli l-identifikazzjoni effettiva tal-awtur ta' reat kriminali u l-impożizzjoni ta' sanzjoni fil-konfront tiegħu.

F'dan l-istess kuntest, il-Qorti tal-Ġustizzja rreferiet ukoll għall-ġurisprudenza tagħha li fuq il-bażi tagħha, fir-rigward tal-ġlieda kontra r-reati kriminali li jippreġudikaw id-drittijiet tal-awtur jew id-drittijiet relatati mwettqa online, il-fatt li l-aċċess għall-indirizzi IP jista' jikkostitwixxi l-uniku mezz ta' investigazzjoni li jippermetti l-identifikazzjoni tal-persuna kkonċernata jindika li ż-żamma ta' dawn l-indirizzi u l-aċċess għalihom ikunu strettament neċessarji għat-twettiq tal-għan imfittex u jissodisfaw għalhekk ir-rekwiżit ta' proporzjonalità. Ir-rifjut tal-għoti ta' tali aċċess jagħti lok, ukoll, għal riskju reali ta' impunità sistemika ta' reati kriminali mwettqa online jew li t-twettiq jew il-preparazzjoni tagħhom tiġi ffaċilitata mill-karatteristiċi stess tal-internet. Issa, l-eżistenza ta' tali riskju tikkostitwixxi ċirkustanza rilevanti sabiex jiġi evalwat, fil-kuntest ta' bbilanċjar tad-diversi drittijiet u interessi preżenti, jekk indħil fid-drittijiet għar-rispett tal-ħajja privata, għall-protezzjoni tad-data personali kif ukoll għal-libertà ta' espressjoni jikkostitwixxix miżura proporzjonata fid-dawl tal-għan tal-ġlieda kontra r-reati kriminali.

Fit-tielet lok, meta tat deċiżjoni dwar jekk l-aċċess tal-awtorità pubblika għal data dwar l-identità ċivili li tikkorrispondi għal indirizz IP għandux ikun suġġett għal stħarriġ minn qabel minn qorti jew minn entità amministrattiva indipendenti, il-Qorti tal-Ġustizzja qieset li r-rekwiżit ta' tali stħarriġ huwa meħtieġ meta, fil-kuntest ta' leġiżlazzjoni nazzjonali, dan l-aċċess ikun jinvolvi r-riskju ta' ndħil serju fid-drittijiet fundamentali tal-persuna kkonċernata fis-sens li jista' jippermetti lil din l-awtorità pubblika tislet konklużjonijiet preċiżi dwar il-ħajja privata ta' din il-persuna u, possibbilment, tistabbilixxi l-profil iddettaljat tagħha. Għall-kuntrarju, dan ir-rekwiżit ta' stħarriġ minn qabel ma huwiex intiż li japplika meta l-indħil fid-drittijiet fundamentali ma jkunx jista' jiġi kklassifikat bħala serju.

F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja ppreċiżat li, fil-każ fejn tiġi stabbilita sistema ta' żamma li tiggarantixxi separazzjoni effettivament stretta u sigura tal-kategoriji differenti ta' data miżmuma, l-aċċess tal-awtorità pubblika għad-data relatata mal-identità ċivili li tikkorrispondi mal-indirizzi IP ma jkunx, bħala prinċipju, suġġett għar-rekwiżit ta' stħarriġ minn qabel. Fil-fatt, tali aċċess sabiex jiġi identifikat id-detentur ta' indirizz IP ma jikkostitwixxix, bħala regola ġenerali, indħil serju fid-drittijiet imsemmija iktar 'il fuq.

Madankollu, il-Qorti tal-Ġustizzja ma eskludietx li, f'sitwazzjonijiet atipiċi, jeżisti riskju li, fil-kuntest ta' proċedura bħall-proċedura ta' risposta gradwata inkwistjoni fil-kawża prinċipali, l-awtorità pubblika tkun tista' tislet konklużjonijiet preċiżi dwar il-ħajja privata tal-persuna kkonċernata, b'mod partikolari meta din il-persuna twettaq attivitajiet li jippreġudikaw id-drittijiet tal-awtur jew id-drittijiet relatati, fuq networks peer-to-peer, b'mod ripetut, jew saħansitra fuq skala kbira, b'rabta ma' xogħlijiet protetti ta' tipi partikolari, li jiżvelaw informazzjoni, possibbilment sensittiva, dwar il-ħajja privata tal-imsemmija persuna.

F'dan il-każ, detentur ta' indirizz IP jista' jkun partikolarment espost għal tali riskju meta l-awtorità pubblika tintalab tiddeċiedi jekk għandhiex tadixxi jew le lill-prosekutur pubbliku għall-prosekuzzjoni tiegħu. Fil-fatt, l-intensità tal-ksur tad-dritt għar-rispett tal-ħajja privata tista' tikber tul l-iżvolġiment tal-proċedura ta' risposta gradwata, li topera fuq il-bażi ta' proċess sekwenzjali, fl-istadji differenti li din tkun komposta minnhom. L-aċċess tal-awtorità kompetenti għad-data kollha dwar il-persuna kkonċernata u akkumulata tul id-diversi stadji ta' din il-proċedura jista' jippermetti li jinsiltu konklużjonijiet preċiżi dwar il-ħajja tagħha. Konsegwentement, il-leġiżlazzjoni nazzjonali għandha tipprevedi stħarriġ minn qabel li għandu jitwettaq qabel l-awtorità pubblika ma tkun tista' tagħmel konnessjoni bejn id-data ta' identità ċivili u tali sett ta' data, u qabel l-eventwali trażmissjoni tal-ittra ta' notifika li tikkonstata li din il-persuna tkun wettqet fatti li jistgħu jikkostitwixxu reati kriminali. Dan l-istħarriġ għandu, barra minn hekk, jippreżerva l-effettività tal-proċedura ta' risposta gradwata billi jippermetti b'mod partikolari li jiġu identifikati l-każijiet ta' twettiq mill-ġdid possibbli tal-aġir li jikkostitwixxi reat inkwistjoni. Għal dan l-għan, din il-proċedura għandha tiġi organizzata u strutturata b'mod li d-data tal-identità ċivili ta' persuna li tikkorrispondi għal indirizzi IP miġbura minn qabel mill-internet ma tkunx awtomatikament tista' tiġi konnessa, mill-persuni inkarigati mill-eżami tal-fatti fi ħdan l-awtorità pubblika kompetenti, ma' elementi li din tal-aħħar ikollha diġà għad-dispożizzjoni tagħha u li jistgħu jippermettu li jinsiltu konklużjonijiet preċiżi dwar il-ħajja privata ta' din il-persuna.

Barra minn hekk, fir-rigward tal-għan tal-istħarriġ minn qabel, il-Qorti tal-Ġustizzja rrilevat li, fil-każijiet fejn il-persuna kkonċernata tkun issuspettata li wettqet reat li jaqa' taħt ir-reati kriminali b'mod ġenerali, il-qorti jew l-entità amministrattiva indipendenti inkarigata minn dan l-istħarriġ għandha tirrifjuta l-aċċess meta dan tal-aħħar ikun jippermetti lill-awtorità pubblika, tislet konklużjonijiet preċiżi dwar il-ħajja privata tal-imsemmija persuna. Għall-kuntrarju, anki aċċess li jippermetti li jinsiltu tali konklużjonijiet preċiżi għandu jiġi awtorizzat fil-każijiet fejn il-persuna kkonċernata tkun issuspettata li wettqet reati meqjusa mill-Istat Membru kkonċernat bħala li jippreġudikaw interess fundamentali tas-soċjetà u li għalhekk jaqgħu taħt forom ta' kriminalità serja.

Il-Qorti tal-Ġustizzja ppreċiżat ukoll li stħarriġ minn qabel fl-ebda każ ma jista' jkun kompletament awtomatizzat peress li, fir-rigward ta' investigazzjoni kriminali, tali stħarriġ jeżiġi l-ibbilanċjar, minn naħa, tal-interessi leġittimi marbuta mal-ġlieda kontra l-kriminalità u, min-naħa l-oħra, tar-rispett tal-ħajja privata u tal-protezzjoni tad-data personali. Dan l-ibbilanċjar jeħtieġ l-intervent ta' persuna fiżika, li huwa iktar u iktar neċessarju peress li l-awtomatiċità u l-iskala kbira tal-ipproċessar tad-data inkwistjoni joħolqu riskji għall-ħajja privata.

Għalhekk, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonkludiet li l-possibbiltà, għall-persuni inkarigati mill-eżami tal-fatti fi ħdan l-awtorità pubblika, li jagħmlu konnessjoni tad-data dwar l-identità ċivili ta' persuna li tikkorrispondi għal indirizz IP mal-fajls li jinkludu elementi li jippermettu li jsir magħruf it-titolu ta' xogħlijiet protetti li t-tqegħid tiegħu għad-

dispożizzjoni fuq l-internet iġġustifika l-ġbir tal-indirizzi IP minn organi tad-detenturi ta' drittijiet għandha tkun suġġetta, f'każijiet ta' twettiq mill-ġdid ta' attività li tippreġudika d-drittijiet tal-awtur jew tad-drittijiet relatati mill-istess persuna, għal stħarriġ minn qorti jew minn entità amministrattiva indipendenti. Dan l-istħarriġ ma jistax ikun kompletament awtomatizzat u għandu jsir qabel tali konnessjoni, li tista' f'tali każijiet tippermetti li jinsiltu konklużjonijiet preċiżi dwar il-ħajja privata tal-imsemmija persuna li l-indirizz IP tagħha jkun intuża għal attivitajiet li jistgħu jippreġudikaw id-drittijiet tal-awtur jew id-drittijiet relatati.

Fir-raba' u fl-aħħar lok, il-Qorti tal-Ġustizzja nnotat li s-sistema ta' pproċessar ta' data użata mill-awtorità pubblika kellha tkun suġġetta, f'intervalli regolari, għal kontroll minn organu indipendenti u li għandu l-kwalità ta' terz fir-rigward ta' din l-awtorità pubblika. Dan il-kontroll għandu l-għan li jivverifika l-integrità tas-sistema, inklużi l-garanziji effettivi kontra r-riskji ta' aċċess u ta' użu abbużiv jew illegali ta' din id-data, kif ukoll l-effikaċja u l-affidabbiltà tagħha sabiex jiġu identifikati eventwali nuqqasijiet ta' twettiq ta' obbligu.

F'dan il-kuntest, il-Qorti tal-Ġustizzja osservat li, f'dan il-każ, l-ipproċessar awtomatizzat tad-data personali mwettaq mill-awtorità pubblika abbażi tal-informazzjoni dwar il-kontrafazzjonijiet ikkonstatati mill-organi tad-detenturi ta' drittijiet seta' jinvolvi ċertu numru ta' każijiet pożittivi foloz u fuq kollox ir-riskju li numru ta' data potenzjalment għoli ħafna jiġi ddevjat minn terzi għal finijiet abbużivi jew illegali, fatt li jispjega n-neċessità ta' tali kontroll.

Barra minn hekk, hija żiedet li dan l-ipproċessar kellu josserva r-regoli speċifiċi ta' protezzjoni ta' data personali previsti fid-Direttiva 2016/680 [73]. Fil-fatt, f'dan lil-każ, għalkemm l-awtorità pubblika ma għandhiex setgħat deċiżjonali tagħha stess fil-kuntest tal-proċedura magħrufa bħala ta' "risposta gradwata", hija għandha tiġi kklassifikata bħala "awtorità pubblika" involuta fil-prevenzjoni u fl-identifikazzjoni tar-reati kriminali, u taqa' għalhekk fil-kamp ta' applikazzjoni tagħha. Għalhekk, il-persuni involuti f'tali proċedura għandhom jibbenefikaw minn numru ta' garanziji sostantivi u proċedurali previsti mid-Direttiva 2016/680, li hija l-qorti tar-rinviju li għandha tivverifika li dawn ikunu previsti mil-leġiżlazzjoni nazzjonali.

[73] Direttiva (UE) 2016/680 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali mill-awtoritajiet kompetenti għall-finijiet tal-prevenzjoni, l-investigazzjoni, is-sejbien jew il-prosekuzzjoni ta' reati kriminali jew l-eżekuzzjoni ta' pieni kriminali, u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li tħassar id-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2008/977/ĠAI (ĠU 2016, L 119, p. 89, rettifika fil-ĠU 2018, L 127, p. 6).

## 5. Drittijiet tal-awtur

***Sentenza tat-3 ta' Lulju 2012 (Awla Manja), UsedSoft (C-128/11, EU:C:2012:407)***

Il-kumpannija Oracle kienet tiżviluppa u tiddistribwixxi, b'mod partikolari permezz ta' tniżżil mill-internet, programmi tal-kompjuter li jiffunzjonaw skont il-modalità "klijent/server". Il-klijent kien iniżżel direttament kopja tal-programm fuq il-kompjuter tiegħu. Id-dritt ta' użu kien jinkludi d-dritt li tinżamm b'mod permanenti l-kopja ta' dan il-programm fuq server u d-dritt li 25 utent jingħataw aċċess għal dan il-programm. Il-kuntratti ta' liċenzja kienu jipprevedu li dan il-klijent kien jakkwista dritt ta' użu għal żmien indeterminat, mhux trasferibbli u rriżervat għal użu professjonali intern. UsedSoft, impriża Ġermaniża, kienet tikkummerċjalizza liċenzji mixtrija mingħand il-klijenti ta' Oracle. Il-klijenti ta' UsedSoft, li kien għad ma kellhomx is-softwer, kienu jniżżluh direttament, wara li jiksbu liċenza ta' "softwer użat", mis-sit internet ta' Oracle. Il-klijenti li kellhom diġà dan is-softwer setgħu jixtru, b'mod addizzjonali, liċenzja jew parti tal-liċenzja għal utenti supplimentari. F'dan il-każ, il-klijenti kienu jniżżlu s-softwer fuq il-memorja ċentrali fuq il-kompjuters ta' dawn l-utenti l-oħra.

Oracle ressqet lil UsedSoft quddiem il-qrati Ġermaniżi sabiex tiġi ordnata twaqqaf din il-prattika. Il-Bundesgerichtshof (il-Qorti Suprema Federali, il-Ġermanja) talbet lill-Qorti tal-Ġustizzja tinterpreta, f'dan il-kuntest, id-Direttiva 2009/24/KE [74] dwar il-protezzjoni legali tal-programmi tal-kompjuter.

Skont il-Qorti tal-Ġustizzja, l-Artikolu 4(2) tad-Direttiva 2009/24/KE għandu jiġi interpretat fis-sens li d-dritt ta' distribuzzjoni tal-kopja ta' programm ta' kompjuter jiġi eżawrit jekk id-detentur tad-drittijiet tal-awtur, li jkun awtorizza, anki jekk mingħajr ħlas, it-tniżżil ta' din il-kopja fuq mezz informatiku permezz tal-internet, ikun ta wkoll, permezz tal-ħlas ta' prezz maħsub sabiex jippermettilu jikseb remunerazzjoni li tikkorrispondi għall-valur ekonomiku tal-kopja tax-xogħol li huwa l-proprjetarju tiegħu, dritt ta' użu tal-imsemmija kopja, mingħajr limitazzjoni ta' żmien.

It-tniżżil ta' kopja ta' programm tal-kompjuter u l-konklużjoni ta' kuntratt ta' liċenzja ta' użu fir-rigward ta' din il-kopja huma ħaġa waħda. L-imsemmija operazzjonijiet jimplikaw it-trasferiment tad-dritt ta' proprjetà tal-kopja tal-programm tal-kompjuter ikkonċernat. F'dan ir-rigward, huwa irrilevanti jekk il-kopja tal-programm tal-kompjuter kinitx tqiegħdet għad-dispożizzjoni tal-klijent permezz ta' tniżżil mill-internet jew permezz ta' mezz materjali bħal CD-ROM jew DVD.

Barra minn hekk, l-Artikoli 4(2) u 5(1) tad-Direttiva 2009/24/KE għandhom jiġu interpretati fis-sens li, fil-każ ta' bejgħ mill-ġdid ta' liċenzja għal użu li tinkludi l-bejgħ mill-ġdid ta' kopja ta' programm tal-kompjuter imniżżla mis-sit internet tad-detentur tad-

---

[74] Direttiva 2009/24/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' April 2009 dwar il-protezzjoni legali ta' programmi tal-kompjuter (ĠU 2009, L 111, p. 16).

drittijiet tal-awtur, liema liċenzja tkun inizjalment mogħtija lill-ewwel akkwirent, it-tieni akkwirent tal-imsemmija liċenzja, kif ukoll kull akkwirent sussegwenti ta' din tal-aħħar jistgħu jinvokaw l-eżawriment tad-dritt ta' distribuzzjoni previst fl-Artikolu 4(2) ta' din id-direttiva u jibbenefikaw mid-dritt ta' riproduzzjoni.

*Sentenza tal-10 ta' Novembru 2016, Vereniging Openbare Bibliotheken (C-174/15, EU:C:2016:856)*

Fil-Pajjiżi l-Baxxi, is-self ta' kotba elettroniċi mil-libreriji pubbliċi ma kienx jaqa' taħt is-sistema ta' self lill-pubbliku applikabbli għall-kotba tradizzjonali. Il-libreriji pubbliċi kienu jqiegħdu kotba elettroniċi għad-dispożizzjoni tal-pubbliku fuq l-internet, fuq il-bażi ta' ftehimiet ta' liċenzja mad-detenturi ta' drittijiet. Il-Vereniging Openbare Bibliotheken (VOB), assoċjazzjoni li tiġbor fi ħdanha l-libreriji pubbliċi kollha fil-Pajjiżi l-Baxxi, kienet tal-fehma li s-sistema għall-kotba tradizzjonali kellha tapplika wkoll għas-self diġitali. F'dan il-kuntest, hija fetħet kawża kontra Stichting Leenrecht, fondazzjoni responsabbli għall-ġbir tar-remunerazzjoni dovuta lill-awturi, sabiex tikseb sentenza dikjaratorja f'dan is-sens. Ir-rikors ta' VOB kien jikkonċerna s-self organizzat skont il-mudell ta' "one copy, one user", jiġifieri s-self ta' kopja ta' ktieb f'forma diġitali mwettaq billi din il-kopja titqiegħed fuq is-server ta' librerija pubblika u billi utent jitħalla jirriproduċi l-imsemmija kopja billi jniżżilha fuq il-kompjuter tiegħu stess, bil-kundizzjoni li kopja waħda biss tkun tista' titniżżel matul il-perijodu ta' self u li, wara l-iskadenza ta' dan il-perijodu, il-kopja mniżżla minn dan l-utent ma tkunx tista' tibqa' tintuża minnu. Adita bil-kawża, ir-Rechtbank Den Haag (il-Qorti Distrettwali ta' Den Haag, il-Pajjiżi l-Baxxi) staqsiet lill-Qorti tal-Ġustizzja jekk l-Artikolu 1(1), l-Artikolu 2(1)(b) u l-Artikolu 6(1) tad-Direttiva 2006/115/KE[75], dwar id-dritt ta' kiri u ta' self u dwar ċerti drittijiet relatati mad-drittijiet tal-awtur fil-qasam tal-proprjetà intellettwali, kellhomx jiġu interpretati fis-sens li l-kunċett ta' "self" ikopri tali self ta' kopja ta' ktieb f'forma diġitali u jekk l-imsemmija direttiva tipprekludix tali prattika.

Skont il-Qorti tal-Ġustizzja, l-Artikolu 1(1), l-Artikolu 2(1)(b) u l-Artikolu 6(1) tad-Direttiva 2006/115/KE għandhom jiġu interpretati fis-sens li l-kunċett ta' "self", fis-sens ta' dawn id-dispożizzjonijiet, ikopri l-mudell ta' "one copy, one user".

Fil-fatt, il-kunċett ta' "kiri" ta' oġġetti, li jinsab fl-Artikolu 2(1)(a) tad-Direttiva 2006/115/KE, għandu jinftiehem fis-sens li jkopri biss oġġetti tanġibbli, u l-kunċett ta' "kopji", li ijnsab fl-Artikolu 1(1) ta' din id-direttiva, għandu jinftiehem fis-sens li, fir-rigward tal-kiri, ikopri biss il-kopji li jkunu fuq mezz fiżiku. Barra minn hekk, tali konklużjoni hija kkorroborata mill-għan imfittex mill-imsemmija direttiva. Fil-fatt, il-premessa 4 ta' din tal-aħħar tistipula, b'mod partikolari, li d-dritt tal-awtur għandu jadatta ruħu għar-realtajiet ekonomiċi ġodda bħall-forom ġodda ta' użu.

[75] Direttiva 2006/115/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2006 dwar dritt ta' kiri u dritt ta' self u dwar ċerti drittijiet relatati mad-drittijiet tal-awtur fil-qasam tal-proprjetà intellettwali (ĠU 2006, L 376, p. 28).

Barra minn hekk, id-dritt tal-Unjoni għandu jiġi interpretat fis-sens li ma jipprekludix li Stat Membru jissuġġetta l-applikazzjoni tal-Artikolu 6(1) tad-Direttiva 2006/115/KE għall-kundizzjoni li l-kopja ta' ktieb f'forma diġitali mqiegħda għad-dispożizzjoni mil-librerija pubblika kienet tqiegħdet fiċ-ċirkulazzjoni permezz tal-ewwel bejgħ jew tal-ewwel trasferiment ieħor ta' proprjetà ta' din il-kopja fl-Unjoni mid-detentur tad-dritt ta' distribuzzjoni lill-pubbliku jew bil-kunsens tiegħu, fis-sens tal-Artikolu 4(2) tad-Direttiva 2001/29/KE [76]. L-Istati Membri ma jistgħux jitwaqqfu milli jiffissaw, jekk ikun il-każ, kundizzjonijiet addizzjonali li jistgħu jtejbu l-protezzjoni tad-drittijiet tal-awtur lil hinn minn dak li tipprevedi espliċitament l-imsemmija dispożizzjoni.

L-Artikolu 6(1) tad-Direttiva 2006/115/KE għandu jiġi interpretat fis-sens li jipprekludi li l-eċċezzjoni ta' self lil pubbliku li huwa jipprevedi tapplika għat-tqegħid għad-dispożizzjoni minn librerija pubblika ta' kopja ta' ktieb f'forma diġitali fil-każ li din il-kopja tkun inkisbet minn sors illegali.

*Sentenza tat-8 ta' Settembru 2016, GS Media (C-160/15, EU:C:2016:644)*

GS Media kienet topera s-sit internet GeenStijl, li kien wieħed mill-iktar għaxar siti ffrekwentati fil-qasam tal-aħbarijiet fil-Pajjiżi l-Baxxi. Fl-2011, GS Media ppubblikat artiklu u link li kien jieħu lill-qarrejja f'sit Awstraljan fejn kienu tqiegħdu għad-dispożizzjoni ritratti ta' B. G. Dekker. Dawn ir-ritratti kienu ppubblikati fis-sit Awstraljan mingħajr il-kunsens ta' Sanoma, l-editur tar-rivista mensili Playboy li kellha d-drittijiet tal-awtur fuq ir-ritratti inkwistjoni. Minkejja t-talbiet ta' Sanoma, GS Media kienet irrifjutat li tneħħi l-link inkwistjoni. Meta s-sit Awstraljan neħħa r-ritratti fuq talba ta' Sanoma, GeenStijl ippubblika artiklu ġdid li kien fih ukoll link għal sit ieħor, fejn wieħed seta' jara r-ritratti inkwistjoni. Dan is-sit tal-aħħar kien laqa' wkoll it-talba ta' Sanoma sabiex jitneħħew ir-ritratti. L-utenti internet li kienu jsegwu l-forum ta' GeenStijl imbagħad qiegħdu links ġodda għal siti oħra fejn setgħu jiġu kkonsultati r-ritratti. Skont Sanoma, GS Media kienet kisret id-drittijiet tal-awtur. Adita fil-kassazzjoni, il-Hoge Raad der Nederlanden (il-Qorti Suprema tal-Pajjiżi l-Baxxi) għamlet domanda preliminari lill-Qorti tal-Ġustizzja dwar dan il-punt. Fil-fatt, skont id-Direttiva 2001/29/KE [77], kull att ta' komunikazzjoni ta' xogħol lill-pubbliku għandu jiġi awtorizzat mid-detentur tad-drittijiet tal-awtur.

Skont il-Qorti tal-Ġustizzja, l-Artikolu 3(1) tad-Direttiva 2001/29/KE għandu jiġi interpretat fis-sens li, sabiex jiġi stabbilit jekk il-fatt li jitqiegħdu, fuq sit internet, links lejn xogħlijiet protetti, disponibbli b'mod liberu fuq sit internet ieħor mingħajr l-awtorizzazzjoni tad-detentur tad-drittijiet tal-awtur, jikkostitwixxix "komunikazzjoni lill-pubbliku" fis-sens ta' din id-dispożizzjoni, għandu jiġi ddeterminat jekk dawn il-links jingħatawx bi skop ta' lukru minn persuna li ma kinitx taf jew li raġonevolment ma setgħetx tkun taf bin-natura

[76] Direttiva 2001/29/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tat-22 ta' Mejju 2001 dwar l-armonizzazzjoni ta' ċerti aspetti ta' drittijiet tal-awtur u drittijiet relatati fis-soċjetà tal-informazzjoni (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 17, Vol. 1, p. 230).

[77] Direttiva 2001/29/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tat-22 ta' Mejju 2001 dwar l-armonizzazzjoni ta' ċerti aspetti ta' drittijiet tal-awtur u drittijiet relatati fis-soċjetà tal-informazzjoni (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 17, Vol. 1, p. 230).

illegali tal-pubblikazzjoni ta' dawn ix-xogħlijiet fuq dan is-sit internet l-ieħor jew jekk, għall-kuntrarju, l-imsemmija links ingħatawx b'tali skop, f'liema każ dan l-għarfien għandu jiġi preżunt.

Fil-każ li jiġi stabbilit li persuna kienet taf jew kien imissha kienet taf li l-link imqiegħed minnha jagħti aċċess għal xogħol ippubblikat illegalment fuq l-internet, pereżempju għaliex kienet informata mid-detenturi tad-drittijiet tal-awtur, il-provvista ta' dan il-link għandha titqies li tikkostitwixxi "komunikazzjoni lill-pubbliku", fis-sens tal-Artikolu 3(1) tad-Direttiva 2001/29/KE. Meta t-tqegħid ta' links jitwettaq bi skop ta' lukru, l-awtur ta' tali tqegħid jista' jkun mistenni jwettaq il-verifiki meħtieġa sabiex jiżgura ruħu li x-xogħol ikkonċernat ma jkunx ippubblikat illegalment fis-sit li għalih iwasslu l-imsemmija links. F'tali ċirkustanzi, u sakemm din il-preżunzjoni konfutabbli ma tiġix ikkonfutata, l-att li jikkonsisti fit-tqegħid ta' link għal xogħol ippubblikat illegalment fuq l-internet jikkostitwixxi "komunikazzjoni lill-pubbliku", fis-sens tal-Artikolu 3(1) tad-Direttiva 2001/29/KE.

*Sentenza tal-14 ta' Ġunju 2017, Stichting Brein (C-610/15, EU:C:2017:456)*

Ziggo u XS 4ALL kienu fornituri ta' aċċess għall-internet. Parti kunsiderevoli tal-abbonati tagħhom kienu jużaw il-pjattaforma ta' kondiviżjoni online "The Pirate Bay". Din il-pjattaforma kienet tippermetti lill-utenti jikkondividu u jniżżlu, f'partijiet ("torrents"), xogħlijiet li kienu jinsabu fuq il-kompjuters rispettivi tagħhom. Fil-parti l-kbira tagħhom, il-fajls inkwistjoni kienu xogħlijiet protetti bid-drittijiet tal-awtur, mingħajr ma d-detenturi tad-drittijiet ma kienu awtorizzaw lill-amministraturi u lill-utenti ta' din il-pjattaforma jwettqu atti ta' kondiviżjoni. Stichting Brein, fondazzjoni Olandiża li tiddefendi l-interessi tad-detenturi tad-drittijiet tal-awtur, fetħet kawża quddiem il-qrati Olandiżi sabiex jordnaw lil Ziggo u lil XS 4ALL jibblokkjaw l-ismijiet ta' dominju u l-indirizzi IP ta' "The Pirate Bay".

Il-Hoge Raad der Nederlanden (il-Qorti Suprema tal-Pajjiżi l-Baxxi) xtaqet essenzjalment tkun taf jekk pjattaforma ta' kondiviżjoni bħalma hija "The Pirate Bay" twettaqx "komunikazzjoni lill-pubbliku" fis-sens tad-Direttiva 2001/29/KE [78] u jekk tistax għalhekk tikser id-drittijiet tal-awtur.

Il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li l-kunċett ta' "komunikazzjoni lill-pubbliku", fis-sens tal-Artikolu 3(1) tad-Direttiva 2001/29/KE għandu jiġi interpretat fis-sens li jkopri t-tqegħid għad-dispożizzjoni u l-operat, fuq l-internet, ta' pjattaforma ta' kondiviżjoni li, bl-organizzazzjoni f'indiċi ta' metadata dwar xogħlijiet protetti u bil-provvista ta' mutur ta' tfittix, tippermetti lill-utenti ta' din il-pjattaforma jsibu dawn ix-xogħlijiet u jikkondividuhom fil-kuntest ta' network bejn utent u ieħor (peer-to-peer).

[78] Direttiva 2001/29/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tat-22 ta' Mejju 2001 dwar l-armonizzazzjoni ta' ċerti aspetti ta' drittijiet tal-awtur u drittijiet relatati fis-soċjetà tal-informazzjoni (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 17, Vol. 1, p. 230).

Għandu jiġi osservat, kif jirriżulta mill-premessa 23 tad-Direttiva 2001/29/KE, li d-dritt tal-awtur ta' komunikazzjoni lill-pubbliku, previst fl-imsemmi Artikolu 3(1), ikopri kull trażmissjoni jew ritrażmissjoni ta' xogħol lill-pubbliku li ma jkunx preżenti fil-post fejn toriġina l-komunikazzjoni, b'kejbil jew mingħajru, inkluż ix-xandir bir-radju.

F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja diġà ddeċidiet li l-fatt li jiġu pprovduti, fuq sit internet, links li jistgħu jiġu kklikkjati lejn xogħlijiet protetti ppubblikati mingħajr ebda restrizzjoni fir-rigward ta' aċċess fuq sit ieħor joffri lill-utenti tal-ewwel sit aċċess dirett għall-imsemmija xogħlijiet. Dan huwa wkoll il-każ tal-bejgħ ta' qarrej multimedia li fuqu jkunu diġà installati moduli komplementari, disponibbli fuq l-internet, li jinkludu links lejn siti internet aċċessibbli b'mod liberu għall-pubbliku li fuqhom ikunu tqiegħdu għad-dispożizzjoni xogħlijiet protetti mid-drittijiet tal-awtur mingħajr l-awtorizzazzjoni tad-detenturi ta' dawn id-drittijiet. B'hekk, minn din il-ġurisprudenza jista' jiġi dedott li, bħala prinċipju, kull att li permezz tiegħu utent jagħti, b'għarfien sħiħ tal-fatti, aċċess lill-klijenti tiegħu għal xogħlijiet protetti jista' jikkostitwixxi "att ta' komunikazzjoni", fis-sens tal-Artikolu 3(1) tad-Direttiva 2001/29/KE.

Sabiex jaqgħu taħt il-kunċett ta' "komunikazzjoni lill-pubbliku", fis-sens tal-Artikolu 3(1) tad-Direttiva 2001/29/KE, huwa meħtieġ li x-xogħlijiet protetti jiġu effettivament ikkomunikati lill-pubbliku. Il-kunċett ta' "pubbliku" jinkludi ċertu livell minimu. B'hekk, huwa meħtieġ li jkun magħruf mhux biss in-numru ta' persuni li kellhom aċċess għall-istess xogħol fl-istess ħin, iżda wkoll kemm minnhom kellhom aċċess għalih b'mod suċċessiv.

***Sentenza tad-29 ta' Lulju 2019, (Awla Manja) Funke Medien NRW (C-469/17, EU:C:2019:623)***

Il-kumpannija Funke Medien topera l-portal internet tal-ġurnal Ġermaniż ta' kuljum Westdeutsche Allgemeine Zeitung. Ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja, peress li qieset li Funke Medien kienet kisret id-drittijiet tal-awtur tagħha fuq ċerti rapporti dwar is-sitwazzjoni militari "ikklassifikati bħala suġġetti għal aċċess ristrett" redatti mill-Gvern Ġermaniż, kienet ippreżentat azzjoni għal inġunzjoni kontra din tal-aħħar. Din l-azzjoni ntlaqgħet minn qorti reġjonali b'deċiżjoni li ġiet ikkonfermata fl-appell minn qorti reġjonali superjuri. Permezz tal-appell għal reviżjoni tagħha, ippreżentat quddiem il-Bundesgerichtshof (il-Qorti Federali tal-Ġustizzja, il-Ġermanja), il-qorti tar-rinviju, Funke Medien sostniet it-talbiet tagħha għaċ-ċaħda tal-azzjoni għal inġunzjoni.

Preliminarjament, il-Qorti tal-Ġustizzja fakkret li rapporti dwar is-sitwazzjoni militari jistgħu jiġu protetti mid-drittijiet tal-awtur biss bil-kundizzjoni, li għandha tiġi vverifikata mill-qorti nazzjonali f'kull każ ineżami, li dawn ir-rapporti jikkostitwixxu ħolqien intellettwali tal-awtur tagħhom li jirriflettu l-personalità ta' dan tal-aħħar u li jintwera permezz tal-għażliet liberi u kreattivi tiegħu fit-tfassil tal-imsemmija rapporti.

Skont il-Qorti tal-Ġustizzja, id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2001/29/KE li jipprevedu d-drittijiet esklużivi tal-awturi għar-riproduzzjoni u għall-komunikazzjoni lill-pubbliku tax-xogħlijiet tagħhom jikkostitwixxu miżuri ta' armonizzazzjoni sħiħa tal-kontenut materjali

tad-drittijiet previsti fihom. Għall-kuntrarju, il-Qorti tal-Ġustizzja qieset li d-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2001/29/KE li jippermettu deroga mill-imsemmija drittijiet fir-rigward tar-rappurtaġġ ta' ġrajjiet kurrenti u l-kwotazzjonijiet ma jikkostitwixxux miżuri ta' armonizzazzjoni sħiħa tal-portata tal-eċċezzjonijiet jew tal-limitazzjonijiet previsti minnhom. Madankollu, il-marġni ta' evalwazzjoni tal-Istati Membri fl-implimentazzjoni ta' dawn id-dispożizzjonijiet għandu jiġi eżerċitat fil-limiti imposti mid-dritt tal-Unjoni, u dan sabiex jinżamm bilanċ ġust bejn, minn naħa, l-interess tad-detenturi tad-drittijiet għall-protezzjoni tad-dritt tal-proprjetà intellettwali tagħhom, iggarantit mill-Karta, u, min-naħa l-oħra, id-drittijiet u l-interessi tal-utenti ta' xogħlijiet jew ta' oġġetti protetti, b'mod partikolari l-libertà ta' espressjoni u ta' informazzjoni tagħhom, li hija wkoll iggarantita mill-Karta, kif ukoll l-interess ġenerali.

Barra minn hekk, fir-rigward tal-libertà ta' espressjoni u ta' informazzjoni, il-Qorti tal-Ġustizzja speċifikat li din il-libertà ma tistax tiġġustifika, minbarra l-eċċezzjonijiet u l-limitazzjonijiet previsti fid-Direttiva 2001/29/KE, deroga mid-drittijiet esklużivi tal-awturi għar-riproduzzjoni u għall-komunikazzjoni lill-pubbliku tax-xogħlijiet tagħhom, għajr dik prevista fl-imsemmija direttiva. F'dan id-dawl, il-Qorti tal-Ġustizzja fakkret li l-lista tal-eċċezzjonijiet u tal-limitazzjonijiet previsti fid-Direttiva 2001/29/KE hija ta' natura eżawrjenti.

Fl-aħħar nett, skont il-Qorti tal-Ġustizzja, fil-kuntest tal-ibbilanċjar li għandha twettaq il-qorti nazzjonali, fid-dawl taċ-ċirkustanzi kollha tal-każ ineżami, bejn, minn naħa, id-drittijiet esklużivi tal-awturi għar-riproduzzjoni u għall-komunikazzjoni lill-pubbliku tax-xogħlijiet tagħhom, u, min-naħa l-oħra, id-drittijiet tal-utenti ta' oġġetti protetti koperti mid-dispożizzjonijiet derogatorji tad-Direttiva 2001/29/KE li jikkonċernaw ir-rappurtaġġ ta' ġrajjiet kurrenti u l-kwotazzjonijiet, il-qorti nazzjonali għandha tibbaża ruħha fuq interpretazzjoni ta' dawn id-dispożizzjonijiet li, filwaqt li tosserva l-formulazzjoni tagħhom u filwaqt li tħares l-effett utli tagħhom, tkun kompletament konformi mad-drittijiet fundamentali ggarantiti mill-Karta.

***Sentenza tad-29 ta' Lulju 2019 (Awla Manja), Spiegel Online (C-516/17, EU:C:2019:625)***

Il-kumpannija Spiegel Online topera l-portal ta' informazzjoni fuq l-internet bl-istess isem. Volker Beck, li kien membru tal-Bundestag (il-Parlament Federali, il-Ġermanja), ikkontesta, quddiem qorti reġjonali, it-tqegħid għad-dispożizzjoni tat-testi sħaħ tal-manuskritt u tal-artikolu tiegħu fur l-internet minn Spiegel Online. V. Beck kien tal-fehma li l-imsemmija pubblikazzjoni kienet tikkostitwixxi ksur tad-drittijiet tal-awtur tiegħu. L-imsemmija qorti laqgħet it-talbiet ta' V. Beck. Wara li tilfet fl-appell, Spiegel Online ppreżentat appell għal reviżjoni quddiem il-qorti tar-rinviju, il-Bundesgerichtshof (il-Qorti Federali tal-Ġustizzja, il-Ġermanja).

Il-Qorti tal-Ġustizzja qieset li d-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2001/29/KE li jippermettu deroga mid-drittijiet esklużivi tal-awtur fir-rigward tar-rappurtaġġ ta' ġrajjiet kurrenti u tal-kwotazzjonijiet iħallu lill-Istati Membri marġni ta' evalwazzjoni fir-rigward tat-

traspożizzjoni tagħhom fid-dritt nazzjonali, iżda ma jikkostitwixxux miżuri ta' armonizzazzjoni sħiħa. Madankollu, il-marġni ta' evalwazzjoni tal-Istati Membri fl-implimentazzjoni ta' dawn id-dispożizzjonijiet għandu jiġi eżerċitat fil-limiti imposti mid-dritt tal-Unjoni, u dan sabiex jinżamm bilanċ ġust bejn, minn naħa, l-interess tad-detenturi tad-drittijiet għall-protezzjoni tad-dritt tal-proprjetà intellettwali tagħhom, iggarantit mill-Karta, u, min-naħa l-oħra, id-drittijiet u l-interessi tal-utenti ta' xogħlijiet jew ta' oġġetti protetti, b'mod partikolari l-libertà ta' espressjoni u ta' informazzjoni tagħhom, li hija wkoll iggarantita mill-Karta, kif ukoll l-interess ġenerali.

Fir-rigward tal-libertà ta' espressjoni u ta' informazzjoni, il-Qorti tal-Ġustizzja speċifikat li din il-libertà ma tistax tiġġustifika, minbarra l-eċċezzjonijiet u l-limitazzjonijiet previsti fid-Direttiva 2001/29/KE, deroga mid-drittijiet esklużivi tal-awturi għar-riproduzzjoni u għall-komunikazzjoni lill-pubbliku tax-xogħlijiet tagħhom, għajr dik prevista fl-imsemmija direttiva. F'dan id-dawl, il-Qorti tal-Ġustizzja fakkret li l-lista tal-eċċezzjonijiet u tal-limitazzjonijiet previsti f'din id-direttiva hija ta' natura eżawrjenti.

Barra minn hekk, skont il-Qorti tal-Ġustizzja, fil-kuntest tal-ibbilanċjar li għandha twettaq il-qorti nazzjonali, fid-dawl taċ-ċirkustanzi kollha tal-każ ineżami, bejn, minn naħa, id-drittijiet esklużivi tal-awturi għar-riproduzzjoni u għall-komunikazzjoni lill-pubbliku tax-xogħlijiet tagħhom, u, min-naħa l-oħra, id-drittijiet tal-utenti ta' oġġetti protetti koperti mid-dispożizzjonijiet derogatorji tad-Direttiva 2001/29/KE li jikkonċernaw ir-rappurtaġġ ta' ġrajjiet kurrenti u l-kwotazzjonijiet, il-qorti nazzjonali għandha tibbaża ruħha fuq interpretazzjoni ta' dawn id-dispożizzjonijiet li, filwaqt li tosserva l-formulazzjoni tagħhom u filwaqt li tħares l-effett utli tagħhom, tkun kompletament konformi mad-drittijiet fundamentali ggarantiti mill-Karta.

Fl-ewwel lok, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li d-dispożizzjoni derogatorja tad-Direttiva 2001/29/KE li tikkonċerna r-rappurtaġġ ta' ġrajjiet kurrenti tipprekludi regola nazzjonali li tillimita l-applikazzjoni tal-eċċezzjoni jew tal-limitazzjoni prevista fl-imsemmija dispożizzjoni għall-każijiet fejn ma jkunx raġonevolment possibbli li titressaq talba minn qabel sabiex jiġi awtorizzat l-użu ta' xogħol protett għall-finijiet ta' rappurtaġġ ta' ġrajjiet kurrenti. Fil-fatt, bħala regola ġenerali u b'mod partikolari fil-kuntest tas-soċjetà tal-informazzjoni, il-fatt li sseħħ ġrajja kurrenti jeħtieġ li l-informazzjoni dwar din il-ġrajja tkun tista' tiġi kkomunikata malajr, b'tali mod li huwa diffiċli li dan jiġi kkonċiljat ma' rekwiżit li jinkiseb minn qabel il-kunsens tal-awtur, li jista' jagħmel eċċessivament diffiċli, jekk mhux ukoll jipprekludi, l-għoti lill-pubbliku ta' informazzjoni rilevanti fi żmien adegwat.

Fit-tieni lok, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet, minn naħa, li l-kunċett ta' "kwotazzjonijiet", previst fid-dispożizzjoni derogatorja tad-Direttiva 2001/29/KE li tikkonċerna l-kwotazzjonijiet, ikopri r-riferiment, permezz ta' hyperlink, għal fajl li jkun jista' jiġi kkonsultat b'mod awtonomu. F'dan il-kuntest, hija fakkret il-ġurisprudenza tagħha li minnha joħroġ li l-hyperlinks jikkontribwixxu għall-funzjonament tajjeb tal-internet, li għandu importanza partikolari għal-libertà ta' espressjoni u ta' informazzjoni, iggarantita mill-Karta, kif ukoll għall-iskambju ta' opinjonijiet u ta' informazzjoni f'dan in-network

ikkaratterizzat mid-disponibbiltà ta' volum ta' informazzjoni li ma jistax jiġi kkwantifikat. Min-naħa l-oħra, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li xogħol ikun diġà tqiegħed legalment għad-dispożizzjoni tal-pubbliku meta dan ix-xogħol, fil-forma konkreta tiegħu, ikun magħmul aċċessibbli għall-pubbliku minn qabel bl-awtorizzazzjoni tad-detentur tad-drittijiet jew bis-saħħa ta' liċenzja mhux volontarja jew inkella bis-saħħa ta' awtorizzazzjoni legali. Hija l-qorti nazzjonali li għandha tiddeċiedi jekk xogħol tqegħidx għad-dispożizzjoni tal-pubbliku b'mod legali, fid-dawl tal-każ konkret li jkollha quddiemha u filwaqt li tieħu inkunsiderazzjoni ċ-ċirkustanzi kollha tal-każ ineżami.

***Sentenza tad-9 ta' Marzu 2021 (Awla Manja), VG Bild-Kunst (C-392/19, EU:C:2021:181)***

Stiftung Preußischer Kulturbesitz (iktar 'il quddiem "SPK"), fondazzjoni Ġermaniża, topera d-Deutsche Digitale Bibliothek, librerija diġitali ddedikata għall-kultura u għall-għarfien li tqiegħed f'network istituzzjonijiet kulturali u xjentifiċi Ġermaniżi. Is-sit internet ta' din il-librerija jinkludi links għal kontenut diġitali maħżun fil-portali internet tal-istituzzjonijiet parteċipanti. Bħala "vetrina diġitali", id-Deutsche Digitale Bibliothek taħżen hija stess immaġnijiet żgħar (thumbnails) biss, jiġifieri verżjonijiet ta' immaġni li d-daqs tagħhom huwa ridott meta mqabbel mad-daqs oriġinali tagħhom.

VG Bild-Kunst, soċjetà għall-amministrazzjoni kollettiva tad-drittijiet tal-awtur fil-qasam tal-arti viżivi fil-Ġermanja, tissuġġetta l-konklużjoni, ma' SPK, ta' kuntratt ta' liċenzja għall-użu tal-katalgu ta' xogħlijiet tagħha fil-forma ta' immaġnijiet żgħar għall-inklużjoni ta' dispożizzjoni li tipprovdi li SPK tintrabat li timplimenta, waqt l-użu tax-xogħlijiet koperti mill-kuntratt, miżuri tekniċi effikaċi kontra t-transklużjoni (framing) [79], minn terzi, tal-immaġnijiet żgħar ta' dawn ix-xogħlijiet murija fis-sit internet tad-Deutsche Digitale Bibliothek.

Peress li qieset li tali kundizzjoni kuntrattwali ma kinitx raġonevoli fid-dawl tad-drittijiet tal-awtur, SPK ressqet azzjoni quddiem il-qrati Ġermaniżi intiża li jiġi kkonstatat li VG Bild-Kunst kienet marbuta tagħti l-liċenzja inkwistjoni mingħajr ma tissuġġetta dan l-għoti għall-implimentazzjoni ta' miżuri intiżi li jipprekludu t-transklużjoni [80].

F'dan il-kuntest, il-Bundesgerichtshof (il-Qorti Federali tal-Ġustizzja, il-Ġermanja) talbet lill-Qorti tal-Ġustizzja tiddetermina jekk din it-transklużjoni għandhiex titqies li hija komunikazzjoni lill-pubbliku fis-sens tad-Direttiva 2001/29 [81], li, fl-affermattiv, tippermetti lil VG Bild-Kunst timponi fuq SPK l-implimentazzjoni ta' dawn il-miżuri.

[79] It-teknika tat-transklużjoni (framing) tikkonsisti fit-tqassim ta' paġna ta' sit internet f'diversi kwadri u fil-viżwalizzazzjoni f'wieħed minnhom, permezz ta' link klikkabbli jew ta' link internet inkorporat (inline linking), element li joriġina minn sit ieħor sabiex jostor mill-utenti ta' dan is-sit l-ambjent oriġinali li jagħmel parti minnu dan l-element.

[80] Skont id-dritt Ġermaniż, is-soċjetajiet għall-amministrazzjoni kollettiva għandhom l-obbligu li jagħtu lil kull persuna li titlobha, taħt kundizzjonijiet raġonevoli, liċenzja għall-użu tad-drittijiet li l-amministrazzjoni tagħhom tkun ġiet fdata lilhom. Madankollu, skont il-ġurisprudenza Ġermaniża, is-soċjetajiet ta' ġestjoni kollettiva jistgħu, eċċezzjonalment, jirrifjutaw li jagħtu liċenzja, bil-kundizzjoni li dan ir-rifjut ma jkunx jikkostitwixxi abbuż ta' monopolju u bla ħsara għall-fatt li tkun tista' ssir oġġezzjoni fir-rigward tat-talba għal liċenzja ta' interessi leġittimi superjuri.

[81] Skont l-Artikolu 3(1) tad-Direttiva 2001/29/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Mejju 2001 dwar l-armonizzazzjoni ta' ċerti aspetti ta' drittijiet ta' l-awtur u drittijiet relatati fis-soċjetà ta' l-informazzjoni (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 17, Vol. 1, p. 230), l-Istati

Il-Qorti tal-Ġustizzja, bl-Awla Manja bħala l-kulleġġ ġudikanti, iddeċidiet li l-inkorporazzjoni permezz ta' transklużjoni, f'paġna internet ta' terz, ta' xogħlijiet protetti mid-drittijiet tal-awtur u mqiegħda għad-dispożizzjoni tal-pubbliku b'aċċess liberu permezz tal-awtorizzazzjoni tad-detentur tad-drittijiet tal-awtur f'sit internet ieħor tikkostitwixxi komunikazzjoni lill-pubbliku meta din l-inkorporazzjoni tevita miżuri ta' protezzjoni kontra t-transklużjoni adottati jew imposti mid-detentur tad-drittijiet tal-awtur.

Qabelxejn, il-Qorti tal-Ġustizzja indikat li l-modifika tad-daqs tax-xogħlijiet fil-kuntest ta' transklużjoni ma għandha ebda rwol fl-evalwazzjoni tal-eżistenza ta' att ta' komunikazzjoni lill-pubbliku, sakemm l-elementi oriġinali tax-xogħol ikunu perċettibbli.

Sussegwentement, il-Qorti tal-Ġustizzja rrilevat, minn naħa, li t-teknika ta' transklużjoni tikkostitwixxi att ta' komunikazzjoni lill-pubbliku, sa fejn għandha l-effett li tqiegħed l-element viżwalizzat għad-dispożizzjoni tal-utenti potenzjali kollha ta' sit internet. Min-naħa l-oħra, hija fakkret li, peress li t-teknika ta' transklużjoni tuża l-istess metodu tekniku bħal dak diġà użat għall-komunikazzjoni tax-xogħol protett lill-pubbliku fis-sit internet oriġinali, jiġifieri dak tal-internet, din il-komunikazzjoni ma tissodisfax il-kundizzjoni ta' pubbliku ġdid u, għaldaqstant, ma taqax taħt komunikazzjoni "lill-pubbliku" fis-sens tad-Direttiva 2001/29.

Madankollu, il-Qorti tal-Ġustizzja ppreċiżat li din il-kunsiderazzjoni tapplika biss f'sitwazzjoni fejn l-aċċess għax-xogħlijiet ikkonċernati fis-sit internet oriġinali ma jkun suġġett għal ebda miżura restrittiva. Fil-fatt, f'din is-sitwazzjoni, id-detentur tad-drittijiet awtorizza sa mill-bidu l-komunikazzjoni tax-xogħlijiet tiegħu lill-utenti internet kollha.

Min-naħa l-oħra, il-Qorti tal-Ġustizzja enfasizzat li, meta d-detentur tad-drittijiet ikun stabbilixxa jew impona mill-bidu miżuri restrittivi marbuta mal-pubblikazzjoni tax-xogħlijiet tiegħu, huwa ma jkunx ta l-kunsens tiegħu sabiex terzi jkunu jistgħu jikkomunikaw liberament ix-xogħlijiet tiegħu lill-pubbliku. Għall-kuntrarju, huwa jkun ried jillimita l-pubbliku li jkollu aċċess għax-xogħlijiet tiegħu għall-utenti ta' sit internet partikolari biss.

Konsegwentement, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonstatat li, meta d-detentur tad-drittijiet tal-awtur ikun adotta jew impona miżuri ta' restrizzjoni kontra t-transklużjoni, l-inklużjoni ta' xogħol f'paġna internet ta' terz, bit-teknika ta' transklużjoni, tikkostitwixxi "tqegħid għad-dispożizzjoni ta' dan ix-xogħol lil pubbliku ġdid". Din il-komunikazzjoni lill-pubbliku għandha, għaldaqstant, ikollha l-awtorizzazzjoni tad-detenturi tad-drittijiet ikkonċernati.

Fil-fatt, approċċ kuntrarju jwassal sabiex tiġi stabbilita regola ta' eżawriment tad-dritt ta' komunikazzjoni. Issa, din ir-regola ċċaħħad lid-detentur tad-drittijiet tal-awtur mill-possibbiltà li jeżiġi remunerazzjoni xierqa għall-użu tax-xogħol tiegħu. Għalhekk, tali approċċ jikser il-bilanċ ġust li għandu jinżamm, fl-ambjent diġitali, bejn, minn naħa, l-interess tad-detenturi tad-drittijiet tal-awtur u tad-drittijiet relatati fil-protezzjoni tal-

Membri għandhom jipprevedu, għall-awturi, id-dritt esklużiv li jawtorizzaw jew li jipprojbixxu kull komunikazzjoni lill-pubbliku tax-xogħol tagħhom.

proprjetà intellettwali tagħhom, u, min-naħa l-oħra, il-protezzjoni tal-interessi u tad-drittijiet fundamentali tal-utenti ta' oġġetti protetti.

Fl-aħħar nett, il-Qorti tal-Ġustizzja ppreċiżat li d-detentur tad-drittijiet tal-awtur jista' jillimita l-kunsens tiegħu għat-transklużjoni biss permezz ta' miżuri teknići effikaċi. Fil-fatt, fl-assenza ta' tali miżuri, jista' jkun diffiċli li jiġi vverifikat jekk dan id-detentur kellux l-intenzjoni li jopponi t-transklużjoni tax-xogħlijiet tiegħu.

***Sentenza tat-22 ta' Ġunju 2021 (Awla Manja), YouTube u Cyando (C-682/18 u C-683/18, EU:C:2021:503)***

Fit-tilwima li wasslet għall-ewwel kawża (C-682/18), Frank Peterson, produttur tal-mużika, kien qiegħed ifittex lil YouTube u lir-rappreżentant legali tagħha, Google, quddiem il-qrati Ġermaniżi dwar it-tqegħid fuq l-internet, fuq YouTube, fl-2008, ta' diversi fonogrammi li fuqhom huwa allega li kellu diversi drittijiet. Dan it-tqegħid online twettaq minn utenti ta' din il-pjattaforma mingħajr l-awtorizzazzjoni tiegħu. Dawn kienu titoli tal-album A Winter Symphony tal-artista Sarah Brightman kif ukoll reġistrazzjonijiet awdjo privati mwettqa waqt il-kunċerti tat-tour tagħha "Symphony Tour".

Fit-tilwima li wasslet għat-tieni kawża (C-683/18), id-dar tal-pubblikazzjoni Elsevier kienet qiegħda tfittex lil Cyando quddiem il-qrati Ġermaniżi dwar it-tqegħid fuq l-internet, fil-pjattaforma tagħha ta' hosting u ta' kondiviżjoni ta' fajls "Uploaded", fl-2013, ta' diversi xogħlijiet li fuqhom Elsevier kellha drittijiet esklużivi. Dan it-tqegħid fuq l-internet twettaq minn utenti ta' din il-pjattaforma mingħajr l-awtorizzazzjoni tiegħu. Dawn kienu x-xogħlijiet "Gray's Anatomy for Students", "Atlas of Human Anatomy" u "Campbell-Walsh Urology", li setgħu jiġu kkonsultati fuq Uploaded permezz tal-kollezzjonijiet ta' links rehabgate.com, avaxhome.ws u bookarchive.ws.

Il-Bundesgerichtshof (il-Qorti Federali tal-Ġustizzja, il-Ġermanja), adita b'dawn iż-żewġ kawżi, għamlet diversi domandi preliminari lill-Qorti tal-Ġustizzja sabiex din tal-aħħar tippreċiża, fost l-oħrajn, ir-responsabbiltà tal-operaturi ta' pjattaformi fuq l-internet fir-rigward ta' xogħlijiet protetti mid-drittijiet tal-awtur li jiġu ppubblikati fuq l-internet fuq dawn il-pjattaformi, b'mod illegali, mill-utenti tagħhom.

Din ir-responsabbiltà ġiet eżaminata mill-Qorti tal-Ġustizzja taħt is-sistema applikabbli fiż-żmien meta seħħew il-fatti, kif tirriżulta mid-Direttiva 2001/29 dwar id-drittijiet tal-awtur [82], mid-Direttiva 2000/31 dwar il-kummerċ elettroniku [83], kif ukoll id-Direttiva 2004/48 dwar l-infurzar tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali [84]. Id-domandi preliminari magħmula ma kinux jikkonċernaw is-sistema, li daħlet fis-seħħ wara ż-żmien

[82] Direttiva 2001/29/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tat-22 ta' Mejju 2001 dwar l-armonizzazzjoni ta' ċerti aspetti ta' drittijiet tal-awtur u drittijiet relatati fis-soċjetà tal-informazzjoni (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 17, Vol. 1, p. 230).

[83] Direttiva 2000/31/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Ġunju 2000 dwar ċerti aspetti legali tas-servizzi minn soċjetà ta' l-informazzjoni, partikolarment il-kummerċ elettroniku, fis-Suq Intern (Direttiva dwar il-kummerċ elettroniku) (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 13, Vol. 25, p. 399).

[84] Direttiva 2004/48/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 fuq l-infurzar tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 17, Vol. 2, p. 32).

li fih seħħew il-fatti, stabbilita bid-Direttiva 2019/790 dwar id-drittijiet tal-awtur u d-drittijiet relatati fis-suq uniku diġitali [85].

Fis-sentenza tagħha, mogħtija mill-Awla Manja, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet b'mod partikolari li, fl-istat attwali tad-dritt tal-Unjoni, l-operaturi tal-pjattaformi fuq l-internet ma kinux iwettqu, huma stess, komunikazzjoni lill-pubbliku tal-kontenut protett mid-drittijiet tal-awtur li l-utenti tagħhom iqiegħdu illegalment fuq l-internet, sakemm dawn l-operaturi ma jikkontribwixxux, lil hinn mis-sempliċi tqegħid għad-dispożizzjoni ta' pjattaformi, sabiex jagħtu lill-pubbliku aċċess għal tali kontenut bi ksur tad-drittijiet tal-awtur. Barra minn hekk, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li dawn l-operaturi setgħu jibbenefikaw mill-eżenzjoni ta' responsabbiltà, fis-sens tad-Direttiva 2000/31 dwar il-kummerċ elettroniku, bil-kundizzjoni li ma jkollhomx rwol attiv ta' natura li jagħtihom tagħrif u kontroll tal-kontenut imtella' fil-pjattaforma tagħhom.

Fl-ewwel lok, il-Qorti tal-Ġustizzja eżaminat il-kwistjoni ta' jekk l-operatur ta' pjattaforma ta' kondiviżjoni ta' videos jew ta' pjattaforma ta' hosting u ta' kondiviżjoni ta' fajls, li fuqha l-utenti jkunu jistgħu jqiegħdu illegalment għad-dispożizzjoni tal-pubbliku kontenut protett, iwettaqx huwa stess, f'kundizzjonijiet bħal dawk inkwistjoni f'dawn il-kawżi, "komunikazzjoni lill-pubbliku" ta' dan il-kontenut, fis-sens tad-Direttiva 2001/29 dwar id-drittijiet tal-awtur [86]. Il-Qorti tal-Ġustizzja fakkret, l-ewwel nett, l-għanijiet u d-definizzjoni tal-kunċett ta' "komunikazzjoni lill-pubbliku" kif ukoll il-kriterji komplementari li għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni fil-kuntest tal-evalwazzjoni individwalizzata li jimplika dan il-kunċett.

Għalhekk, il-Qorti tal-Ġustizzja enfasizzat, fost dawn il-kriterji, ir-rwol indispensabbli li għandu l-operatur tal-pjattaforma u n-natura intenzjonata tal-intervent tiegħu. Fil-fatt, dan l-operatur iwettaq "att ta' komunikazzjoni" meta jintervjeni, bl-għarfien sħiħ tal-konsegwenzi tal-imġiba tiegħu, sabiex jagħti lill-klijenti tiegħu aċċess għal xogħol protett, u dan b'mod partikolari meta, fl-assenza ta' dan l-intervent, dawn il-klijenti ma jkunux jistgħu, bħala prinċipju, igawdu x-xogħol imxandar.

F'dan il-kuntest, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li l-operatur ta' pjattaforma ta' kondiviżjoni ta' videos jew ta' pjattaforma ta' hosting u ta' kondiviżjoni ta' fajls, li fuqhom l-utenti jistgħu jqiegħdu illegalment għad-dispożizzjoni tal-pubbliku kontenut protett, ma jwettaqx "komunikazzjoni lill-pubbliku" tagħhom, fis-sens tad-Direttiva dwar id-drittijiet tal-awtur, sakemm ma jikkontribwixxix, lil hinn mis-sempliċi tqegħid għad-dispożizzjoni

85 Direttiva (UE) 2019/790 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' April 2019 dwar id-drittijiet tal-awtur u drittijiet relatati fis-Suq Uniku Diġitali u li temenda d-Direttivi 96/9/KE u 2001/29/KE (ĠU 2019, L 130, p. 92). Din id-direttiva tistabbilixxi, għall-operaturi ta' pjattaformi fuq l-internet, sistema ġdida ta' responsabbiltà speċifika għax-xogħlijiet imqiegħda fuq l-internet illegalment mill-utenti ta' dawn il-pjattaformi. Din id-direttiva, li għandha tiġi trasposta minn kull Stat Membru fid-dritt nazzjonali tiegħu sas-7 ta' Ġunju 2021, timponi b'mod partikolari fuq dawn l-operaturi li jiksbu awtorizzazzjoni tad-detenturi tad-drittijiet, pereżempju, billi jikkonkludu ftehim ta' liċenzja, għax-xogħlijiet imqiegħda fuq l-internet mill-utenti tal-pjattaforma tagħhom.

86 Artikolu 3(1) tad-Direttiva 2001/29 dwar id-drittijiet tal-awtur. Skont dan l-artikolu, l-Istati Membri għandhom jipprovdu lill-awturi bid-dritt esklużiv li jawtorizzaw jew jipprojbixxu kull komunikazzjoni lill-pubbliku tax-xogħlijiet tagħhom, bil-fili jew mezzi mingħajr fili, inkluż it-tqegħid għad-dispożizzjoni tal-pubbliku tax-xogħlijiet tagħhom b'mod li membri tal-pubbliku jista' jkollhom aċċess għalihom minn post u f'ħin magħżul individwalment minnhom.

tal-pjattaforma, sabiex jingħata lill-pubbliku aċċess għal tali kontenut bi ksur tad-drittijiet tal-awtur.

Dan ikun b'mod partikolari l-każ meta dan l-operatur ikollu għarfien konkret tat-tqegħid għad-dispożizzjoni illegali ta' kontenut protett fuq il-pjattaforma tiegħu u jastjeni milli jħassar dan il-kontenut jew milli jwaqqaf l-aċċess għalih b'mod immedjat, jew meta l-imsemmi operatur, minkejja li jaf jew għandu jkun jaf li, b'mod ġenerali, kontenut protett ikun tqiegħed illegalment għad-dispożizzjoni tal-pubbliku permezz tal-pjattaforma tiegħu minn utenti tagħha, jastjeni milli jimplimenta l-miżuri tekniċi xierqa li wieħed jista' jistenna minn operatur normalment diliġenti fis-sitwazzjoni tiegħu sabiex jiġġieled b'mod kredibbli u effettiv il-ksur tad-drittijiet tal-awtur fuq din il-pjattaforma, jew meta jipparteċipa fl-għażla ta' kontenut protett ikkomunikat illegalment lill-pubbliku, jipprovdi fuq il-pjattaforma tiegħu għodod speċifikament maħsuba għall-kondiviżjoni illegali ta' tali kontenut jew xjentement jippromwovi tali kondiviżjoni, li jista' jidher mill-fatt li l-operatur adotta mudell ekonomiku li jinkoraġġixxi lill-utenti tal-pjattaforma tiegħu jikkomunikaw illegalment lill-pubbliku kontenut protett fuq din il-pjattaforma.

Fit-tieni lok, il-Qorti tal-Ġustizzja eżaminat il-kwistjoni ta' jekk operatur ta' pjattaforma fuq l-internet jistax jibbenefika mill-eżenzjoni ta' responsabbiltà, prevista fid-Direttiva 2000/31 dwar il-kummerċ elettroniku [87], għall-kontenut protett li l-utenti jikkomunikaw illegalment lill-pubbliku permezz tal-pjattaforma tiegħu. F'dan il-kuntest, il-Qorti tal-Ġustizzja eżaminat jekk ir-rwol eżerċitat minn dan l-operatur ikunx newtrali, jiġifieri jekk l-aġir tiegħu ikunx purament tekniku, awtomatiku u passiv, li jimplika l-assenza ta' għarfien jew ta' kontroll tal-kontenut li huwa jaħżen jew jekk, għall-kuntrarju, l-imsemmi operatur għandux rwol attiv ta' natura tali li jagħtih għarfien jew kontroll ta' dan il-kontenut. F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li dan l-operatur jista' jibbenefika mill-eżenzjoni mir-responsabbiltà, sakemm ma jkollux rwol attiv ta' natura li jagħtih għarfien jew kontroll tal-kontenut imtella' fil-pjattaforma tiegħu. Il-Qorti tal-Ġustizzja ppreċiżat fuq dan il-punt li, sabiex jiġi eskluż mill-benefiċċju tal-eżenzjoni mir-responsabbiltà, prevista minn din id-direttiva, tali operatur għandu jkun jaf bl-atti illegali konkreti tal-utenti tiegħu relatati ma' kontenut protett li jkun ittella' fuq il-pjattaforma tiegħu.

Fit-tielet lok, il-Qorti tal-Ġustizzja ppreċiżat il-kundizzjonijiet li fihom id-detenturi tad-drittijiet, skont id-Direttiva 2001/29 dwar id-drittijiet tal-awtur [88], jistgħu jiksbu ordnijiet ġudizzjarji kontra l-operaturi ta' pjattaforma fuq l-internet. Għalhekk, hija ddeċiediet li din id-direttiva ma tipprekludix li, skont id-dritt nazzjonali, id-detentur ta' dritt tal-awtur

[87] Artikolu 14(1) tad-Direttiva 2000/31 dwar il-kummerċ elettroniku. Skont din id-dispożizzjoni, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li, fil-każ ta' provvista ta' servizz minn soċjetà tal-informazzjoni li tikkonsisti fil-ħażna ta' informazzjoni pprovduta mid-destinatarju tas-servizz, il-fornitur ma jkunx responsabbli għall-informazzjoni maħżuna fuq talba ta' destinatarju tas-servizz, sakemm il-fornitur ma jkunx effettivament jaf bl-attività jew bl-informazzjoni illegali u, fir-rigward ta' talba għad-danni, ma jkollux għarfien ta' fatti jew ċirkustanzi li minnhom tkun evidenti l-attività jew l-informazzjoni illegali, jew li l-fornitur tas-servizz, mill-mument li jkollu tali għarfien, jaġixxi minnufih sabiex jirtira l-informazzjoni jew jirrendi l-aċċess għaliha impossibbli.

[88] Artikolu 8(3) tad-Direttiva 2001/29 dwar id-drittijiet tal-awtur. Skont din id-dispożizzjoni l-Istati Membri għandhom jiżguraw li d-detenturi tad-drittijiet ikunu f'pożizzjoni biex japplikaw għal mandat ta' inibizzjoni kontra intermedjarji li s-servizzi tagħhom jintużaw minn terz biex jikser d-drittijiet tal-awtur jew dritt relatat.

jew ta' dritt relatat ikun jista' jikseb digriet fuq rikors kontra l-operatur, li s-servizz tiegħu jkun intuża minn terz sabiex jikser id-dritt tiegħu mingħajr ma dan l-operatur ikun sar jaf bih, fis-sens tad-Direttiva 2000/31 dwar il-kummerċ elettroniku [89], bil-kundizzjoni li, qabel il-ftuħ tal-proċedura ġudizzjarja, dan il-ksur ikun ġie kkomunikat minn qabel lil dan l-operatur u dan ma jkunx intervjena minnufih sabiex jirtira l-kontenut inkwistjoni jew sabiex iwaqqaf l-aċċess għalih u sabiex jiżgura li dan il-ksur ma jerġax iseħħ.

Madankollu, huma l-qrati nazzjonali li għandhom jiżguraw, fl-applikazzjoni ta' tali kundizzjoni, li din ma twassalx għal dewmien fil-waqfien effettiv tal-ksur li jikkawża danni sproporzjonati għal dan id-detentur.

## II. Il-kuntest ġuridiku li jirregola l-kummerċ elettroniku

### 1. Reklamar

***Sentenza tat-23 ta' Marzu 2010 (Awla Manja), Google France (C-236/08 sa C-238/08,* EU:C:2010:159*)***

Il-kumpannija Google kienet topera mutur ta' tfittxija fuq l-internet u kienet tipproponi, fost oħrajn, servizz ta' referenzjar bi ħlas imsemmi "AdWords". Dan is-servizz kien jippermetti lil kull operatur ekonomiku, bl-għażla ta' kelma prinċipali waħda jew iktar, li jagħmel link promozzjonali lejn is-sit tiegħu flimkien ma' messaġġ pubbliċitarju. Vuitton, detentriċi tat-trade mark Komunitarja "Vuitton" u detenturi oħra ta' trade marks Franċiżi kienu kkonstataw li, fil-kuntest tal-użu tal-mutur ta' tfittxija ta' Google, meta l-utenti internet idaħħlu l-kliem li jikkostitwixxu dawn it-trade marks, kienu jitilgħu links lejn siti li jipproponu imitazzjonijiet ta' prodotti ta' Vuitton u lejn siti ta' kompetituri ta' detenturi oħra ta' trade marks. Il-Cour de cassation (il-Qorti tal-Kassazzjoni, Franza) staqsiet lill-Qorti tal-Ġustizzja dwar il-legalità tal-użu, bħala kliem prinċipali fil-kuntest ta' servizz ta' referenzjar fuq l-internet, ta' sinjali li jikkorrispondu għal trade marks, mingħajr il-kunsens tad-detenturi ta' dawn it-trade marks.

Il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li tali fornitur ta' servizz ta' referenzjar fuq l-internet ma jkunx qiegħed juża dan is-sinjal fis-sens tal-Artikolu 5(1) u (2) tad-Direttiva 89/104/KEE [90] jew tal-Artikolu 9(1) tar-Regolament (KE) Nru 40/94 [91], anki jekk jippermetti lil min jagħmel ir-reklami juża sinjali identiċi għal trade marks bħala kliem prinċipali, jaħżen dawn is-sinjali u juri r-reklami tal-klijenti tiegħu fuq il-bażi ta' dawn is-sinjali. L-użu ta' sinjal identiku jew simili għat-trade mark tad-detentur minn terz jimplika li dan jagħmel

[89] Artikolu 14(1)(a) tad-Direttiva 2000/31 dwar il-kummerċ elettroniku.
[90] Direttiva tal-Kunsill 89/104/KEE tal-21 ta' Diċembru 1988 biex jiġu approssimati l-liġijiet ta' l-Istati Membri dwar it-trade marks (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 17, Vol. 1, p. 92).
[91] Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 40/94 tal-20 ta' Diċembru 1993 dwar it-trade mark Komunitarja (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 17, Vol. 1, p. 146).

użu tas-sinjal fil-kuntest tal-komunikazzjoni kummerċjali tiegħu u jikkostitwixxi użu fis-sens tal-imsemmija direttiva, fil-każ li r-reklam ikun intiż li jqarraq bl-utenti internet fir-rigward tal-oriġini tal-prodotti jew tas-servizzi tiegħu.

Id-detentur ta' trade mark għandu s-setgħa li jipprojbixxi lil persuna li tirreklama milli tagħmel ir-reklam meta dan ir-reklam jagħmilha diffiċli għall-utent medju tal-internet li jidentifika jekk il-prodotti jew is-servizzi msemmija fir-reklamar joriġinawx mid-detentur tat-trade mark jew minn terz. Il-funzjoni essenzjali tat-trade mark hija b'mod partikolari li tippermetti lill-utenti internet jiddistingwu l-prodotti jew is-servizzi tad-detentur ta' din it-trade mark minn dawk li jkollhom oriġini differenti.

Madankollu, riperkussjonijiet tal-użu tas-sinjal identiku għat-trade mark minn terz ma jikkostitwixxux, fihom innifishom, ksur tal-funzjoni ta' reklamar tat-trade mark. L-Artikolu 14 tad-Direttiva 2000/31/KE [92] għandu jiġi interpretat fis-sens li r-regola stabbilita fih tapplika għall-fornitur ta' servizz ta' referenzjar fuq l-internet meta dan il-fornitur ma jkollux rwol attiv ta' natura li jagħtih għarfien ta' jew kontroll fuq id-data miżmuma. Jekk l-aġir ikun purament tekniku, awtomatiku jew passiv, b'tali mod li jimplika l-assenza ta' għarfien ta' jew ta' kontroll fuq id-data miżmuma minnu, l-imsemmi fornitur ma jistax jitqies li jkun responsabbli.

***Sentenza tal-11 ta' Lulju 2013, Belgian Electronic Sorting Technology (C-657/11, EU:C:2013:516)***

L-impriżi Best Electronic Sorting Technology (BEST) u Visys kienu jiddisinjaw, jipproduċu u jikkumerċjalizzaw magni ta' separazzjoni u sistemi ta' separazzjoni permezz ta' teknoloġija bil-laser. Visys kienet twaqqfet minn B. Peelaers, ex impjegat ta' BEST. Dan tal-aħħar kien irreġistra, f'isem Visys, l-isem ta' dominju "www.bestlasersorter.com". Il-kontenut tas-sit internet ospitat taħt dan l-isem ta' dominju kien identiku għal dak tas-siti internet normali ta' Visys, li kienu aċċessibbli bl-isem ta' dominju "www.visys.be" u "www.visysglobal.be". Meta l-kliem "Best Laser Sorter" kienu jiddaħħlu fil-mutur ta' tfittxija google.be, dan tal-aħħar kien jirreferi, bħala t-tieni riżultat tat-tfittxija u wara s-sit internet ta' BEST, għas-sit internet ta' Visys. Fis-siti internet tagħha, Visys kienet tuża, fost oħrajn, il-metaidentifikaturi segwenti, jiġifieri "Best+Helius, Best+Genius". Il-qorti tar-rinviju, il-Hof van Cassatie (il-Qorti tal-Kassazzjoni, il-Belġju), għamlet rinviju għal deċiżjoni preliminari lill-Qorti tal-Ġustizzja sabiex tkun taf jekk ir-reġistrazzjoni u l-użu ta' isem ta' dominju, minn naħa, u l-użu ta' metaidentifikaturi ("metatags") inklużi fil-metadata ("metadata") ta' sit internet, min-naħa l-oħra, setgħux jitqiesu li jaqgħu fil-kunċett ta' reklamar fis-sens tad-Direttivi 84/450/KEE [93] u 2006/114/KE [94].

---

[92] Direttiva 2000/31/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Ġunju 2000 dwar ċerti aspetti legali tas-servizzi minn soċjetà ta' l-informazzjoni, partikolarment il-kummerċ elettroniku, fis-Suq Intern (Direttiva dwar il-kummerċ elettroniku) (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 13, Vol. 25, p. 399).

[93] Direttiva tal-Kunsill 84/450/KEE tal-10 ta' Settembru 1984 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet, regolamenti u dispożizzjonijiet amministrattivi ta' l-Istati Membri dwar reklamar qarrieqi (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 15, Vol. 1, p. 227).

[94] Direttiva 2006/114/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2006 dwar reklamar qarrieqi u komparattiv (ĠU 2006, L 376, p. 21).

Il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li l-punt 1 tal-Artikolu 2 tad-Direttiva 84/450/KEE u l-Artikolu 2(a) tad-Direttiva 2006/114 għandhom jiġu interpretati fis-sens li l-kunċett ta' reklamar, kif iddefinit f'dawn id-dispożizzjonijiet, ikopri l-użu ta' isem ta' dominju kif ukoll l-użu ta' metaidentifikaturi fil-metadata ta' sit internet, f'sitwazzjoni fejn l-isem ta' dominju jew il-metaidentifikaturi kkostitwiti minn kliem prinċipali ("keyword metatags") jirreferu għal ċerti prodotti jew għal ċerti servizzi jew inkella għall-isem kummerċjali ta' kumpannija u jikkostitwixxu forma ta' komunikazzjoni, indirizzata lill-konsumaturi potenzjali, li tissuġġerilhom li jinsabu f'sit internet marbut mal-imsemmija prodotti jew servizzi jew inkella mal-imsemmija kumpannija.

Fil-fatt, il-kunċett ta' reklamar ma jistax jiġi interpretat u applikat b'mod li l-passi meħuda minn kummerċjant sabiex jippromwovi l-bejgħ tal-prodotti jew tas-servizzi tiegħu, li jistgħu jinfluwenzaw l-aġir ekonomiku tal-konsumaturi u, għahekk, jaffettwaw lill-kompetituri ta' dan il-kummerċjant, ma jaqgħux taħt ir-regoli ta' kompetizzjoni leali stabbiliti permezz ta' dawn id-direttivi.

Mill-banda l-oħra, dan il-kunċett ma jkoprix ir-reġistrazzjoni, bħala tali, ta' isem ta' dominju. Fil-fatt, dan huwa att purament formali li, waħdu, ma jimplikax neċessarjament il-possibbiltà li l-konsumaturi potenzjali jsiru jafu bl-isem tad-dominju u għalhekk ma jistax jinfluwenza l-għażla ta' dawn tal-aħħar.

*Sentenza tal-4 ta' Mejju 2017, Luc Vanderborght (C-339/15, EU:C:2017:335)*

Luc Vanderborght, dentist stabbilit fil-Belġju, kien irreklama servizzi ta' kura dentali. Huwa kien installa tabella li kienet tindika ismu, il-kwalità tiegħu ta' dentist, l-indirizz tas-sit internet tiegħu kif ukoll in-numru tat-telefon tal-klinika tiegħu. Barra minn hekk, huwa kien ħoloq sit internet fejn kien jinforma lill-pazjenti bid-diversi tipi ta' trattamenti proposti fil-klinika tiegħu. Fl-aħħar nett, huwa kien għamel reklami fil-gazzetti lokali. Wara li sar ilment mill-Verbond der Vlaamse tandartsen, assoċjazzjoni professjonali ta' dentisti, infetħu proċeduri kriminali kontra L. Vanderborght. Fil-fatt, id-dritt Belġjan kien jipprojbixxi kull reklamar marbut ma' servizzi ta' kura tal-ħalq u ta' kura dentali u kien jimponi rekwiżiti ta' diskrezzjoni. Adita bil-kawża, in-Nederlandstalige rechtbank van eerste aanleg te Brussel (il-Qorti tal-Ewwel Istanza ta' Brussell bil-lingwa Olandiża, il-Belġju) iddeċidiet li tagħmel rinviju għal deċiżjoni preliminari lill-Qorti tal-Ġustizzja dwar din il-kwistjoni.

Skont il-Qorti tal-Ġustizzja, id-Direttiva 2000/31/KE [95] għandha tiġi interpretata fis-sens li tipprekludi leġiżlazzjoni nazzjonali bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali.

Il-premessa 18 tad-Direttiva 2000/31/KE tispeċifika li l-kunċett ta' "servizzi tas-soċjetà tal-informazzjoni" jinkludi firxa wiesgħa ta' attivitajiet ekonomiċi li jitwettqu online. Barra

[95] Direttiva 2000/31/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Ġunju 2000 dwar ċerti aspetti legali tas-servizzi minn soċjetà ta' l-informazzjoni, partikolarment il-kummerċ elettroniku, fis-Suq Intern (Direttiva dwar il-kummerċ elettroniku) (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 13, Vol. 25, p. 399).

minn hekk, l-Artikolu 2(f) ta' din id-direttiva jispeċifika li l-kunċett ta' "komunikazzjoni kummerċjali" ikopri b'mod partikolari kull forma ta' komunikazzjoni maħsuba sabiex tippromwovi s-servizzi ta' persuna li teżerċita professjoni rregolata. Minn dan isegwi li r-reklamar dwar is-servizzi ta' kura tal-ħalq u ta' kura dentali, magħmul permezz ta' sit internet, jikkostitwixxi tali servizz. Il-leġiżlatur tal-Unjoni ma eskludiex professjonijiet irregolati mill-prinċipju ta' awtorizzazzjoni ta' komunikazzjonijiet kummerċjali online previst fl-Artikolu 8(1) tal-imsemmija direttiva. Għalkemm din id-dispożizzjoni tippermetti li jittieħdu inkunsiderazzjoni l-karatteristiċi partikolari tal-professjonijiet tas-saħħa fit-tfassil tar-regoli professjonali marbuta magħhom, billi jiġu stabbiliti l-forom u l-modalitajiet tal-komunikazzjonijiet kummerċjali online sabiex, b'mod partikolari, jiġi ggarantit li ma tiġix ippreġudikata l-fiduċja tal-pazjenti fir-rigward ta' dawn il-professjonijiet, xorta waħda jibqa' l-fatt li dawn ir-regoli professjonali ma jistgħux jipprojbixxu b'mod ġenerali u assolut kull forma ta' reklamar online maħsub sabiex jippromwovi l-attività ta' persuna li teżerċita tali professjoni.

L-Artikolu 56 TFUE għandu jiġi interpretat fis-sens li jipprekludi leġiżlazzjoni nazzjonali, bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, li tipprojbixxi b'mod ġenerali u assolut kull reklamar dwar servizzi ta' kura tal-ħalq u ta' kura dentali.

Fir-rigward tan-neċessità ta' restrizzjoni għal-libertà li jiġu pprovduti servizzi bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, għandu jittieħed inkunsiderazzjoni l-fatt li s-saħħa u l-ħajja tal-persuni jokkupaw l-ewwel post fost il-beni u l-interessi protetti mit-Trattat u li, bħala prinċipju, huma l-Istati Membri li għandhom jiddeċiedu l-livell li fih jixtiequ jiżguraw il-protezzjoni tas-saħħa pubblika.

Fil-fatt, ir-reklami kollha pprojbiti minn din il-leġiżlazzjoni ma jistgħux, bħala tali, joħolqu l-effetti kuntrarji għal dawn l-għanijiet imsemmija. F'dawn iċ-ċirkustanzi, għandu jitqies li l-għanijiet imfittxija mil-leġiżlazzjoni inkwistjoni fil-kawża prinċipali jistgħu jintlaħqu permezz ta' miżuri inqas restrittivi.

***Sentenza tat-30 ta' Marzu 2017, Verband Sozialer Wettbewerb eV (C-146/16, EU:C:2017:243)***

Is-suġġett tat-tilwima kien reklamar ippubblikat f'gazzetta minn DHL Paket, li kienet topera l-pjattaforma ta' bejgħ online "MeinPaket.de", fejn bejjiegħa professjonali kienu joffru prodotti għall-bejgħ. Il-beni ppreżentati f'dan ir-reklamar, flimkien ma' kodiċi, setgħu jinxtraw minn bejjiegħa terzi permezz tal-imsemmija pjattaforma. Ladarba jidħol fis-sit, l-utent seta' jintroduċi l-kodiċi rispettiv sabiex jittieħed fil-paġna li tippreżenta l-beni inkwistjoni b'mod iktar iddettaljat u li ssemmi l-bejjiegħ, li l-informazzjoni rilevanti tiegħu setgħet tiġi kkonsultata f'taqsima maħsuba għal dan il-għan.

Skont il-Verband Sozialer Wettbewerb (VSW), assoċjazzjoni li l-membri tagħha huma b'mod partikolari l-fornituri ta' oġġetti elettriċi u elettroniċi kif ukoll bejjiegħa b'korrispondenza, li jipproponu għall-bejgħ oġġetti ta' kull tip, ir-reklam ippubblikat kien jikkostitwixxi prattika kummerċjali żleali. Skont VSW, DHL Paket ma kinitx issodisfat l-obbligu tagħha li tindika l-identità u l-indirizz ġeografiku tal-fornituri li jużaw il-

pjattaforma ta' bejgħ tagħha. VSW ressqet azzjoni ġudizzjarja fejn talbet li titwaqqaf din l-attività pubbliċitarja.

Adita mill-Bundesgerichtshof (il-Qorti Federali tal-Ġustizzja, il-Ġermanja), il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li l-Artikolu 7(4) tad-Direttiva 2005/29/KE [96] għandu jiġi interpretat fis-sens li reklam, bħal dak inkwistjoni fil-kawża prinċipali, li jaqa' taħt il-kunċett ta' "stedina għal xiri" fis-sens ta' din id-direttiva, jista' jissodisfa l-obbligu ta' informazzjoni previst minn din id-dispożizzjoni.

Hija l-qorti tar-rinviju li għandha teżamina, każ b'każ, minn naħa, jekk ir-restrizzjonijiet ta' spazju fit-test tar-reklam jiġġustifikawx li jkun biss fil-livell tal-pjattaforma ta' bejgħ online li tingħata l-informazzjoni dwar il-fornitur u, min-naħa l-oħra, jekk ikun il-każ, jekk l-informazzjoni meħtieġa mill-Artikolu 7(4)(b) tal-imsemmija direttiva dwar il-pjattaforma ta' bejgħ online tkunx ikkomunikata b'mod sempliċi u rapidu.

*Sentenza tat-3 ta' Marzu 2016, Daimler AG (C-179/15, EU:C:2016:134)*

Együd Garage, kumpannija Ungeriża speċjalizzata fil-bejgħ u fit-tiswija ta' karozzi Mercedes, kienet marbuta b'kuntratt ta' servizz wara l-bejgħ ma' Daimler, il-manifattur Ġermaniż tal-karozzi Mercedes u d-detentur tat-trade mark internazzjonali "Mercedes-Benz". Il-kumpannija Ungeriża kellha d-dritt li tuża din it-trade mark u li tindika "ċentru ta' tiswija Mercedes-Benz approvat" fir-reklami tagħha. Wara x-xoljiment ta' dan il-kuntratt, Együd Garage pprovat tħassar kull reklam fuq l-internet li seta' jwassal lill-pubbliku sabiex iqis li kien għad għandha relazzjoni kuntrattwali ma' Daimler. Minkejja l-passi meħuda, reklami li kienu jindikaw tali assoċjazzjoni baqgħu jinxterdu fuq l-internet u kienu jiġu identifikati mill-muturi ta' tfittxija. Il-Fővárosi Törvényszék (il-Qorti tal-Belt ta' Budapest, l-Ungerija) staqsiet lill-Qorti tal-Ġustizzja jekk id-Direttiva 2008/95/KE [97] dwar it-trade marks kinitx tippermetti lil Daimler teżiġi li ex sieħeb kuntrattwali jieħu passi komprensivi sabiex jevita preġudizzju għat-trade mark tagħha.

Il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li l-użu ta' trade mark minn terz, mingħajr l-awtorizzazzjoni tad-detentur, sabiex jirreklama lill-pubbliku li dan it-terz iwettaq tiswijiet u manutenzjonijiet ta' prodotti li jġorru din it-trade mark jew li huwa speċjalizzat f'tali prodotti, jikkostitwixxi użu tat-trade mark fis-sens tal-Artikolu 5(1)(a) tad-Direttiva 2008/95/KE. Dan jista' jiġi pprojbit mid-detentur tat-trade mark, sakemm ma jkunux applikabbli l-Artikolu 6, dwar il-limitazzjoni tal-effetti tat-trade mark, jew l-Artikolu 7, dwar l-eżawriment tad-dritt mogħti minnha. Tali użu, meta jsir mingħajr il-kunsens tad-detentur tat-trade mark, jista' jippreġudika l-funzjoni ta' indikazzjoni ta' oriġini tat-trade mark.

---

[96] Direttiva 2005/29/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Mejju 2005 dwar prattiċi kummerċjali żleali fin-negozju mal-konsumatur fis-suq intern li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 84/450/KEE, id-Direttivi 97/7/KE, 98/27/KE u 2002/65/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u r-Regolament (KE) Nru 2006/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU 2005, L 149, p. 22, rettifika fil-ĠU 2006, L 114, p. 86).

[97] Direttiva 2008/95/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Ottubru 2008 biex jiġu approssimati l-liġijiet tal-Istati Membri dwar it-trade marks (ĠU 2008, L 299, p. 25).

L-Artikolu 5(1)(a) u (b) tal-imsemmija direttiva għandu jiġi interpretat fis-sens li ma jkunx hemm użu meta dan ir-reklam ma jkunx sar minn dan it-terz jew f'ismu, jew, fil-każ li dan ir-reklam sar minn dan it-terz jew f'ismu bil-kunsens tad-detentur, meta dan it-terz ikun espliċitament talab lill-operatur tas-sit internet fejn ikun ordna r-reklam sabiex iħassar dan ir-reklam jew l-indikazzjoni tat-trade mark li tinsab f'dan ir-reklam. Barra minn hekk, l-atti awtonomi ta' operaturi ekonomiċi oħra, bħal dawk tal-operaturi ta' siti internet ta' referenzjar, li ma jaġixxux fuq ordni iżda fuq inizjattiva tagħhom stess u f'isimhom stess, ma jistgħux jiġu imputati lil min jirreklama.

F'dawn iż-żewġ każijiet, id-detentur tat-trade mark ma jistax, skont l-Artikolu 5(1)(a) u (b) tad-Direttiva 2008/95/KE, jaġixxi kontra min jirreklama sabiex iġiegħlu jipprojbixxi t-tqegħid online tar-reklam li jinkludi l-indikazzjoni tat-trade mark tiegħu.

***Sentenza tat-22 ta' Diċembru 2022 (Awla Manja), Louboutin (Użu ta' sinjal kontrafatt f'suq online) (C-148/21 u C-184/21, EU:C:2022:1016)***

Mill-2016, C. Louboutin, disinjatur Franċiż ta' żraben u ta' basktijiet tal-idejn ta' lussu, irreġistra l-kulur aħmar, applikat fuq il-pett estern ta' żarbun b'takkuna għolja, bħala trade mark tal-Unjoni Ewropea.

Amazon topera siti internet ta' bejgħ online ta' prodotti varji li hija tipproponi kemm direttament, f'isimha u għan-nom tagħha stess, kif ukoll indirettament, billi tipprovdi suq online lil bejjiegħa terzi. Dan l-operatur joffri wkoll lill-bejjiegħa terzi servizzi addizzjonali ta' ħażna u ta' spedizzjoni tal-prodotti tagħhom.

C. Louboutin ikkonstata li, fuq dawn is-siti internet, jidhru regolarment reklami ta' bejgħ relatati ma' żraben b'pettijiet ħomor li, fil-fehma tiegħu, jirrigwardaw prodotti li t-tqegħid fiċ-ċirkulazzjoni tagħhom ma sarx bil-kunsens tiegħu. Filwaqt li invoka ksur tad-drittijiet esklużivi mogħtija mit-trade mark inkwistjoni, huwa ressaq żewġ azzjonijiet għall-kontrafazzjoni kontra Amazon quddiem it-Tribunal d'arrondissement de Luxembourg (il-Qorti Distrettwali tal-Lussemburgu, il-Lussemburgu) [98] u quddiem it-Tribunal de l'entreprise francophone de Bruxelles (il-Qorti tal-Impriżi bil-Lingwa Franċiża ta' Brussell, il-Belġju) [99].

Dawn il-qrati għalhekk iddeċidew, kull waħda minnhom, li jagħmlu diversi domandi preliminari lill-Qorti tal-Ġustizzja.

Essenzjalment, huma staqsew lill-Qorti tal-Ġustizzja dwar il-kwistjoni jekk ir-Regolament dwar it-trade mark tal-Unjoni Ewropea [100] għandux jiġi interpretat fis-sens li l-operatur ta' sit internet ta' bejgħ online li jintegra, minbarra l-offerti ta' bejgħ tiegħu stess, suq online jistax jitqies li jkun qiegħed jagħmel huwa stess użu minn sinjal identiku għal trade mark

[98] Kawża C-148/21
[99] Kawża C-184/21
[100] B'mod iktar partikolari, l-Artikolu 9(2)(a) tar-Regolament (UE) 2017/1001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Ġunju 2017 dwar it-trademark tal-Unjoni Ewropea (ĠU 2017, L 154, p. 1).

tal-Unjoni Ewropea ta' persuna oħra għal prodotti identiċi għal dawk li għalihom din it-trade mark tkun irreġistrata, meta bejjiegħa terzi jipproponu għall-bejgħ, f'dan is-suq, tali prodotti li jkollhom dan is-sinjal mingħajr il-kunsens tal-proprjetarju tal-imsemmija trade mark.

Huma staqsew, b'mod partikolari, jekk kinux rilevanti, f'dan ir-rigward, il-fatt li dan l-operatur uża għal mod ta' preżentazzjoni uniformi tal-offerti ppubblikati fis-sit internet tiegħu, billi juri fl-istess ħin ir-reklami relatati mal-prodotti li huwa kien ijbigħ f'ismu u għan-nom tiegħu stess u dawk relatati ma' prodotti proposti minn bejjiegħa terzi fl-imsemmi suq, il-fatt li huwa kien juri l-logo tiegħu stess ta' distributur li kellu reputazzjoni fuq dawn ir-reklami kollha u l-fatt li kien huwa joffri lill-bejjiegħa terzi, fil-kuntest tal-kummerċjalizzazzjoni tal-prodotti tagħhom, servizzi addizzjonali li kienu jikkonsistu fil-provvista ta' assistenza fil-preżentazzjoni tar-reklami tagħhom, kif ukoll fil-ħażna u fl-ispedizzjoni tal-prodotti proposti f'dan l-istess suq. F'dan il-kuntest, il-qrati tar-rinviju staqsew wkoll dwar jekk kellhiex tittieħed inkunsiderazzjoni, jekk ikun il-każ, il-perċezzjoni tal-utenti tas-sit internet inkwistjoni.

Bl-Awla Manja bħala l-kulleġġ ġudikanti, il-Qorti tal-Ġustizzja kellha l-okkażjoni tagħmel preċiżazzjonijiet importanti dwar il-kwistjoni tar-responsabbiltà diretta tal-operatur ta' sit internet ta' bejgħ online li jintegra suq online għal ksur tad-drittijiet tal-proprjetarju ta' trade mark tal-Unjoni Ewropea li jirriżultaw mill-fatt li sinjal identiku għal din it-trade mark jidher f'reklami ta' bejjiegħa terzi f'dan is-suq.

Bħala tfakkira, skont ir-Regolament dwar it-trade mark tal-Unjoni [101], ir-reġistrazzjoni ta' trade mark tal-Unjoni Ewropea tagħti lill-proprjetarju tagħha d-dritt li jipprojbixxi lil kull terz milli juża, fil-kummerċ, sinjal identiku għal din it-trade mark għal prodotti jew għal servizzi identiċi għal dawk li għalihom din tkun irreġistrata.

Il-Qorti tal-Ġustizzja rrilevat qabelxejn li l-kunċett ta' "użu" ma huwiex iddefinit mir-Regolament dwar it-trade mark tal-Unjoni. Madankollu, din l-espressjoni timplika, minn naħa, aġir attiv u kontroll, dirett jew indirett, tal-att li jikkostitwixxi l-użu. Fil-fatt, huwa biss terz li jkollu tali kontroll li effettivament ikun jista' jwaqqaf l-użu ta' trade mark magħmul mingħajr il-kunsens tal-proprjetarju tagħha.

L-użu ta' sinjal identiku jew simili għal trade mark tal-proprjetarju minn terz jippreżupponi, min-naħa l-oħra, tal-inqas, li dan tal-aħħar jagħmel użu mis-sinjal fil-kuntest tal-komunikazzjoni kummerċjali tiegħu stess. Persuna tista' għalhekk tippermetti lill-klijenti tagħha jużaw sinjali identiċi jew simili għal trade marks, mingħajr ma hija stess tuża l-imsemmija sinjali. Huwa għalhekk li l-Qorti tal-Ġustizzja qieset, fir-rigward tal-operatur ta' suq online, li l-użu ta' sinjali identiċi jew simili għal trade marks, f'offerti ta' bejgħ murija f'dan is-suq, isir biss mill-klijenti bejjiegħa ta' dan l-operatur u mhux minnu,

[101] L-Artikolu 9(2)(a) tar-Regolament (UE) 2017/1001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Ġunju 2017 dwar it-trademark tal-Unjoni Ewropea (ĠU 2017, L 154, p. 1).

peress li dan tal-aħħar ma jużax dan is-sinjal fil-kuntest tal-komunikazzjoni kummerċjali tiegħu.

Madankollu, il-Qorti tal-Ġustizzja osservat li, fil-kuntest tal-ġurisprudenza preċedenti tagħha, hija ma ġietx mistoqsija dwar l-effett tal-fatt li s-sit internet ta' bejgħ online inkwistjoni jintegra, minbarra s-suq online, offerti ta' bejgħ tal-operatur ta' dan is-sit stess, filwaqt li dawn il-kawżi kienu jirrigwardaw preċiżament dan l-effett. Għalhekk, f'dan il-każ, il-qrati tar-rinviju staqsew jekk, minbarra l-bejjiegħ terz, l-operatur ta' sit internet ta' bejgħ online li jintegra suq online, bħal Amazon, kienx qiegħed jagħmel użu wkoll, fil-komunikazzjoni kummerċjali tiegħu stess, minn sinjal identiku għal trade mark ta' persuna oħra għal prodotti identiċi għal dawk li għalihom din it-trade mark kienet irreġistrata, b'tali mod li huwa seta' jinżamm responsabbli għall-ksur tad-drittijiet tal-proprjetarju ta' din it-trade mark, meta dan il-bejjiegħ terz jipproponi għall-bejgħ f'dan is-suq tali prodotti li jkollhom dan is-sinjal.

Il-Qorti tal-Ġustizzja kkonstatat li din id-domanda kienet tqum indipendentement mill-fatt li r-rwol ta' tali operatur jista', skont il-każ, jiġi eżaminat ukoll mill-perspettiva ta' regoli oħra tad-dritt, u li għalkemm, fl-aħħar nett, kienet il-qorti nazzjonali li kellha tevalwa tali użu mill-operatur, hija setgħet tipprovdi elementi ta' interpretazzjoni li jaqgħu taħt id-dritt tal-Unjoni li jistgħu jkunu utli f'dan ir-rigward.

F'dan ir-rigward, fir-rigward tal-komunikazzjoni kummerċjali, il-Qorti tal-Ġustizzja ppreċiżat li l-użu ta' sinjal identiku għat-trade mark ta' persuna oħra mill-operatur ta' sit internet li jintegra suq online fil-komunikazzjoni kummerċjali tiegħu stess jippreżupponi li dan is-sinjal jidher, f'għajnejn terzi, bħala li jagħmel parti integrali ta' tali komunikazzjoni u, għaldaqstant, bħala li jaqa' taħt l-attività tiegħu.

F'dan il-kuntest, il-Qorti tal-Ġustizzja fakkret li, f'sitwazzjoni fejn il-fornitur ta' servizz juża sinjal identiku jew simili għal trade mark ta' persuna oħra sabiex jippromwovi prodotti li wieħed mill-klijenti tiegħu jkun jikkummerċjalizza bl-għajnuna ta' dan is-servizz, dan il-fornitur ikun qiegħed jagħmel użu huwa stess minn dan is-sinjal meta huwa jużah b'tali mod li jistabbilixxi rabta bejn l-imsemmi sinjal u s-servizzi pprovduti mill-imsemmi fornitur.

B'hekk, il-Qorti tal-Ġustizzja kienet diġà qieset li tali fornitur ma jagħmilx użu huwa stess minn sinjal identiku jew simili għal trade mark ta' persuna oħra meta s-servizz ipprovdut minnu ma jkunx paragunabbli ma' servizz intiż li jippromwovi l-kummerċjalizzazzjoni ta' prodotti li jkollhom dan is-sinjal u ma jkunx jimplika l-ħolqien ta' rabta bejn dan is-servizz u l-imsemmi sinjal, peress li l-fornitur inkwistjoni ma jkunx apparenti għall-konsumatur, fatt li jeskludi kull assoċjazzjoni bejn is-servizzi tiegħu u s-sinjal inkwistjoni.

Għall-kuntrarju, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li tali rabta tkun teżisti meta l-operatur ta' suq online jagħmel, bl-għajnuna ta' servizz ta' referenzjar fuq l-internet u abbażi ta' kelma prinċipali identika għal trade mark ta' persuna oħra, reklamar għal prodotti ta' dik it-trade mark offruti għall-bejgħ mill-klijenti tiegħu fis-suq online tiegħu. Fil-fatt, tali reklamar ikun joħloq, għall-utenti internet li jwettqu tfittxija abbażi ta' din il-kelma

prinċipali, assoċjazzjoni evidenti bejn dawn il-prodotti ta’ ditta u l-possibbiltà li dawn jinxtraw permezz tal-imsemmi suq. Huwa għal din ir-raġuni li l-proprjetarju ta’ dik it-trade mark ikun jista’ jipprojbixxi lil dan l-operatur tali użu, meta dan ir-reklamar ikun jikser id-dritt ta’ trade mark minħabba l-fatt li dan ma jippermettix, jew jippermetti biss b’mod diffiċli, lill-utent tal-internet normalment informat u raġonevolment attent li jkun jaf jekk l-imsemmija prodotti jkunux joriġinaw mill-proprjetarju tal-imsemmija trade mark jew minn impriża ekonomikament marbuta miegħu jew, għall-kuntrarju, minn terz.

Minn dan il-Qorti tal-Ġustizzja ddeduċiet li, sabiex jiġi ddeterminat jekk l-operatur ta’ sit internet ta’ bejgħ online li jintegra suq online jkunx jagħmel huwa stess użu minn sinjal identiku għal trade mark ta’ persuna oħra, li jkun inkluż fir-reklami relatati ma’ prodotti proposti minn bejjiegħa terzi f’dan is-suq, għandu jiġi evalwat jekk utent normalment informat u raġonevolment attent ta’ dan is-sit internet ikunx jista’ jistabbilixxi rabta bejn is-servizzi ta’ dan l-operatur u s-sinjal inkwistjoni.

F’din il-perspettiva, sabiex jiġi evalwat jekk reklam, ippubblikat fl-imsemmi suq minn bejjiegħ terz attiv fih, li juża sinjal identiku għal trade mark ta’ persuna oħra jistax jitqies li jagħmel parti integrali mill-komunikazzjoni kummerċjali tal-operatur tal-imsemmi sit internet, għandu jiġi vverifikat jekk dan ir-reklam ikunx jista’ jistabbilixxi rabta bejn is-servizzi offruti minn dan l-operatur u s-sinjal inkwistjoni, għar-raġuni li utent ikun jista’ jemmen li huwa l-operatur li jikkummerċjalizza, f’ismu u għan-nom tiegħu stess, il-prodott li għalih huwa użat is-sinjal inkwistjoni.

Il-Qorti tal-Ġustizzja enfasizzat li, fil-kuntest ta’ din l-evalwazzjoni globali taċ-ċirkustanzi tal-każ, huma ta’ importanza sinjifikattiva, b’mod partikolari, il-mod ta’ preżentazzjoni tar-reklami, kemm individwalment kif ukoll globalment, fis-sit internet inkwistjoni kif ukoll in-natura u l-portata tas-servizzi pprovduti mill-operatur tiegħu.

F’dak li jirrigwarda, minn naħa, il-mod ta’ preżentazzjoni tar-reklami, id-dritt tal-Unjoni jeħtieġ wiri trasparenti tar-reklami fuq l-internet, b’mod li utent normalment informat u raġonevolment attent ikun jista’ jiddistingwi faċilment l-offerti li joriġinaw mill-operatur tas-sit internet minn dawk tal-bejjiegħa terzi attivi fis-suq online. Issa, il-Qorti tal-Ġustizzja qieset li l-użu mill-operatur ta’ mod ta’ preżentazzjoni uniformi tal-offerti ppubblikati, li permezz tiegħu juri fl-istess ħin ir-reklami tiegħu stess u dawk tal-bejjiegħa terzi u jindika l-logo tiegħu stess ta’ distributur li għandu reputazzjoni kemm fis-sit internet tiegħu kif ukoll fuq ir-reklami kollha, jista’ jirrendi diffiċli tali distinzjoni u għalhekk jista’ jagħti l-impressjoni li huwa l-operatur li jkun qiegħed jikkummerċjalizza, f’ismu u għan-nom tiegħu stess, il-prodotti offruti għall-bejgħ minn dawn il-bejjiegħa terzi.

Min-naħa l-oħra, in-natura u l-portata tas-servizzi pprovduti mill-operatur ta’ suq online lill-bejjiegħa, u b’mod partikolari dawk li jikkonsistu fil-ħażna, fl-ispedizzjoni u fl-immaniġġjar tar-ritorn tal-imsemmija prodotti, jistgħu wkoll jagħtu l-impressjoni, lil utent informat u raġonevolment attent, li dawn il-prodotti jiġu kkummerċjalizzati mill-operatur

u għalhekk joħolqu rabta, f'għajnejn dawn l-utenti, bejn dawn is-servizzi u s-sinjali li jinsabu fuq dawn il-prodotti u fir-reklami tal-bejjiegħa terzi.

Bħala konklużjoni, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċiediet li l-operatur ta' sit internet ta' bejgħ online li jintegra, minbarra l-offerti ta' bejgħ tiegħu stess, suq online jista' jitqies li jkun qiegħed jagħmel huwa stess użu minn sinjal identiku għal trade mark tal-Unjoni Ewropea ta' persuna oħra għal prodotti identiċi għal dawk li għalihom din it-trade mark tkun irreġistrata, meta bejjiegħa terzi jipproponu għall-bejgħ, f'dan is-suq, mingħajr il-kunsens tal-proprjetarju tal-imsemmija trade mark, tali prodotti li jkollhom dan is-sinjal, jekk utent normalment informat u raġonevolment attent ta' dan is-sit jistabbilixxi rabta bejn is-servizzi ta' dan l-operatur u s-sinjal inkwistjoni, li huwa partikolarment il-każ meta, fid-dawl tal-elementi kollha li jikkaratterizzaw is-sitwazzjoni inkwistjoni, tali utent jista' jkollu l-impressjoni li jkun l-imsemmi operatur li jkun qiegħed jikkummerċjalizza huwa stess, f'ismu u għan-nom tiegħu stess, il-prodotti li jkollhom l-imsemmi sinjal. Il-Qorti tal-Ġustizzja żiedet li f'dan ir-rigward, huma rilevanti:

– il-fatt li dan l-operatur juża mod ta' preżentazzjoni uniformi tal-offerti ppubblikati fis-sit internet tiegħu, billi juri fl-istess ħin ir-reklami relatati mal-prodotti li huwa jbigħ f'ismu u għan-nom tiegħu stess u dawk relatati ma' prodotti proposti minn bejjiegħa terzi fl-imsemmi suq,
– il-fatt li huwa juri l-logo tiegħu stess ta' distributur li jkollu reputazzjoni fuq dawn ir-reklami kollha,
– u l-fatt li huwa joffri lill-bejjiegħa terzi, fil-kuntest tal-kummerċjalizzazzjoni tal-prodotti li jkollhom is-sinjal inkwistjoni, servizzi addizzjonali li jikkonsistu b'mod partikolari fil-ħażna u fl-ispedizzjoni ta' dawn il-prodotti.

***Sentenza tat-22 ta' Diċembru 2022 (Awla Manja), EUROAPTIEKA (C-530/20, EU:C:2022:1014)***

"EUROAPTIEKA" SIA hija kumpannija li teżerċita attività farmaċewtika fil-Latvja. Hija tagħmel parti minn grupp li għandu network ta' spiżeriji u ta' kumpanniji ta' distribuzzjoni ta' prodotti mediċinali bl-imnut f'dan il-pajjiż. Fl-2016, il-Veselības inspekcijas Zāļu kontroles nodaļa (is-Sezzjoni ta' Kontroll tal-Prodotti Mediċinali tal-Ispettorat tas-Saħħa Pubblika, il-Latvja) ipprojbixxiet lil EUROAPTIEKA milli xxandar reklamar relatat ma' bejgħ bi promozzjoni li kien joffri tnaqqis ta' 15 % fuq il-prezz tax-xiri ta' kull prodott mediċinali fil-każ ta' xiri ta' mill-inqas tliet prodotti. Din id-deċiżjoni ttieħdet abbażi ta' dispożizzjoni nazzjonali li kienet tipprojbixxi l-inklużjoni, fir-reklamar lill-pubbliku għall-prodotti mediċinali li la jkunu suġġetti għal preskrizzjoni medika u lanqas ikunu rimborsabbli, ta' informazzjoni li tinkoraġġixxi x-xiri tal-prodott mediċinali billi tiġġustifika n-neċessità ta' tali xiri abbażi tal-prezz tal-prodott mediċinali, billi tħabbar

bejgħ speċjali jew billi tindika li l-prodott mediċinali jinbiegħ flimkien ma' prodotti mediċinali (inkluż bi prezz imnaqqas) jew prodotti oħra [102].

Adita, fl-2020, b'rikors ippreżentat minn EUROAPTIEKA kontra din id-dispożizzjoni, il-Latvijas Republikas Satversmes tiesa (il-Qorti Kostituzzjonali, il-Latvja) għamlet domandi preliminari lill-Qorti tal-Ġustizzja dwar l-interpretazzjoni tad-Direttiva 2001/83 [103].

Permezz tas-sentenza tagħha, il-Qorti tal-Ġustizzja, bl-Awla Manja bħala l-kulleġġ ġudikanti, ippreċiżat il-portata tal-kunċett ta' "reklamar għal prodotti mediċinali", fis-sens ta' din id-direttiva, b'mod partikolari fir-rigward tal-kontenut li ma jirrigwardax prodott mediċinali partikolari, iżda prodotti mediċinali mhux speċifiċi. Barra minn hekk, hija tat deċiżjoni dwar il-kompatibbiltà mal-imsemmija direttiva ta' dispożizzjoni nazzjonali li kienet tipprevedi projbizzjonijiet bħal dawk inkwistjoni fil-kawża prinċipali, b'mod partikolari fuq il-punt dwar jekk dawn il-projbizzjonijiet kinux intiżi li jippromwovu l-użu razzjonali tal-prodotti mediċinali, fis-sens tal-istess direttiva.

Fl-ewwel lok, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li t-trażmissjoni ta' informazzjoni li tinkoraġġixxi x-xiri ta' prodotti mediċinali billi tiġġustifika n-neċessità ta' tali xiri abbażi tal-prezz tagħhom, billi tħabbar bejgħ speċjali jew billi tindika li dawn il-prodotti mediċinali jinbiegħu ma' prodotti mediċinali oħra, inkluż bi prezz imnaqqas, jew ma' tipi ta' prodotti oħra, taqa' taħt il-kunċett ta' "reklamar għal prodotti mediċinali", fis-sens tad-Direttiva 2001/83, anki meta din l-informazzjoni ma tkunx tirrigwarda prodott mediċinali speċifiku, iżda prodotti mediċinali mhux speċifiċi.

Qabelxejn, minn perspettiva testwali, il-Qorti tal-Ġustizzja fakkret li l-Artikolu 86(1) ta' din id-direttiva, li jinkludi l-kunċett ta' "reklamar għal prodotti mediċinali", jirreferi sistematikament għall-"prodotti mediċinali" fil-plural. Barra minn hekk, din id-dispożizzjoni tiddefinixxi dan il-kunċett b'mod wiesa' ħafna, bħala li jkopri "kull forma" ta' informazzjoni bieb-bieb, attività ta' kkanvassjar jew inkoraġġiment, inkluż, b'mod partikolari, ir-"reklamar ta' prodotti mediċinali lill-pubbliku".

Sussegwentement, minn perspettiva kuntestwali, il-Qorti tal-Ġustizzja rrilevat li d-dispożizzjonijiet tat-Titolu VIII tad-Direttiva 2001/83, li l-Artikolu 86 jagħmel parti minnu, jistabbilixxu r-regoli ġenerali u fundamentali dwar ir-reklamar għall-prodotti mediċinali u li, għaldaqstant, huma intiżi li japplikaw għal kull azzjoni intiża li tippromwovi l-preskrizzjoni, il-provvista, il-bejgħ jew il-konsum ta' prodotti mediċinali.

Fl-aħħar nett, fir-rigward tal-għanijiet imfittxija mid-Direttiva 2001/83, il-Qorti tal-Ġustizzja qieset li l-għan essenzjali li tiġi ssalvagwardata s-saħħa pubblika mfittex minn

[102] Il-punt 18.12 tal-Ministru kabineta noteikumi Nr. 378 "Zāļu reklamēšanas kārtība un kārtība, kādā zāļu ražotājs ir tiesīgs nodot ārstiem bezmaksas zāļu paraugus" (id-Digriet Nru 378 tal-Kunsill tal-Ministri dwar il-modalitajiet ta' reklamar għall-prodotti mediċinali u l-modalitajiet kif il-manifatturi ta' prodotti mediċinali huma awtorizzati jipprovdu kampjuni b'xejn ta' prodotti mediċinali lit-tobba), tas-17 ta' Mejju 2011 (Latvijas Vēstnesis, 2011, Nru 78).

[103] B'mod iktar preċiż, huma kkonċernati l-Artikoli 86(1), 87(3) u 90 tad-Direttiva 2001/83/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Novembru 2001 dwar il-kodiċi tal-Komunità li għandu x'jaqsam ma' prodotti mediċinali għall-użu mill-bniedem (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 13, Vol. 27, p. 69) kif emendata bid-Direttiva 2004/27/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-31 ta' Marzu 2004 (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 13, Vol. 34, p. 262).

din id-direttiva jkun kompromess b'mod sinjifikattiv jekk attività ta' informazzjoni bieb-bieb, ta' kkanvassjar jew ta' inkoraġġiment bl-għan li jiġu promossi l-preskrizzjoni, il-provvista, il-bejgħ jew il-konsum ta' prodotti mediċinali mingħajr ma jsir riferiment għal prodott mediċinali speċifiku ma taqax taħt il-kunċett ta' "reklamar għal prodotti mediċinali" u, għaldaqstant, ma taqax taħt il-projbizzjonijiet, il-kundizzjonijiet u r-restrizzjonijiet previsti minn din id-direttiva fil-qasam tar-reklamar.

Fil-fatt, sa fejn reklamar għal prodotti mediċinali mhux speċifiċi, bħal reklamar li jkopri klassi sħiħa ta' prodotti mediċinali intiżi li jittrattaw l-istess patoloġija, jista' wkoll jikkonċerna prodotti mediċinali suġġetti għal preskrizzjoni medika jew prodotti mediċinali rimborsabbli, l-esklużjoni ta' tali reklamar mill-kamp ta' applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2001/83 fil-qasam tar-reklamar twassal sabiex il-projbizzjonijiet stabbiliti minn din id-direttiva jiċċaħdu b'mod sinjifikattiv mill-effett utli tagħhom [104], peress li kwalunkwe reklamar li ma jirreferrix għal prodott mediċinali speċifiku li jaqa' taħt din il-klassi jkun jista' jiġi eskluż minn dawn il-projbizzjonijiet.

Barra minn hekk, il-Qorti tal-Ġustizzja qieset li reklamar fir-rigward ta' sett mhux speċifikat ta' prodotti mediċinali li la jkunu suġġetti għal preskrizzjoni medika u lanqas ikunu rimborsabbli, jista', bl-istess mod bħalma huwa r-reklamar fir-rigward ta' prodott mediċinali speċifiku wieħed, ikun eċċessiv u skunsiderat u, għalhekk, jikkawża ħsara lis-saħħa pubblika, billi jinċentiva użu irrazzjonali jew konsum eċċessiv mill-konsumaturi tal-prodotti mediċinali kkonċernati.

Il-Qorti tal-Ġustizzja kkonkludiet li, minkejja dak li ġie affermat fis-sentenza A (Reklamar u bejgħ ta' prodotti mediċinali online) [105] kif ukoll fis-sentenza DocMorris [106], il-kunċett ta' "reklamar għal prodotti mediċinali" previst mid-Direttiva 2001/83 ikopri kull forma ta' informazzjoni bieb-bieb, ta' kkanvassjar jew inkoraġġiment bl-għan li jiġu promossi l-preskrizzjoni, il-provvista, il-bejgħ jew il-konsum ta' prodott mediċinali partikolari jew prodotti mediċinali mhux speċifiċi.

Il-Qorti tal-Ġustizzja żiedet li, peress li l-għan tal-messaġġ jikkostitwixxi l-karatteristika essenzjali ta' dan il-kunċett u l-element prinċipali li jiddistingwi r-reklamar minn sempliċi informazzjoni, u peress li l-attivitajiet ta' xandir ta' informazzjoni previsti minn dispożizzjoni nazzjonali bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali jidhru li għandhom tali għan promozzjonali, dawn l-attivitajiet jaqgħu taħt l-imsemmi kunċett.

Fit-tieni lok, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li d-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2001/83 [107] ma jipprekludux dispożizzjoni nazzjonali li timponi restrizzjonijiet mhux previsti minn din id-direttiva, iżda li jissodisfaw l-għan essenzjali ta' salvagwardja tas-saħħa pubblika mfittex mill-imsemmija direttiva, billi jipprojbixxu l-inklużjoni, fir-reklamar lill-pubbliku magħmul fir-rigward ta' prodotti mediċinali li la jkunu suġġetti għal preskrizzjoni medika

[104] L-Artikolu 88(1)(a) u (3) tad-Direttiva 2001/83.
[105] Sentenza tal-1 ta' Ottubru 2020, A (Reklamar u bejgħ ta' prodotti mediċinali online) (C-649/18, EU:C:2020:764, punt 50).
[106] Sentenza tal-15 ta' Lulju 2021, DocMorris (C-190/20, EU:C:2021:609, punt 20).
[107] B'mod iktar preċiż, l-Artikolu 87(3) u l-Artikolu 90 tad-Direttiva 2001/83.

u lanqas ikunu rimborsabbli, ta' informazzjoni li tinkoraġġixxi x-xiri ta' prodotti mediċinali billi tiġġustifika n-neċessità ta' tali xiri abbażi tal-prezz ta' dawn il-prodotti mediċinali, billi tħabbar bejgħ speċjali jew billi tindika li l-imsemmija prodotti mediċinali jinbiegħu ma' prodotti mediċinali oħra, inkluż bi prezz imnaqqas, jew ma' prodotti oħra.

Insostenn ta' din l-interpretazzjoni, il-Qorti tal-Ġustizzja fakkret, l-ewwel, fir-rigward tar-rabta bejn ir-rekwiżit li dan ir-reklamar jiffavorixxi l-użu razzjonali tal-prodotti mediċinali [108] u r-restrizzjonijiet previsti mid-Direttiva 2001/83 fil-forma ta' lista ta' elementi ta' reklamar ipprojbiti [109], li l-fatt li din id-direttiva ma tinkludix regoli speċifiċi dwar element ta' reklamar partikolari ma jippreskludix li, bil-għan li jiġi prekluż kull reklamar eċċessiv u skunsiderat ta' prodotti mediċinali li jistgħu jaffettwaw is-saħħa pubblika, l-Istati Membri jistgħu jipprojbixxu [110] tali element sa fejn dan jiffavorixxi l-użu irrazzjonali ta' prodotti mediċinali.

Konsegwentement, u minkejja li d-Direttiva 2001/83 tawtorizza r-reklamar għall-prodotti mediċinali li ma jkunux suġġetti għal preskrizzjoni medika, l-Istati Membri għandhom jipprojbixxu, sabiex jipprevjenu l-okkorrenza ta' riskji għas-saħħa pubblika konformement mal-għan essenzjali ta' salvagwardja tagħha, l-inklużjoni, fir-reklamar għall-pubbliku ta' prodotti mediċinali li la jkunu suġġetti għal preskrizzjoni medika u lanqas ikunu rimborsabbli, ta' elementi li jkunu ta' natura li jiffavorixxu l-użu irrazzjonali ta' tali prodotti mediċinali.

It-tieni, fir-rigward ta' jekk dan kienx il-każ tal-elementi koperti minn projbizzjonijiet bħal dawk inkwistjoni fil-kawża prinċipali, il-Qorti tal-Ġustizzja rrilevat li, fir-rigward tal-prodotti mediċinali li la jkunu suġġetti għal preskrizzjoni medika u lanqas ikunu rimborsabbli, huwa ta' spiss il-każ li l-konsumatur finali jevalwa huwa stess, mingħajr l-assistenza ta' tabib, l-utilità jew in-neċessità li jixtri tali prodotti mediċinali. Madankollu, dan il-konsumatur ma għandux neċessarjament konoxxenzi speċifiċi u oġġettivi li jippermettulu jevalwa l-valur terapewtiku tagħhom. Ir-reklamar jista' għalhekk jeżerċita influwenza partikolarment kbira fuq l-evalwazzjoni u l-għażla magħmula mill-imsemmi konsumatur, kemm fir-rigward tal-kwalità tal-prodott mediċinali kif ukoll fir-rigward tal-kwantità li jkollha tinxtara.

F'dan il-kuntest, elementi ta' reklamar bħal dawk imsemmija fid-dispożizzjoni nazzjonali inkwistjoni fil-kawża prinċipali huma ta' natura li jinċentivaw lill-konsumaturi jixtru prodotti mediċinali, li la jkunu suġġetti għal preskrizzjoni medika u lanqas ikunu rimborsabbli, abbażi ta' kriterju ekonomiku marbut mal-prezz ta' dawn il-prodotti mediċinali u, għaldaqstant, ikunu jistgħu jwasslu lil dawn il-konsumaturi jixtru u jikkonsmaw dawn il-prodotti mediċinali mingħajr ma tkun saret evalwazzjoni oġġettiva bbażata fuq il-proprjetajiet terapewtiċi ta' dawn tal-aħħar u fuq bżonnijiet mediċinali konkreti.

[108] Rekwiżit previst fl-Artikolu 87(3) tad-Direttiva 2001/83.
[109] Restrizzjonijiet indikati fl-Artikolu 90 tad-Direttiva 2001/83.
[110] Fuq il-bażi tal-Artikolu 87(3) tad-Direttiva 2001/83.

Skont il-Qorti tal-Ġustizzja, reklamar li jiżvija lill-konsumatur mill-evalwazzjoni oġġettiva tan-neċessità li jittieħed prodott mediċinali jinkoraġġixxi l-użu irrazzjonali u eċċessiv ta' dan il-prodott mediċinali. Tali użu irrazzjonali u eċċessiv tal-prodotti mediċinali jista' wkoll jirriżulta minn reklamar li, bħal dak li jirrigwarda offerti promozzjonali jew bejgħ ikkombinat ta' prodotti mediċinali u ta' prodotti oħra, ixebbah prodotti mediċinali ma' prodotti oħra ta' konsum, li ġeneralment ikunu suġġetti għal skontijiet u għal tnaqqis tal-prezz meta jinqabeż ċertu livell ta' nfiq.

Il-Qorti tal-Ġustizzja kkonkludiet li, sa fejn tipprekludi t-trażmissjoni ta' elementi ta' reklamar li jinkoraġġixxu l-użu irrazzjonali u eċċessiv ta' prodotti mediċinali li la jkunu suġġetti għal preskrizzjoni medika u lanqas ikunu rimborsabbli, bla ħsara għall-possibbiltà għall-ispiżeriji li jagħtu skontijiet u tnaqqis fil-prezzijiet waqt il-bejgħ ta' dawn il-prodotti mediċinali u prodotti oħra tas-saħħa, dispożizzjoni nazzjonali bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali kienet tissodisfa l-għan essenzjali ta' salvagwardja tas-saħħa pubblika u għalhekk kienet kompatibbli mad-Direttiva 2001/83.

## 2. Responsabbiltà tal-fornituri intermedjarji

***Sentenza tat-3 ta' Ottubru 2019, Glawischnig-Piesczek (C-18/18, EU:C:2019:821)***

Facebook Ireland topera pjattaforma mondjali ta' media soċjali (iktar 'il quddiem "Facebook Service") għall-utenti li jinsabu barra mill-Istati Uniti u mill-Kanada. E. Glawischnig-Piesczek kienet Membru tan-Nationalrat (il-Kunsill Nazzjonali, l-Awstrija), President tal-grupp parlamentari "die Grünen" (Il-Ħodor) u kelliema federali ta' dan il-partit politiku. Fit-3 ta' April 2016, utent tal-Facebook Service ikkondivida, fuq il-paġna personali tiegħu, artiklu mir-rivista ta' aħbarijiet Awstrijaka online oe24.at intitolat "Il-Ħodor: favur iż-żamma ta' dħul minimu għar-refuġjati" u din il-pubblikazzjoni kellha l-effett li ħolqot fuq din il-paġna "immaġni mċekkna" tas-sit oriġinali, li tinkludi t-titolu u sunt qasir ta' dan l-artiklu, kif ukoll ritratt ta' E. Glawischnig-Piesczek. Barra minn hekk, dan l-utent ippubblika, fir-rigward ta' dan l-artiklu, kumment ifformulat fi kliem li l-qorti tar-rinviju kkonstatat li kien ta' natura li jikkawża dannu għall-unur tar-rikorrenti fil-kawża prinċipali, li jinsulentaha u li jiddefamaha. Din il-kontribuzzjoni setgħet tiġi kkonsultata minn kull utent ta' Facebook Service.

Permezz ta' ittra tas-7 ta' Lulju 2016, E. Glawischnig-Piesczek, b'mod partikolari, talbet lil Facebook Ireland tħassar dan il-kumment. Peress li Facebook Ireland ma neħħietx il-kumment inkwistjoni, E. Glawischnig-Piesczek ippreżentat rikors quddiem qorti kummerċjali li ordnat lil Facebook Ireland sabiex ittemm immedjatament u sat-tmiem definittiv tal-proċeduri relatati mal-azzjoni għal inġunzjoni, il-pubblikazzjoni u/jew ix-xandir ta' ritratti tar-rikorrenti fil-kawża prinċipali. Facebook Ireland waqqfet l-aċċess għall-kontenut inizjalment ippubblikat fl-Awstrija.

Adita b'appell, qorti reġjonali superjuri kkonfermat id-digriet mogħti fl-ewwel istanza f'dak li jirrigwarda allegazzjonijiet identiċi. Min-naħa l-oħra, hija ddeċidiet li x-xandir ta' allegazzjonijiet ta' kontenut ekwivalenti kellu jintemm biss għal dak li jirrigwarda dawk li tressqu għall-konjizzjoni ta' Facebook Ireland mir-rikorrenti fil-kawża prinċipali, minn terzi jew b'xi mod ieħor. Kull waħda mill-partijiet fil-kawża prinċipali ppreżentat rikors għal reviżjoni quddiem l-Oberster Gerichtshof (il-Qorti Suprema, l-Awstrija).

It-talba għal deċiżjoni preliminari kienet tirrigwarda, essenzjalment, l-interpretazzjoni tal-Artikolu 15(1) tad-Direttiva 2000/31/KE.

Preliminarjament, il-Qorti tal-Ġustizzja enfasizzat li, sabiex ikun jista' jinkiseb li l-fornitur ta' servizzi ta' hosting inkwistjoni jipprevjeni kwalunkwe dannu ġdid għall-interessi kkonċernati, huwa leġittimu li l-qorti kompetenti tkun tista' teżiġi minn dan il-fornitur ta' servizzi ta' hosting li jibblokka l-aċċess għall-informazzjoni maħżuna, li l-kontenut tagħha jkun identitku għal dak iddikjarat illegali preċedentement, jew li jneħħi din l-informazzjoni, ikun min ikun dak li jitlob li din l-informazzjoni tinħażen.

Sussegwentement, skont il-Qorti tal-Ġustizzja, qorti ta' Stat Membru għandha l-awtorità tordna lil fornitur ta' servizzi ta' hosting ineħħi l-informazzjoni li huwa jaħżen u li l-kontenut tagħha huwa identiku għal dak ta' informazzjoni ddikjarata illegali preċedentement jew li jibblokka l-aċċess għaliha, sakemm il-monitoraġġ u t-tfittix tal-informazzjoni kkonċernata minn tali ordni jkunu limitati għal informazzjoni li fiha messaġġ li l-kontenut tiegħu jibqa' essenzjalment l-istess meta mqabbel ma' dak li jkun wassal għal konstatazzjoni ta' illegalità u li fih l-elementi speċifikati fl-ordni u sakemm id-differenzi fil-formulazzjoni ta' dan il-kontenut ekwivalenti meta mqabbel ma' dik li tikkaratterizza l-informazzjoni ddikjarata illegali preċedentement ma humiex tali li jobbligaw lill-fornitur ta' servizzi ta' hosting jipproċedi għal evalwazzjoni awtonoma ta' dan il-kontenut.

Fl-aħħar nett, tali qorti tista' tordna lil fornitur ta' servizzi ta' hosting ineħħi l-informazzjoni koperta mill-ordni jew jibblokka l-aċċess għaliha fuq il-livell dinji, fil-kuntest tad-dritt internazzjonali rilevanti.

***Sentenza tat-8 ta' Diċembru 2022 (Awla Manja), Google (Tneħħija ta' referenza ta' kontenut allegatament falz) (C-460/20, EU:C:2022:962)***

Ir-rikorrenti fil-kawża prinċipali, TU, li kien jokkupa karigi ta' responsabbiltà u li kellu azzjonijiet f'diversi kumpanniji, u RE, li kienet is-sieħba tiegħu u, sa Mejju 2015, kellha prokura biex tirrappreżenta waħda minn dawn il-kumpanniji, kienu l-protagonisti ta' tliet artikli ppubblikati fuq sit internet fl-2015 minn G LLC, operatur ta' dan is-sit internet. Dawn l-artikli, li wieħed minnhom kien akkumpanjat minn erba' ritratti li juru lir-rikorrenti u li jissuġġerixxu li dawn tal-aħħar kellhom ħajja lussuża, kienu jippreżentaw b'mod kritiku l-mudell ta' investiment ta' wħud mill-kumpanniji tagħhom. L-aċċess għal dawn l-artikli kien possibbli billi jiddaħħlu, fil-magna tat-tiftix operata minn Google LLC (iktar 'il quddiem "Google"), l-ismijiet u l-kunjomijiet tar-rikorrenti, kemm waħedhom kif

ukoll flimkien ma' ċerti ismijiet ta' kumpanniji. Il-lista ta' riżultati kienet tirreferi għal dawn l-artikli permezz ta' link, kif ukoll għar-ritratti vviżwalizzati taħt il-forma ta' immaġnijiet żgħar (thumbnails).

Ir-rikorrenti fil-kawża prinċipali talbu lil Google, bħala kontrollur tad-data personali pproċessata mill-magna tat-tiftix tagħha, minn naħa, tneħħi r-referenza tal-links lejn l-artikli inkwistjoni mil-lista tar-riżultati tat-tiftix minħabba li dawn kienu jinkludu allegazzjonijiet foloz u opinjonijiet diffamatorji, u, min-naħa l-oħra, tirtira l-immaġnijiet żgħar (thumbnails) mil-lista tar-riżultati ta' tiftix. Google rrifjutat li tagħixxi fuq din it-talba.

Peress li r-rikorsi tagħhom ġew miċħuda kemm fl-ewwel istanza kif ukoll fl-appell, ir-rikorrenti fil-kawża prinċipali ppreżentaw rikors għal reviżjoni quddiem il-Bundesgerichtshof (il-Qorti Federali tal-Ġustizzja, il-Ġermanja), li fil-kuntest tiegħu il-Bundesgerichtshof ressqet talba għal deċiżjoni preliminari quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja fir-rigward tal-interpretazzjoni tal-GDPR [111] u tad-Direttiva 95/46 [112].

Permezz tas-sentenza tagħha, mogħtija bl-Awla Manja bħala l-kulleġġ ġudikanti, il-Qorti tal-Ġustizzja żviluppat il-ġurisprudenza tagħha dwar il-kundizzjonijiet applikabbli għat-talbiet ta' tneħħija ta' referenza indirizzati lill-operatur ta' magna tat-tiftix fuq il-bażi tar-regoli dwar il-protezzjoni tad-data personali [113]. B'mod partikolari, hija eżaminat, minn naħa, il-portata tal-obbligi u tar-responsabbiltajiet li jaqgħu fuq l-operatur ta' magna tat-tiftix fl-ipproċessar ta' talba ta' tneħħija ta' referenza bbażata fuq l-allegata falsità tal-informazzjoni li tinsab fil-kontenut irreferenzjat u, min-naħa l-oħra, l-oneru tal-prova impost fuq is-suġġett tad-data kkonċernata fir-rigward ta' din il-falsità. Barra minn hekk hija tat deċiżjoni dwar in-neċessità, għall-finijiet tal-eżami ta' talba ta' tneħħija ta' ritratti vviżwalizzati taħt il-forma ta' immaġnijiet żgħar (thumbnails) fil-lista ta' riżultati ta' tiftixa b'immaġnijiet, li jittieħed inkunsiderazzjoni l-kuntest inizjali tal-pubblikazzjoni ta' dawn ir-ritratti fuq l-internet.

Fl-ewwel lok, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li, fil-kuntest tal-ibbilanċjar li għandu jsir bejn, minn naħa, id-drittijiet għar-rispett tal-ħajja privata u għall-protezzjoni tad-data ta' natura personali, u, min-naħa l-oħra, id-dritt għal-libertà ta' espressjoni u ta' informazzjoni [114], għall-finijiet tal-eżami ta' talba għal tneħħija ta' referenza indirizzata lill-operatur ta' magna tat-tiftix u intiża li mil-lista ta' riżultati ta' tiftixa jitneħħa link lejn kontenut li fih informazzjoni allegatament falza, din it-tneħħija ta' referenza ma tkunx suġġetta għall-kundizzjoni li l-kwistjoni tal-verità tal-kontenut irreferenzjat tkun ġiet riżolta, minn tal-inqas b'mod provviżorju, fil-kuntest ta' rikors ippreżentat kontra l-fornitur ta' dan il-kontenut mill-persuna li tressaq it-talba.

---

[111] L-Artikolu 17(3)(a) tar-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar id Direttiva 95/46/KE (Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data) (ĠU 2016, L 119, p. 1, rettifika fil-ĠU 2018, L 127, p. 2).

[112] L-Artikolu 12(b) u l-punt (a) tal-ewwel paragrafu tal-Artikolu 14 tad-tad-Direttiva 95/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ottubru 1995 dwar il-protezzjoni ta' individwi fir-rigward ta' l-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' dik id-data (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 13, Vol. 15, p. 355).

[113] Sentenzi tat-13 ta' Mejju 2014, Google Spain u Google (C-131/12, *EU:C:2014:317*), kif ukoll tal-24 ta' Settembru 2019, GC *et* (Tneħħija ta' referenza għal data sensittiva) (C-136/17, *EU:C:2019:773*) u Google (Portata territorjali tat-tneħħija ta' referenza) (C-507/17, *EU:C:2019:772*).

[114] Id-drittijiet fundamentali ggarantiti rispettivament mill-Artikoli 7, 8 u 11 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea.

Preliminarjament, sabiex jiġi eżaminat taħt liema ċirkustanzi l-operatur ta' magna tat-tiftix għandu jaġixxi fuq talba għat-tneħħija ta' referenza u għalhekk iħassar il-link lejn paġna internet li fuqha jkunu jinsabu allegazzjonijiet li din il-persuna tqis li huma foloz mil-lista ta' riżultati, li tintwera wara tiftixa mwettqa fuq il-bażi tal-isem tas-suġġett tad-data, il-Qorti tal-Ġustizzja fakkret b'mod partikolari dan li ġej:

– sa fejn l-attività ta' magna tat-tiftix tista' taffettwa, b'mod sinjifikattiv u b'mod addizzjonali meta mqabbla ma' dik tal-edituri ta' siti internet, id-drittijiet fundamentali għar-rispett tal-ħajja privata u tal-protezzjoni ta' data personali, l-operatur ta' din il-magna, bħala l-persuna li tiddetermina l-għanijiet u l-mezzi ta' din l-attività għandu jiżgura, fil-kuntest tar-responsabbiltajiet tiegħu, tal-kompetenzi tiegħu u tal-possibbiltajiet tiegħu, li l-garanziji previsti mid-Direttiva 95/46 u mill-GDPR jistgħu jiżviluppaw l-effetti kollha tagħhom, b'tali mod li tkun tista' effettivament tinkiseb protezzjoni effikaċi u kompleta tas-suġġett tad-data;

– meta quddiemu titressaq talba ta' tneħħija ta' referenza, l-operatur ta' magna tat-tiftix għandu jivverifika jekk l-inklużjoni ta' link lejn il-paġna internet inkwistjoni fil-lista ta' riżultati tkunx neċessarja għall-eżerċizzju tad-dritt għal-libertà ta' informazzjoni tal-utenti internet li potenzjalment ikollhom interess li jkollhom aċċess għal din il-paġna internet permezz ta' tali tiftixa, kif protett mid-dritt għal-libertà ta' espressjoni u ta' informazzjoni;

– il-GDPR jistabbilixxi espliċitament ir-rekwiżit ta' bbilanċjar bejn, minn naħa, id-drittijiet fundamentali għar-rispett tal-ħajja privata u għall-protezzjoni tad-data personali u, min-naħa l-oħra, id-dritt fundamentali għal-libertà ta' informazzjoni.

Qabel kollox, il-Qorti tal-Ġustizzja osservat li, għalkemm id-drittijiet għar-rispett tal-ħajja privata u għall-protezzjoni tad-data personali tas-suġġett tad-data jipprevalu, b'mod ġenerali, fuq l-interess leġittimu tal-utenti internet li jkollhom aċċess għall-informazzjoni inkwistjoni, dan il-bilanċ jista' madankollu jiddependi miċ-ċirkustanzi rilevanti ta' kull każ, b'mod partikolari min-natura ta' din l-informazzjoni u min-natura sensittiva tagħha għall-ħajja privata tas-suġġett tad-data, kif ukoll mill-interess tal-pubbliku li jkollu din l-informazzjoni, li jista' jvarja, b'mod partikolari, skont ir-rwol li jkollu dan is-suġġett tad-data fil-ħajja pubblika.

Il-kwistjoni tan-natura veritiera jew le tal-kontenut irreferenzjat tikkostitwixxi wkoll element rilevanti fil-kuntest ta' din l-evalwazzjoni. Huwa għalhekk li, f'ċerti ċirkustanzi, id-dritt għall-informazzjoni tal-utenti internet u l-libertà ta' espressjoni tal-fornitur tal-kontenut jistgħu jipprevalu fuq id-drittijiet għall-protezzjoni tal-ħajja privata u għall-protezzjoni tad-data personali, b'mod partikolari meta s-suġġett tad-data jkollu rwol fil-ħajja pubblika. Madankollu, din ir-relazzjoni tinqaleb meta jirriżulta li mill-inqas parti mill-informazzjoni kkonċernata mit-talba għal tneħħija ta' referenza li ma tkunx ta' natura minuri fir-rigward tal-kontenut kollu tkun falza. F'ipoteżi bħal din, id-dritt li wieħed jinforma u d-dritt li wieħed jiġi informat ma jistgħux jittieħdu inkunsiderazzjoni

peress li dawn ma jistgħux jinkludu d-dritt ta' tixrid ta' tali informazzjoni u ta' aċċess għaliha.

Sussegwentement, minn naħa, fir-rigward tal-obbligi dwar l-istabbiliment tan-natura veritiera jew le tal-informazzjoni li tinsab fil-kontenut irreferenzjat, il-Qorti tal-Ġustizzja ppreċiżat li l-persuna li titlob it-tneħħija ta' referenza, minħabba l-falsità ta' tali informazzjoni, għandha tistabbilixxi l-falsità manifesta ta' din l-informazzjoni jew, minn tal-inqas, ta' parti minn din l-informazzjoni li ma tkunx ta' natura minuri fir-rigward tal-kontenut kollu. Madankollu, sabiex jiġi evitat li din il-persuna jkollha oneru eċċessiv li jista' jippreġudika l-effett utli tad-dritt għal tneħħija ta' referenza, hija għandha biss tipproduċi provi li, fid-dawl taċ-ċirkustanzi tal-każ inkwistjoni, jistgħu raġonevolment ikunu meħtieġa li din tiġbor. Bħala prinċipju, din il-persuna ma tistax tkun obbligata tipproduċi, sa mill-istadju prekontenzjuż, insostenn tat-talba tagħha għal tneħħija ta' referenza, deċiżjoni ġudizzjarja miksuba kontra l-editur tas-sit internet inkwistjoni, anki taħt il-forma ta' deċiżjoni għal miżuri provviżorji.

Min-naħa l-oħra, fir-rigward tal-obbligi u tar-responsabbiltajiet li għandu l-operatur tal-magna tat-tiftix, il-Qorti tal-Ġustizzja enfasizzat li dan tal-aħħar għandu, għall-finijiet tal-verifika dwar jekk kontenut jistax ikompli jiġi inkluż fil-lista ta' riżultati tat-tiftixa imwettqa permezz tal-magna tat-tiftix tiegħu wara talba għal tneħħija ta' referenza, jibbaża ruħu fuq id-drittijiet u l-interessi kollha preżenti kif ukoll fuq iċ-ċirkustanzi kollha tal-każ inkwistjoni. Madankollu, dan l-operatur ma jistax jiġi obbligat jinvestiga l-fatti u, għal dan il-għan, li jorganizza dibattitu mal-fornitur tal-kontenut intiż li jikseb elementi neqsin dwar in-natura veritiera tal-kontenut irreferenzjat. Obbligu li jikkontribwixxi għall-istabbiliment tan-natura veritiera jew le tal-kontenut irreferenzjat iqiegħed fuq l-imsemmi operatur oneru li jmur lil hinn minn dak li jista' raġonevolment ikun mistenni minnu fir-rigward tar-responsabbiltajiet, kompetenzi u possibbiltajiet tiegħu. Din is-soluzzjoni tkun tikkomporta riskju serju li titneħħa referenza ta' kontenut li jissodisfa ħtieġa ta' informazzjoni leġittima u preponderanti tal-pubbliku u li b'hekk issir diffiċli li din tinsab fuq l-internet. Għalhekk, ikun jeżisti riskju reali ta' effett disswaživ fuq l-eżerċizzju tal-libertà ta' espressjoni u ta' informazzjoni jekk tali operatur kellu jipproċedi għal tneħħija ta' referenza b'mod kważi sistematiku bil-għan li jevita li jkollu jsostni l-oneru li jinvestiga l-fatti rilevanti sabiex jistabbilixxi n-natura veritiera jew le tal-kontenut irreferenzjat.

Konsegwentement, fil-każ fejn il-persuna li tressaq it-talba għal tneħħija ta' referenza tipproduċi provi li jistabbilixxu n-natura manifestament falza tal-informazzjoni li tinsab fil-kontenut irreferenzjat jew, minn tal-inqas, ta' parti minn din l-informazzjoni li ma tkunx ta' natura minuri fir-rigward ta' dan il-kontenut kollu, l-operatur tal-magna tat-tiftix għandu jaġixxi fuqha. L-istess jgħodd meta din il-persuna li tkun ressqet it-talba tippreżenta deċiżjoni ġudizzjarja meħuda kontra l-editur tas-sit internet u li tistrieħ fuq il-konstatazzjoni li informazzjoni li tinsab fil-kontenut irreferenzjat, li ma tkunx ta' natura minuri fir-rigward ta' dan il-kontenut kollu, tkun, minn tal-inqas *prima facie*, falza. Min-naħa l-oħra, jekk in-natura falza ta' tali informazzjoni ma toħroġx b'mod manifest fid-

dawl tal-provi prodotti mill-pesuna li tressaq it-talba għal tneħħija ta' referenza, l-operatur tal-magna tat-tiftix ma huwiex obbligat, fl-assenza ta' tali deċiżjoni ġudizzjarja, jaġixxi fuq it-talba għal tneħħija ta' referenza. Meta l-informazzjoni inkwistjoni tkun tista' tikkontribwixxi għal diskussjoni ta' interess ġenerali, hemm lok, fir-rigward taċ-ċirkustanzi kollha tal-każ inkwistjoni, li tingħata importanza partikolari għad-dritt għal-libertà ta' espressjoni u ta' informazzjoni.

Fl-aħħar nett, il-Qorti tal-Ġustizzja żiedet li, meta l-operatur ta' magna tat-tiftix ma jieħux azzjoni fuq talba għal tneħħija ta' referenza, is-suġġett tad-data għandu jkun jista' jadixxi l-awtorità superviżorja jew l-awtorità ġudizzjarja sabiex dawn iwettqu l-verifiki neċessarji u jordnaw lill-persuna responsabbli tadotta l-miżuri mandatorji. F'dan ir-rigward, huma b'mod partikolari l-awtoritajiet ġudizzjarji li għandhom jiżguraw li jiġu pponderati l-interessi kunfliġġenti, inkwantu dawn ikunu fl-aħjar qagħda li jwettqu bbilanċjar kumpless u fil-fond li jieħu inkunsiderazzjoni l-kriterji kollha u l-elementi kollha stabbiliti mill-ġurisprudenza rilevanti.

Fit-tieni lok, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li, fil-kuntest tal-ibbilanċjar li għandu jsir bejn id-drittijiet fundamentali msemmija iktar 'il fuq, għall-finijiet tal-eżami ta' talba għal tneħħija ta' referenza intiża li mir-riżultati ta' tiftixa ta' immaġnijiet imwettqa fuq il-bażi tal-isem ta' persuna fiżika jitneħħew ritratti vviżwalizzati taħt il-forma ta' immaġnijiet żgħar (thumbnails) li jirrappreżentaw din il-persuna, jeħtieġ li jitqies il-valur informattiv ta' dawn ir-ritratti indipendentement mill-kuntest inizjali tal-pubblikazzjoni tagħhom fil-paġna internet li minnha ttieħdu. Madankollu, għandu jittieħed inkunsiderazzjoni kull element testwali li jakkumpanja direttament il-viżwalizzazzjoni ta' dawn ir-ritratti fir-riżultati ta' tiftix u li jista' jitfa' dawl fuq il-valur informattiv tagħhom.

Biex tasal għal din il-konklużjoni, il-Qorti tal-Ġustizzja enfasizzat li t-tiftix ta' immaġnijiet imwettaq permezz ta' magna tat-tiftix fuq l-internet fuq il-bażi ta' isem ta' persuna huwa suġġett għall-istess prinċipji bħal dawk applikabbli għat-tiftix ta' paġni internet u tal-informazzjoni li tinsab fihom. Hija indikat li l-viżwalizzazzjoni, wara tiftixa fuq il-bażi tal-isem, taħt il-forma ta' immaġnijiet żgħar (thumbnails), ta' ritratti tas-suġġett tad-data, hija ta' natura li tikkostitwixxi ndħil partikolarment sostanzjali fid-drittijiet għall-protezzjoni tal-ħajja privata u tad-data personali ta' din il-persuna.

Għalhekk, meta l-operatur ta' magna tat-tiftix jirċievi talba għat-tneħħija ta' referenza intiża li mir-riżultati ta' tiftixa ta' immaġnijiet imwettqa fuq il-bażi tal-isem ta' persuna jitneħħew ir-ritratti vviżwalizzati taħt il-forma ta' immaġnijiet żgħar (thumbnails) li jirrappreżentaw din il-persuna, huwa għandu jivverifika jekk il-viżwalizzazzjoni tar-ritratti inkwistjoni tkunx neċessarja għall-eżerċizzju tad-dritt għal-libertà ta' informazzjoni tal-utenti internet potenzjalment interessati li jkollhom aċċess għal dawn ir-ritratti permezz ta' tali tiftixa.

Issa, sa fejn il-magna tat-tiftix tivviżwalizza ritratti tas-suġġett tad-data barra mill-kuntest li fih dawn jiġu ppubblikati fuq il-paġna internet irreferenzjata, normalment biex jiġu illustrati l-elementi testwali li tinkludi din il-paġna, hemm lok li jiġi ddeterminat jekk dan

il-kuntest għandux xorta waħda jittieħed inkunsiderazzjoni waqt l-ibbilanċjar li għandu jitwettaq tad-drittijiet u tal-interessi kunfliġġenti. F'dan il-kuntest, il-kwistjoni dwar jekk l-imsemmija evalwazzjoni għandhiex tinkludi wkoll il-kontenut tal-paġna internet li fiha jinsab ir-ritratt li l-viżwalizzazzjoni tiegħu taħt il-forma ta' immaġni żgħira (thumbnail) qiegħed tintalab li titneħħa tiddependi mis-suġġett u min-natura tal-ipproċessar inkwistjoni.

L-ewwel, fir-rigward tas-suġġett tal-ipproċessar inkwistjoni, il-Qorti tal-Ġustizzja osservat li l-pubblikazzjoni ta' ritratti bħala mezz ta' komunikazzjoni mhux verbali jista' jkollha impatt iktar qawwi fuq l-utenti internet milli l-pubblikazzjonijiet testwali. Fil-fatt ir-ritratti huma, fihom infushom, mezz importanti biex tinġibed l-attenzjoni tal-utenti internet u jistgħu jqajmu interess biex jaċċedu għall-artikli li għalihom iservu ta' illustrazzjoni. Issa, b'mod partikolari minħabba l-fatt li dawn ikunu spiss suġġetti għal diversi interpretazzjonijiet, il-viżwalizzazzjoni tagħhom fil-lista tar-riżultati tat-tiftixa bħala immaġnijiet żgħar (thumbnails) tista' tagħti lok għal indħil partikolarment serju fid-dritt tas-suġġett tad-data għall-protezzjoni tal-immaġni tiegħu, liema fatt għandu jittieħed inkunsiderazzjoni fil-kuntest tal-ibbilanċjar bejn id-drittijiet u l-interessi kunfliġġenti. Ibbilanċjar distint huwa neċessarju skont jekk ikunux inkwistjoni, minn naħa, artikli mogħnija b'ritratti ppubblikati mill-editur tal-paġna internet u li, imqiegħda fil-kuntest ta' oriġini tagħhom, jillustraw l-informazzjoni pprovduta f'dawn l-artikli u l-opinjonijiet li jiġu espressi fihom, u, min-naħa l-oħra, ritratti vviżwalizzati taħt il-forma ta' immaġnijiet żgħar (thumbnails) fil-lista ta' riżultati mill-operatur ta' magna tat-tiftix barra mill-kuntest li fih dawn ikunu ġew ippubblikati fil-paġna internet li minnha joriġinaw.

F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja fakkret li mhux biss ir-raġuni li tiġġustifika l-pubblikazzjoni ta' data personali fuq sit internet ma tikkoinċidix neċessarjament ma' dik li tapplika għall-attività tal-magni tat-tiftix iżda li, anki meta dan ikun il-każ, ir-riżultat tal-ibbilanċjar tad-drittijiet u tal-interessi inkwistjoni li għandu jitwettaq jista' jvarja skont jekk ikunx involut l-ipproċessar imwettaq mill-operatur ta' magna tat-tiftix jew l-ipproċessar imwettaq mill-editur ta' din il-paġna internet. Minn naħa, l-interessi leġittimi li jiġġustifikaw dawn l-istanzi ta' pproċessar jistgħu jkunu differenti u, min-naħa l-oħra, il-konsegwenzi tal-imsemmija istanzi ta' pproċessar għas-suġġett tad-data, u b'mod partikolari għall-ħajja privata tiegħu, ma humiex neċessarjament l-istess [115].

It-tieni, fir-rigward tan-natura tal-ipproċessar imwettaq mill-operatur tal-magna tat-tiftix, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonstatat li, billi jtella' r-ritratti ta' persuni fiżiċi ppubblikati fuq l-internet u jirriproduċihom separatament, fir-riżultati ta' tiftix bl-immaġnijiet, taħt il-forma ta' immaġnijiet żgħar (thumbnails), l-operatur ta' magna tat-tiftix joffri servizz li jinvolvi pproċessar ta' data personali awtonomu u distint mill-ipproċessar tal-editur ta' paġna internet li minnha jittieħdu r-ritratti kif ukoll mill-ipproċessar, li għalih dan l-operatur huwa wkoll responsabbli, relatat mar-referenzjar ta' din il-paġna.

---

115 Ara s-sentenza Google Spain u Google (C-131/12, *EU:C:2014:317*, punt 86).

Konsegwentement, hija meħtieġa evalwazzjoni awtonoma tal-attività tal-operatur tal-magna tat-tiftix li tikkonsisti fil-viżwalizzazzjoni tar-riżultati ta' tiftixa b'immaġnijiet taħt il-forma ta' immaġnijiet żgħar (thumbnails), peress li l-preġudizzju addizzjonali għad-drittijiet fundamentali li jirriżulta minn tali attività jista' jkun partikolarment intens minħabba l-ġabra, meta ssir tiftixa fuq il-bażi tal-isem, tal-informazzjoni kollha dwar is-suġġett tad-data li tinsab fuq l-internet. Fil-kuntest ta' din l-evalwazzjoni awtonoma, hemm lok li jittieħed inkunsiderazzjoni l-fatt li din il-viżwalizzazzjoni tikkostitwixxi fiha nnifisha r-riżultat imfittex mill-utent internet, indipendentement mid-deċiżjoni ulterjuri tiegħu jekk jaċċedix jew le għall-paġna internet ta' oriġini.

Madankollu, il-Qorti tal-Ġustizzja osservat li tali bbilanċjar speċifiku, li jieħu inkunsiderazzjoni n-natura awtonoma tal-ipproċessar magħmul mill-operatur tal-magna tat-tiftix, huwa bla ħsara għar-rilevanza eventwali ta' elementi testwali li jistgħu jakkumpanjaw direttament il-viżwalizzazzjoni ta' ritratt fil-lista tar-riżultati ta' tiftixa, inkwantu tali elementi jistgħu jitfgħu dawl fuq il-valur informattiv ta' dan ir-ritratt għall-pubbliku u, għalhekk, jinfluwenzaw l-ibbilanċjar tad-drittijiet u tal-interessi preżenti.

## 3. Dritt tal-kompetizzjoni

***Sentenza tat-13 ta' Ottubru 2011, Pierre Fabre (C-439/09, EU:C:2011:649)***

L-attività tal-kumpannija Pierre Fabre Dermo-Cosmétique (PFDC) kienet il-fabbrikazzjoni u l-kummerċjalizzazzjoni ta' prodotti kożmetiċi permezz ta' spiżjara fis-suq Ewropew. Il-prodotti inkwistjoni ma kinux jaqgħu fil-kategorija ta' prodotti mediċinali. Madankollu, il-kuntratti ta' distribuzzjoni ta' dawn il-prodotti kienu jispeċifikaw li l-bejgħ kellu jitwettaq esklużivament fi spazju fiżiku u fil-preżenza ta' gradwat fil-farmaċija, b'tali mod li b'hekk kienu jillimitaw fil-prattika kull forma ta' bejgħ fuq l-internet. L-Autorité française de la concurrence (l-Awtorità Franċiża tal-Kompetizzjoni, Franza) iddeċidiet li, minħabba l-projbizzjoni *de facto* ta' kull bejgħ fuq l-internet, il-ftehimiet ta' distribuzzjoni ta' PFDC kienu jikkostitwixxu ftehimiet antikompetittivi li jmorru kontra kemm il-leġiżlazzjoni Franċiża kif ukoll kontra d-dritt tal-kompetizzjoni tal-Unjoni Ewropea. PFDC appellat minn din id-deċiżjoni quddiem il-cour d'appel de Paris (il-Qorti tal-Appell ta' Pariġi, Franza), li staqsiet lill-Qorti tal-Ġustizzja jekk projbizzjoni ġenerali u assoluta ta' bejgħ fuq l-internet tikkostitwixxix restrizzjoni tal-kompetizzjoni "minħabba l-għan", jekk tali ftehim jistax jibbenefika minn eżenzjoni skont il-kategorija, u jekk, fil-każ li ma tapplikax eżenzjoni skont il-kategorija, dan il-ftehim jistax jibbenefika minn eżenzjoni individwali taħt l-Artikolu 101(3) TFUE.

Il-Qorti tal-Ġustizzja rrispondiet li l-Artikolu 101(1) TFUE għandu jiġi interpretat fis-sens li klawżola kuntrattwali, fil-kuntest ta' sistema ta' distribuzzjoni selettiva, tikkostitwixxi restrizzjoni minħabba l-għan fis-sens ta' din id-dispożizzjoni jekk, wara eżami individwali,

din il-klawżola ma tkunx oġġettivament iġġustifikata. Fil-fatt, tali klawżola kuntrattwali tnaqqas kunsiderevolment il-possibbiltà ta' distributur approvat li jbigħ il-prodotti kuntrattwali lill-klijenti li jkunu jinsabu barra t-territorju kuntrattwali tiegħu jew barra miż-żona ta' attività tiegħu. Għaldaqstant, tali klawżola tista' tillimita l-kompetizzjoni f'dan is-settur.

Madankollu, hemm rekwiżiti leġittimi, bħaż-żamma tal-kummerċ speċjalizzat li jkun kapaċi jipprovdi prestazzjonijiet speċifiċi għal prodotti ta' kwalità għolja u ta' natura teknika kumplessa, li jiġġustifikaw tnaqqis tal-kompetizzjoni bbażata fuq il-prezzijiet favur kompetizzjoni bbażata fuq elementi oħra għajr il-prezz. F'dan ir-rigward, l-organizzazzjoni ta' sistema ta' distribuzzjoni selettiva ma taqax taħt il-projbizzjoni prevista fl-Artikolu 101(1) TFUE sa fejn l-għażla tal-bejjiegħa titwettaq fuq il-bażi ta' kriterji oġġettivi ta' natura kwalitattiva, iffissati b'mod uniformi fir-rigward tal-bejjiegħa potenzjali kollha u applikati b'mod mhux diskriminatorju, sa fejn il-karatteristiċi tal-prodott inkwistjoni jeħtieġu, sabiex tinżamm il-kwalità tagħhom u sabiex jiġi żgurat l-użu tajjeb tagħhom, tali network ta' distribuzzjoni u, fl-aħħar nett, sa fejn il-kriterji ddefiniti ma jmorrux lil hinn minn dak li huwa neċessarju. Fir-rigward, b'mod partikolari, tal-bejgħ ta' prodotti kożmetiċi u ta' iġjene personali, l-għan li tinżamm l-immaġni ta' prestiġju ta' dawn il-prodotti ma jistax jikkostitwixxi għan leġittimu sabiex tiġi llimitata l-kompetizzjoni.

L-Artikolu 4(ċ) tar-Regolament (KE) Nru 2790/1999 [116] għandu jiġi interpretat fis-sens li l-eżenzjoni skont il-kategorija prevista fl-Artikolu 2 tal-imsemmi regolament ma tapplikax għall-ftehimiet vertikali li l-għan tagħhom ikun ir-restrizzjoni tal-bejgħ attiv jew tal-bejgħ passiv lill-utenti finali mill-membri ta' sistema ta' distribuzzjoni selettiva li joperaw bħala bejjiegħa bl-imnut fis-suq, bla ħsara għall-possibbiltà li membru tas-sistema jiġi pprojbit milli jopera minn post ta' stabbiliment mhux awtorizzat.

***Sentenza tas-6 ta' Diċembru 2017, Coty Germany (C-230/16, EU:C:2017:941)***

Coty Germany kienet tbigħ prodotti kożmetiċi lussużi fil-Ġermanja. Sabiex tħares l-immaġni lussuża tagħha, hija kienet tikkummerċjalizza wħud mit-trade marks tagħha permezz ta' network ta' distribuzzjoni selettiva, jiġifieri permezz ta' distributuri approvati. Il-postijiet ta' bejgħ ta' dawn tal-aħħar kellhom josservaw ċertu numru ta' rekwiżiti marbuta mal-ambjent, mad-dekor u mat-tqassim ta' dawn il-postijiet. Barra minn hekk, id-distributuri approvati kienu awtorizzati jbigħu l-prodotti inkwistjoni fuq l-internet, sa fejn jużaw il-ħanut elettroniku tagħhom stess jew inkella pjattaformi terzi mhux approvati mingħajr ma l-intervent ta' dawn tal-aħħar ma jkun viżibbli għall-konsumatur. Mill-banda l-oħra, huma kienu espliċitament ipprojbiti milli jbigħu l-prodotti online permezz ta' pjattaformi terzi li joperaw b'mod viżibbli fir-rigward tal-konsumaturi.

[116] Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2790/1999 tat-22 ta' Diċembru 1999 dwar l-applikazzjoni ta' l-Artikolu 81(3) tat-Trattat għal kategoriji ta' ftehim vertikali u prattiċi miftiehma (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 8, Vol. 1, p. 364).

Coty Germany ippreżentat rikors quddiem il-qrati Ġermaniżi kontra wieħed mid-distributuri approvati tagħha, Parfümerie Akzente, sabiex jiġi pprojbit, b'applikazzjoni ta' din il-klawżola kuntrattwali, milli jiddistribwixxi l-prodotti ta' Coty permezz tal-pjattaforma "amazon.de". Peress li kellha dubji dwar in-natura legali ta' din il-klawżola fir-rigward tad-dritt tal-kompetizzjoni tal-Unjoni, l-Oberlandgericht Frankfurt am Main (il-Qorti Reġjonali Superjuri ta' Frankfurt am Main, il-Ġermanja) ressqet din il-kwistjoni quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja.

Skont il-Qorti tal-Ġustizzja, l-Artikolu 101(1) TFUE għandu jiġi interpretat fis-sens li tali sistema ta' distribuzzjoni selettiva, maħsuba sabiex titħares l-immaġni lussuża ta' dawn il-prodotti, hija konformi ma' din id-dispożizzjoni sakemm l-għażla tal-bejjiegħa titwettaq fuq il-bażi ta' kriterji oġġettivi ta' natura kwalitattiva, iffissati b'mod uniformi fir-rigward tal-bejjiegħa potenzjali kollha u applikati b'mod mhux diskriminatorju, u sakemm il-kriterji ddefiniti ma jmorrux lil hinn minn dak li huwa neċessarju.

Barra minn hekk, l-Artikolu 4 tar-Regolament (UE) Nru 330/2010 [117] għandu jiġi interpretat fis-sens li l-projbizzjoni imposta fuq il-membri ta' sistema ta' distribuzzjoni selettiva ta' prodotti lussużi, li joperaw bħala distributuri fis-suq, fir-rigward tal-użu b'mod viżibbli ta' impriżi terzi għall-bejgħ fuq l-internet ma tikkostitwixxix restrizzjoni tal-klijentela, fis-sens tal-Artikolu 4(b), u lanqas ma tikkostitwixxi restrizzjoni ta' bejgħ passiv lill-utenti finali, fis-sens tal-Artikolu 4(c) tal-imsemmi regolament.

***Sentenza tal-4 ta' Lulju 2023 (Awla Manja), Meta Platforms et (Kundizzjonijiet ġenerali għall-użu ta' network soċjali) (C-252/21, [EU:C:2023:537](EU:C:2023:537)).***

Il-kumpannija Meta Platforms hija l-proprjetarja tan-network soċjali online "Facebook", li huwa bla ħlas għall-utenti privati. Il-mudell ekonomiku ta' dan in-network soċjali huwa bbażat fuq il-finanzjament permezz ta' reklamar online, imfassal apposta għall-utenti individwali tiegħu. Tali reklamar isir teknikament possibbli permezz tal-istabbiliment awtomatizzat ta' profili ddettaljati tal-utenti tan-network u tas-servizzi online offruti fuq il-livell tal-grupp Meta. Għalhekk, sabiex ikunu jistgħu jużaw l-imsemmi network soċjali, l-utenti għandhom, fil-mument tal-abbonament tagħhom, jaċċettaw il-kundizzjonijiet ġenerali stabbiliti minn Meta Platforms, li jirreferu għall-politiki ta' użu tad-data u tal-cookies stabbiliti minn din il-kumpannija. Skont dawn il-politiki, minbarra d-data li dawn l-utenti jipprovdu direttament meta huma jabbonaw, Meta Platforms tiġbor ukoll data relatata mal-attivitajiet tal-imsemmija utenti fi ħdan in-network soċjali u barra minnu u tqiegħda f'korrelazzjoni mal-kontijiet Facebook tal-utenti kkonċernati. Fir-rigward ta' din l-aħħar data, imsejħa wkoll "data off Facebook", din tikkonsisti, minn naħa, f'data li tirrigwarda l-konsultazzjoni ta' paġni internet u ta' applikazzjonijiet terzi, u, min-naħa l-oħra, f'data relatata mal-użu ta' servizzi online oħra li jappartjenu lill-grupp Meta

[117] Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 330/2010 tal-20 ta' April 2010 dwar l-applikazzjoni tal-Artikolu 101(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea għal kategoriji ta' akkordji [ftehimiet] vertikali u prattiċi miftiehma (ĠU 2010, L 102, p. 1).

(fosthom Instagram u WhatsApp). Il-ħarsa ġenerali lejn id-data hekk miġbura tippermetti li jinsiltu konklużjonijiet iddettaljati dwar il-preferenzi u l-interessi ta' dawn l-istess utenti.

Permezz ta' deċiżjoni tas-6 ta' Frar 2019, il-Bundeskartellamt (l-Awtorità Federali tal-Kompetizzjoni, il-Ġermanja) ipprojbixxiet lil Meta Platforms, minn naħa, milli tissuġġetta, fil-kundizzjonijiet ġenerali fis-seħħ dak iż-żmien [118], l-użu tan-network soċjali Facebook minn utenti privati residenti fil-Ġermanja għall-ipproċessar tad-data off Facebook tagħhom u, min-naħa l-oħra, milli tipproċedi, mingħajr il-kunsens tagħhom, għall-ipproċessar ta' din id-data. Barra minn hekk, l-Awtorità Federali tal-Kompetizzjoni ordnat lil Meta Platforms tadatta dawn il-kundizzjonijiet ġenerali, b'tali mod li minnhom ikun jirriżulta b'mod ċar li l-imsemmija data ma tkunx ser tinġabar, titqiegħed f'korrelazzjoni mal-kontijiet ta' utenti Facebook u użata mingħajr il-kunsens tal-utenti kkonċernati. Fl-aħħar, din l-awtorità enfasizzat li tali kunsens ma kienx validu meta dan kien jikkostitwixxi kundizzjoni għall-użu tan-network soċjali. Hija mmotivat id-deċiżjoni tagħha bil-fatt li l-ipproċessar tad-data inkwistjoni, li ma kinux konformi mal-GDPR [119], kien jikkostitwixxi operat abbużiv tal-pożizzjoni dominanti ta' Meta Platforms fis-suq tan-networks soċjali online.

Meta Platforms ippreżentat rikors kontra din id-deċiżjoni quddiem l-Oberlandesgericht Düsseldorf (il-Qorti Reġjonali Superjuri ta' Düsseldorf, il-Ġermanja). Peress li kellha dubji, minn naħa, dwar il-possibbiltà għal awtoritajiet tal-kompetizzjoni li jwettqu superviżjoni tal-konformità ta' pproċessar ta' data personali mar-rekwiżiti fformulati fil-GDPR u, min-naħa l-oħra, dwar l-interpretazzjoni u l-applikazzjoni ta' ċerti dispożizzjonijiet ta' dan ir-regolament, il-Qorti Reġjonali Superjuri ta' Düsseldorf ressqet talba għal deċiżjoni preliminari quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja.

Permezz tas-sentenza tagħha, il-Qorti tal-Ġustizzja, bl-Awla Manja bħala l-kulleġġ ġudikanti, tat deċiżjoni fuq il-kompetenza ta' awtorità nazzjonali tal-kompetizzjoni sabiex tikkonstata n-nuqqas ta' konformità ta' pproċessar ta' data personali mal-GDPR, kif ukoll fuq ir-rabta tal-kompetenza tagħha mal-kompetenzi tal-awtoritajiet nazzjonali inkarigati mis-superviżjoni tal-protezzjoni tad-data [120]. Barra minn hekk, hija għamlet preċiżazzjonijiet dwar il-possibbiltà tal-ipproċessar, minn operatur ta' network soċjali, ta' data personali "sensittiva" tal-utenti tiegħu, dwar il-kundizzjonijiet għal-legalità tal-ipproċessar tad-data mwettaq minn tali operatur kif ukoll dwar il-validità tal-kunsens, mogħti għall-finijiet ta' tali pproċessar minn dawn l-utenti, lil impriża f'pożizzjoni dominanti fis-suq nazzjonali tan-networks soċjali online.

Fl-ewwel lok, fir-rigward tal-kompetenza ta' awtorità tal-kompetizzjoni sabiex tikkonstata n-nuqqas ta' konformità mal-GDPR ta' pproċessar ta' data personali, il-Qorti tal-Ġustizzja

118 Fil-31 ta' Lulju 2019, Meta Platforms introduċiet kundizzjonijet ġenerali ġodda li jindikaw espressament li l-utent, minflok ma jħallas għall-użu tal-prodotti Facebook, jiddikjara li qiegħed jagħti l-kunsens tiegħu għar-reklami.

119 Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar id Direttiva 95/46/KE (Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data) (ĠU 2016, L 119, p. 1, u rettifika fil-ĠU 2018, L 127, p. 2, iktar 'il quddiem il-"GDPR").

120 Fis-sens tal-Artikoli 51 sa 59 tal-GDPR.

qieset li, bla ħsara għall-osservanza tal-obbligu tagħha ta' kooperazzjoni leali [121] mal-awtoritajiet ta' superviżjoni tal-protezzjoni tad-data, tali awtorità tista' tikkonstata, fil-kuntest tal-eżami ta' abbuż minn pożizzjoni dominanti min-naħa ta' impriża [122], li l-kundizzjonijiet ġenerali għall-użu stabbiliti minn din l-impriża fil-qasam tal-ipproċessar ta' data personali u l-implimentazzjoni tagħhom ma jkunux konformi ma' dan ir-regolament, meta din il-konstatazzjoni tkun neċessarja sabiex tiġi stabbilita l-eżistenza ta' tali abbuż. Madankollu, meta awtorità tal-kompetizzjoni tirrileva ksur tal-GDPR fil-kuntest tal-konstatazzjoni ta' abbuż minn pożizzjoni dominanti, hija ma tiħux post il-awtoritajiet ta' superviżjoni.

Għalhekk, fid-dawl tal-prinċipju ta' kooperazzjoni leali, meta l-awtoritajiet tal-kompetizzjoni jkollhom, fl-eżerċizzju tal-kompetenzi tagħhom, jeżaminaw il-konformità ta' aġir ta' impriża mad-dispożizzjonijiet tal-GDPR, huma għandhom jikkonsultaw u jikkooperaw lealment mal-awtoritajiet ta' superviżjoni nazzjonali jew mal-awtorità ta' superviżjoni ewlenija. Dawn l-awtoritajiet kollha huma għalhekk obbligati josservaw is-setgħat u l-kompetenzi rispettivi tagħhom, b'mod li l-obbligi li jirriżultaw mill-GDPR kif ukoll l-għanijiet ta' dan ir-regolament jiġu osservati u jiġi ppreżervat l-effett utli tagħhom. Minn dan isegwi li, meta, fil-kuntest tal-eżami intiż li jikkonstata abbuż minn pożizzjoni dominanti min-naħa ta' impriża, awtorità tal-kompetizzjoni tqis li jkun neċessarju li tiġi eżaminata l-konformità ta' aġir ta' din l-impriża mad-dispożizzjonijiet tal-GDPR, l-imsemmija awtorità għandha tivverifika jekk dan l-aġir jew aġir simili kienx diġà s-suġġett ta' deċiżjoni mill-awtorità ta' superviżjoni nazzjonali kompetenti jew mill-awtorità ta' superviżjoni ewlenija jew inkella mill-Qorti tal-Ġustizzja. Jekk dan ikun il-każ, l-awtorità tal-kompetizzjoni ma tistax titbiegħed minnhom, filwaqt li tibqa' libera li tislet minnhom il-konklużjonijiet tagħha stess mill-perspettiva tal-applikazzjoni tad-dritt tal-kompetizzjoni.

Meta jkollha dubji dwar il-portata tal-evalwazzjoni mwettqa mill-awtorità ta' superviżjoni nazzjonali kompetenti jew mill-awtorità ta' superviżjoni ewlenija, meta l-aġir inkwistjoni jew aġir simili jkun, fl-istess ħin, is-suġġett ta' eżami min-naħa ta' dawn l-awtoritajiet, jew inkella meta, fl-assenza ta' investigazzjoni mill-imsemmija awtoritajiet, hija tqis li aġir ta' impriża ma jkunx konformi mad-dispożizzjonijiet tal-GDPR, l-awtorità tal-kompetizzjoni għandha tikkonsulta lil dawn l-awtoritajiet u titlob il-kooperazzjoni tagħhom, sabiex tneħħi d-dubji tagħha jew sabiex tiddetermina jekk ikunx hemm lok li tistenna l-adozzjoni ta' deċiżjoni min-naħa tal-awtorità ta' superviżjoni kkonċernata qabel ma tibda l-evalwazzjoni tagħha stess. Fl-assenza ta' oġġezzjoni min-naħa tagħhom jew ta' tweġiba fi żmien raġonevoli, l-awtorità tal-kompetizzjoni tista' tkompli l-investigazzjoni tagħha stess.

[121] Stabbilita fl-Artikolu 4(3) TUE.
[122] Fis-sens tal-Artikolu 102 TFUE.

Fit-tieni lok, fir-rigward tal-ipproċessar ta' kategoriji speċjali ta' data personali [123], il-Qorti tal-Ġustizzja qieset li, fil-każ fejn utent ta' network soċjali online jikkonsulta siti internet jew applikazzjonijiet relatati ma' waħda jew iktar minn dawn il-kategoriji u, jekk ikun il-każ, idaħħal fihom data meta jabbona ruħu jew iwettaq ordnijiet online, l-ipproċessar ta' data personali mill-operatur ta' dan in-network soċjali online [124], għandu jitqies li jkun "[i]pproċessar ta' kategoriji speċjali ta' data personali", fis-sens tal-Artikolu 9(1) tal-GDPR, meta jkun jippermetti li tiġi żvelata informazzjoni li taqa' taħt waħda minn dawn il-kategoriji speċjali, kemm jekk din l-informazzjoni tkun tikkonċerna utent ta' dan in-network jew kwalunkwe persuna fiżika oħra. Tali pproċessar ta' data huwa bħala prinċipju pprojbit, bla ħsara għal ċerti derogi [125].

F'dan l-aħħar rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja ppreċiżat li, meta utent ta' network soċjali online jikkonsulta siti internet jew applikazzjonijiet b'rabta ma' waħda jew iktar mill-imsemmija kategoriji speċjali ta' data, huwa ma jagħmilx manifestament pubblika [126] d-data relatata ma' din il-konsultazzjoni, miġbura mill-operatur ta' dan in-network soċjali online permezz ta' cookies jew ta' teknoloġiji ta' reġistrazzjoni simili. Barra minn hekk, meta jdaħħal data f'tali siti internet jew f'tali applikazzjonijiet jew meta jattiva buttuni ta' selezzjoni integrati f'dawn is-siti u f'dawn l-applikazzjonijiet, bħall-buttuni "Like" jew "Share", jew il-buttuni li jippermettu lill-utent jidentifika ruħu f'dawn is-siti jew f'dawn l-applikazzjonijiet billi juża l-identifikaturi ta' konnessjoni marbuta mal-kont tiegħu ta' utent tan-network soċjali, in-numru tat-telefon tiegħu jew l-indirizz elettroniku tiegħu, tali utent jagħmel manifestament pubblika d-data hekk imdaħħla jew li tirriżulta mill-attivazzjoni ta' dawn il-buttuni biss fil-każ fejn huwa jkun esprima b'mod espliċitu l-għażla tiegħu minn qabel, jekk ikun il-każ abbażi ta' parametraġġ individwali mwettaq b'għarfien sħiħ tal-fatti, li jagħmel id-data li tikkonċernah pubblikament aċċessibbli għal numru illimitat ta' persuni.

Fit-tielet lok, fir-rigward, b'mod iktar ġenerali, tal-kundizzjonijiet għal-legalità ta' pproċessar ta' data personali, il-Qorti tal-Ġustizzja fakkret li, skont il-GDPR, l-ipproċessar ta' data ikun legali biss jekk, u sakemm, is-suġġett tad-data jkun ta l-kunsens tiegħu sabiex id-data tiegħu tiġi pproċessata għal skop speċifiku wieħed jew iktar [127]. Fl-assenza ta' tali kunsens, jew meta dan il-kunsens ma jkunx ingħata b'mod liberu, speċifiku, informat u inekwivoku, tali pproċessar ikun madankollu ġġustifikat meta dan ikun

[123] Imsemmija fl-Artikolu 9(1) tal-GDPR. Din id-dispożizzjoni tipprevedi li "[l]-ipproċessar ta' data personali, li jiżvela oriġini razzjali jew etnika, opinjonijiet politiċi, twemmin reliġjuż jew filosofiku, jew sħubija fi trade union, u l-ipproċessar ta' data ġenetika, data bijometrika sabiex tidentifika b'mod uniku persuna fiżika, data dwar is-saħħa jew data dwar il-ħajja sesswali u l-orjentazzjoni sesswali ta' persuna fiżika huma projbiti."

[124] Dan l-ipproċessar jikkonsisti fil-ġbir, permezz ta' interfaċċi integrati, ta' cookies jew ta' teknoloġiji ta' reġistrazzjoni simili, tad-data li tirriżulta mill-konsultazzjoni ta' dawn is-siti u ta' dawn l-applikazzjonijiet kif ukoll tad-data mdaħħla mill-utent, fil-korrelazzjoni ta' din id-data kollha mal-kont tan-network soċjali tiegħu u fl-użu tal-imsemmija data minn dan l-operatur.

[125] Previsti fl-Artikolu 9(2) tal-GDPR. Din id-dispożizzjoni tipprovdi: "Il-paragrafu 1 ma għandux japplika jekk japplika wieħed minn dawn li ġejjin:
(a) is-suġġett tad-data jkun ta kunsens espliċitu għall-ipproċessar ta' dik id-data personali għal fini speċifiku wieħed jew aktar, għajr fejn il-liġi tal-Unjoni jew il-liġi ta' Stat Membru tipprevedi li l-projbizzjoni msemmija fil-paragrafu 1 ma tistax titneħħa mis-suġġett tad-data; […]
(e) l-ipproċessar ikun relatat ma' data personali li b'mod ċar tkun saret pubblika mis-suġġett tad-data;
(f) l-ipproċessar ikun meħtieġ għall-istabbiliment, l-eżerċizzju jew id-difiża ta' talbiet legali jew kull darba li l-qrati jkunu qed jaġixxu fil-kapaċità ġudizzjarja tagħhom;
[…]".

[126] Fis-sens tal-Artikolu 9(2)(e) tal-GDPR.

[127] Skont il-punt (a) tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 6(1) tal-GDPR.

jissodisfa wieħed mir-rekwiżiti ta' neċessità [128], li għandhom jiġu interpretati b'mod strett. Issa, l-ipproċessar ta' data personali tal-utenti tiegħu mwettaq minn operatur ta' network soċjali online jista' jitqies li jkun neċessarju għall-eżekuzzjoni tal-kuntratt li fih dawn l-utenti jkunu partijiet biss bil-kundizzjoni li dan l-ipproċessar ikun oġġettivament indispensabbli sabiex jintlaħaq skop li jagħmel parti integrali mis-servizz kuntrattwali intiż għall-imsemmija utenti, b'tali mod li l-għan prinċipali tal-kuntratt ma jkunx jista' jintlaħaq fl-assenza ta' dan l-ipproċessar.

Barra minn hekk, skont il-Qorti tal-Ġustizzja, l-ipproċessar ta' data inkwistjoni jista' jitqies li jkun neċessarju għall-finijiet tal-interessi leġittimi mfittxija mill-kontrollur jew minn terz biss bil-kundizzjoni li l-imsemmi operatur ikun indika lill-utenti li mingħandhom id-data tkun inġabret interess leġittimu mfittex mill-ipproċessar tagħha, li dan l-ipproċessar isir fil-limiti ta' dak li huwa strettament neċessarju sabiex jintlaħaq dan l-interess leġittimu u li minn ibbilanċjar tal-interessi opposti jirriżulta, fid-dawl taċ-ċirkustanzi rilevanti kollha, li l-interessi jew il-libertajiet u d-drittijiet fundamentali ta' dawn l-utenti ma jipprevalixxux fuq l-imsemmi interess leġittimu tal-kontrollur jew ta' terz. Issa, il-Qorti tal-Ġustizzja qieset b'mod partikolari li, fl-assenza ta' kunsens min-naħa tagħhom, l-interessi u d-drittijiet fundamentali tal-imsemmija utenti jipprevalu fuq l-interess tal-operatur ta' network soċjali online fil-personalizzazzjoni tar-reklamar li permezz tiegħu huwa jiffinanzja l-attività tiegħu.

Fl-aħħar, il-Qorti tal-Ġustizzja ppreċiżat li l-ipproċessar tad-data inkwistjoni jkun iġġustifikat meta dan ikun effettivament neċessarju għall-osservanza ta' obbligu legali li għalih ikun suġġett il-kontrollur, skont dispożizzjoni tad-dritt tal-Unjoni jew tad-dritt tal-Istat Membru kkonċernat, meta din il-bażi legali tkun tissodisfa għan ta' interess pubbliku u tkun proporzjonata għall-għan leġittimu mfittex u meta dan l-ipproċessar isir fil-limiti ta' dak li huwa strettament neċessarju.

Fir-raba' u fl-aħħar lok, fir-rigward tal-validità tal-kunsens tal-utenti kkonċernati għall-ipproċessar tad-data tagħhom skont il-GDPR, il-Qorti tal-Ġustizzja qieset li l-fatt li l-operatur ta' network soċjali online jokkupa pożizzjoni dominanti fis-suq tan-networks soċjali online ma jipprekludix, bħala tali, li l-utenti ta' tali network ikunu jistgħu validament jagħtu l-kunsens tagħhom għall-ipproċessar tad-data personali tagħhom imwettaq minn dan l-operatur. Madankollu, peress li tali pożizzjoni tista' taffettwa l-libertà ta' għażla ta' dawn l-utenti u toħloq żbilanċ manifest bejnhom u l-imsemmi operatur, din tikkostitwixxi element importanti sabiex jiġi ddeterminat jekk il-kunsens effettivament ikunx ingħata validament u, b'mod partikolari, liberament, fatt li għandu jiġi pprovat mill-imsemmi operatur [129].

---

128 Imsemmija fil-punti (b) sa (f) tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 6(1) tal-GDPR. Skont dawn id-dispożizzjonijiet, l-ipproċessar ikun legali biss jekk, u sa fejn, dan ikun, *inter alia*, neċessarju għall-eżekuzzjoni ta' kuntratt li s-suġġett tad-data jkun parti minnu (il-punt (b) tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 6(1) tal-GDPR), għall-osservanza ta' obbligu legali li għalih il-kontrollur huwa suġġett (il-punt (c) tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 6(1) tal-GDPR) jew għall-finijiet tal-interessi leġittimi mfittxija mill-kontrollur jew minn terz (il-punt (f) tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 6(1) tal-GDPR).

129 Skont l-Artikolu 7(1) tal-GDPR.

B'mod partikolari, l-utenti tan-network soċjali inkwistjoni għandhom ikollhom il-libertà li jirrifjutaw individwalment, fil-kuntest tal-proċess kuntrattwali, li jagħtu l-kunsens tagħhom għal operazzjonijiet speċifiċi ta' pproċessar ta' data mhux neċessarji għall-eżekuzzjoni tal-kuntratt mingħajr madankollu ma jkunu obbligati jirrinunzjaw kompletament għall-użu ta' dan in-network soċjali online, fatt li jimplika li l-imsemmija utenti jiġu offruti, jekk ikun il-każ kontra ħlas xieraq, alternattiva ekwivalenti mhux akkumpanjata minn tali operazzjonijiet ta' pproċessar ta' data. Barra minn hekk, għandu jkun jista' jingħata kunsens separat għall-ipproċessar tad-data off Facebook.

## 4. Bejgħ ta' prodotti mediċinali u ta' apparat mediku online

***Sentenza tal-11 ta' Diċembru 2003 (Awla Manja), Deutscher Apothekerverband (C-322/01,*** **EU:C:2003:664*)***

Il-kawża prinċipali kienet bejn Deutscher Apothekerverband eV, assoċjazzjoni li l-missjoni tagħha kienet il-protezzjoni tal-interessi ekonomiċi u soċjali tal-professjoni ta' spiżjar, u 0800 DocMorris NV, spiżerija Olandiża stabbilita fil-Pajjiżi l-Baxxi. Jacques Waterval kien spiżjar u wieħed mir-rappreżentanti legali ta' DocMorris. Sa minn Ġunju 2000, DocMorris u J. Waterval joperaw sit internet għall-bejgħ ta' prodotti mediċinali bl-indirizz tal-internet www.0800DocMorris.com. Dawn kienu prodotti mediċinali awtorizzati jew fil-Ġermanja jew fil-Pajjiżi l-Baxxi. Dan it-tip ta' prodott mediku kien jiġi kkunsinnat biss fuq preżentazzjoni tal-preskrizzjoni medika oriġinali. L-Apothekerverband ikkontestat, quddiem il-Landgericht Frankfurt am Main (il-Qorti Reġjonali ta' Frankfurt am Main, il-Ġermanja), l-offerta ta' prodotti mediċinali permezz tal-internet u l-kunsinna permezz ta' bejgħ b'korrispondenza transkonfinali. Fil-fehma tagħha, id-dispożizzjonijiet tal-Liġi Ġermaniża dwar il-Prodotti Mediċinali ma kinux jippermettu l-eżerċizzju ta' tali attività. Il-Qorti Reġjonali staqsiet lill-Qorti tal-Ġustizzja jekk tali projbizzjonijiet kinux jiksru l-prinċipju ta' moviment liberu ta' merkanzija. Fil-każ li jirriżulta ksur tal-Artikolu 28 KE, il-qorti tar-rinviju staqsiet ukoll jekk il-leġiżlazzjoni Ġermaniża inkwistjoni fil-kawża prinċipali kinitx neċessarja sabiex jiġu protetti b'mod effettiv is-saħħa u l-ħajja tal-persuni, fis-sens tal-Artikolu 30 KE.

Il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li l-projbizzjoni nazzjonali tikkostitwixxi miżura b'effett ekwivalenti fis-sens tal-Artikolu 28 KE. Din tolqot iktar lill-ispiżeriji stabbiliti barra mit-territorju nazzjonali u setgħet tkun ta' natura li tostakola iktar l-aċċess għas-suq tal-prodotti minn Stati Membri oħra meta mqabbel mal-aċċess tal-prodotti nazzjonali.

L-Artikolu 30 KE jista' jiġġustifika tali projbizzjoni nazzjonali sa fejn din tikkonċerna l-prodotti mediċinali suġġetti għal preskrizzjoni medika. Fil-fatt, fid-dawl tar-riskji li jistgħu jirriżultaw mill-użu ta' dawn il-prodotti mediċinali, huwa meħtieġ li jkun jista' jiġi vverifikat b'mod effettiv u responsabbli jekk il-preskrizzjonijiet stabbiliti mit-tobba jkunux awtentiċi u li tiġi żgurata b'hekk il-kunsinna tal-prodott mediċinali, jew lill-klijent stess jew lil

persuna mqabbda minnu sabiex tiġbor dan il-prodott mediċinali. Mill-banda l-oħra, l-Artikolu 30 KE ma jistax jiġi invokat sabiex tiġi ġġustifikata projbizzjoni assoluta fir-rigward tal-bejgħ b'korrispondenza ta' prodotti mediċinali.

Barra minn hekk, l-Artikolu 88(1) tad-Direttiva 2001/83/KEE [130], jipprekludi projbizzjoni nazzjonali fir-rigward tar-reklamar għall-bejgħ b'korrispondenza ta' prodotti mediċinali li l-kunsinna tagħhom tkun irriżervata esklużivament għall-ispiżeriji fl-Istat Membru kkonċernat, sa fejn din il-projbizzjoni tkun tikkonċerna prodotti mediċinali li ma jkunux suġġetti għal preskrizzjoni medika.

Fil-fatt, l-Artikolu 88(2) tad-Direttiva 2001/83/KEE, li jawtorizza r-reklamar indirizzat lill-pubbliku fir-rigward tal-prodotti mediċinali li ma jkunux suġġetti għal preskrizzjoni medika, ma jistax jiġi interpretat fis-sens li jeskludi r-reklamar fir-rigward tal-bejgħ b'korrispondenza ta' prodotti mediċinali fuq il-bażi tal-allegata neċessità marbuta mal-preżenza fiżika ta' spiżerija.

***Sentenza tat-2 ta' Diċembru 2010, Ker-Optika (C-108/09, EU:C:2010:725)***

Skont il-leġiżlazzjoni Ungeriża, il-kummerċjalizzazzjoni ta' lentijiet tal-kuntatt kienet teħtieġ ħanut speċjalizzat ta' daqs minimu ta' 18 m $^2$ jew ħanut separat mill-workshop. Barra minn hekk, fil-kuntest tal-bejgħ ta' dawn il-prodotti, kien meħtieġ li jintużaw is-servizzi ta' ottometrist jew ta' tabib oftalmologu kwalifikat fil-qasam tal-lentijiet tal-kuntatt. Madankollu, il-kumpannija Ungeriża Ker-Optika kienet tikkummerċjalizza l-lentijiet tal-kuntatt permezz tas-sit internet tagħha. L-awtoritajiet tas-saħħa Ungeriżi kienu pprojbixxewha milli tkompli din l-attività. Ker-Optika kkontestat din id-deċiżjoni ta' projbizzjoni quddiem il-qrati. Il-Baranya megyei bíróság (il-Qorti tal-Kontea ta' Baranya, l-Ungerija), adita bit-tilwima, staqsiet lill-Qorti tal-Ġustizzja jekk id-dritt tal-Unjoni kinitx tipprekludi l-leġiżlazzjoni Ungeriża.

Il-Qorti tal-Ġustizzja rrispondiet li regoli nazzjonali dwar il-kummerċjalizzazzjoni ta' lentijiet tal-kuntatt jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2000/31/KE [131] sa fejn jikkonċernaw l-offerta online u l-konklużjoni tal-kuntratt b'mezzi elettroniċi. Mill-banda l-oħra, regoli nazzjonali dwar il-kunsinna tal-imsemmija lentijiet ma jaqgħux fil-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-direttiva. L-Artikoli 34 TFUE u 36 TFUE kif ukoll id-Direttiva 2000/31/KE għandhom jiġu interpretati fis-sens li jipprekludu leġiżlazzjoni nazzjonali li tawtorizza l-kummerċjalizzazzjoni ta' lentijiet tal-kuntatt biss fi ħwienet speċjalizzati ta' tagħmir mediku.

Fil-fatt, il-leġiżlazzjoni tikkostitwixxi miżura b'effett ekwivalenti għal restrizzjoni kwantitattiva pprojbita mill-Artikolu 34 TFUE peress li l-projbizzjoni tikkonċerna l-bejgħ

[130] Direttiva 2001/83/KEE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Novembru 2001 dwar il-kodiċi tal-Komunità li għandu x'jaqsam ma' prodotti mediċinali għall-użu mill-bniedem (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 13, Vol. 27, p. 69).

[131] Direttiva 2000/31/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Ġunju 2000 dwar ċerti aspetti legali tas-servizzi minn soċjetà ta' l-informazzjoni, partikolarment il-kummerċ elettroniku, fis-Suq Intern (Direttiva dwar il-kummerċ elettroniku) (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 13, Vol. 25, p. 399).

ta' lentijiet tal-kuntatt fuq l-internet b'korrispondenza u l-kunsinna fir-residenza tal-konsumaturi li jirrisjedu fit-territorju nazzjonali u ċċaħħad lill-operaturi minn Stati Membri oħra minn modalità partikolarment effettiva għall-kummerċjalizzazzjoni ta' dawn il-prodotti, b'tali mod li b'hekk tostakola b'mod kunsiderevoli l-aċċess ta' dawn tal-aħħar għas-suq tal-Istat Membru kkonċernat.

Il-leġiżlatur nazzjonali qabeż il-limiti tal-marġni ta' evalwazzjoni li għandu meta jiddeċiedi dwar il-livell li fih jixtieq jiżgura l-protezzjoni tas-saħħa pubblika, u din il-leġiżlazzjoni għandha titqies li tmur lil hinn minn dak li huwa neċessarju sabiex jintlaħaq l-għan invokat. L-għan jista' jintlaħaq permezz ta' miżuri inqas restrittivi, li jikkonsistu fil-fatt li tiġi suġġetta għal ċerti restrizzjonijiet l-ewwel kunsinna ta' lentijiet biss u fl-obbligu tal-operaturi ekonomiċi interessati li jqiegħdu tabib oftalmologu kkwalifikat għad-dispożizzjoni tal-klijent. Għall-istess raġunijiet, l-imsemmija leġiżlazzjoni ma setgħetx titqies li kienet proporzjonata fid-dawl tal-għan tal-protezzjoni tas-saħħa pubblika, fis-sens tal-Artikolu 3(4) tad-Direttiva 2000/31/KE.

*Sentenza tad-19 ta' Ottubru 2016, Deutsche Parkinson Vereinigung (C-148/15, EU:C:2016:776)*

Id-Deutsche Parkinson Vereinigung, organizzazzjoni ta' awtoassistenza li l-għan tagħha kien li ttejjeb il-ħajja tal-pazjenti bil-marda ta' Parkinson, kienet ikkonkludiet sistema ta' bonus mal-ispiżerija b'korrispondenza Olandiża DocMorris. Il-membri ta' din l-organizzazzjoni setgħu jibbenefikaw mis-sistema ta' bonus meta jixtru prodotti mediċinali intiżi għat-trattament tal-marda Parkinson li kienu suġġetti għal preskrizzjoni medika u li setgħu jiġu kkunsinnati biss fi spiżerija. Assoċjazzjoni Ġermaniża li tiġġieled il-kompetizzjoni żleali qieset li din is-sistema ta' bonus kienet tikser il-leġiżlazzjoni Ġermaniża, li kienet tipprevedi prezzijiet uniformi għall-kunsinna mill-ispiżeriji ta' prodotti mediċinali suġġetti għal preskrizzjoni.

L-Oberlandesgericht Düsseldorf (il-Qorti Reġjonali Superjuri ta' Düsseldorf, il-Ġermanja) staqsiet lill-Qorti tal-Ġustizzja jekk dan l-iffissar ta' prezzijiet uniformi kienx kompatibbli mal-moviment liberu ta' merkanzija.

Il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li l-Artikolu 34 TFUE għandu jiġi interpretat fis-sens li din il-leġiżlazzjoni nazzjonali kienet tikkostitwixxi miżura b'effett ekwivalenti għal restrizzjoni kwantitattiva fir-rigward tal-importazzjoni. Din il-leġiżlazzjoni kienet taffettwa iktar il-bejgħ ta' prodotti mediċinali suġġetti għal preskrizzjoni minn spiżeriji stabbiliti fi Stati Membri oħra milli kienet taffettwa l-bejgħ ta' dawn il-prodotti mediċinali minn spiżeriji stabbiliti fit-territorju nazzjonali.

Fil-fatt, l-ispiżeriji tradizzjonali jinsabu f'pożizzjoni aħjar mill-ispiżeriji b'korrispondenza sabiex jagħtu pariri individwali lill-pazjenti u sabiex jiżguraw provvista ta' prodotti mediċinali fil-każ ta' urġenza. Għandu jitqies li l-kompetizzjoni fuq il-bażi tal-prezzijiet tista' tirrappreżenta parametru kompetittiv iktar importanti għal dawn tal-aħħar.

L-Artikolu 36 TFUE għandu jiġi interpretat fis-sens li leġiżlazzjoni nazzjonali ma tistax tiġi ġġustifikata għall-finijiet tal-protezzjoni tas-saħħa u tal-ħajja tal-persuni sa fejn din il-leġiżlazzjoni ma tkunx adegwata sabiex jintlaħqu l-għanijiet imfittxija. L-għan li tiġi żgurata provvista sigura u ta' kwalità ta' prodotti mediċinali fit-territorju nazzjonali kollu jaqa' taħt l-Artikolu 36 TFUE. Madankollu, tali leġiżlazzjoni tista' tiġi ġġustifikata b'mod validu fil-każ biss li tkun adegwata sabiex tiggarantixxi li jintlaħaq l-għan leġittimu mfittex u ma tmurx lil hinn minn dak li huwa neċessarju sabiex dan jintlaħaq.

F'dan ir-rigward, kompetizzjoni iktar b'saħħitha fuq il-bażi tal-prezzijiet bejn l-ispiżeriji tkun ta' benefiċċju għall-provvista uniformi ta' prodotti mediċinali u ma jkollhiex impatt negattiv fuq it-twettiq mill-ispiżeriji tradizzjonali ta' ċerti attivitajiet ta' interess ġenerali, bħall-fabbrikazzjoni ta' prodotti mediċinali fuq preskrizzjoni jew iż-żamma ta' ċertu stokk u għażla ta' prodotti mediċinali. Fl-aħħar nett, kompetizzjoni fuq il-bażi tal-prezzijiet tista' tkun ta' natura li tibbenefika lill-pazjent, sa fejn tippermetti l-provvista ta' prodotti mediċinali suġġetti għal preskrizzjoni bi prezzijiet iktar favorevoli.

***Sentenza tad-29 ta' Frar 2024, Doctipharma (C-606/21, EU:C:2024:179)***

Adita b'talba għal deċiżjoni preliminari mill-cour d'appel de Paris (il-Qorti tal-Appell ta' Pariġi, Franza), il-Qorti tal-Ġustizzja ppreċiżat il-limiti tal-kunċett ta' "servizz tas-soċjetà tal-informazzjoni" u tat l-elementi ta' interpretazzjoni li jippermettu li tiġi evalwata l-konformità mad-dritt tal-Unjoni tal-projbizzjoni minn Stat Membru ta' servizz ipprovdut permezz ta' sit internet u li jikkonsisti fit-tqegħid f'kuntatt ta' spiżjara u ta' klijenti, għall-bejgħ online ta' prodotti mediċinali li ma jkunux suġġetti għal preskrizzjoni medika (iktar 'il quddiem is-"servizz ipprovdut").

Doctipharma fasslet is-sit internet www.doctipharma.fr, li fuqu l-utenti internet setgħu jixtru, minn siti internet ta' spiżeriji, prodotti farmaċewtiċi u prodotti mediċinali mingħajr preskrizzjoni.

Fuq dan is-sit internet, l-ispiżjara kienu jissottoskrivu għall-pjattaforma ta' bejgħ online, permezz ta' abbonament ta' kull xahar imħallas lil Doctipharma, u l-klijenti kellhom joħolqu kont klijent sabiex ikollhom aċċess għas-siti tal-ispiżjara tal-għażla tagħhom.

Peress li l-Union des Groupements de pharmaciens d'officine (l-Unjoni tal-Gruppi ta' Spiżjara) (UDGPO) qieset li din il-prattika kienet tinvolvi lil Doctipharma fil-kummerċ elettroniku ta' prodotti mediċinali, ħarrket lil din tal-aħħar quddiem it-tribunal de commerce de Nanterre (il-Qorti Kummerċjali ta' Nanterre, Franza), li kkonstatat in-natura illegali tas-sit internet u ordnat lil Doctipharma twaqqaf l-attività tagħha. Il-Cour de cassation (il-Qorti tal-Kassazzjoni, Franza) annullat is-sentenza tal-cour d'appel de Versailles (il-Qorti tal-Appell ta' Versailles, Franza) li annullat is-sentenza tal-ewwel istanza. Hija qieset li, billi qiegħdet f'kuntatt spiżjara u pazjenti potenzjali, Doctipharma kellha rwol ta' intermedjarja fil-bejgħ ta' prodotti mediċinali mingħajr preskrizzjoni u kienet ipparteċipat fil-kummerċ elettroniku ta' prodotti mediċinali, mingħajr, madankollu, ma kellha l-kwalità ta' spiżjar meħtieġa mil-leġiżlazzjoni nazzjonali. Hija

bagħtet lura l-kawża quddiem il-cour d'appel de Paris (il-Qorti tal-Appell ta' Pariġi, Franza), il-qorti tar-rinviju f'dan il-każ.

Fid-dawl tad-diversi approċċi adottati mill-qrati Franċiżi, il-qorti tar-rinviju ddeċidiet li tagħmel diversi domandi preliminari lill-Qorti tal-Ġustizzja. Hija saqsiet lill-Qorti tal-Ġustizzja dwar l-interpretazzjoni tad-Direttiva 98/34 [132], sabiex tiddetermina jekk is-servizz ipprovdut kienx jaqa' taħt il-kunċett ta' "servizz tas-soċjetà tal-informazzjoni", u dwar dik tal-Artikolu 85c tad-Direttiva 2001/83 [133], sabiex tifhem jekk l-Istati Membri setgħux, abbażi ta' din id-dispożizzjoni, jipprojbixxu l-provvista tas-servizz inkwistjoni.

Fl-ewwel lok, fir-rigward tal-kundizzjonijiet li għandhom jiġu ssodisfatti sabiex servizz jiġi kklassifikat bħala li jaqa' taħt il-kunċett ta' "servizz tas-soċjetà tal-informazzjoni" għall-finijiet tad-Direttivi 98/34 u 2015/1535 [134], il-Qorti tal-Ġustizzja qieset qabelxejn li kien irrilevanti, minn naħa, li Doctipharma kienet tħallset mill-ispiżjara li kienu jissottoskrivu għall-pjattaforma tagħha, abbażi ta' rata fissa, u, min-naħa l-oħra, li s-servizz ipprovdut minnha kien is-suġġett ta' abbonament mensili li kien jitħallas lilha mill-ispiżjara u ta' ħlas lura ta' perċentwali tal-ammont tal-bejgħ, meħud mill-pjattaforma, peress li dawn iċ-ċirkustanzi, jekk jiġu pprovati, kienu jimplikaw li s-servizz inkwistjoni ikollu jitqies li jissodisfa l-kundizzjoni li jiġi pprovdut bi ħlas. Sussegwentement, il-klassifikazzjoni tas-servizz inkwistjoni bħala "servizz tas-soċjetà tal-informazzjoni" kienet tirriżulta wkoll mill-fatt li dan kien isir permezz ta' sit internet li ma kienx jeħtieġ il-preżenza simultanja tal-fornitur tas-servizz u tal-klijent jew tal-ispiżjar, kif ukoll mill-fatt li s-servizz kien jiġi pprovdut fuq talba individwali tal-ispiżjara u tal-klijenti.

Minn dan il-Qorti tal-Ġustizzja kkonkludiet li servizz, ipprovdut fuq sit internet, li jqiegħed f'kuntatt spiżjara u klijenti għall-bejgħ, mis-siti internet ta' spiżeriji li jkunu ssottoskrivew dan is-servizz, ta' prodotti mediċinali li ma jkunux suġġetti għal preskrizzjoni medika, jaqa' taħt il-kunċett ta' "servizz tas-soċjetà tal-informazzjoni".

Fit-tieni lok, fir-rigward tal-possibbiltà għall-Istati Membri li jipprojbixxu tali servizz ta' intermedjazzjoni skont l-Artikolu 85c tad-Direttiva 2001/83, il-Qorti tal-Ġustizzja fakkret li l-Istati Membri biss huma kompetenti sabiex jiddeterminaw il-persuni fiżiċi jew ġuridiċi awtorizzati jew intitolati li jipprovdu, mill-bogħod, permezz ta' servizzi tas-soċjetà tal-informazzjoni, prodotti mediċinali lill-pubbliku.

---

132 Direttiva 98/34/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Ġunju 1998 li tistabbilixxi proċedura dwar l-għoti ta' informazzjoni fil-qasam ta' l-istandards u r-regolamenti tekniċi u r-regoli dwar is-servizzi tas-Soċjetà ta' l-Informatika [informazzjoni] (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 13, Vol. 20, p. 337), kif emendata bid-Direttiva 98/48/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Lulju 1998 (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 13, Vol. 21, p. 8, iktar 'il quddiem id-"Direttiva 98/34").

133 Direttiva 2001/83/KEE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Novembru 2001 dwar il-kodiċi tal-Komunità li għandu x'jaqsam ma' prodotti mediċinali għall-użu mill-bniedem (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 13, Vol. 27, p. 69), kif emendata bid-Direttiva 2011/62/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Ġunju 2011 (ĠU 2011, L 174, p. 74, rettifika fil-ĠU 2018, L 29, p. 50).

134 Il-punt 2 tal-Artikolu 1 tad-Direttiva 98/34 u l-Artikolu 1(1)(b) tad-Direttiva (UE) 2015/1535 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Settembru 2015 li tistabbilixxi proċedura għall-għoti ta' informazzjoni fil-qasam tar-regolamenti tekniċi u tar-regoli dwar is-servizzi tas-Soċjetà tal-Informatika (ĠU 2015, L 241, p. 1), huma fformulati b'mod identiku. Dawn l-artikoli jiddefinixxu l-kunċett ta' "servizz tas-soċjetà tal-informazzjoni" abbażi ta' erba' kundizzjonijiet: "kull servizz tas-Soċjetà ta' l-Informatika, jiġifieri kull servizz normalment ipprovdut għal rimunerazzjoni, mill-bogħod, b'mezzi elettroniċi u fuq it-talba individwali ta' riċevitur ta' servizzi".

Hija qieset li l-Artikolu 85c(1)(a) tad-Direttiva 2001/83 kien jimponi fuq il-qorti tar-rinviju l-obbligu li tivverifika jekk il-fornitur tas-servizz inkwistjoni ikollux jitqies li jkun sempliċement iqiegħed f'kuntatt bejjiegħa ma' klijenti permezz ta' provvista ta' servizz separata u distinta mill-bejgħ, jew jekk dan il-fornitur ikollux jitqies li huwa stess kienx fornitur tal-bejgħ.

F'dan ir-rigward, f'dan il-każ, jekk, fi tmiem din l-analiżi, Doctipharma, kellha titqies li kienet hija stess fornitriċi tal-bejgħ, allura l-Artikolu 85c(1)(a) ma kienx jipprekludi l-projbizzjoni ta' dan is-servizz mill-Istat Membru li fit-territorju tiegħu hija stabbilita. Fil-fatt, Stat Membru jista' jirriżerva l-bejgħ mill-bogħod lill-pubbliku, permezz ta' servizzi tas-soċjetà tal-informazzjoni, ta' prodotti mediċinali mingħajr preskrizzjoni, biss lill-persuni li jkollhom il-kwalità ta' spiżjar.

Għall-kuntrarju, jekk kellu jirriżulta li Doctipharma kienet qiegħda tipprovdi servizz separat u distint mill-bejgħ, allura s-servizz ipprovdut ma kienx seta' jiġi pprojbit abbażi tal-Artikolu 85c(2) tad-Direttiva 2001/83 u ma kienx jaqa' taħt il-kunċett ta' "kundizzjonijiet għall-provvista bl-imnut" ta' prodotti mediċinali offruti għall-bejgħ mill-bogħod lill-pubbliku. Fil-fatt, is-servizz ipprovdut kellu jiġi kklassifikat bħala "servizz tas-soċjetà tal-informazzjoni". Issa, l-Artikolu 85c(1) jipprevedi espliċitament li, bla ħsara għal-leġiżlazzjonijiet nazzjonali li jipprojbixxu l-offerta għall-bejgħ mill-bogħod lill-pubbliku ta' prodotti mediċinali suġġetti għal preskrizzjoni, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-prodotti mediċinali jiġu offruti għall-bejgħ mill-bogħod lill-pubbliku permezz ta' servizzi tas-soċjetà tal-informazzjoni. Għaldaqstant, kien inkoerenti li jitqies li l-użu ta' tali servizz seta' jiġi pprojbit mill-Istati Membri.

## 5. Logħob tal-ażżard

***Sentenza tas-6 ta' Novembru 2003 (Awla Manja), Gambelli (C-243/01, EU:C:2003:597)***

Piergiorgio Gambelli u 137 persuna oħra kienu joperaw fl-Italja ċentri ta' trażmissjoni ta' data li kienu jiġbru mħatri sportivi fit-territorju Taljan, f'isem bookmaker Ingliż li kienu konnessi miegħu bl-internet. Il-bookmaker, Stanley International Betting Ltd, kien jeżerċita l-attivitajiet tiegħu fuq il-bażi ta' liċenzja mogħtija mill-belt ta' Liverpool bis-saħħa tad-dritt Ingliż. Fl-Italja, din l-attività kienet irriżervata lill-Istat jew lill-konċessjonarji tiegħu. Kull ksur ta' din ir-regola seta' jwassal għal sanzjoni kriminali ta' mhux iktar minn sena priġunerija. Kienu tressqu proċeduri kriminali kontra P. Gambelli. Dan sostna li d-dispożizzjonijiet Taljani kienu jmorru kontra l-prinċipji Komunitarji ta' libertà ta' stabbiliment u tal-libertà li jiġu pprovduti servizzi. It-Tribunale di Ascoli Piceno (il-Qorti Distrettwali ta' Ascoli Piceno, l-Italja), li ġiet adita b'din il-kawża, staqsiet lill-Qorti tal-Ġustizzja kif għandhom jiġu interpretati d-dispożizzjonijiet tat-Trattat KE f'dan il-qasam.

Il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li tali leġiżlazzjoni nazzjonali tikkostitwixxi restrizzjoni għal-libertà ta' stabbiliment u għal-libertà li jiġu pprovduti servizzi previsti, rispettivament, fl-Artikoli 43 KE u 49 KE. Sabiex tkun iġġustifikata, hija għandha tkun ibbażata fuq raġunijiet imperattivi ta' interess ġenerali, għandha tkun adegwata sabiex tiggarantixxi li jintlaħaq l-għan imfittex, ma għandhiex tmur lil hinn minn dak li huwa neċessarju sabiex jintlaħaq dan il-għan u għandha tiġi applikata b'mod mhux diskriminatorju.

F'dan id-dawl, huma l-qrati nazzjonali li għandhom jivverifikaw jekk tali leġiżlazzjoni, fir-rigward tal-modalitajiet konkreti ta' applikazzjoni tagħha, tissodisfax verament l-għanijiet li jistgħu jiġġustifikawha u jekk ir-restrizzjonijiet imposti minnha jidhrux li jkunu sproporzjonati fid-dawl ta' dawn l-għanijiet.

Il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet ukoll li, sa fejn l-awtoritajiet ta' Stat Membru jinċitaw u jinkoraġġixxu lill-konsumaturi jipparteċipaw fil-lotteriji, fil-logħob tal-ażżard jew fl-imħatri sabiex it-Teżor pubbliku jibbenefika minn dan minn aspett finanzjarju, l-awtoritajiet ta' dan l-Istat ma jistgħux jinvokaw l-ordni pubbliku soċjali marbut mal-ħtieġa li jitnaqqsu l-opportunitajiet ta' logħob sabiex jiġġustifikaw miżuri bħal dawk inkwistjoni fil-kawża prinċipali.

*Sentenza tat-8 ta' Settembru 2009 (Awla Manja), Liga Portuguesa u Bwin International (C-42/07, EU:C:2009:519)*

Bwin, impriża ta' logħob online, li s-sede tagħha jinsab f'Ġibiltà (ir-Renju Unit) u li ma kellha ebda stabbiliment fil-Portugall, kienet toffri logħob tal-ażżard fuq l-internet. Is-servers tagħha kienu jinsabu f'Ġibiltà u fl-Awstrija. Il-Liga, persuna ġuridika rregolata mid-dritt privat, li kienet tiġbor fi ħdanha l-klabbs kollha li jipparteċipaw f'kompetizzjonijiet tal-futbol fuq livell professjonali fil-Portugall, kienet bidlet isimiha għal Bwin Liga, għaliex din l-impriża kienet saret l-isponsor istituzzjonali prinċipali tal-ewwel diviżjoni tal-futbol fil-Portugall. Fis-sit internet tal-Liga ġew introdotti referenzi għas-sit internet ta' Bwin u link għal dan is-sit.

Id-Direttorat tad-Dipartiment tal-Logħob ta' Santa Casa sussegwentement adotta deċiżjonijiet li jimponu multi fuq il-Liga u fuq Bwin minħabba l-iżvilupp ta' logħob soċjali, minn naħa, u, min-naħa l-oħra, minħabba r-reklamar magħmul fir-rigward ta' dan il-logħob. Il-Liga u Bwin ippreżentaw rikors quddiem it-Tribunal de Pequena Instância Criminal do Porto (il-Qorti Kriminali tal-Ewwel Istanza ta' Porto, il-Portugall), fejn talbu l-annullament tal-imsemmija deċiżjonijiet filwaqt li invokaw, b'mod partikolari, l-Artikoli 43 KE, 49 KE u 56 KE.

Il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li meta miżura nazzjonali tkun marbuta fl-istess ħin ma' diversi libertajiet fundamentali, il-Qorti tal-Ġustizzja teżaminaha, bħala prinċipju, fid-dawl ta' waħda biss minn dawn il-libertajiet jekk jirriżulta li, fiċ-ċirkustanzi tal-każ, il-libertajiet l-oħra huma kompletament sekondarji fir-rigward tal-ewwel waħda u jistgħu jkunu marbuta magħha.

Sussegwentement, hija kkonstatat li tali leġiżlazzjoni tagħti lok għal restrizzjoni tal-libertà li jiġu pprovduti servizzi ggarantita mill-Artikolu 49 KE, filwaqt li timponi wkoll restrizzjoni għal-libertà tar-residenti tal-Istat Membru kkonċernat li jibbenefikaw, permezz tal-internet, minn servizzi offruti fi Stati Membri oħra. Madankollu, ir-restrizzjoni inkwistjoni setgħet titqies li kienet iġġustifikata minħabba l-għan tal-ġlieda kontra l-frodi u l-kriminalità.

Is-settur tal-logħob tal-ażżard offrut fuq l-internet ma huwiex is-suġġett ta' armonizzazzjoni Komunitarja. Għaldaqstant, Stat Membru jista' jqis li s-sempliċi fatt li operatur privat joffri legalment servizzi permezz tal-internet fi Stat Membru ieħor, fejn ikun stabbilit, ma jistax jitqies li huwa garanzija suffiċjenti ta' protezzjoni tal-konsumaturi nazzjonali. Barra minn hekk, minħabba n-nuqqas ta' kuntatt dirett bejn il-konsumatur u l-operatur, il-logħob tal-ażżard aċċessibbli fuq l-internet jimplika riskji ta' natura differenti fir-rigward tal-possibbiltà ta' frodi. Lanqas ma tista' tiġi eskluża l-possibbiltà li operatur li jissponsorizza ċerti kompetizzjonijiet sportivi li jieħu mħatri fuqhom jista' jsib ruħu f'sitwazzjoni li tippermettilu jinfluwenza r-riżultat tagħhom u jżid, b'hekk, il-profitti tiegħu. L-Artikolu 49 KE ma jipprekludix leġiżlazzjoni ta' Stat Membru li tipprojbixxi lil operaturi privati stabbiliti fi Stati Membri oħra, fejn jipprovdu legalment servizzi analogi, milli joffru logħob tal-ażżard fuq l-internet fit-territorju tal-imsemmi Stat Membru.

*Sentenza tat-22 ta' Ġunju 2017, Unibet International (C-49/16, EU:C:2017:491)*

Il-kumpannija Maltija Unibet International kienet torganizza logħob tal-ażżard online. Fl-2014, Unibet, li kienet id-detentur ta' awtorizzazzjonijiet maħruġa minn diversi Stati Membri, ipprovdiet fuq siti internet bil-lingwa Ungeriża servizzi tal-logħob tal-ażżard, meta ma kellhiex l-awtorizzazzjoni meħtieġa fl-Ungerija. L-awtoritajiet Ungeriżi kienu, minn naħa, ordnaw l-għeluq temporanju tal-aċċess mill-Ungerija għas-siti internet ta' Unibet u, min-naħa l-oħra, imponew multa fuq Unibet. Teoretikament, l-operaturi stabbiliti fi Stati Membri oħra setgħu jiksbu awtorizzazzjoni li tippermetti l-organizzazzjoni ta' logħob tal-ażżard online sa fejn il-provvista ta' tali servizzi ma kinitx irriżervata għal monopolju tal-Istat. Madankollu, fil-prattika kien impossibbli li tinkiseb tali awtorizzazzjoni. F'dan il-kuntest, il-Fővárosi Közigazgatási és Munkaügyi Bíróság (il-Qorti Amministrattiva u Industrijali tal-Belt ta' Budapest, l-Ungerija) staqsiet lill-Qorti tal-Ġustizzja jekk il-leġiżlazzjoni Ungeriża inkwistjoni kinitx kompatibbli mal-prinċipju tal-libertà li jiġu pprovduti servizzi.

Il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li l-Artikolu 56 TFUE għandu jiġi interpretat fis-sens li jipprekludi leġiżlazzjoni nazzjonali li tistabbilixxi sistema ta' konċessjonijiet għall-organizzazzjoni ta' logħob tal-ażżard online meta din il-leġiżlazzjoni tinkludi regoli diskriminatorji fir-rigward tal-operaturi stabbiliti fi Stati Membri oħra jew meta tipprevedi regoli li ma jkunux diskriminatorji, iżda jiġu applikati b'mod mhux trasparenti, b'tali mod li jipprekludu jew jagħmlu iktar diffiċli l-kandidatura ta' offerenti stabbiliti fi Stati Membri oħra.

Regola li tipprevedi li l-operaturi affidabbli għandhom ikunu eżerċitaw, għal perijodu ta' minn tal-inqas għaxar snin, attività ta' organizzazzjoni tal-logħob tal-ażżard fit-territorju ta' dan l-Istat Membru, tqiegħed fi żvantaġġ lill-operaturi stabbiliti fi Stati Membri oħra. Is-sempliċi fatt li jiġi invokat għan ta' interess ġenerali ma jistax ikun biżżejjed sabiex tiġi ġġustifikata tali differenza fit-trattament.

L-obbligu nazzjonali ta' eżerċizzju għal tliet snin fi Stat Membru ta' attività ta' organizzazzjoni ta' logħob tal-ażżard ma joħloqx vantaġġ għall-operaturi stabbiliti fl-Istat Membru ospitanti u jista' jkun iġġustifikat minn għan ta' interess ġenerali. Madankollu, huwa meħtieġ li r-regoli inkwistjoni jiġu applikati b'mod trasparenti fir-rigward tal-offerenti kollha. Dan ir-rekwiżit ma jkunx issodisfatt minn leġiżlazzjoni nazzjonali li tiffissa, mingħajr ma tiddefinixxihom b'mod suffiċjentement preċiż, il-kundizzjonijiet għall-eżerċizzju tas-setgħat tal-Ministru għall-Ekonomija fil-kuntest ta' tali proċedura kif ukoll il-kundizzjonijiet tekniċi li jkollhom jiġu ssodisfatti mill-operaturi ta' logħob tal-ażżard meta jippreżentaw l-offerta tagħhom.

L-Artikolu 56 TFUE għandu jiġi interpretat fis-sens li jipprekludi sanzjonijiet imposti minħabba ksur tal-leġiżlazzjoni nazzjonali li tistabbilixxi sistema ta' konċessjonijiet u ta' awtorizzazzjonijiet għall-organizzazzjoni tal-logħob tal-ażżard f'sitwazzjoni fejn tali leġiżlazzjoni nazzjonali tirriżulta li tkun kuntrarja għal dan l-artikolu.

## 6. Ekonomija tal-kondiviżjoni

***Sentenza tal-20 ta' Diċembru 2017 (Awla Manja), Asociación Profesional Élite Taxi (C-434/15, EU:C:2017:981)***

Il-pjattaforma elettronika Uber kienet tipprovdi, permezz ta' applikazzjoni, servizz bi ħlas ta' tqegħid f'kuntatt ma' xufiera mhux professjonisti li jużaw il-vettura tagħhom stess. Fl-2014, assoċjazzjoni professjonali ta' xufiera tat-taxi fil-belt ta' Barcelona (Spanja) ippreżentat rikors quddiem il-Juzgado de lo Mercantil no 3 de Barcelona (il-Qorti Kummerċjali Nru 3 ta' Barcelona, Spanja). Fil-fehma tagħha, l-attivitajiet ta' Uber kienu jikkostitwixxu prattiki qarrieqa u atti ta' kompetizzjoni żleali. Il-Qorti Kummerċjali qieset li kien meħtieġ li jiġi vverifikat jekk Uber kellhiex ikollha awtorizzazzjoni amministrattiva minn qabel. Jekk is-servizz kien jaqa' taħt id-Direttiva dwar is-servizzi fis-suq intern [135] jew taħt id-Direttiva 98/34/KE [136], il-prattiki ta' Uber ma setgħux jitqiesu li kienu żleali.

[135] Direttiva 2006/123/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2006 dwar is-servizzi fis-suq intern (ĠU 2006, L 376, p. 36).
[136] Direttiva 98/34/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Ġunju 1998 li tistabbilixxi proċedura dwar l-għoti ta' informazzjoni fil-qasam ta' l-istandards u r-regolamenti tekniċi u r-regoli dwar is-servizzi tas-Soċjetà ta' l-Informatika [informazzjoni] (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 13, Vol. 20, p. 337).

Il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li d-domandi tal-qorti tar-rinviju kienu jirrigwardaw il-klassifikazzjoni legali tas-servizz inkwistjoni u li għalhekk kellha ġurisdizzjoni sabiex teżamina dawn id-domandi.

Fil-fatt, tali servizz seta' jiġi kklassifikat bħala "servizz tas-soċjetà tal-informazzjoni", fis-sens tal-punt 2 tal-Artikolu 1 tad-Direttiva 98/34/KE, li għalih jirreferi l-Artikolu 2(a) tad-Direttiva 2000/31/KE. Dan is-servizz jikkostitwixxi "servizz normalment ipprovdut għal rimunerazzjoni, mill-bogħod, b'mezzi elettroniċi u fuq it-talba individwali ta' riċevitur ta' servizzi".

Tali servizz ma huwiex limitat għal servizz ta' intermedjazzjoni fejn jiddaħħlu f'kuntatt, permezz ta' applikazzjoni għal smartphone, xufier mhux professjonist li juża l-vettura tiegħu stess u persuna li tixtieq twettaq vjaġġ urban. Fil-fatt, f'sitwazzjoni bħal dik deskritta mill-qorti tar-rinviju, il-fornitur joħloq fl-istess ħin offerta ta' servizzi ta' trasport urban, li jagħmel aċċessibbli permezz tal-applikazzjoni u li jorganizza l-funzjonament ġenerali tagħha.

Mingħajr l-applikazzjoni, ix-xufiera ma jkunux mitluba jipprovdu servizzi ta' trasport u l-passiġġieri ma jużawx is-servizzi tal-imsemmija xufiera. Barra minn hekk, Uber teżerċita influwenza deċiżiva fuq il-kundizzjonijiet tal-prestazzjoni ta' tali xufiera u tistabbilixxi, permezz tal-applikazzjoni bl-istess isem, minn tal-inqas il-prezz massimu tal-vjaġġ, tiġbor dan il-prezz mingħand il-klijent qabel ma tittrasferixxi parti minnu lix-xufier mhux professjonist tal-vettura. Barra minn hekk, hija teżerċita ċertu kontroll fuq il-kwalità tal-vetturi u tax-xufiera tagħhom kif ukoll fuq l-aġir ta' dawn tal-aħħar, li jista' jwassal, jekk ikun il-każ, għall-esklużjoni tagħhom. Għaldaqstant, dan is-servizz ta' intermedjazzjoni għandu jitqies li huwa "servizz fil-qasam tat-trasport", fis-sens tal-Artikolu 2(2)(d) tad-Direttiva 2006/123/KE, u huwa għalhekk eskluż mill-kamp ta' applikazzjoni tal-imsemmija direttiva.

***Sentenza tal-10 ta' April 2018 (Awla Manja), Uber France (C-320/16, EU:C:2018:221)***

Il-kumpannija Franċiża Uber France, li kienet topera servizz imsejjaħ Uber Pop li permezz tiegħu kienet iddaħħal f'kuntatt, permezz ta' applikazzjoni għal smartphone, xufiera mhux professjonisti li jużaw il-vettura tagħhom stess ma' persuni li xtaqu jwettqu vjaġġi urbani, kienet is-suġġett ta' proċeduri kriminali talli organizzat dan is-servizz. Hija sostniet li l-leġiżlazzjoni Franċiża li fuq il-bażi tagħha kienu nfetħu dawn il-proċeduri kriminali kienet tikkostitwixxi regola teknika dwar servizz tas-soċjetà tal-informazzjoni fis-sens tad-Direttiva dwar l-istandards u r-regoli tekniċi [137]. Din id-direttiva tobbliga lill-Istati Membri jikkomunikaw lill-Kummissjoni kull abbozz ta' liġi jew ta' leġiżlazzjoni li tadotta regoli tekniċi dwar il-prodotti u s-servizzi tas-soċjetà tal-informazzjoni. Issa, f'dan

[137] Direttiva 98/34/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Ġunju 1998 li tistabbilixxi proċedura dwar l-għoti ta' informazzjoni fil-qasam ta' l-istandards u r-regolamenti tekniċi u r-regoli dwar is-servizzi tas-Soċjetà ta' l-Informatika [informazzjoni] (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 13, Vol. 20, p. 337).

il-każ, l-awtoritajiet Franċiżi ma kinux ikkommunikaw lill-Kummissjoni l-leġiżlazzjoni kriminali inkwistjoni qabel l-adozzjoni tagħha. Adita bil-kawża, it-tribunal de grande instance de Lille (il-Qorti Reġjonali ta' Lille, Franza) staqsiet lill-Qorti tal-Ġustizzja jekk l-awtoritajiet Franċiżi kinux obbligati jew le jikkomunikaw minn qabel l-abbozz ta' liġi lill-Kummissjoni.

Il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li l-Artikolu 1 tad-Direttiva 98/34/KE, emendata bid-Direttiva 98/48/KE, u l-Artikolu 2(2)(d) tad-Direttiva 2006/123/KE għandhom jiġu interpretati fis-sens li leġiżlazzjoni nazzjonali li tissanzjona kriminalment il-fatt li tiġi organizzata tali sistema tikkonċerna "servizz fil-qasam tat-trasport", sa fejn tapplika għal servizz ta' intermedjazzjoni pprovdut permezz ta' applikazzjoni għal smartphone u li jagħmel parti integrali minn servizz globali li l-element prinċipali tiegħu huwa s-servizz ta' trasport. Tali servizz huwa eskluż mill-kamp ta' applikazzjoni ta' dawn id-direttivi.

Il-Qorti tal-Ġustizzja fakkret li, fil-kawża Asociación Profesional Élite Taxi, C-434/15, (ara iktar 'il fuq), hija kienet iddeċidiet li s-servizz UberPop kien jaqa' fil-qasam tat-trasport u ma kienx jikkostitwixxi servizz tas-soċjetà tal-informazzjoni fis-sens tad-Direttiva 98/34. Skont il-Qorti tal-Ġustizzja, is-servizz UberPop propost fi Franza huwa essenzjalment identiku għal dak ipprovdut fi Spanja. Minn dan isegwi li l-awtoritajiet Franċiżi ma kinux meħtieġa jikkomunikaw minn qabel l-abbozz ta' liġi kriminali inkwistjoni lill-Kummissjoni.

***Sentenza tad-19 ta' Diċembru 2019 (Awla Manja), Airbnb Ireland (C-390/18, EU:C:2019:1112)***

Permezz tas-sentenza tagħha tad-19 ta' Diċembru 2019, Airbnb Ireland (C-390/18), l-Awla Manja tal-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet, minn naħa, li servizz ta' intermedjazzjoni li jkollu l-għan li jqiegħed f'kuntatt, permezz ta' pjattaforma elettronika u bi ħlas, kerrejja potenzjali ma' sidien il-kera professjonisti jew mhux professjonisti li jipproponu servizzi ta' akkomodazzjoni għal żmien qasir, filwaqt li jipprovdu wkoll ċertu numru ta' servizzi anċillari għal dan is-servizz ta' intermedjazzjoni, għandu jiġi kklassifikat bħala "servizz tas-soċjetà tal-informazzjoni" li jaqa' taħt id-Direttiva 2000/31 dwar il-kummerċ elettroniku [138]. Min-naħa l-oħra, il-Qorti tal-Ġustizzja qieset li individwu jista' joġġezzjona għall-applikazzjoni fil-konfront tiegħu, fil-kuntest ta' proċeduri kriminali b'kostituzzjoni ta' parti ċivili, ta' miżuri ta' Stat Membru li jillimitaw il-libertà li jiġi pprovdut tali servizz, li huwa jipprovdi minn Stat Membru ieħor, meta l-imsemmija miżuri ma jkunux ġew ikkomunikati konformement mat-tieni inċiż tal-Artikolu 3(4)(b) tal-istess direttiva.

It-tilwima fil-kawża prinċipali kienet taqa' fil-kuntest ta' proċeduri kriminali mibdija fi Franza, wara lment b'kostituzzjoni ta' parti ċivili ppreżentat kontra Airbnb Ireland mill-Association pour un hébergement et un tourisme professionnels. Airbnb Ireland kienet kumpannija Irlandiża li tamministra pjattaforma elettronika li, permezz tal-ħlas ta'

[138] Direttiva 2000/31/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Ġunju 2000 dwar ċerti aspetti legali tas-servizzi minn soċjetà ta' l-informazzjoni, partikolarment il-kummerċ elettroniku, fis-Suq Intern (Direttiva dwar il-kummerċ elettroniku) (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 13, Vol. 25, p. 399).

kummissjoni, kienet tippermetti t-tqegħid f'kuntatt, b'mod partikolari fi Franza, ta' sidien il-kera professjonisti kif ukoll individwi li jipproponu servizzi ta' akkomodazzjoni għal żmien qasir u persuni li jkunu qegħdin ifittxu dan it-tip ta' akkomodazzjoni. Barra minn hekk, Airbnb Ireland kienet tipproponi lill-imsemmija sidien il-kera servizzi anċillari, bħal struttura li tiddefinixxi l-kontenut tal-offerta tagħhom, assigurazzjoni għar-responsabbiltà ċivili, għodda li tagħti stima tal-prezz tal-kirja tagħhom jew anki servizzi ta' ħlas relatati ma' dawn is-servizzi.

L-assoċjazzjoni li ressqet l-ilment kontra Airbnb Ireland kienet qiegħda ssostni li din il-kumpannija mhux biss kienet tqiegħed f'kuntatt żewġ partijiet bis-saħħa tal-pjattaforma bl-istess isem, iżda kienet qed teżerċita attività ta' aġent immobiljari mingħajr liċenzja professjonali, u għaldaqstant kienet qegħda tikser il-liġi msejħa Hoguet, li kienet tapplika fi Franza għall-attivitajiet tal-professjonisti immobiljari. Min-naħa tagħha, Airbnb Ireland sostniet li, fi kwalunkwe każ, id-Direttiva 2000/31 kienet tipprekludi din il-leġiżlazzjoni.

Mistoqsija, fl-ewwel lok, dwar il-klassifikazzjoni tas-servizz ta' intermedjazzjoni pprovdut minn Airbnb Ireland, il-Qorti tal-Ġustizzja fakkret, filwaqt li rreferiet għas-sentenza Asociación Profesional Elite Taxi [139], li jekk servizz ta' intermedjazzjoni jissodisfa l-kundizzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 1(1)(b) tad-Direttiva 2015/1535 [140], li għalih jirreferi l-Artikolu 2(a) tad-Direttiva 2000/31, bħala prinċipju huwa jikkostitwixxi "servizz tas-soċjetà tal-informazzjoni", distint mis-servizz sussegwenti li miegħu huwa jkun relatat. Madankollu, dan ma jkunx japplika jekk jidher li dan is-servizz ta' intermedjazzjoni jkun jagħmel parti integrali minn servizz globali li l-element prinċipali tiegħu jkun servizz li jaqa' taħt klassifikazzjoni legali oħra.

Fil-każ ineżami, il-Qorti tal-Ġustizzja qieset li servizz ta' intermedjazzjoni bħal dak ipprovdut minn Airbnb Ireland kien jissodisfa dawn il-kundizzjonijiet mingħajr ma n-natura tar-rabtiet li kienu jeżistu bejn is-servizz ta' intermedjazzjoni u s-servizzi ta' akkomodazzjoni kienet tiġġustifika li titwarrab il-klassifikazzjoni ta' "servizz tas-soċjetà tal-informazzjoni" tal-imsemmi servizz ta' intermedjazzjoni u, għaldaqstant, l-applikazzjoni tad-Direttiva 2000/31 għalih.

Sabiex tenfasizza n-natura separabbli li kellu dan is-servizz ta' intermedjazzjoni fil-konfront tas-servizzi ta' akkomodazzjoni li magħhom kien relatat, il-Qorti tal-Ġustizzja osservat, l-ewwel nett, li dan is-servizz ma kienx intiż biss għat-twettiq immedjat ta' tali servizzi, iżda essenzjalment kien jikkonsisti fil-provvista ta' strument ta' preżentazzjoni u ta' tfittxija tal-postijiet għall-kera, li jiffaċilita l-konklużjoni ta' kuntratti futuri ta' kiri. Għaldaqstant, dan it-tip ta' servizz ma setax jitqies li jikkostitwixxi sempliċi servizz anċillari għal servizz globali ta' akkomodazzjoni. It-tieni nett, il-Qorti tal-Ġustizzja enfasizzat li servizz ta' intermedjazzjoni bħal dak ipprovdut minn Airbnb Ireland b'ebda mod ma kien indispensabbli għat-twettiq tas-servizzi ta' akkomodazzjoni, peress li l-

[139] Sentenza tal-20 ta' Diċembru 2017, Asociación Profesional Elite Taxi (C-434/15, EU:C:2017:981), punt 40.
[140] Direttiva (UE) 2015/1535 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Settembru 2015 li tistabbilixxi proċedura għall-għoti ta' informazzjoni fil-qasam tar-regolamenti tekniċi u tar-regoli dwar is-servizzi tas-Soċjetà tal-Informatika [Informazzjoni] (ĠU 2015, L 241, p. 1).

kerrejja u sidien il-kera kellhom diversi għażliet oħra għal dan il-għan, li wħud minnhom ilhom jeżistu għal żmien twil. It-tielet u l-aħħar nett, il-Qorti tal-Ġustizzja osservat li ebda element fil-proċess ma kien jindika li Airbnb kienet tiffissa jew tillimita l-ammont tal-kera mitlub minn sidien il-kera li kienu jużaw il-pjattaforma tagħha.

Il-Qorti tal-Ġustizzja ppreċiżat ukoll li s-servizzi l-oħra proposti minn Airbnb Ireland ma kinux jippermettu li tiddaħħal inkwistjoni din il-konstatazzjoni, peress li dawn id-diversi servizzi kienu sempliċement anċillari għas-servizz ta' intermedjazzjoni pprovdut minn din il-kumpannija. Barra minn hekk, hija indikat li, b'differenza mis-servizzi ta' intermedjazzjoni inkwistjoni fis-sentenzi Asociación Profesional Elite Taxi u Uber France [141], la dan is-servizz ta' intermedjazzjoni u lanqas is-servizzi anċillari proposti minn Airbnb Ireland ma kienu jippermettu li tiġi stabbilita l-eżistenza ta' influwenza deċiżiva eżerċitata minn din il-kumpannija fuq is-servizzi ta' akkomodazzjoni li magħhom kienet relatata l-attività tagħha, la għal dak li jirrigwarda d-determinazzjoni tal-prezzijiet tal-kera mitluba u lanqas għal dak li jirrigwarda l-għażla ta' sidien il-kera jew tal-postijiet proposti għall-kera fil-pjattaforma tagħha.

Fit-tieni lok, il-Qorti tal-Ġustizzja eżaminat jekk Airbnb Ireland setgħetx toġġezzjona, fil-kawża prinċipali, għall-applikazzjoni fil-konfront tagħha ta' liġi li tillimita l-libertà li jiġu pprovduti s-servizzi tas-soċjetà tal-informazzjoni pprovduti minn operatur minn Stat Membru ieħor, bħal-Liġi Hoguet, minħabba li din il-liġi ma kinitx ġiet ikkomunikata minn Franza, konformement mat-tieni inċiż tal-Artikolu 3(4)(b) tad-Direttiva 2000/31. F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja osservat li l-fatt li l-imsemmija liġi kienet tippreċedi d-dħul fis-seħħ tad-Direttiva 2000/31 ma setax jirriżulta fil-ħelsien tar-Repubblika Franċiża mill-obbligu ta' komunikazzjoni tagħha. Barra minn hekk, filwaqt li ispirat ruħha mir-raġunament segwit fis-sentenza CIA Security International [142], hija qieset li l-imsemmi obbligu, li jikkostitwixxi rekwiżit proċedurali ta' natura sostantiva, kellu jingħata effett dirett. Minn dan hija ddeduċiet li n-nuqqas ta' osservanza, minn Stat Membru, tal-obbligu tiegħu li jikkomunika tali miżura jista' jiġi invokat minn individwu fil-kuntest mhux biss ta' proċeduri kriminali mressqa kontrih iżda wkoll fil-kuntest ta' talba għal kumpens imressqa minn individwu ieħor li jkun intervjena bħala parti ċivili.

***Sentenza tad-9 ta' Novembru 2023, Google Ireland et (C-376/22, EU:C:2023:835)***

Google Ireland Limited, Meta Platforms Ireland Limited u Tik Tok Technology Limited huma kumpanniji stabbiliti fl-Irlanda li jipprovdu, b'mod partikolari fl-Awstrija, servizzi ta' pjattaformi ta' komunikazzjoni.

[141] Sentenza tal-10 ta' April 2018, Uber France (C-320/16, *EU:C:2018:221*).
[142] Sentenza tat-30 ta' April 1996, CIA Security International (C-194/94, *EU:C:1996:172*).

Permezz tad-deċiżjonijiet tagħha, adottati fl-2021, il-Kommunikationsbehörde Austria (KommAustria) (l-Awtorità Regolatorja ta' Komunikazzjonijiet Awstrijaka) iddikjarat li t-tliet kumpanniji msemmija iktar 'il fuq kienu suġġetti għal-liġi Awstrijaka [143].

Peress li qiesu li din il-liġi Awstrijaka, li kienet timponi fuq il-fornituri ta' servizzi ta' pjattaformi ta' komunikazzjoni, irrispettivament minn jekk ikunux stabbiliti fl-Awstrija jew x'imkien ieħor, sett ta' obbligi fil-qasam tal-kontroll u l-komunikazzjoni tal-kontenut allegatament illegali, ma kellhiex tapplika għalihom, dawn il-kumpanniji ppreżentaw rikorsi kontra d-deċiżjonijiet tal-KommAustria. Dawn ir-rikorsi ġew miċħuda fl-ewwel istanza.

Wara din iċ-ċaħda, l-imsemmija kumpanniji ppreżentaw appelli għal reviżjoni quddiem il-Verwaltungsgerichtshof (il-Qorti Amministrattiva, l-Awstrija). Insostenn ta' dawn l-appelli, huma sostnew b'mod partikolari li l-obbligi stabbiliti mil-liġi Awstrijaka kienu sproporzjonati u inkompatibbli mal-moviment liberu tas-servizzi tas-soċjetà tal-informazzjoni u mal-prinċipju ta' kontroll ta' dawn is-servizzi mill-Istat Membru ta' oriġini, jew, fi kliem ieħor, mill-Istat li fit-territorju tiegħu jkun stabbilit il-fornitur ta' servizzi, liema prinċipju huwa previst fid-Direttiva dwar il-kummerċ elettroniku [144].

Peress li kellha dubji dwar il-kompatibbiltà tal-liġi Awstrijaka u tal-obbligi li kienet timponi fuq il-fornituri ta' servizzi mad-Direttiva dwar il-kummerċ elettroniku, li tipprevedi l-possibbiltà għal Stat Membru li ma jkunx dak tal-oriġini li jidderoga, taħt ċerti kundizzjonijiet, mill-prinċipju ta' moviment liberu tas-servizzi tas-soċjetà tal-informazzjoni, il-Qorti Amministrattiva ressqet talba għal deċiżjoni preliminari quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja dwar l-interpretazzjoni ta' din id-direttiva.

Fis-sentenza tagħha, il-Qorti tal-Ġustizzja tat deċiżjoni fuq il-kwistjoni dwar jekk Stat Membru ta' destinazzjoni ta' servizzi tas-soċjetà tal-informazzjoni jistax jidderoga mill-moviment liberu ta' dawn is-servizzi billi mhux biss jieħu miżuri individwali u konkreti, iżda wkoll miżuri ġenerali u astratti li jikkonċernaw kategorija ta' servizzi partikolari u b'mod konkret, jekk dawn il-miżuri jistgħux jaqgħu taħt il-kunċett ta' "miżuri meħuda fir-rigward ta' servizz partikolari tas-soċjetà tal-informazzjoni" fis-sens tad-Direttiva dwar il-kummerċ elettroniku [145].

Qabelxejn, il-Qorti tal-Ġustizzja rrilevat li l-possibbiltà ta' deroga mill-prinċipju ta' moviment liberu tas-servizzi tas-soċjetà tal-informazzjoni tikkonċerna, skont il-kliem tad-Direttiva dwar il-kummerċ elettroniku, "servizz partikolari [tas]-soċjetà ta' l-informazzjoni". F'dan il-kuntest, l-użu tal-kelma "partikolari" donnu jindika li s-servizz hekk imsemmi għandu jinftiehem bħala servizz individwalizzat. Konsegwentement, l-Istati Membri ma jistgħux jadottaw miżuri ġenerali u astratti li jikkonċernaw kategorija ta'

143 Jiġifieri, għall-Bundesgesetz über Maßnahmen zum Schutz der Nutzer auf Kommunikationsplattformen (Kommunikationsplattformen-Gesetz) (il-Liġi Federali Awstrijaka dwar Miżuri ta' Protezzjoni ta' Utenti ta' Pjattaformi ta' Komunikazzjoni) (BGBl. I, 151/2020).

144 Direttiva 2000/31/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Ġunju 2000 dwar ċerti aspetti legali tas-servizzi minn soċjetà ta' l-informazzjoni, partikolarment il-kummerċ elettroniku, fis-Suq Intern (Direttiva dwar il-kummerċ elettroniku) (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 13, Vol. 25, p. 399) (iktar 'il quddiem id-"Direttiva dwar il-kummerċ elettroniku").

145 Artikolu 3(4) tad-Direttiva dwar il-kummerċ elettroniku.

servizzi partikolari tas-soċjetà tal-informazzjoni deskritta b'termini ġenerali u li japplikaw mingħajr distinzjoni għal kull fornitur ta' din il-kategorija ta' servizzi.

Din l-evalwazzjoni ma hijiex ikkontestata mill-fatt li d-Direttiva dwar il-kummerċ elettroniku tuża l-kunċett ta' "miżuri". Fil-fatt, bl-użu ta' tali kelma wiesa' u ġenerali, il-leġiżlatur tal-Unjoni Ewropea ħalla għad-diskrezzjoni tal-Istati Membri n-natura u l-forma tal-miżuri li huma jistgħu jadottaw sabiex jidderogaw mill-prinċipju ta' moviment liberu tas-servizzi tas-soċjetà tal-informazzjoni. Mill-banda l-oħra, l-użu ta' dan it-terminu bl-ebda mod ma jippreġudika s-sustanza u l-kontenut materjali ta' dawn il-miżuri.

Sussegwentement, il-Qorti tal-Ġustizzja nnotat li din l-interpretazzjoni letterali kienet ikkorroborata mill-analiżi kuntestwali tad-Direttiva dwar il-kummerċ elettroniku.

Fil-fatt, il-possibbiltà ta' deroga mill-prinċipju ta' moviment liberu tas-servizzi tas-soċjetà tal-informazzjoni hija suġġetta għall-kundizzjoni li l-Istat Membru ta' destinazzjoni ta' dawn is-servizzi għandu jitlob minn qabel lill-Istat Membru tal-oriġini tagħhom jadotta miżuri [146], li jippreżupponi l-possibbiltà li jiġu identifikati l-fornituri u, konsegwentement, l-Istati Membri kkonċernati. Issa, li kieku l-Istati Membri kienu awtorizzati jirrestrinġu l-moviment liberu ta' tali servizzi permezz ta' miżuri ta' natura ġenerali u astratta li japplikaw mingħajr distinzjoni għal kull fornitur ta' kategorija ta' dawn is-servizzi, tali identifikazzjoni tkun, jekk mhux impossibbli, tal-inqas eċċessivament diffiċli, b'tali mod li l-Istati Membri ma jkunux f'pożizzjoni li josservaw tali kundizzjoni.

Fl-aħħar nett, il-Qorti tal-Ġustizzja enfasizzat li d-Direttiva dwar il-kummerċ elettroniku hija bbażata fuq l-applikazzjoni tal-prinċipji tal-kontroll fl-Istat Membru ta' oriġini u tar-rikonoxximent reċiproku, b'tali mod li, fil-kuntest tal-qasam ikkoordinat [147], is-servizzi tas-soċjetà tal-informazzjoni huma rregolati biss fl-Istat Membru li fit-territorju tiegħu huma stabbiliti l-fornituri ta' dawn is-servizzi. Issa, li kieku l-Istati Membri ta' destinazzjoni kienu awtorizzati jadottaw miżuri ta' natura ġenerali u astratta li japplikaw mingħajr distinzjoni għal kull fornitur ta' kategorija ta' dawn is-servizzi, irrispettivament minn jekk dan ikunx stabbilit jew le f'dan l-Istat Membru tal-aħħar, il-prinċipju ta' kontroll fl-Istat Membru ta' oriġini jitqiegħed f'dubju. Fil-fatt, dan il-prinċipju jaqsam il-kompetenza regolatorja bejn l-Istat Membru ta' oriġini u l-Istat Membru ta' destinazzjoni. Issa, li kieku dan l-aħħar Stat Membru kellu jiġi awtorizzat jadotta tali miżuri, jiġri li dan ikun qiegħed jindaħal fil-kompetenza regolatorja tal-Istat Membru ta' oriġini u dawn il-fornituri jiġu ssuġġettati kemm għal-leġiżlazzjoni ta' dan l-Istat, kif ukoll għal dik jew għal dawk tal-Istati Membri ta' destinazzjoni. It-tqegħid inkwistjoni ta' dan il-prinċipju jippreġudika s-sistema u l-għanijiet tad-Direttiva dwar il-kummerċ elettroniku. Barra minn hekk, il-possibbiltà li l-Istat Membru ta' destinazzjoni jitħalla jadotta tali miżuri timmina l-fiduċja reċiproka bejn l-Istati Membri u tmur kontra l-prinċipju ta' rikonoxximent reċiproku.

[146] Artikolu 3(4)(b) tad-Direttiva dwar il-kummerċ elettroniku.
[147] Fis-sens tal-Artikolu 2(h) tad-Direttiva dwar il-kummerċ elettroniku.

Barra minn hekk, il-Qorti tal-Ġustizzja indikat li d-Direttiva dwar il-kummerċ elettroniku hija intiża li telimina l-ostakoli legali għall-funzjonament tajjeb tas-suq intern li joriġinaw mid-diverġenzi fil-leġiżlazzjonijiet, kif ukoll mill-inċertezza legali tas-sistemi nazzjonali applikabbli għal dawn is-servizzi. Issa, il-possibbiltà li jiġu adottati l-miżuri msemmija iktar 'il fuq fl-aħħar mill-aħħar tkun tfisser li l-fornituri ta' servizzi kkonċernati jkunu suġġetti għal leġiżlazzjonijiet differenti u, għaldaqstant, li jerġgħu jiġu introdotti l-ostakoli legali għal-libertà li jiġu pprovduti servizzi li din id-direttiva hija intiża li telimina.

B'hekk, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonkludiet li miżuri ġenerali u astratti li jikkonċernaw kategorija ta' servizzi partikolari tas-soċjetà tal-informazzjoni deskritta b'termini ġenerali u li japplikaw mingħajr distinzjoni għal kull fornitur ta' din il-kategorija ta' servizzi ma jaqgħux taħt il-kunċett ta' "miżuri meħuda fir-rigward ta' servizz partikolari tas-soċjetà tal-informazzjoni" fis-sens tad-Direttiva dwar il-kummerċ elettroniku.

## 7. VAT

***Sentenzi tal-5 ta' Marzu 2015, Il-Kummissjoni vs Franza (C-479/13, EU:C:2015:141) u Il-Kummissjoni vs Il-Lussemburgu (C-502/13, EU:C:2015:143)***

Fi Franza u fil-Lussemburgu, il-provvista ta' kotba elettroniċi kienet suġġetta għal rata mnaqqsa tal-VAT. Fil-fatt, mill-1 ta' Jannar 2012, Franza u l-Lussemburgu kienu japplikaw, rispettivament, rata tat-taxxa fuq il-valur miżjud (VAT) ta' 5.5 % u ta' 3 % għall-provvista ta' kotba elettroniċi (jew diġitali).

Il-kotba elettroniċi inkwistjoni f'dan il-każ kienu jkopru l-kotba f'format elettroniku pprovduti bi ħlas permezz ta' tniżżil jew permezz ta' streaming minn sit internet sabiex jiġu kkonsultati fuq kompjuter, fuq smartphone, fuq tablet għall-qari ta' kotba elettroniċi jew fuq kull sistema oħra ta' qari. Il-Kummissjoni Ewropea talbet lill-Qorti tal-Ġustizzja tikkonstata li bl-applikazzjoni ta' rata mnaqqsa tal-VAT għall-provvista ta' kotba elettroniċi, Franza u l-Lussemburgu kienu naqsu milli jwettqu l-obbligi tagħhom taħt id-Direttiva dwar il-VAT [148].

Il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li Stat Membru li japplika rata mnaqqsa tal-VAT għall-provvista ta' kotba diġitali jew elettroniċi jonqos milli jwettaq l-obbligi tiegħu taħt l-Artikoli 96 u 98 tad-Direttiva 2006/112/KE u tar-Regolament Nru 282/2011 [149].

Fil-fatt, mill-kliem tal-punt 6 tal-Anness III tad-Direttiva 2006/112/KE jirriżulta li r-rata mnaqqsa tal-VAT hija applikabbli għat-tranżazzjoni li tikkonsisti fil-provvista ta' ktieb li jinsab fuq mezz fiżiku. Għalkemm huwa minnu li l-ktieb elettroniku, sabiex ikun jista'

[148] Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE tat-28 ta' Novembru 2006 dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud (ĠU 2006, L 347, p. 1, rettifika fil-ĠU 2007, L 335, p. 60).
[149] Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 282/2011 tal-15 ta' Marzu 2011 li jistabbilixxi miżuri ta' implimentazzjoni fir-rigward tad-Direttiva 2006/112 (ĠU 2011, L 77, p. 1).

jinqara, jeħtieġ mezz fiżiku, bħalma huwa kompjuter, tali mezz madankollu ma huwiex inkluż fil-provvista ta' kotba elettroniċi. Barra minn hekk, kif jirriżulta mit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 98(2) tal-imsemmija direttiva, il-leġiżlatur tal-Unjoni ddeċieda li jeskludi kull possibbiltà li tiġi applikata rata mnaqqsa tal-VAT għas-servizzi pprovduti b'mezzi elettroniċi. Issa, il-provvista ta' kotba elettroniċi tikkostitwixxi tali servizz peress li ma tistax titqies li hija kunsinna ta' beni, fis-sens tal-Artikolu 14(1) ta' din id-direttiva, u dan sa fejn il-kotba elettroniċi ma jistgħux jiġu kklassifikati bħala beni tanġibbli. Bl-istess mod, il-provvista ta' kotba elettroniċi tissodisfa d-definizzjoni ta' servizzi pprovduti b'mezzi elettroniċi li tinsab fl-Artikolu 7(1) tar-Regolament (UE) Nru 282/2011.

Din l-interpretazzjoni ma tistax titqiegħed inkwistjoni bil-prinċipju ta' newtralità fiskali, sa fejn dan il-prinċipju ma jippermettix l-estensjoni tal-kamp ta' applikazzjoni ta' rata mnaqqsa tal-VAT fl-assenza ta' dispożizzjoni inekwivoka.

*Sentenza tas-7 ta' Marzu 2017 (Awla Manja), RPO (C-390/15, EU:C:2017:174)*

Konformement mad-Direttiva dwar il-VAT [150], l-Istati Membri setgħu japplikaw rata mnaqqsa tal-VAT għall-pubblikazzjonijiet stampati bħalma huma l-kotba, il-gazzetti u r-rivisti. Mill-banda l-oħra, il-pubblikazzjonijiet diġitali kellhom jiġu suġġetti għar-rata normali tal-VAT, bl-eċċezzjoni tal-kotba diġitali pprovduti fuq mezz fiżiku (pereżempju fuq CD-ROM). It-Trybunał Konstytucyjny (il-Qorti Kostituzzjonali, il-Polonja), adita mill-Ombudsman Pollakk, kellha dubju dwar il-validità ta' din id-differenza fit-tassazzjoni. Hija staqsiet lill-Qorti tal-Ġustizzja, minn naħa, jekk din id-differenza kinitx kompatibbli mal-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament u, min-naħa l-oħra, jekk il-Parlament Ewropew kienx involut suffiċjentement fil-proċedura leġiżlattiva.

Skont il-Qorti tal-Ġustizzja, l-obbligu li l-Parlament jiġi kkonsultat matul il-proċedura leġiżlattiva, fil-każijiet previsti mit-Trattat, jimplika li dan jiġi kkonsultat mill-ġdid kull darba li t-test finalment adottat, meqjus fl-intier tiegħu, jitbiegħed, fis-sustanza tiegħu stess, minn dak li fir-rigward tiegħu l-Parlament ikun diġà ġie kkonsultat, ħlief fil-każijiet fejn l-emendi jikkorrispondu, essenzjalment, għal xewqa espressa mill-Parlament stess.

Għandu jiġi kkonstatat li t-test tal-punt 6 tal-Anness III tad-Direttiva 2006/112/KE kif emendata huwa biss semplifikazzjoni fil-formulazzjoni tat-test li kien jinsab fil-proposta għal direttiva u li s-sustanza tiegħu kienet inżammet kompletament.

Barra minn hekk, mill-eżami tad-domandi preliminari ma rriżulta ebda element ta' natura li jaffettwa l-validità tal-punt 6 tal-Anness III tad-Direttiva 2006/112/KE jew tal-Artikolu 98(2) ta' din id-direttiva, moqri flimkien mal-punt 6 tal-Anness III tagħha.

[150] Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE tat-28 ta' Novembru 2006 dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud (ĠU 2006, L 347, p. 1, rettifika fil-ĠU 2007, L 335, p. 60), fil-verżjoni tagħha li tirriżulta mid-Direttiva tal-Kunsill 2009/47/KE tal-5 ta' Mejju 2009 li temenda d-Direttiva 2006/112/KE dwar rati mnaqqsa tat-taxxa fuq il-valur miżjud (ĠU 2009, L 116, p. 18).

Għandu jiġi kkonstatat li l-provvista ta' kotba diġitali fuq kwalunkwe mezz fiżiku, minn naħa, u l-provvista ta' kotba diġitali b'mezzi elettroniċi, min-naħa l-oħra, jikkostitwixxu sitwazzjonijiet komparabbli. Dawn id-dispożizzjonijiet għandhom jitqiesu li jistabbilixxu differenza fit-trattament bejn żewġ sitwazzjonijiet li madankollu huma komparabbli fir-rigward tal-għan imfittex mil-leġiżlatur tal-Unjoni. Meta tiġi kkonstatata tali differenza, il-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament ma jkunx miksur sakemm din id-differenza tkun debitament iġġustifikata. Dan ikun il-każ meta d-differenza fit-trattament tkun relatata ma' għan legalment ammissibbli mfittex mill-miżura li jkollha l-effett li tintroduċi tali differenza u meta tkun proporzjonata għal dan il-għan.

F'dan il-kuntest, huwa premess li l-leġiżlatur tal-Unjoni huwa meħtieġ, meta jadotta miżura ta' natura fiskali, jagħmel għażliet ta' natura politika, ekonomika kif ukoll soċjali, u huwa meħtieġ joħloq ġerarkija tal-interessi diverġenti jew iwettaq evalwazzjonijiet kumplessi. Għaldaqstant, f'dan il-kuntest, għandu jiġi rrikonoxxut li dan il-leġiżlatur għandu setgħa ta' evalwazzjoni wiesgħa, b'tali mod li l-istħarriġ ġudizzjarju għandu jkun limitat għal stħarriġ ta' żball manifest. Fil-fatt, mill-ispjegazzjonijiet tal-Kunsill u tal-Kummissjoni jirriżulta li kien tqies neċessarju li s-servizzi pprovduti b'mezzi elettroniċi jiġu suġġetti għal regoli ċari, sempliċi u uniformi sabiex ir-rata tal-VAT applikabbli għal dawn is-servizzi tkun tista' tiġi stabbilita b'ċertezza u sabiex b'hekk tiġi ffaċilitata l-ġestjoni ta' din it-taxxa mill-persuni taxxabbli u mill-amministrazzjonijiet fiskali nazzjonali. F'dan ir-rigward, il-possibbiltà li tiġi applikata rata mnaqqsa tal-VAT għall-provvista ta' kotba diġitali permezz ta' mezzi elettroniċi tippreġudika l-koerenza globali tal-miżura mixtieqa mil-leġiżlatur tal-Unjoni.

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA
TAL-UNJONI EWROPEA

Direttorat għar-Riċerka u d-Dokumentazzjoni

Lulju 2024